# F’DIFIŻA GĦAD-DIVINITÀ TAT-TLIET PERSUNI F’ALLA WIEĦED

Minn
George Ebejer

# KONTENUT


1. Kelmtejn Qabel........................................... 6
2. Ismijiet Ta' Alla Jirrevelawh ……………… 9
3. Niddefinixxu t-Trinità Mqaddsa …………... 14
   Għaliex il-Kelma "Trinità" Mhix fil-Bibbja… 15
   It-Trinità Hija tliet Persuni …………………..18
   It-Tliet Persuni tat-Trinità Mfissra …………..18
4. X'Għandna Ngħidu Dwar dan il-Bniedem ... 43
5. It-Trinità fix-Xogħol tal-fidwa …………….. 46
6. F'Difiża għad-Divinità Ta' Kristu …….…... 61
   Kristu Bħala Figura Storika ...................... 63
   Kristu fit-Testment il-Qadim ……................. 64
   Kristu fit-Testment il-Ġdid ………………… 66
   Kristu Bħala Bniedem …………………….. 68
   L-Emozzjonijiet Ta' Ġesù ………………… 70
   Kristu Bħala Alla ……………………………... 74
7. Għażliet Dwar id-Divinità Ta' Kristu …..…. 80
   Kien Kristu Giddieb? ……………………… 81
   Kien Kristu Miġnun? ……………………….. 83
   Kien Kristu Divinità? ……………………….. 85
8. Xhieda Għad-Divinità Ta' Kristu …………. 86
   Twettiq tal-Profeziji tat-Testment il-Ġdid …. 87
   Esekuzzjoni (Għamil) ta' Mirakli Ġenwini ... 88
   Qawmien u d-Dehriet Ta' Wara l-Qawmien .. 89
9. Il-Limitazzjonijiet Ta' Kristu bħala Bniedem..92
10. Id-Divinità Ta' Ġesù Kristu ………………… 97
11. Prova Biblika Dwar id-Divinità Ta' Ġesù Kristu …………………………………… 99
12. Id-Divinità Ta' Ġesù Kristu Spjegata …..…. 107
13. Attakki Fuq id-Divinità Ta' Ġesù …………. 120
14. Il-Personalità Fi Tlieta Ta' Alla ………….. 123

15. L-Ispirtu s-Santu—it-Tielet Persuna tad-Divinità—(l-ewwel parti) …..……………… 175
L-Ispirtu s-Santu Hu Alla ……………….... 175
16. Il-Personalità u d-Divinità Ta' L-Ispirtu s-Santu (It-tieni parti) ……………………… 177
I. Veduti foloz dwar l-Ispirtu s-Santu ….. 181
II. Huwa l-Ispirtu s-Santu Personifikazz-joni tal-Qawwa ta' Alla? ……………..…. 182
III. L-Ispirtu s-Santu Hu Persuna! …..…... 185
IV. L-Ispirtu s-Santu Hu Eżistenza Divina . 187
X'mhuwiex l-Ispirtu s-Santu …………….... 188
17. L-Ispirtu s-Santu Persuna (it-tielet parti) ….. 200
Jekk l-Ispirtu s-Santu huwa sempliċiment qawwa, mela: ……………………………..…. 202
L-Ismijiet Tiegħu ………………………….. 205
L-Attributi Tiegħu ………………………… 205
Simboli Ta' ………………………………... 205
Dnubiet kontra …………………………….. 205
Qawwa fil-Ħajja Ta' Kristu ……………….. 206
L-Opri Ta' l-Ispirtu s-Santu ………………. 206
18. L-Ispirtu s-Santu (ir-raba' parti) ………….... 208
Ideat Foloz Dwar l-Ispirtu s-Santu ……….... 208
I. L-Ispirtu s-Santu Mhux Persuna ……..… 208
II. L-Ispirtu s-Santu Għadu Qiegħed Jagħmel Il-Mirakli …………………… 211
III. Operazzjoni diretta fil-Konverżjoni ….. 213
IV. Illuminazzjoni speċjali Ta' l-Ispirtu …. 215
Sorsi ……………………………………… 218
19. Id-Don u d-Doni Ta' l-Ispirtu s-Santu (il-ħames parti) …………………………….. 219
1. Id-Doni Ta' l-Ispirtu s-Santu …………… 220

X’inhu “d-Don ta’ l-Ispirtu s-Santu?” ….. 221
Kif Aħna Nafu li Għandna l-Ispirtu s-Santu? ………………………………... 221
Xi Jfisser Għalina Dan id-don? ………… 222
“Kun Mimli bl-Ispirtu” ………………..... 223
1. Id-Don Ta’ l-Ispirtu s-Santu ……………. 223
Għaliex l-Ispirtu s-Santu Ta Doni Bħal Dawn? ……………………………..……. 224
X’Kellu Jiġri Minn Dawn id-doni? …….. 224
Meta Dawn id-Doni Jieqafu? …………… 224
X’Kien l-Iskop Ta’ Dawn id-doni Speċjali ……………………………………..... 226
20. Min Kien “l-Anġlu tal-Mulej” (Jahweh) fit-Testment il-Qadim? ……………………….. 229
Introduzzjoni ……………………………. 229
Karatteristiċi Ta’ l-Anġlu …………………. 231
Attivitajiet Ta’ l-anġlu Ta’ Jahweh ………... 231
Sommarju tal-Fatti Dwar l-Anġlu Ta’ Jahweh ……………………………..……. 238
Min, Mela, Hu l-anġlu tal-Mulej (Jahweh) ... 239
21. Il-Mulej Ġesù Kristu u l-Anġlu Mikiel …… 244
22. Il-Missier—L-Iben—L-Ispirtu s-Santu ……. 260
Alla—l-Missier ………………………….. 260
Ġesù—l-Iben ……………………………. 261
L-Ispirtu s-Santu ……………………..…….. 262
23. Studju Dwar il-Pluralità …………………… 263
Pluralità Ta’ Alla ………………………….. 263
Dehriet Ta’ Alla ……………………….…… 264
Ma Tistax Tara lil Alla ……..……………... 266
24. It-Trinità Mqaddsa u l-Bibbja (l-ewwel parti) ………………………………………. 272

Jekk Ġesù Hu Alla, Allura lil Min Hu Talab? ......................................... 272
L-Inkarnazzjoni ................................. 273
Bħala Alla—Bħala Bniedem ................... 274
25. It-Trinità (it-tieni parti) ......................... 276
26. Il-Missier—L-Iben—L-Ispirtu s-Santu (it-tielet parti) ........................................ 278
27. Għaliex Xi Wħud Jirriġettaw it-Trinità? ...... 283
It-Trinità Hija Konċett diffiċli .................. 283
28. Avviċinar Li x-Xhieda Ta’ Jehovah Jużaw Għall-Bibbja ........................................ 284
29. Min Hu Alla? ......................................... 297
Ġesù Kristu Stqarr li Hu Alla .................... 301
30. Hu Ġesù Jahweh? ................................ 303
31. Id-Divinità ............................................ 312
32. L-Attributi Ta’ Alla Kif Evidenti f’Kull Persuna tad-Divinità ............................ 320
Omnipotenti ......................................... 320
Omnipreżenti ....................................... 320
Omnixjenti .......................................... 320
Immutabbli .......................................... 321
Etern .................................................. 321

# KELMTEJN QABEL

Li wieħed jemmen f'Alla bħala li Hu fi Tliet Persuni huwa importanti ħafna. Li temmen fi Kristu bħala li Hu l-Iben ta' Alla huwa wkoll importanti ħafna, għaliex dan huwa l-qofol tar-reliġjon Kristjana. Il-Mulej tagħna jgħidilna:

> "*...Jekk ma temmnux li **jiena hu**, tmutu fi dnubietkom*" (Ġwanni 8:24).

Għal din ir-raġuni huwa importanti ħafna li wieħed ikun jaf xi ħaġa dwar l-identità, il-personalità u d-Divinità tat-Tliet Persuni tad-Divinità, il-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Ebda persuna ma tista' ssalva jekk ma tkunx mgħammda fit-Tliet Persuni. Il-Mulej tagħna jordna:

> "*Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Mattew 28:19)

It-tlieta huma *ndaqs* u ħadd ma jista' jiċħad li xi wieħed mit-tlieta huwa inqas jew akbar mit-tnejn l-oħra! Dwar dan naraw fl-istudju tagħna aktar 'il quddiem

Għalhekk, jiena ħassejt li hemm ħtieġa kbira li jkun hemm xi nformazzjoni ċara dwar dan is-suġġett hekk importanti li minħabba nuqqas kbir ta' tagħrif Skritturali, ħafna qegħdin jaċċettaw tagħlim li hu żbaljat għal kollox u li jkun ta' ħsara kbira għall-ħajja spiritwali tagħhom. Dan ikun ifisser ħajja jew mewt. Il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, tgħidilna,

> "*Għamel mill-aħjar biex iġġib ruħek quddiem Alla, bħala bniedem li għadda*

*mill-prova, bħala bniedem li m'għandux imniex jistħi, li jxandar bir-reqqa l-kelma tal-verità*" (2 Timotju 2:15).

Wieħed għandu jistudja l-Kelma ta' Alla biex jifhimha u jobdiha u b'hekk jidher quddiem Alla bħala wieħed ippruvat minn Alla. Dan għandu wkoll joqgħod attent u jagħti każ tat-twissijiet li nsibu fil-Bibbja:

"*Dehru wkoll profeti foloz fost il-poplu ta' Alla, kif għad ikun hemm għalliema foloz fostkom. Dawn idaħħlu firdiet, li jġibu l-qerda, sa jaslu biex jiċħdu s-Sid li għalih kisibhom u malajr iġibu l-qerda fuqhom infushom. Ikun hemm ħafna li jimxu skond l-imġieba bla rażan tagħhom, u ħtija tagħhom tkun imkasbra t-triq tal-verità*" (2 Pietru 2:1-2).

Hija ħasra li ħafna nies, li għall-bidu ma kellhom ebda tagħlim sod dwar id-Divinità tat-Tliet Persuni, dawn, mingħajr ma ħasbu xi ftit dwar dak li ntqal lilhom accettaw tagħlim li jġib ħsara kbira u rovina għalihom infushom. Jiena ċert li tkun ħaġa tqila ħafna li wieħed, ukoll jekk jintebaħ li qiegħed fit-triq il-ħażina, li jitlaq minn dik it-triq. Għalkemm huwa diffiċli, dan iżda mhuwiex impossibbli, u jekk dan ifittex blonestà kollha u bis-sinċerità kollha, il-verità tista' teħilsu, allura dan il-pass ma jkun iebes xejn. Il-Kelma ta' Alla twissina b'dan il-mod:

"*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak*

*li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu*" (Kolossin 2:8).

Ukoll:

"*Tħallu li ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

Jiena nittama li bl-imħabba u bit-talb, din il-kitba tiegħi ma sservix ħlief ta' ġid għal kull min jaqraha.

George Ebejer

# ISMIJIET TA’ ALLA JIRRIVELAWH

## Ismijiet ta’ Alla: Mod Ħalli Tifhem in-Natura u l-Karattru Ta’ Alla.

L-Ismijiet ta’ Alla wżati fil-Bibbja jservu bħala mappa tat-triq ħalli nitgħallmu dwar il-karattru ta’ Alla. Billi l-Bibbja hija l-Kelma ta’ Alla għalina, l-ismijiet li Hu għażel fl-Iskrittura huma biex ifissru l-vera natura Tiegħu għalina.

## Ismijiet ta’ Alla: It-Titli Tiegħu fl-Iskrittura

1. “*ELOHIM*” (Jew *Elohay*) huwa l-ewwel isem għal Alla li jinsab fil-Bibbja, u huwa wżat matul it-Testment il-Qadim għal aktar minn 2,3000 darba. *Elohim* ġej mill-għerq Ebrajk li jfisser “saħħa” jew “setgħa,” u għandu l-karatteristika mhux tas-soltu ta’ li tkun fil-forma plurali. F’Ġenesi 1:1, aħna naqraw, “Fil-bidu *Elohim* ħalaq is-sema u l-art.” sewwasew minn dan il-bidu, din il-forma plurali għal l-isem ta’ Alla hija wżata ħalli tiddeskrivi ’l Alla Wieħed, misteru li hu mikxuf matul il-kumplament tal-Bibbja. Matul l-Iskrittura, *Elohim* huwa magħqud ma’ kliem ieħor ħalli jiddeskrivi ċerti karatteristiċi ta’ Alla. Xi eżempji: *Elohay Kedem* – Alla tal-bidu (Dewteronomju 33:27). *Elohay Mishpat* – Alla tal-Ġustizzja (Isaija 30:18). *Elohay Selichot* – Alla tal-Maħfra (Neħemija 9:17). *Elohay Marom* – Alla Ta’ l-Għoli (Mikea 6:6). *Elohay Mikarov* – Alla Li Qiegħed Qrib (Ġeremija 23:23). *Elohay Mauzi* – Alla Ta’ Saħħti (Salm 43:2). *Elohay Tehilati* – Alla tat-Tifħir Tiegħi (Salm 109:1). *Elohay Yishi*

– Alla tas-Salvazzjoni Tiegħi (Salm 18:46; 25:5). *Elohay Kedoshim* – Alla Qaddis (Levitku 19:2; Ġożwè 24:19). *Elohay Chaiyim* – Alla Ħaj (Ġeremija 10:10). *Elohay Elohim* – Alla Ta' l-Allat (Dewteronomju 10:17).

2. "*EL*" huwa isem ieħor użat għal Alla fil-Bibbja, jidher madwar 200 darba fit-Testment il-Qadim. *El* huwa l-forma sempliċi ħierġa minn *Elohim*, hu spiss huwa mgħaqqad ma' kliem ieħor għal enfazi deskrittiva. Xi eżempji: *El HaNe'eman* – Alla l-Fidil (Dewteronomju 7:9). *El HaGadol* – 'L Alla l-Qaddis (Isaija 5:16). *El Yisrael* – 'L Alla Ta' Iżrael (Salm 68:35). *El HaShamayim* – 'L Alla tas-Smewwiet (Salm 136:26). *El De'ot* – 'L Alla Tal-Għerf [Għarfa] (1 Samwel 2:3). *El Emet* – 'L Alla tal-Verità [tas-Sewwa] (Salm 31: 5). *El Yeshuati* – 'L Alla tas-Salvazzjoni Tiegħi (Isaija 12:2). *El Elyon* – 'L Alla l-aktar Għoli (Ġenesi 14:18. *Immanu El* – Alla Magħna (Isaija 7:14). *El Olam* – 'L Alla Ta' l-Eternità (Ġenesi 21:33). *El Echad* – 'L Alla Wieħed (Malakija 2: 10).

3. "*ELAH*" huwa isem ieħor għal alla, wżat madwar 70 darba fit-Testment il-ġdid. Ukoll, meta magħqud ma' kliem ieħor, aħna naraw attributi differenti ta' Alla. Xi eżempji: *Elah Yerush'lem* – Alla ta' Ġerusalem (Esdra 7:19). *Elah Yisrael* – Alla Ta' Iżrael (Esdra 5:1). *Elah Sh'maya* – Alla tas-Smewwiet (Esdra 7:23). *Elah Sh'maya V'Arah* – Alla tas-Sema u l-Art (Esdra 5:11).

4. "*YHVH*" hija l-kelma Ebrajka li tittraduċi bħala "MULEJ." Tinsab aktar spiss fit-Testment il-Qadim minn kull isem ieħor għal Alla (bejn wieħed u ieħor 7,000 darba), it-titlu huwa rriferut ukoll bħala "t-Tetragrammaton," li tfisser "L-Erba' Ittri". YHVH ġej mill-verb Ebrajk "li tkun" u huwa l-isem speċjali li Alla rrivela lil Mosè fis-siġra taqbad. "U Alla qal lil Mosè, "JIEN LI JIEN; u Hu qal: Hekk għandek tgħid lil ulied Iżrael: JIEN bagħatni għandkom… Dan hu ismi għal dejjem, u hekk għandi nkun imfakkar minn nisel għal nisel" (Eżodu 3:14-15). Għal-hekk, YHVH jiddikjara l-eżistenza assoluta ta' Alla—is-sors ta' kollox, mingħajr bidu u min-għajr tmiem. Għalkemm xi wħud jippronunzjaw YHVH bħala "Jehovah" jew "Yaweh," l-iskulari ma jafux il-prononuzja proprja. L-isem "Jeho-vah" jaf il-bidu tiegħu fis-sena 1270 fejn l-ewwel li dan l-isem kien użat kien minn patri Spanjol Kattoliku ta' l-Ordni Dumnikana fis-seklu tletax li kien jismu C. E. Raymudus Martini, fejn użah fil-ktieb tiegħu *Pugeo Fidei* tas-sena. Għalhekk dak mhuwiex isem Skritturali u għandu jkun im-warrab. Il-Lhud waqfu milli jkomplu jippronun-zjaw dan l-isem gmadwar is-sena 200 W.K., minħabba l-biża' li jiksru l-kmandamenti "La ssemmix isem JHVH Alla tiegħek, fil-batal" (Eżodu 20:7). (Illum ir-rabbi tipikament jużaw "Adonai" minflok YHVH.) Hawn huma xi eżem-pji ta' YHVH wżat fl-Iskrittura: YHVH *Elohim* – MULEJ Alla (Ġenesi 2:4). YHVH *M'kadesh* –

Il-MULEJ Li Jqaddes (Eżekjel 37:28). JHVH *Yireh* – Il-MULEJ Li Jara/Jipprovdi (Ġenesi 22: 14). JHVH *Nissi* – Il-MULEJ l-Istandard Tiegħi (Eżodu 17:15). JHVH *Shalom* – Il-MULEJ tal-Paċi (Imħallfin 6:24). JHVH *Tzidkaynu* – Il-MULEJ il-Ġustizzja Tagħna (Ġeremija 33:16). YHVH *O'saynu* – Il-MULEJ il-Ħallieq Tagħna (Salm 95:6).

**Ismijiet ta' Alla: Il-Mulej Irrivelat f'YHVH huwa l-Mulej Irrivelat f'Yeshua (Ġesù)**

Il-Mulej li rrivela Lilu Nnifsu bħala YHVH fit-Testment il-Qadim huwa rrivelat bħala Yeshua (Ġesù) fit-Testment il-Ġdid. Ġesù jaqsam l-istess attributi bħal YHVH u jistqarr bl-aktar mod ċar li Hu YHVH. Fi Ġwanni 8:56-59 Ġesù jippreżenta Lilu Nnifsu bħala l-"JIEN HU." Meta sfidat minn xi mexxejja Lhud dwar l-istqarrija Tiegħu li ra lil Abraham (li għex xi 200 sena aktar qabel), Ġesù wieġeb,

> "*Tassew, tassew, ngħidilkom, qabel ma kien Abraham, JIEN HU*" (v. 58).

Dawk il-mexxejja Lhud fehmu li Ġesù kien qiegħed jistqarr li huwa JHVH. Dan hu stabbilit ċar meta huma qabdu l-ġebel biex jitfgħuh Għalih biex joqtluh għal dak li huma kkunsidrawh bħala dagħwa taħt il-Liġi Lhudija. Illum, sfortunatament, għad hawn mexxejja reliġjużi li għadhom fl-istess pożizzjoni li kienu dawk il-mexxejja Lhud, ma jridux jaċċettaw li Sidna Ġesù Kristu Hu tabilħaqq YHVH! F'Rumani 10:9, l-appostlu Pawlu jiddikjara,

"*Jekk int tistqarr b'fommok, 'Yeshua [Ġesù] hu l-MULEJ…inti ssalva.*"

Immedjatament wara dak, f'Rumani 10:13, Pawlu jappoġġja din id-dikjarazzjoni billi jikkwota t-Testment il-Qadim,

"*Kull min isejjaħ isem IL-MULEJ (YHVH) isalva*" (Ġoel 2:32).

Li ssejjaħ fuq Yeshua (Ġesù) bħala Mulej huwa l-istess bħallikieku qiegħed issejjaħlu YHVH, għaliex Yeshua (Ġesù) huwa YHVH (MULEJ), il-Messija imbassar matul it-Testment il-Qadim kollu kemm hu.

# NIDDEFINIXXU T-TRINITÀ MQADDSA

Webster jiddefinixxi t-Trinità fl-aktar termini sempliċi:

> "L-għaqda ta' tliet figuri divini, il-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu, f'Divinità (Godhead) waħda." (*Webster's II New Riverside University Dictionary,* Riverside, CA: The Riverside Publishing Company, 1976.)

Eżatta mill-punt di vista tal-Bibbja? Iva. Li jifhmuha l-biċċa l-kbira tan-nies? Le. Tagħti idea jew impressjoni żbaljata? Possibbli. (Aktar deskrizzjoni hija neċessarja, il-kelma "spirtu" [ghost] biddlet it-tifsira matul l-aħħar ftit sekli u issa tagħti l-impressjoni ħażina, u ma hemm xejn imsemmi dwar in-natura ugwali ndaqs, u personali tat-Trinità.

Definizzjoni wisq aħjar u kompluta tat-Trinità hija mogħtija minn dizzjunarju teoloġiku magħruf sewwa. Dan jiddefinixxi t-Trinità bħala:

> "It-terminu li jindika Alla wieħed fi tliet persuni. Għalkemm mhux hu nnifsu terminu bibliku,…[huwa] titlu konvenjenti għal 'l Alla wieħed li rrivela Lilu Nnifsu fl-Iskrittura bħala l-essenza waħda tad-Divinità (Godhead). Aħna għandna niddistingwu tliet "*persuni*" li la huma tliet allat fuq naħa waħda, lanqas ma huma tliet partijiet jew modi ta' Alla fuq in-naħa l-oħra, imma Alla *ugwali ndaqs u minn dejjem in-*

*daqs.*" (Elwell, Walter A. (Editor), *Evangelical Dictionary of theology* Grand Rapids, MI: Baker Book House Co., 1984.

## GĦALIEX IL-KELMA "TRINITÀ" MHIX FIL-BIBBJA?

Kif id-definizzjoni ta' fuq tgħid, għalkemm il-kelma "Trinità" qatt ma tidher fil-Bibbja, il-kunċett huwa "rrivelat fih innifsu" minn Alla, kif se jkun muri ċar matul dan il-ktieb. Skulari bibliċi sempliċiment taw il-kunċett tlieta f'Alla wieħed isem ħalli b'hekk ikun faċli ħalli tirreferi għalih u tiddiskutih.

Hemm kunċetti oħra fil-Bibbja li kienu ġew mogħtija isem li ma jidhirx fil-Bibbja. Bħala eżempju, l-omnipotenza ("setgħa bla tarf) ta' Alla hija ċara ħafna mill-Iskrittura (per eżempju, f'Ġob 38 u 39). Ebda Kristjan ma jiċħad din id-dottrina—madankollu l-kelma "omnipotenza" qatt ma hija wżata fil-Bibbja. Biex ikun aktar faċli meta nagħmlu riferenza għas-"setgħa bla tarf" ta' Alla kien mogħti l-isem "omnipotenza." L-istess huwa minnu dwar il-kelma "Trinità."

Għalkemm tat-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah, kif issemmilhom il-kelma "Trinità" mill-ewwel jippruvaw jgħidulek li mhix fil-Bibbja u ma tistax tkun aċċettata, huma jħallu lis-segwaċi tagħhom fil-agħma dwar l-isem "Jehovah." Is-segwaċi tagħhom lanqas biss jirrealizzaw li l-isem tagħhom mhuwiex Skritturali. L-isem "Jehovah" imkien ma jinsab fil-Bibbja oriġinali imma huma mhux talli ma warbuħx talli kitbuh 6,973 fit-Testment il-Qadim u 237 fil-

Ġdid. Imma dan ma jimpurtax għalihom. Jekk wieħed jaqra fil-verżjoni tagħhom tal-Bibbja, in-New World Translation, dan isib hekk miktub, nikkwota: "While inclining to view the pronunciation "Yah-weh'" *as the more correct way*, we have retained the form "Jehovah" ***because of people's familiarity with it*** since the 14th century…." (Enfasi tiegħi.) Bil-Malti: "waqt li ninklinaw ħalli nħarsu lejn il-pronunzja "Yah-weh'" *bħala l-mod l-aktar korrett*, aħna żammejna l-forma "Jehovah" ***minħabba l-familjarità tan-nies*** magħha sa mis-seklu 14…." (Enfasi tiegħi.) Il-mistoqsija hawn hija din: Għaliex mela, tat-Torri ta' l-Għassa abbandunaw l-eżattezza ħalli jużaw il-kelma *Jehovah*, li bdiet (skond huma stess) tintuża fis-seklu erbatax? It-tweġiba tagħhom hija, "*minħabba l-familjarità tan-nies magħha*." Dan hu mod ieħor li huma żammew it-tradizzjonijiet tal-bnedmin sa mis-seklu erbatax għas-spejjeż tal-verità u l-eżattezza, li huma kienu jafu dwarhom. Huma ppreferew li jkunu familjari man-nies aktar milli jkunu familjari ma' Alla! Imma min kienet l-ewwel persuna li wżat dan l-isem, jiġifieri, "Jehovah"? Jiena ċert li dan se jkun ta' sorpriża kbira għal ħafna mis-segwaċi tat-Torri ta' l-Għassa. L-ewwel li dan l-isem kien użat kien minn patri Spanjol Kattoliku ta' l-Ordni Dumnikana fis-seklu tletax li kien jismu C. E. Raymudus Martini, fejn użah fil-ktieb tiegħu *Pugeo Fidei* tas-sena 1270. Issa jiddependi minn kull individwu li qiegħed imsieħeb mat-Torri ta' l-Għassa jekk jibqax f'dik is-sħubija mhux Skritturali jew le!

Ukoll il-kelma "system" (sistema) mkien ma tinstab fil-Bibbja imma tat-Torri ta' l-Għassa poġġewha fil-Bibbja għal madwar għaxar darbiet, bħal per eżempju, Salmi 17:14; 49:1; Mattew 13:39; 24:3; 28:20; Mark 10:30; Luqa 18:30; 2 Korintin 4:4; 1 Timotju 6:17 u Lhud 1:2). Imma s-segwaċi tagħhom lanqas biss jafu dan u jaċċettaw dak il-bdil fil-Kelma ta' Alla b'għajnejhom magħluqa għal kollox. Wieħed jista' faċilment ikun jaf dwar dan billi jfittex f'dizzjunarju tal-Grieg tat-Testment il-Ġdid u jara għalih innifsu jekk dan hux minnu jew le. Aħna rridu nkunu attenti li ma nkunux fil-kategorija ta' dawk li l-Ispirtu s-Santu qal kemm permezz tal-profeta Isaija u kemm permezz ta' l-appostlu Pawlu:

> "*...Tisimgħu kemm tisimgħu ma tifhmux, u tħarsu kemm tħarsu ma tarawx. Għax il-qalb ta' dan il-poplu twebbset: kienu tqal biex jisimgħu b'widnejhom, u għalqu għajnejhom, li ma jmorrux jaraw b'għajnejhom u jisimgħu b'widnejhom u jifhmu b'moħħom, u hekk ibiddlu ħajjithom u jiena nfejjaqhom*" (Isaija 6:9-10; Atti 28:25-27).

Xi wħud, ukoll għalkemm jaraw li qegħdin fl-iżball u li qegħdin jiġu ngannati, huma ma jkunux lesti li jwarrbu dak it-tagħlim żbaljat jbiddlu ħajjithom! Huma jkunu lesti li jaċċettaw l-interpretazzjonijiet u l-opinjonijiet tal-mexxejja tagħhom b'għajnejhom magħluqa aktar milli jaċċettaw dak li tgħid il-Kelma ta' Alla, il-

Bibbja Mqaddsa! Imma jkun tajjeb li dawk li jagħmlu dan jaqraw it-twissija ta' f'Efesin 5:6!

## IT-TRINITÀ HIJA TLIET *PERSUNI*

"Persuna" hija xi ħadd li jista' jkun jafek, jista' jagħtik parir u jgħinek, jista' jieħu ħsiebek, u saħansitra jista' jissagrifika lilu nnifsu għalik. Mela s-suġġeriment li Alla huwa, kif jingħad fl-Ingliż, "it" (dal-pronom personali jingħad għal annimal, jew ħaġa li tkun qed issir referenza għaliha) jew li l-Ispirtu s-Santu (kif juru x-Xhieda ta' Jehovah fil-Bibbja tagħhom [NWT]) huwa "it," huwa essenzjalment li tkun qiegħed tgħid li Alla huwa "qawwa" li ma (1) tafx, (2) ma tieħux ħsieb, (3) ma tgħinx, jew (4) ma tissagrifikax lilha nfisha għall-bnedmin. Il-Bibbja ripetutament tgħid li Alla jaf lil kull wieħed u waħda minna, li Hu b'mod ta' mħabba jieħu ħsieb tagħna, li Hu jagħtina l-pariri u jgħinna, u li Hu saħansitra ssagrifika Lilu Nnifsu għalina. Biċ-ċar, Alla mhuwiex "it."

Il-pesuni tat-Trinità (Missier Iben u Spirtu s-Santu [Mattew 28:19]), waqt li huma egwali u ndaqs u kollha kienu minn dejjem, iwettqu rwoli differenti.

## IT-TLIET PERSUNI TAT-TRINITÀ MFISSRA

### Il-Missier—L-Ewwel Persuna tad-Divinità

Deskrizzjoni preċiża tal-persuna tal-Missier hija lil hinn mill-abbiltà u l-komprensjoni tal-bniedem. Għalkemm kien emmnut li kull min "jara l-wiċċ ta' Alla jmut" (Ġenesi 32:30; Isaija 6:1-5), il-glorja ta' Alla kienet murija fit-Testment il-Qadim bosta drabi (Ġenesi 18:1-15; 22:11, 12; Eżodu 3:2; 14:19; 19:18, 19;

40:34; 33:11; Isaija 6:1-5; Danjel 3:25). Din kienet ukoll espressa b'mod li jista' jinstema' fil-magħmudija ta' Ġesù (Mattew 3:17) u fit-trasfigurazzjoni (Mattew 17:5).

Ir-rivelazzjoni ta' Ġwanni minn Ġesù tipprovdi xi ħjiel dwar id-dehra tal-Missier. Hu jiddeskrivih bħala "xi ħadd" li qiegħed bilqiegħda fuq tron fis-smewwiet. Hu għandu d-dehra "ta' ġaspru u kornalin," u mit-tron Tiegħu joħorġu "beraq" u "ħsejjes ta' ragħad" (Rivelazzjoni 4:3, 5)—simili għall-glorja ta' Alla fil-Muntanja Sinaj (Eżodu 19:16-18). Fl-aħħar, Alla spiss huwa rriferut Għalih bħala "dawl" (per eżempju, fl-1 Ġwanni 1:5). Kemm jekk din hija riferenza għall-Missier waħdu jew għad-divinità kollha mhix ċara. Madankollu, Alla Nnifsu huwa msejjaħ dawl tant inkredibbli li jelimina l-ħtieġa għax-xemx jew għal lampi (Rivelazzjoni 22:5).

Huwa importanti li nuru lit-tagħlim tal-Bibbja jenfasizza l-essenza ta' Alla l-Missier, mhux bħala li Hu missier fiżiku, imma bħala li Hu Missier tas-Smewwiet—Il-Ħallieq tal-ħwejjeġ kollha (Ġob 38:4-7; Salm 33:6).

## L-Iben—It-Tieni Persuna tad-Divinità

Ġesù, l-Iben, kien kollu uman u kollu Alla "Jiena u l-Missier ħaġa waħda aħna" (Ġwanni 10:30). Xi wħud jippruvaw jagħtu interpretazzjonijiet għal dan il-vers, imma tkun xi tkun l-interpretazzjoni tal-bnedmin, aħna għandna naċċettaw dak li jgħidilna Alla fil-Kelma Tiegħu u mhux xi interpretazzjoni tal-bnedmin. Huma jippruvaw iġibu eżempji billi jqabblu dak li jintqal fi Ġwanni 17:21, 22 fejn Ġesù talab lil Alla li d-dixxipli

Tiegħu "jistgħu lkoll ikunu ħaġa waħda, sewwasew bħalma int, Missier, qiegħed f'għaqda miegħi u jien qiegħed f'għaqda miegħek,…biex huma jistgħu jkunu ħaġa waħda sewwa sew bħalma aħna ħaġa waħda." Imbagħad huma jagħmlu l-mistoqsija: "Kien Ġesù qed jitlob lid-dixxipli Tiegħu kollha kellhom isiru entità waħda?" U huma stess jagħtu t-tweġiba t-tajba fejn jgħidu, "Le, ovvjament Ġesù kien qed jitlob li huma jkunu magħqudin fil-ħsieb u fil-għan, bħalma kienu hu u Alla.—Ara wkoll 1 Korintin 1:10." (*Għandek Int Temmen fit-Trinità?*, p. 24, Watch Tower, 1990.) Il-kuntest hekk igħallem imma d-differenza bejn l-għaqda tad-dixxipli hija li Ġesù u l-Missier huma ħaġa waħda f'sens ieħor ukoll li d-dixxipli qatt ma jistgħu jkunu hekk. Jistgħu d-dixxipli jkunu mogħtija qima? LE! Imma kemm il-Missier u kemm Ġesù għandhomn ikunu mogħtija l-qima li hija lil Alla waħdu.

Ara jekk dan jistax ikun applikat għad-dixxipli:

> "*Biex il-bnedmin kollha **jweġġħu** l-Iben, bħal ma **jweġġħu** l-Missier. Min ma **jweġġah**x l-Iben, ma **jweġġahx** il-Missier li bagħtu*" (Ġwanni 5:23; enfasi tiegħi).

Mela skond l-argumentar tal-Watch Tower, (Tax-Xhieda ta' Jehovah) dan il-vers jista' jinqara wkoll: "Biex il-bnedmin kollha jweġġħu lil xulxin bħal ma jweġġħu l-Missier. Min ma jweġġahx wieħed lil ieħor, ma jweġġahx il-Missier…" Taqbel int ma' dan?

Ara wkoll jekk dan jistax ikun applikat għad-dixxipli:

> "*U raġa', meta ġieb l-iben il-kbir fid-dinja, qal: Ħa **jqimuh** l-anġli kollha ta' Alla*" (Lhud 1:6; enfasi tiegħi).

Mela skond l-argumentar tal-Watch Tower dan il-vers jista' jinqara wkoll: "U raġa', meta ġieb id-dixxipli Tiegħu fid-dinja, qal: Ħa jqimuhom l-anġli kollha ta' Alla" għax huma ħaġa waħda Miegħi. Taqbel int ma' dan?

Erġa' ara jekk dan jistax ikun applikat għad-dixxipli:

> "*U, ara, ġie wieħed imġiddem **u tah qima**, billi qal: Mulej, jekk trid, tista' tnaddafni*" (Mattew 8:2; enfasi tiegħi).

Mela skond l-argumentar tat-Torri ta' l-Għassa, Pietru mar kontra r-rieda ta' Alla meta f'Atti 10:25 kif Kornejlu ltaqa' miegħu, u waqa' f'riġlejh, u qiemu, qajmu u qallu:

> "*Qum, **jien bniedem ukoll**.*"

Skond l-argumentar żbaljat tax-Xhieda ta' Jehovah, billi Pietru "bniedem ukoll" x'differenza hemm jekk aħna ħaġa waħda mal-Missier l-istess kif Ġesù Kristu Hu ħaġa waħda Miegħu? Aħna lkoll "ħaġa waħda" (skond it-Torri ta' l-Għassa) kif Kristu u l-Missier huma "ħaġa waħda" allura nistgħu nkunu mogħtija qima wkoll! Qiegħed tara l-ingann fejn qiegħed?

Imma għal darb'oħra ara jekk dan jistax ikun applikat għad-dixxipli:

> “*U jien Ġwanni rajt dawn il-ħwejjeġ, u smajthom. U meta rajt u smajt, inxħett* ***biex inqim*** *f’riġlejn l-anġlu li wrieni dawn il-ħwejjeġ. Imbagħad qalli: Ara li ma tagħmilx dan: għax jien il-qaddej tiegħek, u ta’ ħutek il-profeti, u ta’ dawk li jħarsu l-kliem ta’ dak il-ktieb:* ***agħti qima ’l Alla***” (Rivelazzjoni 22: 8-9; ara wkoll 19:10; enfasi tiegħi).

Imma jekk aħna **lkoll ħaġa waħda l-istess kif huma Ġesù u l-Missier**, għaliex l-anġlu qal lil Ġwanni: “ara li ma tagħmilx dan?” Il-kliem ta’ l-anġlu, skond l-argumentar ta’ dawk l-għalliema foloz kellu jkun: “Sewwa qiegħed tagħmel tagħtini qima għaliex aħna **lkoll ħaġa waħda l-istess kif huma Ġesù u l-Missier** u għandna nagħtu qima lil xulxin. Temmnu dan int?

Ukoll, ara jekk dan jistax ikun applikat għad-dixxipli:

> “*Meta hu [Ġesù] ra l-fidi tagħhom, qallu: ‘Ħabib, dnubietek maħfura.” Il-kittieba u l-Fariżej qabdu jaħsbu u jgħidu bejnhom u bejn ruħhom: ‘****Dan min hu*** *biex jitkellem hekk?* ***Din dagħwa! Għax min jista’ jaħfirhom id-dnubiet*** ***<u>ħlief Alla waħda</u>****?*” (Luqa 5: 20-21; ara versi 17 sa 25; enfasi tiegħi).

Jekk aħna, bħala dixxipli ta’ Ġesù aħna l-istess ħaġa waħda kif huma Ġesù u l-Missier, kif isostnu l-għal-

liema foloz moderni, allura aħna nistgħu naħfru d-dnubiet ukoll u Luqa kien żbaljat meta kiteb fil-Vanġelu tiegħu: "*Din dagħwa! Għax min jista' jaħfirhom id-dnubiet ħlief Alla waħda?*" **Imma l-Bibbja tagħtina l-eżempji ħalli ħadd ma jqarraq bina:** Meta Pietru u Ġwanni, żewġ appostli, kienu fis-Samarija u Xmun is-saħħar ried jixtri s-setgħa tat-tqegħid ta' l-idejn ta' l-appostli, x'kienet it-tweġiba ta' Pietru?

> "*Indem mela minn dal-ħażen tiegħek, u **itlob lill-Mulej** biex forsi l-ħsieb ta' qalbek **jinħafirlek***" (Atti 8:22; ara versi 18-24; enfrasi tiegħi).

Imma jekk aħna, bħala dixxipli ta' Ġesù aħna l-istess *ħaġa waħda* kif huma Ġesù u l-Missier, kif isostnu tat-Torri ta' l-Għassa, allura Pietru kellu s-setgħa li jaħfirlu d-dnub lil Xmun is-saħħar għaliex, billi Ġesù u l-Missier huma *ħaġa waħda*, u għalkemm "*min jista' jaħfirhom id-dnubiet ħlief Alla waħda?*" Ġesù xorta kellu s-setgħa li "jaħfer id-dnubiet fuq l-art" (Luqa 5:24), hekk ukoll id-dixxipli, billi huma *ħaġa waħda* **l-istess** (skond it-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah) kif Ġesù u l-Missier huma *ħaġa waħda*, allura għandhom is-setgħa li jaħfru d-dnubiet huma wkoll fuq l-art. Imma l-appostlu Pietru ma jaqbilx mat-tagħlim falz modern, u qal lil Xmun biex jitlob *lill-Mulej* ħalli jinħafirlu d-dnub u mhux bagħtu għand Ġwanni! Imma tal-Watch Tower ukoll ma jemmnux li xi dixxiplu għandu s-setgħa li jaħfer id-dnubiet fuq l-art ukoll għalkemm, skond huma, id-dixxipli kollha huma **lkoll ħaġa waħda l-istess kif huma Ġesù u l-Missier**!

Għalhekk il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa fiha ħafna twissijiet ħalli nkunu attenti dwar l-għalliema foloz u t-tagħlim falz tagħhom (Ara Mattew 24:24; Mark 13:22; 2 Korintin 11: 13-14; Galatin 1:6-9; Kolossin 2:18-19; Efesin 5:6; 2 Tessalonikin 2:8-12; 1 Timotju 4:1-3; 2 Timotju 3:13; Titu 3:13; Rivelazzjoni 13:11-14; 16: 12-16; 19:19-20). Mela jekk għal Lhud kienet dagħwa għal xi ħadd li jieħu s-setgħa fuqu nnifsu bħala bniedem u jaħfer id-dnubiet fuq l-art, kemm aktar u aktar hija **dagħwa** li tgħid lid-dixxipli huma lkoll *ħaġa waħda* **l-istess kif huma Ġesù u l-Missier!** Mela jew Ġesù Hu tassew Alla li Jista' Kollox jew inkella Hu alla falz u impostur!

U jekk aħna, bħala dixxipli, ninsabu ħaġa waħda l-istess kif huma ħaġa waħda l-Missier u l-Iben, allura aħna ninsabu f'pożizzjoni li aħna daqs Alla l-Missier:

> "*Alla wieħed, u Missier kulħadd, li hu fuq kulħadd, u f'kulħadd,* ***u ġo fikom ilkoll***" (Efesin 4:6; enfasi tiegħi)

Nistgħu nkunu ħaġa waħda mal-Missier aktar minn hekk? Il-Missier jinsab "ġo fina lkoll." Imma lkoll nafu xi jfisser dan u m'aħniex sejrin nippruvaw nagħtu xi interpretazzjoni ħalli nużawha bħala appoġġ għal xi tagħlim żbaljat kif jagħmlu tat-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah!

Għalhekk, huwa preċedent perikoluż ħafna, li tikkwota passaġġ mill-Bibbja Mqaddsa f'appoġġ għall-veduti żbaljati tiegħek, meta t-tifsira ta' l-awtur (fil-każ tagħna l-Awtur Hu l-Ispirtu s-Santu [2 Pietru 1: 20, 21]) li kitbu kienet differenti minn dik li dak li

jkun japplikaha għalih. U sfortunatament, dak hu li qiegħed isir mit-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah dwar id-Divinità tat-Tliet Persuni tat-Trinità!

Għalhekk, l-eżistenza fiżika ta' Ġesù hija kompletament dik ta' bniedem. Ġesù kien imnissel mill-Ispirtu s-Santu ġewwa ġisem uman—il-ġisem ta' Marija (Luqa 1:35; Mattew 1:20). Madankollu, għan-natura kompluta umana ta' Ġesù kien hemm imsieħba n-natura ta' Alla, u ż-żewġ naturi kienu f'persuna waħda, Ġesù Kristu. L-appostlu Pawlu jgħidilna b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu:

> "*Ħa jkollkom fikom dan il-ħsieb, li kien fi Kristu Ġesù: Li, għalkemm kien* ***f'sura ta' Alla****, ma qishiex bħala ħaġa misruqa* ***li jkun daqs Alla****: Iżda xejjen lilu nnifsu, u ħa fuqu* ***s-sura ta' qaddej****, u kien magħmul fix-xbieha talbnedmin. U wara li minn barra nstab bħala bniedem, umilja lilu nnifsu, u sar ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-salib.*" (Filippin 2:5-8)

Dan il-passaġġ ukoll għadda minn taħt idejn itteologi tat-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah imma t-tagħlim tiegħu huwa ċar li "għalkemm [Ġesù] kien **f'sura ta' Alla**, ma qishiex bħala ħaġa misruqa li jkun **daqs Alla**: Iżda xejjen lilu nnifsu, u ħa fuqu **s-sura ta' qaddej**, u kien magħmul **fix-xbieha tal-bnedmin**." Il-mistoqsija hawn hija: Min jista' jkun "daqs Alla"? Imma Ġesù kien! Kien "daqs Alla" u "xejjen lilu nnifsu u sar bniedem." Ma kienx maħluq

imma **kien daqs Alla!** Kien Ġesù **f'sura ta' Alla** jew ma kienx? Kien Ġesù **f'sura ta' qaddej** jew ma kienx? Tat-Torri ta' l-Għassa jippruvaw jagħtu interpretazzjoni dwar xi tfisser li Ġesù kien "f'sura ta' Alla" imma dwar xi tfisser li Ġesù kien "f'sura ta' qaddej" huma m'għandhom bżonn jagħtu l-ebda interpretazzjoni lis-segwaċi tagħhom. Imma jekk il-Bibbja Mqaddsa tgħidilna li Ġesù "KIEN F'SURA TA' ALLA" u hemm biss **Alla wieħed** allura Ġesù kien fis-sura ta' dak 'l Alla wieħed u ta' ħadd aktar!

Il-kuntrast huwa li minn *daqs Alla* sar *daqs bniedem*. Dik hija l-umiltà tal-Mulej. Dan għamilha faċli għalina ħalli nirrelataw lil Alla, u għal Ġesù ħalli jesperjenza dak kollu li aħna nesperjenzaw (Lhud 2:9, 12, 18) Dan ipprovda wkoll is-sagrifiċċju neċessarju għal kollox u perfett għad-dnub (Lhud 10:1-14).

Ġesù mhux biss Hu sempliċiment ir-Ras tal-knisja jew Sultan tas-saltna Tiegħu, imma hemm pożizzjonijiet oħra li Hu għandu u li dawk il-pożizzjonijiet *huma ta' Alla waħdu*:

**Ġesù Hu Alla (Divinità)**
Ġwanni 1:1, 14; 20:28, 29; Filippin 2:6-8; Kolossin 2: 9.

**Ġesù Hu Sultan tas-slaten u Sid tas-sidien**
Rivelazzjoni 17:14; 1:5; 19:16.

**Ġesù Hu l-Ħallieq tal-ħwejjeġ kollha**
Ġwanni 1:1-3; Kolossin 1:16.

**Ġesù Hu Mulej u Mexxej ta' kulħadd**

Mattew 28:18; Ġwanni 3:31; Atti 10:36; Rumani 9:5; 10:12; Filippin 3:20, 21; Efesin 1:21; Ġwanni 17:2; Filippin 2:9-11.

**Ġesù Hu l-Imħallef ta' kulħadd**

Atti 17:30, 31; Ġwanni 5:22-29; 2 Korintin 5:10; Mattew 25:31-46; Ġwanni 12:48; 2 Tessalonikin 1:8, 9.

**Il-Liġi ta' Ġesù u l-Liġi ta' Alla huma l-istess**

Ġwanni 12:49, 50; 17:8, 20, 21, 10; 16:15; Luqa 10: 16.

**Ġesù Kristu jistħoqqlu l-qima li għandha tkun mogħtija lil Alla Waħdu**

Mattew 4:10; Atti 10:25, 26; Rivelazzjoni 19:10; 22:8, 9; Ġwanni 5:23; 9:39; Mattew 2:2, 8, 11; 8:2; 9:18; 14:33; 15:25; 20:20; 28:9, 17; Lhud 1:6.

Forsi l-aktar ħaġa diffiċli dwar Ġesù hija li wieħed jifhem mill-ħarsa llimitata tagħna bħala bnedmin l-eżistenza minn qabel ta' Ġesù. Aħna nafu li Ġesù Kristu kien etern ma' Alla, billi Hu kien hemm fil-bidu u mbagħad ġie fid-dinja.

*Prinċipju bażiku ta' l-interpretazzjoni huwa li jekk xi ħadd jagħti xi interpretazzjoni ta' xi vers jew versi mill-Iskrittura Mqaddsa li tikkontradixxi xi vers jew versi oħra fl-Iskrittura, allura l-interpretazzjoni tiegħu tkun żbaljata.*

Il-Bibbja Mqaddsa tgħid bl-aktar mod ċar li hemm *biss Alla wieħed*. Li l-allat l-oħra *kollha*, bla ebda ebda eċċezzjoni, huma *allat foloz*. Mela, jekk xi ħadd jipprova juri li barra dak *'l Alla wieħed* hemm xi wieħed alla ieħor inqas minnu u li lilu aħna wkoll għandna naccettawh u nirrispettawh u nqimuh, allura

dik l-interpretazzjoni tagħhom tkun qed tmur kontra t-tagħlim ċar ta' l-Iskrittura u għalhekk tkun żbaljata għal kollox u aħna, bla tlaqlieq ta' xejn, għandna nwarrbuha fil-ġenb! Żomm dan f'moħħok hekk kif aħna nistudjaw dwar dak li jintqa fi Ġwanni 1:1.

> "*Fil-bidu kienet il-Kelma.*"
>
> "*Il-Kelma saret bniedem u għammret fostna*" (Ġwanni 1:14).

Ġesù bħala l-Iben qatt ma rrifera għar-relazzjoni speċjali Tiegħu mal-Missier f'mod li jista' jimplika lid-dixxipli kellhom relazzjoni egwali. Ġesù stqarr li kien l-Iben etern li kien jeżisti qabel kull ħaġa maħluqa (u għalhekk Hu ma jistax li jkun maħluq, kif sejrin naraw aktar 'il quddiem), Alla għalkollox u għalkollox egwali mal-Missier, inkarnat biex iwettaq l-iskop ta' Alla li jipprovdi s-salvazzjoni. Għal din ir-raġuni Hu kien appuntat bħala l-uniku medjatur bejn il-bnedmin u Alla l-Missier (Mattew 11:17; Ġwanni 5:22; 8:58; 10:30, 38; 14:9; 16:28). Bħala bniedem li kien ukoll Alla għalkollox, Ġesù aċċetta t-talb u l-qima (Mattew 14:33; 28:9; Ġwanni 14:14; Lhud 1:6-8).

Dan il-vers huwa wieħed mill-versi l-aktar lit-Torri ta' l-Għassa ppruvaw igħawwġuh.

## Neżaminaw l-Għażliet ta' Ġwanni 1:1

L-ewwel, l-argument jagħtini biss żewġ għażliet—jew Ġesù huwa 'l Alla wieħed veru (YHWH) jew Hu (kif isejħulu x-Xhieda ta' Jehovah fil-ktieb tagħhom) "wieħed alla". Ma hemmx għażliet oħra miftuħa meta wieħed jittratta ma' Ġwanni 1:1. Billi t-tnejn, kemm il-Kritjaneżmu u kemm il-Ġudaiżmu jaffermaw il-mo-

notejiżmu (it-twemmin li hemm biss Alla veru wieħed [ukoll tax-Xhieda ta' Jehovah jaċċettaw dan, ara paġna 12 tal-ktieb tagħhom imsemmi f'paġna 9 ta' dan il-ktieb), mela li tittraduċi Ġwanni 1:1 bħala "wieħed alla" (kif jagħmlu x-Xhieda ta' Jehovah) jħalli lill-qarrej bi problema u jagħmel lil dak li jkun politeista (wieħed li jemmen li hemm aktar minn Alla wieħed *fis-saltna tad-dawl*). Xi kwalità ta' *alla* huwa Ġesù? Fl-isforzi tagħhom tal-Watch Tower jew it-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah ħalli jippruvaw isibu pożizzjoni tajba għal Ġesù huma jsejħulu "bħal xi alla," jew "wieħed alla," jew "divin," jew wieħed "Alla Setgħan." (Ara paġni 27 u 28 tal-ktieb tagħhom "Għandek Int Temmen fit-Trinità?") Imma dawn huma kollha sforzi bla ebda saħħa ta' xejn għaliex imorru direttament kontra t-tagħlim ċar tal-Bibbja Mqaddsa. Jew hemm Alla veru Wieħed jew hemm tnejn. Imma jekk hemm tnejn li jissejħu Alla allura wieħed minnhom għandu jkun dak 'l Alla veru u l-ieħor bla ebda dubju ta' xejn għandu jkun alla falz!

> "*Il-Mulej Alla tagħna, hu Mulej **wieħed***" (Dewteronomju 6:4).
>
> "*…u tifhmu li jien hu: qabli l-ebda alla ma ssawwar, **u lanqas ħadd ma jkun hemm warajja***" (Isaija 43:10).
>
> "*Hekk igħid il-Mulej is-Sultan ta' Iżrael, u l-feddej tiegħu, il-Mulej ta' l-eżerċti: Jien l-ewwel u jien l-aħħar; **u m'hemmx alla ieħor għajri**…Hemm*

*alla ieħor għajri?…**Jekk hemm, ma nafx***” (Isaija 44:6, 8).

“*Jien il-Mulej, u m'hemmx ieħor, **m'hemmx Alla ieħor għajri**…*” (Isaija 45:5).

“*Ftakru fil-ħwejjeġ ta' żmien ilu: għax jien Alla, **u ħadd ħliefi m'hemm***” (Isaija 46:9).

“***Alla wieħed**, u Missier kulħadd, li hu fuq kulħadd, u f'kulħadd, u ġo fikom ilkoll*” (Efesin 4:6).

“*Għax hemm **Alla wieħed**, u medjatur wieħed bejn Alla u l-bnedmin: il-bniedem Kristu Ġesù*” (1 Timotju 2:5).

Minn dawn il-passaġġi jidher b'mod l-aktar ċar li fis-saltna tad-dawl, is-saltna ta' Alla hemm Alla veru **wieħed** biss u ma jista' jkun hemm ħadd aktar li jista' b'xi mod ikun imsejjaħ “bħal xi alla,” jew “wieħed alla,” jew “divin,” jew wieħed “Alla Setgħan” (kif naqraw f'paġni 27 u 28 tal-ktieb tax-Xhieda ta' Jehovah, “Għandek Int Temmen fit-Trinità?”) għaliex inkella nkunu qegħdin ingiddbu lil Alla meta qal:

“*…u tifhmu li jien hu: qabli l-ebda alla ma ssawwar, **u lanqas ħadd ma jkun hemm warajja***” (Isaija 43:10).

Jekk Ġesù Kristu hu maħluq “bħal xi alla,” jew “wieħed alla,” jew “divin,” jew wieħed “Alla Setgħan” allura dan ifisser li sar “alla” wara 'l Alla veru imma

Isaija 43:10 jgħidilna "*u lanqas ħadd ma jkun hemm warajja.*" Lil min aħna għandna nemmnu? Il-kelma "wieħed" *qatt* ma tista' tagħmilha li tkun tfisser "tnejn." Dak il-Wieħed biss hu ġenwin, *l-oħrajn kollha huma foloz.*

Issa ħalli nkomplu fuq Ġwanni 1:1. Jekk Ġesù Hu Alla li Jista' Kollox, mela Hu ma jistax ikun kreatura maħluqa (kif jgħallmu x-Xhieda ta' Jehovah u xi oħrajn) għaliex Alla huwa etern. Salm 90:2 jgħidilna:

> "*Qabel ma twieldu l-muntanji, jew qabel ma int għamilt l-art u d-dinja, minn dejjem għal dejjem, int Alla.*"

Jekk Ġesù hu xi xorta oħra ta' alla (jew hu mfisser xi ħaġa oħra meta nużaw it-terminu "alla" għal Ġesù), allura Hu jkun kreatura maħluqa, u alla falz.

Minn dan il-punt, jiena naħseb li l-aħjar mod biex niċċaraw Ġwanni 1:1 huwa billi nħarsu lejh fil-kuntest tiegħu. L-aktar vers interessanti b'mod li jġagħlek tibqa' tinteressa ruħek fih li jiena sibt għal Ġesù li jkun 'l Alla li Jista' Kollox huwa attwalment Ġwanni 1:3. Hemm aħna naqraw,

> "*Kollox sar bih, u xejn ma sar mingħajru milli sar.*"

Ġwanni 1:3 isir kruċjali għad-dibattitu tagħna għaliex dan jagħmel stqarrija speċifika. Jekk xi ħaġa kellha xi xorta ta' bidu, din kienet bdiet minn Ġesù. Int lanqas ma tista' tissuġġerixxi l-kelma "[ħwejjeġ] oħra" fit-test għaliex l-aħħar parti tal-vers tgħid "*u xejn ma sar mingħajru milli sar.*" Fi kliem ieħor, Ġwanni jgħid li hemm żewġ gruppi ta' ħwejjeġ; dawk il-ħwe-

jjeġ kollha li għandhom bidu u dawk il-ħwejjeġ kollha li huma eterni, u Ġesù mhuwiex wieħed minn dawk il-ħwejjeġ li għandhom bidu.

Forsi mod sempliċi li taħseb dwar dan huwa biċċa karta b'sinjal magħmul l-isfel fin-nofs. Fuq naħa waħda hemm ħwejjeġ eterni mingħajr bidu u fuq in-naħa l-oħra hemm ħwejjeġ maħluqa. Is-sezzjoni tal-ħwejjeġ maħluqa hija vojta għal kollox sakemm Ġesù beda jaħdem u jpoġġi ħwejjeġ fiha. Dan ifisser li Ġesù diġa' qiegħed hemm—imma Hu ma jistax ikun fuq in-naħa tal-ħwejjeġ maħluqa għaliex aħna għedna li din kienet vojta. Mela Hu għandu jkun fuq in-naħa tal-ħwejjeġ mhux maħluqa. Jekk dan hu hekk, mela Ġesù huwa etern. Jekk Ġesù Hu etern, dan jagħmlu Alla li Jista' Kollox. Kif għedna aktar qabel, ma hemm ebda għażla oħra disponibbli ikunu xi jkunu l-argumenti ta' dawk li jippruvaw iniżżlu lil Mulej tagħna Ġesù Kristu fil-livell ta' xi alla. Jekk Ġesù Hu Alla li Jista' Kollox, mela Ġwanni 1:1 hija moqrija b'mod xieraq "**Il-Kelma kienet Alla**" minflok "wieħed alla" ("a god") għax dik it-traduzzjoni tqiegħed dwalità ta' allat, u dik hija dagħwa kbira, kif sfortunatament jagħmlu x-Xhieda ta' Jehovah u xi oħrajn.

Ġwanni 1:1 fi traduzzjoni letterali taqra hekk:

> "*Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u Alla kienet il-Kelma.*"

Din hija t-traduzzjoni attwali ta' kelma għall-kelma. Din mhix tgħid li "wieħed alla kienet il-kelma" ("a god was the word"). Dak ma jagħmel ebda sens. Ħalli jiena npoġġiha fi tliet stqarrijiet. Wieħed għandu

jkun attent ħafna meta huwa jaqra xi letteratura miktuba mill-bnedmin. Hu l-ewwel ħaġa li għandu jagħmel hija li jaqbad il-Grieg u jqabbel miegħu. B'hekk ikun jista' jara jekk qiegħedx jiġi ngannat jew le!

1. **"Fil-bidu kienet il-kelma…"**
   (en arche en ho logos)
   - Stqarrija sempliċi ħafna li l-Kelma kienet fil-bidu.
2. **"u l-Kelma kienet ma' Alla…"**
   (kai ho logos en pros ton theon)
   - Din l-istess Kelma kienet ma' Alla.
3. **"u Alla kienet il-kelma."—tradotta b'mod** (kai theos en ho logos) **xieraq bħala "u l-kelma kienet Alla."**
   - Din l-istess Kelma kienet Alla.

Dwar l-istqarrija 3 fuq, it-traduzzjoni korretta hija "*…u l-Kelma kienet Alla,*" mhux "u Alla kienet il-Kelma." Dan hu għaliex jekk hemm biss artiklu definit wieħed ("ho"="il") fi klawsola fejn żewġ nomi qegħdin fil-forma ("suġġett") nominattiva ("the**os**" u "log**os**"), mela n-nom bl-artiklu definittiv ("ho"= "il") huwa s-suġġett. F'dan il-każ "ho logos" tfisser li "l-kelma" hija s-suġġett tal-klawsola. Għalhekk, "*…il-Kelma kienet Alla*" hija t-traduzzjoni korretta, mhux "Alla kien il-Kelma" (Ara Chapman, B. [1994]. *Greek New Testament Insert*).

Hemm malajr malajr alla ġdid fit-test ta' Ġwanni 1:1? Huwa l-istess Alla li jintqal dwaru f'parti 2 u f'parti 3. Kif ix-Xhieda ta' Jehovah jsostnu li l-kelma b'xi mod saret **wieħed** alla (**a** god) f'dan il-kuntest,

billi hemm biss Alla **wieħed** imsemmi? Ftakar, lix-Xhieda ta' Jehovah jgħallmu li Ġesù kien Mikiel l-Arkanġlu. Mela, hemm xi post fil-Bibbja fejn anġlu huwa msejjaħ "wieħed alla," (a god) barra minn Satana jkun imsejjħ l-alla ta' din id-dinja fit-Tieni Korintin 4:3-5?

**Ġwanni 20:28 – "U Tumas wieġeb u qallu: 'Mulejja u Alla tiegħi!"**

Fil-Grieg fi Ġwanni 20:28 Tumas qal lil Ġesù, "ho kurios mou, kai ho theos mou," "*Il-Mulej tiegħi, u 'l Alla tiegħi.*" Jekk Ġesù ma kienx Alla, imma "wieħed" alla (["a"] god), allura ma kellux Ġesù jikkorrieġi lil Tumas? Ma kienx Ġesù jgħidlu, "Le, Tumas, Jiena m'inhix **'l** Alla. Jiena **wieħed** alla." (**a** god)? Imma Ġesù dan m'għamlux. Żgur li Ġesù m'għamilx dan biex iqarraq bina! Li jagħmel hekk kien ikun stramb u tad-daħk. Madankollu, ix-Xhieda ta' Jehovah jgħidu li Tumas kien tant mistagħġeb bid-dehra ta' Ġesù, li hu ħalef. Dan huwa redikolu għaliex dan ikun ifisser li Tumas, raġel devot ta' Alla, ħalef quddiem Ġesù u uża l-isem tal-Mulej fil-batal fi ksur ta' Eżodu 20:7. Dan bilkemm jista' jkun il-każ billi aħna ma nsibu ebda ekwivalent tat-Testment il-Ġdid fejn dixxiplu ta' Kristu uża l-Isem ta' Alla fil-batal.

F'konklużjoni, Ġwanni 1:1 huwa l-aħjar tradott mingħajr il-"wieħed" ("a") imdaħħal fit-test. "*Il-Kelma kienet Alla*" hija t-traduzzjoni t-tajba. B'dan il-mod aħna ma mmorrux fil-periklu, kif jagħmlu x-Xhieda ta' Jehovah, tal-politeiżmu, jiġifieri, li nemmnu f'aktar minn Alla wieħed, b'Ġesù jkun "wieħed alla," u l-Missier ikun "Alla." Aħna m'għandiex lil Tumas id-

dixxiplu jaħlef u juża l-isem ta' Alla fil-batal. U, aħna m'għandniex il-problema li Ġesù jkun *wieħed* "alla qawwi" (Isaija 9:6) u madankollu mhux **'l** Alla—ukoll għalkemm Alla Nnifsu huwa msejjaħ Alla Qawwi. Tajjeb hawn li naqraw it-tliet passaġġi li jitkellu dwar 'l Alla Qawwi ħalli wieħed ikun jista' jifhem u jara aktar ċar l-iżball kbir li jagħmlu tat-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah fl-interpretazzjonijiet tagħhom dwar min hu 'l Alla veru:

**Isaija 9:6,**

> "*Għax tweldilna tifel; ingħatalna iben u s-setgħa tkun fuq spallejh, u jissemma ismu Kunsillier tal-Għaġeb, **Alla Qawwi**, Missier għal dejjem, il-Prinċep tal-paċi.*" (enfasi tiegħi.)

**Isaija 10:21,**

> "*Bqija tarġa' tiġi, il-bqija ta' Ġakobb lejn **Alla l-Qawwi**.*" (enfasi tiegħi.)

**Ġeremija 32:18,**

> "*Int turi tjieba ma' eluf, u tħallas il-ħażen tal-missirijiet fi ħdan uliedhom warajhom: int Alla l-Kbir, **Alla l-Qawwi** li ismu hu l-Mulej ta' l-eżerċti.*"

- F'Isaija 9:6 Ġesù Kristu huwa msejjaħ "Alla Qawwi" li fl-Ebrajk hija *'El Gib-bohr*.
- F'Isaija 10:21 Alla li Jista' Kollox huwa msejjaħ "Alla Qawwi" li fl-Ebrajk hija wkoll *'El Gib-bohr*.

- F'Ġeremija 32:18 Alla li Jista' Kollox huwa msejjaħ ukoll *hag-Gib-bhor'*.

Issa, jekk wieħed jara l-verżjoni tal-Bibbja tax-Xhieda ta' Jehovah (New World Translation of the Holy Scriptures, Revised 1984) dan isib li f'Isaija 9:6, fin-nota ta' taħt hemm li "Mighty God" hija "*El-Gibbor*" u jgħid li (mhux *'El Shaddai'* bħal Ġeremija 17:1, fejn ara ftn); Sy, "Mighty God ta' żminijiet indefiniti." Ebr. *'Avi 'adh'.*)

Issa jekk imur imbagħad għal Isaija 10:21, fin-nota ta' taħt isib hekk, "'l Alla Qawwi." Ebr. *'El Gib-bor.'* Ara 9:6 ftn, "Alla."

Il-mistoqsija hawn tiġi weħidha: "Alla Qawwi" kemm-il wieħed hemm? Wieħed biss, Sidna Ġesù Kristu, (Isaija 9:6), jew tnejn, Sidna Ġesù Kristu u Jahweh li Hu msemmi f'Isaija 10:21 u f'Ġeremija 32: 18 bħala "'l Alla Qawwi," jiġifieri, bħala *'El Gibbohr'*? Jekk it-tweġiba tkun "wieħed" (kif fil-fatt hemm), allura Ġesù Kristu Hu Alla li Jista' Kollox, JHWH. Isaija 9:6 ma jgħidx, kif jippruvaw idaħħlu flimħuħ tas-segwaċi tagħhom tat-Torri ta' l-Għassa, "*wieħed alla qawwi*" kif huma ppurvaw jagħmlu fi Ġwanni 1:1, "u Kelma kienet *wieħed alla*." Imma Isaija 9:6 jgħid li Ġesù Kristu Hu "Alla Qawwi" u mhux "*wieħed alla qawwi*." Dan għandu jkun biżżejjed ħalli dak li jkun jinduna bil-qerq ta' l-għalliema foloz moderni! Huma jippruvaw iqarrqu billi jużaw ittri kapitali u ittri mhux kapitali, jiġifieri, <u>A</u>lla u <u>a</u>lla ħalli jagħmlu distinzjoni bejn Ġesù Kristu u l-Missier. (Ara l-ktejjeb *Għandek Int Temmen fit-Trinità?*, p. 28, taħt it-titlu **Ebda Konflitt**). Imma aħna lkoll nafu lit-Testment il-

Ġdid meta nkiteb ma kienx fih ittri kapitali, u dan tat-Torri ta' l-Għassa jafuh sewwa! U hawn jidher il-qerq ta' minn jagħmel dawn il-ħwejjeġ. Imma dan mhux biżżejjed. Ħalli naraw xi provi oħra dwar l-ittri kapitali u dawk li mhumiex fejn juru l-iżbalji kbar tagħhom u l-qerq tagħhom. L-isfortuna hija li ħafna nies sinċiera jinqabdu fihom.

F'Isaija 7:14 naqraw

> "*Għalhekk is-Sid, hu nnifsu, jagħtikom sinjal; Ara xebba titqal, u tiled iben, u ssemmih Għimmanu-el.*"

Fin-New World Translation of the Holy Scriptures, Revised 1984, in-nota isfel tgħid hekk: **14** "Immanu-el." Heb., *'Im-ma'nu 'El,* meaning "With Us Is God"; *Em-ma-nou-el';* Vg$^{c}$(Lat.), *Em-ma'-nu-el.* See Mt 1:23.

F'Mattew 1:23 naqraw:

> "*Ara, xebba titqal, u tiled iben, u jsemmuh Għimmanu-el, li jfisser:* ***A**lla* *Magħna.*" (Enfasi tiegħi.)

Fil-Bibbja tax-Xhieda ta' Jehovah (il-verżjoni kkwotata fuq) naqraw hekk: "Look! The virgin will become pregnant and will give birth to a son, and they will call his name Im-man'u-el," which means, when translated, "With Us Is **G**od." (enfasi tiegħi.) Għal darb' oħra, il-mistoqsija hawn hija: Huwa 'l **A**lla Magħna ta' Mattew 1:23 l-istess wieħed li naqraw fi Ġwanni 1:1? U jekk huwa l-istess liema wieħed mit-tnejn li, skond ix-Xhieda ta' Jehovah hemm fi Ġwanni 1:1? Fi Ġwanni 1:1 naqraw hekk:

> *"Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet Alla."*

Fil-verżjoni tagħhom imsemmija aktar qabel, huma juru hekk:

> "In [the] beginning the Word was, and the Word was with **G**od, and the Word was a **g**od." (enfasi tiegħi.)

Huma jgħidu li l-Kelma, Ġesù Kristu, kien "*wieħed* **a**lla" u mhux "**A**lla." Imma għal darb'oħra l-mistoqsija hija din: Huwa 'l "**A**lla" ta' Mattew 1:23, b'**A** kapitali, l-istess "wieħed **a**lla" ta' Ġwanni 1:1 b'**a** mhux kapitali? Ifisser dan li hemm tliet allat, "**A**lla" ta' Mattew 1:23; "**A**lla ta' Ġwanni 1:1; u "wieħed **a**lla" ta' Ġwanni 1:1"? Biex ma nsemmux ukoll 'l **A**lla Qawwi ta' Isaija 9:6! Qiegħed tara fejn ikun l-ingann u t-taħwid? Imma mhux dan biss, ħalli naraw passaġġ ieħor. F'Atti 20:28 naqraw,

> "*Ħarsu lilkom infuskom mela u l-merħla kollha, li fuqha l-Ispirtu s-Santu għamilkom għassiesa, biex tirgħaw il-knisja t'**A**lla, li xtara b'demmu stess.*" (enfasi tiegħi.)

Il-verżjoni tax-Xhieda ta' Jehovah (NWT) tgħid, nikkwota:

> "Pay attention to yourselves and to all the flock, among which the holy spirit has appointed you overseers, to shepherd the congregation of **G**od which he

> purchased with the blood of **his own** [Son]." (Enfasi tiegħi.)

Hawn ukoll tat-Torri ta' l-Għassa ppruvaw jingaw bil-li ma jużawx ittri kapitali għal l-**I**spirtu s-**S**antu, imma dwar dan nitkellmu aktar tard. Il-kelma "Son" hija miżjuda u mhix fl-oriġinal, għalhekk hija fil-parentesi. Huma poġġewha hemm ħalli jippruvaw ibiddlu s-sens tal-passaġġ u jagħmluh bħallikieku qiegħed jgħid li "Alla xtara l-knisja bid-demm ta' Ibnu stess." Imma l-passaġġ hu ċar biżżejjed u jgħid li "***A****lla xtara b'de-mmu stess.*" Imma, nerġa' nistaqsi, min huwa dan 'l **A**lla msemmi hawn li "xtara l-knisja b'demmu stess? Hawn m'għandniex "…***biex tirgħaw il-knisja ta' wieħed alla, li xtara b'demmu stess.***" Jew bl-Ingliż, "…the congregation of a **g**od which he purchased with the blood of his own." (enfasi tiegħi.) Il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa hija ċara biżżejjed imma l-bnedmin iħamġuha bl-interpretazzjonijiet tagħhom. Jew Ġesù Kristu Hu *'l Alla li Jista' Kollox* jew inkella Hu *alla falz*! Ma jista' jkun hemm ebda tifsira oħra! Mela ħalli nerġgħu naraw dak li għidna:

1. **Isaija 9:6** – "**A**lla Qawwi."
2. **Isaija 10:20** – "**A**lla Qawwi."
3. **Ġeremija 32:18** – "**A**lla 'l Qawwi."
4. **Isaija 7:14**; **Mattew 1:23** – "**A**lla Magħna."
5. **Ġwanni 1:1** – "**A**lla…wieħed **a**lla."
6. **Atti 20:28** – "**A**lla."

Kemm Allat taħseb int li hawn imsemmija f'dawn il-passaġġi? *Skond l-argumentar tat-Torri ta' l-Għassa*, wieħed jista' jgħid li hemm xi 4.

1. **Isaija 9:6** – "**A**lla Qawwi" hu Ġesù Kristu imma muri b'**A** kapitali. (Wieħed.)
2. **Isaija 10:20** – "**A**lla Qawwi" hu l-Missier li wkoll hu muri b'**A** kapitali. (Tnejn.)
3. **Ġeremija 32:18** – "**A**lla '**l** Qawwi" hu l-Missier muri b'**A** kapitali. (Tlieta.)
4. **Isaija 7:14**; **Mattew 1:23** – "**A**lla Magħna" huwa Ġesù Kristu, imma hawn ukoll hu muri b'**A** kapitali.
5. **Ġwanni 1:1** – "**A**lla…wieħed **a**lla" huma l-Missier u l-iben imma Ġesù hu muri bħala "wieħed **a**lla" żgħir (Erbgħa) u l-Missier hu muri b'**A** kapitali!
6. **Atti 20:28** – "**A**lla." huwa Ġesù Kristu imma Alla ftit akbar minn dak ta' Ġwanni li hu msejjaħ "wieħed **a**lla."

Hija ħaġa tassew tad-daħk! Qiegħed tara kif il-bnedmin jirredikolaw il-Kelma ta' Alla. Mhux ta' b'xejn li dawk li ma jemmnux jippruvaw jirredikolawha! Imma dawn kollha huma *l-Istess Alla Wieħed li Jista' Kollox* għaliex hemm biss ALLA WIEĦED! La hemm TNEJN, la hemm TLIETA, u lanqas ma hemm ERBGĦA.

Tajjeb hawn li nerġa' nfakkar dak li għedt f'paġna 17: *Prinċipju bażiku ta' l-interpretazzjoni huwa li jekk xi ħadd jagħti xi interpretazzjoni ta' xi vers jew versi mill-Iskrittura Mqaddsa li tikkontradixxi xi vers jew versi oħra fl-Iskrittura, allura l-interpretazzjoni tiegħu tkun żbaljata.*

Hemm biss WIEĦED u dak il-WIEĦED jismu: Il-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu:

> "*Morru mela, u agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom* ***FL-ISEM*** *tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu…*" (Mattew 28:19; enfasi tiegħi).

Għalhekk Tliet Persuni f'Alla Wieħed! Trid eżempju ħafif:

> "*Għax bħalma l-ġisem* ***hu wieħed****, u għandu* ***ħafna*** *membri, u l-membri kollha ta' dak il-ġisem, għalkemm huma* ***ħafna****, huma ġisem* ***wieħed****, hekk ukoll hu Kristu*" (1 Korintin 12:12; enfasi tiegħi. Ara versi 4-6).

Il-membri tal-ġisem huma differenti minn xulxin imma huma ġisem *wieħed*. It-tliet Persuni tad-Divinità huma distinti minn xulxin imma huma 'l Alla Wieħed li Jista' Kollox!

Il-konklużjoni mela għandha tkun li hemm biss żewġ kategoriji fejn fihom aħna nistgħu npoġġu lill-Mulej tagħna Ġesù Kristu, L-ewwel waħda hija:

- **Alla veru Wieħed**: 2 Kronaki 15:3; Ġeremija 10:10; Ġwanni 17:3; 1 Tessalonikin 1:9; 1 Ġwanni 5:20-21.

It-tieni waħda hija:

- "L-allat" l-oħra KOLLHA għalhekk huma allat foloz, ma huma allat xejn: Dewteronomju 32:21; 1 Samwel 12:21; Salm 96:5; Isaija 37:19; 41:23-24, 29; Ġeremija 2:11; 5:7; 16:20; 1 Korintin 8:4; 10:20; Galatin 4:8.

Issa staqsi lilek innifsek u pprova agħti t-tweġiba *int* lilek innifsek u mhux tħalli lil xi ħadd ieħor iwieġeb għalik: "Ma' liema kategorija jiena nqiegħed lill-Mulej tiegħi Ġesù Kristu, ma' ta' l-ewwel kategorija, jiġifieri, li Hu Alla li Jista' Kollox u li Hu l-Veru Alla, jew ma' tat-tieni kategorija, jiġifieri, li Hu "wieħed alla" u b'hekk ikun fl-istess kategorija ta' l-allat foloz u mhux 'l Alla Veru li Jista' Kollox? Ma hemm ebda kategorija oħra! Jew Ġesù Kristu Hu Alla Veru li Jista' Kollox jew Hu alla falz!

> "*Għax il-Mulej, Alla tiegħek, hu nar qerriedi, Alla għajjur*" (Dewteronomju 4:24; 6:15; Eżodu 20:5; enfasi tiegħi).

Jista' Sidna Ġesù Kristu jkun "wieħed alla" *ieħor* fis-Saltna tad-Dawl meta 'l Alla ta' dik is-saltna Hu "*Alla għajjur*"? Meta Eżodu 15:11 jgħidlna:

> "*Min hu bħalek, o Mulej, fost l-allat …?*" (enfasi tiegħi.)

Jekk Sidna Ġesù Kristu mhuwiex 'l Alla li Jista' Kollox (Wieħed mit-Tliet Persuni tat-Trinità [Mattew 28: 19]) allura ma hemm ebda triq oħra ħlief li ngħidu li Hu wieħed minn "fost l-allat"! Jiena ma naħsibx li jista' jkun hemm spjega oħra għal dan ħlief li ngħidu li dik tkun dagħwa kbira, jiġifieri, li npoġġu lill-Mulej tagħna "fost l-allat"!

Għalhekk il-Kelma ta' Alla tgħidilna:

> "*Tħallu 'l ħadd min iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għax minħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab t'Alla fuq ulied id-diżubbidjenza*" (Efesin 5:6).

# X'GĦANDNA NGĦIDU DWAR DAN IL-BNIEDEM?

Hu aċċetta d-dikjarazzjoni ta' rispett ta' Pietru, "Inti l-Kristu, Bin Alla l-ħaj" (Mattew 16:16, 17). Hu ħalla lil-Lhud biex jaqbdu l-ġebel biex iħaġġruh talli stqarr li Hu kien Bin Alla u b'hekk għamel lilu nnifsu *daqs Alla* (Ġwanni 5:17, 18; 10:33, 36; 19:7; Filippin 2:5-7). Hu kien konxju dwar li Hu kien divin. (Ġwanni 5:18, 23, 26; 8:24, 58; 9:5; 1 Ġwanni 1:5; Ġwanni 10:30, 33). Hu ħafer id-dnubiet, li hija prerogattiva ta' Alla waħdu (Luqa 5:20, 21). Hu wiegħed mistrieħ lill-qalb għajjiena, lit-Testment il-Qadim qiegħed 'il quddiem bħala d-don ta' Alla Nnifsu (Mattew 11:28-30; Ġeremija 6:16; 31:25). Hu qal li Hu ġie biex jagħti l-ħajja ta' dejjem, għalkemm Alla Hu Dak li jagħti l-ħajja (Ġwanni 3:36; 5:21, 24, 26; 20:31). Hu qal li ħadd ma jista' jkun jaf lill-Missier ħlief permezz Tiegħu (Ġwanni 14:6, 7). Hu qal ukoll li dak kollu li jagħmel il-Missier jagħmlu huwa wkoll (Ġwanni 5: 19). Hu qal li dak kollu li hu tal-Missier huwa wkoll Tiegħu (Ġwanni 17:10). Hu kellem lil Alla dwar il-glorja li qasmu *flimkien* qabel ma kienet id-dinja fejn Isaija jgħidilna li Jahweh jgħid li "l-glorja Tiegħi ma nagħtihiex lil ħadd ieħor" (Isaija 48:11; Ġwanni 17:5). Hu qal li jekk wieħed ikun jaf Lilu jkun jaf lill-Missier (Ġwanni 8:19). Jgħid ukoll li min ra Lilu ra lill-Missier (Ġwanni 14:8-9). Qal ukoll li l-Missier Fih u Hu fil-Missier (Ġwanni 10:38). Hu qal biex "ma nsejħu lil ħadd missierna (f'sens spiritwali) fuq l-art għax *wieħed* hu missierna, li hu fis-smewwiet," waqt li Hu msejjaħ "Missier għal dejjem" (Mattew 23:9; Isaija

9:6). Hu qal li "ħadd mhu *tajjeb*, ħlief *wieħed*, Alla" meta Hu Nnifsu huwa mingħajr ebda dnub u msejjaħ bħala "r-Ragħaj it-Tajjeb" (Luqa 18: 19; Lhud 4:15; 1 Pietru 2:22; 1 Ġwanni 3:5; Ġwanni 10:11; Salm 23:1). Ġesù aċċetta li jkun imsejjaħ "il-blata" meta Alla waħdu Hu l-blata (Dewteronomju 32:4; Isaija 26:4; 44:8; 2 Korintin 10:4). Hu l-istess Wieħed li Isaija qal Għalih, "Leħen ta' wieħed iniedi fid-deżert: Hejju t-triq il-*Mulej* (Jahweh), wittu fid-deżert triq lil *Alla* tagħna" u li Mark, Luqa, u Ġwanni rriferew għal Jahweh u Alla bħala li kien Ġesù Kristu (Isaija 40:3; Mark 1:14, 15; Luqa 3:4; Ġwanni 1:23). Ukoll Hu "L-ewwel u l-aħħar" l-istess kif Hu "l-ewwel u l-aħħar" Jahweh (Isaija 41:4; 44:6; 48:11-12; Rivelazzjoni 1:8, 18; 22:13, 16). Huwa wkoll dak li fit-Testment il-Qadim Żakkarija rrifera għalih bħala li kien Jahweh li kien imniffed imma li Ġwanni jgħidilna li kien Ġesù Kristu (Żakkarija 12:10; Rivelazzjoni 1:7). Hu dak li aċċetta li Hu kien "il-Qaddis" meta huwa Jahweh waħdu li Hu "Qaddis" (Salm 111:9; Isaija 48:17; 49:7; Ġwanni 17:11; Rivelazzjoni 15:4; Mark 1:24).

Kif aħna nikkunsidraw dawn il-ħwejjeġ kollha u ħafna oħrajn bħalhom, ma jibqalniex triq oħra ħlief dik li nistqarru li Sidna Ġesù Kristu Hu tassew 'l Alla li Jista' Kollox. Fil-qalba ta' Dan l-aktar safi fost il-bnedmin, hemm il-konxjożità kustanti u ċara, li Hu kien divin u li Hu dejjem tkellem u aġixxa konsistentament b'din il-konxjożità. Uniku fil-karattru, Hu għamel talbiet li kienu jimmarkaw lil kull raġel ieħor bħala impostur. Umiltà u maestà jgħammru flimkien Fih. Hu kien jista' jgħid "Jiena ta' qalb ħelwa u umili"

u wkoll "Jiena u l-Missier ħaġa waħda aħna" (Mattew 11:29; Ġwanni 10:30). Hu jsejjaħ lill-bnedmin "ħutu" u madankollu jaċċetta minn għandhom il-kliem "Il-Mulej tiegħi u 'l Alla tiegħi" (Lhud 2:11; Ġwanni 20:28). Hu issa qiegħed fuq *l-istess tron* tal-Missier isaltna għal dejjem ta' dejjem (Rivelazzjoni 3:21).

Il-bnedmin jippruvaw kemm jistgħu ħalli jnaqqsu l-pożizzjoni tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu billi jseħulu "wieħed alla," jew li Hu l-anġlu Mikiel, eċċ., imma b'hekk dak kollu li huma jkunu qegħdin jagħmlu huwa biss li huma jkunu qegħdin jikkundannaw lilhom infushom għat-telfien ta' dejjem! L-Iskrittura tgħidilna li "Alla hu l-Imħallef" (Salm 7:11; 9:8; Ekkleżjażti 3:17; 1 Korintin 5:13; 1 Pietru 1:17). Alla waħdu Hu l-Imħallef! Imma Pawlu jgħidlna li Kristu Hu l-imħallef (Rumani 14:10). Naqraw fit-2 Korintin 5:10,

> "*Għax aħna lkoll jaħtieġ li nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu; biex kull wieħed jieħu l-ħlas tal-ħwejjeġ li kien għamel meta kien għadu fil-ġisem, sew tajjeb, kemm ħażin.*"

# IT-TRINITÀ FIX-XOGĦOL FIL-FIDWA

F'kull fażi maġġura tal-fidwa, kull Persuna tad-Divinità hi nvoluta direttament. L-involviment tagħhom f'kull fażi suċċessiva tista' tkun imqiegħda kif ġej:

1. *Inkarnazzjoni.* Il-Missier inkarna l-Iben fil-ġuf ta' Marija permezz ta' l-Ispirtu s-Santu (ara Luqa 1:35).
2. *Magħmudija fix-Xmara Ġordan.* L-Ispirtu niżel fuq l-Iben, u l-Missier qal l-approvazzjoni Tiegħu mis-smewwiet (ara Mattew 3:14-17).
3. *Ministeru Pubbliku.* Il-Missier dilek l-Iben bl-Ispirtu s-Santu (ara Atti 10:38).
4. *Il-Kurċifissjoni.* Ġesù offra Lilu Nnifsu lill-Missier permezz ta' l-Ispirtu s-Santu (ara Lhud 9:14).
5. *Il-Qawmien.* Il-Missier qajjem lil l-Iben permezz ta' l-Ispirtu (ara Atti 2:32; Rumani 1:4).
6. *Pentekoste.* Mill-Missier, l-Iben irċieva l-Ispirtu s-Santu, li mbagħad Hu sawwab fuq id-dixxipli Tiegħu (ara Atti 2:33).

Għal dawk l-istudenti tal-Bibbja li tassew iridu li jkunu jafu l-verità kif jgħidha Alla fil-Kelma Tiegħu u mhux kif jgħiduha l-bnedmin, u li huma lesti li jfittxu fil-paġni tal-Bibbji tagħhom, hawn huma xi riferenzi ħalli huma jaqrawhom. Kull titlu jagħti x-xogħol ta' Alla, u r-riferenzi juru kif il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu huma nvoluti f'kull xogħol. Il-Kelma ta' Alla turina bl-aktar mod ċar dwar min tassew Hu Alla, jiġifieri, *Il-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu* (Mattew 28:19). Aqbad il-Bibbja tiegħek u aqra l-Iskritturi!

**Imsejjaħ Alla:** Filippin 1:2 / Ġwanni 1:1, 14; Kolossin 2:9/Atti 5:3,4.

**Ħallieq:** Isaija 64:8 / Ġwanni 1:3; Kolossin 1:15-17 / Ġob 33:4; 26:13

**Qawmien:** 1 Tessalonikin 1:10 / Ġwanni 2:19; 10:17 / Rumani 8:11.

**Igħammar:** 2 Korintin 6:16 / Kolossin 1:27 / Ġwanni 14:7

**Kullimkien:** 1 Slaten 8:27 / Mattew 28:20 / Salm 139:7-10

**Jaf Kollox:** 1 Ġwanni 3:20 / Ġwanni 16:30; 21:17 / 1 Korintin 2:10, 11

**Li Jqaddes:** 1 Tessalonikin 5:23 / Lhud 2:11 / 1 Pietru 1:2

**Jagħti l-Ħajja:** Ġenesi 2:7; Ġwanni 5:21 / Ġwanni 1:3; 5:21 / 2 Korintin 3:6-8

**Sħubija:** 1 Ġwanni 1:3 / 1 Korintin 1:9 / 2 Korintin 13:14; Filippin 2:1

**Etern:** Salm 90:2 / Mikea 5:1-2 / Rumani 8:11; Lhud 9:14

**Rieda:** Luqa 22:42 / Luqa 22:42 / 1 Korintin 12:11

**Jitkellem:** Mattew 3:17; Luqa 9:35 / Luqa 5:20; 7:48 / Atti 8:29; 11:12; 13:2

**Iħobb:** Ġwanni 3:16 / Efesin 5:25 / Rumani 15:30

**Ifittex il-Qlub:** Ġeremija 17:10 / Rivelazzjoni 2:23 / 1 Korintin 2:10

> "*Jiena l-Mulej, u m'hemmx ieħor, m'hemmx Alla ieħor għajri…*" (Isaija 45:5).

Li ġej huwa lista fuq fuq ta' versi tal-Bibbja li juru kif it-Trinità hija murija f'modi differenti:

1. Min igħammar f'dawk li jemmnu?

**Il-Missier u l-Iben.**

> "*Ġesù wieġeb u qallu: Jekk wieħed iħobbni, iħares kliemi: u Missieri jħobbu, u aħna niġu għandu, u ngħammru miegħu*" (Ġwanni 14:23).

**L-Ispirtu s-Santu u l-Missier.**

> "*Ma tafux li intom it-tempju ta' Alla, u li l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom? Jekk xi bniedem iħassar it-tempju ta' Alla, Alla jeqirdu; għax it-tempju ta' Alla, li huwa intom, hu mqaddes*" (1 Korintin 3:16, 17).

**Il-Missier.**

> "*U xi ftehim hemm bejn it-tempju ta' alla u l-idoli? Għax intom it-tempju ta' Alla ħaj; bħal ma qal Alla: Ngħammar fosthom, u nimxi fosthom, u nkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi*" (2 Korintin 6:16 [Eżodu 29:45; Ġeremija 31:33; Eżekjel 37:27]).

**Il-Missier u l-Ispirtu s-Santu.**

"*…Jekk inħobbu 'l xulxin, Alla jgħammar fina, u l-imħabba tiegħu fina tkun perfetta. Minn dan nagħrfu li aħna ngħammru fih, u hu fina, għaliex hu tana mill-Ispirtu tiegħu. U aħna rajna u nixhdu li l-Missier bagħat 'l Ibnu biex ikun Salvatur tad-dinja. Kull min jistqarr li Ġesù hu l-Iben t'Alla, Alla jgħammar fih, u hu f'Alla. U aħna għarafna u emminna fl-imħabba li għandu Alla għalina. Alla hu mħabba; u min igħammar fl-imħabba jgħammar f'Alla, u Alla jgħammar fih*" (1 Ġwanni 4:12-16).

**L-Ispirtu s-Santu.**

"*U jien nitlob 'il Missier, u hu jagħtikom Avukat ieħor, biex jibqa' magħkom għal dejjem. Li hu l-Ispirtu talverità, li d-dinja ma tistax tilqgħu, għax la tarah, u lanqas tafu: iżda intom tafuh; għax ighammar magħkom, u jkun fikom*" (Ġwanni 14:16-17; Ara Ġwanni 14:18 aktar l-isfel).

**L-Ispirtu s-Santu.**

"*Imma intom ma tgħixux fil-ġisem, iżda fl-Ispirtu, jekk l-Ispirtu t'Alla jgħix fikom. Issa jekk wieħed m'għandux l-Ispirtu ta' Kristu, dan mhux wieħed minn tiegħu. U jekk Kristu hu fikom,*

*il-ġisem hu mejjet minħabba d-dnub; iżda l-Ispirtu hu ħaj minħabba l-ħaqq. Imma jekk l-Ispirtu ta' dak li qajjem 'il Ġesù mill-imwiet igħammar fikom, dan li qajjem 'il Kristu mill-imwiet jagħti wkoll il-ħajja lil ġisimkom li jmut bl-Ispirtu tiegħu li jgħammar fikom*" (Rumani 8:9-11).

**L-Ispirtu s-Santu.**

"*Issa aħna ma ħadniex l-ispirtu tad-dinja; iżda ħadna l-Ispirtu li hu ta' Alla; biex nagħrfu l-ħwejjeġ mogħtijin lilna b'xejn minn Alla*" (1 Korintin 2:12).

**L-Ispirtu s-Santu.**

"*Ma tafux li intom it-tempju ta' Alla, u li l-Ispirtu t'Alla jgħammar fikom?*" (1 Korintin 3:16)

"*X'inhu? Ma tafux li ġisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu li qiegħed fikom, li għandkom mingħand Alla, u li intom mintomx tagħkom infuskom?*" (1 Korintin 6:19

**L-Iben.**

"*U billi intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu t'Ibnu f'qalbkom, igħajjat: Abba, Missier*" (Galatin 4:6).

**L-Ispirtu s-Santu.**

"*…U minn dan nagħrfu li hu jgħammar fina, mill-Ispirtu li tana*" (1 Ġwanni 3:24).

**Il-Missier u l-Ispirtu s-Santu.**

"*Minn dan nagħrfu li aħna ngħammru fih, u hu fina, għaliex hu tana mill-Ispirtu tiegħu*" (1 Ġwanni 3:24). (Ara wkoll Neħemija 9:20; Ġwanni 14:26; 15:26; 16:7-8, 13-25; Rumani 8:14; 2 Korintin 13:14).

**L-Iben.**

"*Ma nħallikomx iltiema, niġi għandkom*" (Ġwanni 14:18; Ara Ġwanni 14:16-17 fuq).

**L-Iben u l-Missier.**

"*Dak in-nhar intom tagħrfu li jiena f'Missieri, u intom fija, u jiena fikom*" (Ġwanni 14:20).

**Il-Missier u l-Iben.**

"*…Jekk wieħed iħobbni,m iħares kelmti: u Missieri jħobbu, u aħna niġu għandu, u ngħammru miegħu*" (Ġwanni 14:23).

**Il-Missier u l-Iben.**

“Ibqgħu *fija, u jiena fikom. Bħalma l-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha, għajr jekk tibqa’ fid-dielja; hekk intom lanqas tistgħu, għajr jekk tibqgħu fija*” (Ġwanni 15:4).

**Il-Missier u l-Iben.**

“*Jiena fihom u inti fija: biex ikunu ħaġa waħda għal kollox*” (Ġwanni 17:23).

**L-Iben u l-Ispirtu s-Santu.**

“*U jekk Kristu hu fikom, il-ġisem hu mejjet minħabba d-dnub; iżda l-Ispirtu hu ħaj minħabba l-ħaqq*” (Rumani 8: 10; ara Rumani 8:9 aktar qabel).

**Il-Missier.**

“*U min iħares il-kmandamenti tiegħu jgħammar fih…*” (1 Ġwanni 3:24).

2. Min Qajjem lil Ġesù mill-Mewt?

**Il-Missier.**

“*…Alla l-Missier, li qajmu minn bejn l-imwiet*” (Galatin 1:1; 1 Tessalonikin 1:10).

**L-Ispirtu s-Santu.**

“*…l-Ispirtu ta’ dak li qajjem ’il Ġesù mill-imwiet igħammar fikom*” (Rumani 8:11).

**L-Iben.**

> "*Ġesù wieġeb, u qalilhom: 'Ħottu dat-tempju, u fi tlitt ijiem inwaqqfu*" (Ġwanni 2:19).

**L-Iben.**

"*Għalhekk iħobbni l-Missieri, għax nagħti ħajti, biex narġa' neħodha. ħadd ma jeħodhieli, iżda jien nagħtiha minni nnifsi. Għandi s-setgħa narġa' neħodha. Dan il-kmandament ħadt minn għand Missieri*" (Ġwanni 10:17-18).

3. Min Ifittex l-Imħuħ u l-Qlub?

**Il-Missier.**

"*Jien, il-Mulej infittex fil-qalb, u ngħarbel il-moħħ, biex ngħati lil kulħadd skond triqatu, u skond il-frott ta' egħmilu*" (Ġeremija 17:10).

**L-Ispirtu s-Santu.**

"*Imma Alla għarrafhomlna bl-Ispirtu tiegħu; għax l-Ispirtu jfittex kollox, iva, sa l-għammieq ta' Alla*" (1 Korintin 2:10).

**L-Iben.**

"*U noqtol bil-mewt lil uliedha; u jagħrfu l-knejjes kollha li jien hu dak li jfittex fil-ġewwieni u l-qlub; u li nagħti lil kull wieħed minnkom skond egħmilkom*" (Rivelazzjoni 2:23).

4. Min Iqaddisna?

**Il-Missier.**

"*U l-istess Alla tas-sliem iqaddiskom għalkollox; u jien nitlob 'l Alla li l-ispirtu kollu tagħkom, u r-ruħ, u l-ġisem, ikunu mħarsin bla ħtija sal-miġja ta' Sidna Ġesù Kristu*" (1 Tessalonikin 5:23).

**L-Ispirtu s-Santu.**

"*Maħturin skond il-għarfa minn qabel ta' Alla l-Missier, bit-tqadis ta' l-Ispirtu, biex jisimgħu min Ġesù Kristu, u jitraxxu b'demmu: Grazzja likom, u sliem bil-kotra*" (1 Pietru 1:2).

**L-Iben.**

"*Għax Ġesù wkoll, biex iqaddes lill-poplu b'demmu stess, bata barra mill-bieb*" (Lhud 13:12).

5. Min Jagħtina Kliem Ħalli Nitkellmu?

**Il-Missier.**

"*Iżda meta jagħtukom f'idejhom, titħassbux kif u x'sejrin tgħidu: għax f'dik is-siegħa jingħatalkom x'għandkom titkellmu. Għax mhux intom li titkellmu, iżda l-Ispirtu ta' Missierkom li jitkellem fikom*" (Mattew 10:19-20).

**L-Ispirtu s-Santu.**

"*U meta jġibukom quddiem is-sinagogi, u l-maġistrati, u l-ħakkiema, la tħabblux raskom kif u x'sejrin twiegħbu, jew x'sa tgħidu: Għax l-Ispirtu s-Santu jgħallimkom dak il-ħin stess x'għandkom tgħidu*" (Luqa 12:11-12).

"*Imma meta jiġi l-Avukat, li jiena nibgħatilkom minn għand il-Missier, l-Ispirtu tas-sewwa, li ġej mill-Missier, hu jixhed għalija*" (Ġwanni 14:26)

"*Iżda meta jeħdukom, u jagħtukom f'idejhom, la toqogħdux taħsbu minn qabel x'sejrin tgħidu, u lanqas titħassbu minn qabel: iżda tkellmu dak kollu li jingħatalkom f'dak il-waqt: għax ma tkunux intom li titkellmu, iżda l-Ispirtu s-Santu*" (Mark 13:11).

**L-Iben.**

"*Żommu mela dan f'qalbkom, li ma toqogħdux taħsbu minn qabel kif sa twieġbu: Għax jien nagħtikom kliem u għerf, li l-egħdewwa kollha tagħkom ma jkunux jistgħu jmeruhom u lanqas jieqfu għalihom*" (Luqa 21:14-15).

6. Min Ta' l-Patt il-Ġdid?

**Il-Missier.**

"*Iżda din tkun ir-rabta li nagħmel ma' dar Iżrael: Wara dawk il-jiem, igħid il-Mulej, inqiegħed il-liġi ġo fihom, u niktibha f'qalbhom; u jien inkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi. U ma jgħallmux aktar wieħed lil għajru, u kull wieħed lil ħuh, billi jgħid: Agħrfu l-Mulej: għax huma lkoll jagħrfuni, miż-żgħir sal-kbir fosthom, igħid il-Mulej: għax jien naħfrilhom il-ħażen tagħhom, u ma niftakarx aktar dnubhom*" (Ġeremija 31:33-34).

**L-Ispirtu s-Santu u l-Missier.**

"*U ta' dan hemm xhieda wkoll l-Ispirtu s-Santu: għax wara dan kien qal qabel: 'Din hi r-rabta li nagħmel magħhom wara dawk il-jiem, igħid il-Mulej: Inqiegħed il-liġijiet tiegħi f'qalbhom, u*

*f'moħħhom niktibhomlhom; U fi dnubiethom u ħtijiethom ma niftakarx aktar*" (Lhud 10:15-17).

**L-Iben.**

"*U lejn Ġesù l-medjatur ta' rabta ġdida, u lejn id-demm tat-traxxix, l jgħid ħwejjeġ aħjar mid-demm t'Abel*" (Lhud 12:24; ara wkoll Lhud 8:1-13; 10:29; 13:20).

7. Min Hu l-Ħallieq?

**Il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.**

"*Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art*" (Ġenesi 1: 1).

"*Hekk qal il-Mulej, il-feddej teigħek, u dak li sawrek mill-ġuf: Jien il-Mulej li għamilt kollox; li meddejt is-smewwiet waħdi; li frixt l-art minni nnifsi* Isaija 44:24).

"*Alla li għamel id-dinja u l-ħwejjeġ kollha li fi-ha, billi ra li hui Sid is-sema u l-art, ma jgħam-marx f'tempji magħmulin bl-idejn*" (Atti 17:24).

"*U biex nuri lil kulħadd x'inhi x-xirka tal-mis-terju, li sa mill-bidu tad-dinja kien moħbi f'Alla, li ħalaq kollox b'Ġesù Kristu*" (Efesin 3:9).

"*L-Ispirtu t'Alla għamilni, u nifs Min jista' kollox jagħtini l-ħajja*" (Ġob 33:4).

"*Kollox sar biha; [il-Kelma] u xejn ma sar mingħajrha milli sar*" (Ġwanni 1:3).

"*Għax bih kienu maħluqin il-ħwejjeġ kollha, li huma fis-sema, u li huma fuq l-art, li jidhru u li*

*ma jidhrux, sew jekk huma tronijiet, kemm jekk huma dominji jew prinċipati, jew setgħat: kull ħaġa maħluqa bih, u għalih*" (Kolossin 1:16).

"*Imma għall-Iben qal: It-tron tiegħek, o Alla, hu għal dejjem ta' dejjem: xettru ta' ħaqq ta' saltnatek…U, Int, Mulej, fil-bidu qegħidt is-sisien ta' l-art; u xogħol idejk huma s-smewwiet*" (Lhud 1:8, 10).

8. Min Hu l-Għajjutant Tagħna?

**Il-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu.**

"*Biex hekk ikollna l-ħila ngħidu: Il-Mulej l-għajnuna tiegħi, u ma nibżax x'jista' jagħmilli bniedem*" (Lhud 13:6).

"*Hekk ukoll l-Ispirtu jgħin id-dgħufijiet tagħna: għax aħna ma nafux x'nitolbu kif jinħtieġ; iżda l-Ispirtu stess jitlob għalina bi tnehid li ma jistax jingħad*" (Rumani 8:26).

"*Ħa nersqu mela bla biża' lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena, u nsibu grazzja ta' għajnuna fil-żonnijiet tagħna*" (Lhud 4:16).

9. F'Isem Min aħna Mgħammdin?

**Il-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu.**

"*Morru, mela, u għamlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Mattew 28:19).

10. Min Ifarraġna?

**Il-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu.**

"*Imbierek Alla, Missier Sidna Ġesù Kristu, Missier il-ħniniet, u Alla ta' kull faraġ; Li jfarraġna fin-niket kollu tagħna, biex inkunu nistgħu nfarrġu lil dawk li huma fil-għali, bil-faraġ li bih aħna nfusna mfarrġin minn Alla*" (2 Korintin 1:3-4).

"*Imbagħad il-knejjes kellhom is-sliem fil-Lhudija kollha, u fil-Galilija, u fis-Samarija, u għaddew 'il quddiem; u mmexxija fil-biża' tal-Mulej, u bil-hena ta' l-Ispirtu s-Santu, tkattru*" (Atti 9: 31).

"*Għax bħalma t-tbatijiet ta' Kristu joktru fina, hekk joktor bi Kristu l-faraġ tagħna wkoll*" (2 Korintin 1:5)

"*Madankollu jien ngħidilkom is-sewwa: Jaqblilkom li jien immur: għax jekk ma mmurx, l-Avukat ma jiġix għandkom; iżda jekk immur, nibgħatulkom. U meta jiġi hu, juri li d-dinja għandha ħtija għad-dnub, għall-ħaqq, u għall-kundanna: Għad-dnub, għax ma emmnux fija; Għall-ħaqq, għax sejjer għand Missieri, u ma tarawnix iżjed; Għall-kundanna, għax il-prinċep ta' did-dinja hu ikkundannat. Għad għandi bosta ħwejjeġ x'ingħidilkom, iżda issa ma tistgħux tifhmuhom. Imma meta jiġi hu, l-Ispirtu tas-sewwa, imexxikom fis-sewwa kollha: għax hu ma jitkellimx minnu nnifsu iżda dak kollu li jisma', dak igħid hu: u jgħarrfilkom x'għandu jiġi*" (Ġwanni 16:7-13).

11. Min Jagħtina l-Paċi?

**Il-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu.**

"*U s-sliem ta' Alla, l;ijisboq kull dehen, iħarsilkom qalbkom u moħħkom fi Kristu Ġesù*" (Filippin 4:7).

"*Għax Alla mhux l-awtur tat-taħwid, iżda tassliem, bħalma fil-knejjes kollha tal-qaddisin*" (1 Korintin 14:33).

"*Iżda l-frott ta' l-Ispirtu huma l-imħabba, il-ferħ, is-sliem, is-sabar fit-tul, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi*" (Galatin 5:22).

"*Kieku għaraftuni, kontu tagħrfu 'l Missieri wkoll; minn issa tagħrfuh, u rajtuh*" (Ġwanni 14: 27).

"*Għax hu s-sliem tagħna, u t-tnejn għamilna wieħed, u waqqa' l-ħajt tan-nofs li kien jifridna*" (Efesin 2:14).

12. Min Jibgħat lill-Kristjani Barra?

**Il-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu.**

"*Itolbu mela lis-Sid tal-ħsad, biex jibgħat ħaddiema fil-ħsad tiegħu*" (Mattew 9:38).

" (Atti 13:4).

"*Ara, jien qiegħed nibgħatkom bħala ngħaġ fost l-ilpup: kunu mela għaqlin bħas-sriep, u safjin bħall-ħamiem*" (Mattew 10:16).

"*U għamel tnax, biex ikunu miegħu, u biex jibgħathom ixandru*" (Mark 3:14).

“*Raġa’ qalilhom Ġesù: Is-sliem għalikom: bħal ma bagħatni Missieri, hekk nibgħat lilkom*” (Ġwanni 20:21).

13. Min Isejjaħ lill-Kristjani Għall-Ministeru?

**Il-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu.**

“*U aħna nafu li l-ħwejjeġ kollha jaħdmu flimkien għall-ġid ta’ dawk li jħobbu ’l Alla; għal dawk li huma msejħin skond il-pjan tiegħu. Għax dawk li kien jaf minn qabel, ukoll iddestinahom minn qabel biex ikunu jaqblu max-xbieha ta’ Ibnu, biex ikun hu l-kbir fost ħafna aħwa. Barra minn hekk, lil dawk li iddestinahom minn qabel, lil dawn hu wkoll sejħilhom: u lil dawk li sejħilhom, lil dawn ukoll iġġustifikahom; u dawk li iġġustifikahom, lil dawn ukoll igglorifikahom*” (Rumani 8:28-30).

“*Iżda meta għoġob ’l Alla, li għażilni minn ġuf ommi, u sejjaħli bil-grazzja tiegħu*” (Galatin 1:15).

“*Huma u jagħtu qima lill-Mulej, u jsumu, al l-Ispirtu s-Santu: Ifirduli ’l Barnaba u ’l Sawl għax-xogħol lil għaliha sejjaħtilhom*” (Atti 13:2).

“*Għax jien manistħix mill-evanġelju ta’ Kristu: għax hu l-qawwa t’Alla għas-salvazzjoni ta’ kull min jemmen; l-ewwel tal-Lhud, u tal-Griegi wkoll*” (Rumani 1:6).

F’ċertu mod indirett it-tagħlim żbaljat tar-reliġjonijiet foloz jista’ jkun ta’ għajnuna għal dik il-persuna li tkun qed tfittex il-verità f’dak li huma spiss tant jist-

qarru b'mod ċar ħafna l-veduti ħżiena tagħhom li wieħed ikun jista' jsib dak li huwa korrett aktar faċilment. F'mod simili huwa aktar faċli li tara l-kwiekeb meta s-sema hija mudlama. Per eżempju, jekk wieħed iħares lejn il-Bibbja bħala li hija tassew, aktar ma xi ħadd ikun insistenti lir-riinkarnazzjoni hija tassew, jista' aktar ikun li l-Bibbja għandha xi veduta oħra. Dan hu għaliex dak kollu li Alla jgħid fil-Kelma Tiegħu bla dubju ta' xejn Satana jew xi bnedmin sejrin jippruvaw jgħawwġuh u jċajpruh. Dejjem hekk kien il-każ, minn mindu Satana ħa l-kmand ċar ta' Alla lil Adam u l-Eva u żied jew naqqas xi ħaġa minnu.

# F'DIFIŻA GĦAD-DIVINITÀ TA' KRISTU

Fil-jum tat-Tlieta, qabel il-kurċifissjoni tal-Mulej, fil-jum tal-Ġimgħa ta' wara, Ġesù kien jinsab f'diskussjoni mal-Fariżej, li ma ħbew xejn mill-mibegħda tagħhom Lejh. Meta Mattew irreġistra din ix-xena fil-Vanġelu tiegħu, l-ewwel hu kkummenta fuq taqbida li kellu l-Mulej mas-Sadduċej. Hu jgħid,

> "*Il-Fariżej, meta semgħu kif lis-Sadduċej kien saddilhom ħalqhom, inġabru madwaru*" (Mattew 22:34).

Ġesù—b'loġika li tippenetra u b'għarfien li ma tista' tqabblu ma' xejn ta' l-Iskrittura tat-Testment il-Qadim—sikket għal kollox lis-Sadduċej. Bla dubju l-Fariżej ħasbu li huma setgħu jagħmlu aħjar mis-Sadduċej. Iżda huma kienu se jgħaddu mill-istess trattament iebes u skomdu li minnu għaddew is-Sadduċej.

F'nofs id-diskussjoni Tiegħu mal-Fariżej, Ġesù staqsa:

> "*Intom x'taħsbu dwar il-Kristu? Bin min hu?*" (Mattew 22:42).

Huma ma kinux kapaċi jwieġbu l-mistoqsijiet b'mod sodisfaċenti għaliex l-ipokrisija tagħhom żammithom milli jifhmu t-tnejn, kemm in-natura ta' Ġesù kif ukoll il-missjoni Tiegħu. Il-mistoqsijiet magħmula f'dak il-jum, iżda, huma mistoqsijiet li kull persuna razzjonali u f'sensiha għandha eventwalment twieġiba għalihom.

Iż-żewġ mistoqsijiet kienu intenzjonati biex iqajmu s-suġġett tad-Divinità ta' Kristu. It-tweġibiet—kieku l-għajnejn spiritwali tal-Fariżej ma kinux imċajpra u żammewhom milli jwieġbu b'mod korrett—kienu int-

enzjonati biex jikkonfermawha (id-Divinità). Illum, dawn il-mistoqsijiet għadhom iqajmu l-ispettru ta' l-identità ta' Kristu. Min Hu Kristu? Huwa Hu, kif Hu stqarr, Bin Alla? Kien Hu, kif ħafna ta' madwaru stqarrew, Alla inkarnat? Huwa Hu, kif timplika l-kelma "Divinità," ta' natura u rank Divini? Illum, ħafna għandhom l-istess idea dwar Ġesù li kellhom il-Fariżej u s-Sadduċej, jiġifieri, li Ġesù mhuwiex Alla, imma kreatura, jiġifieri, li Hu kien maħluq! Imma l-Kelma ta' Alla turina ċar li Ġesù Hu kemm Alla u kemm bniedem! L-iżball isir għaliex dawn in-nies, *ma jagħrfux iż-żewġ naturi ta' Ġesù, dik ta' Alla u dik ta' bniedem.*

## KRISTU BĦALA FIGURA STORIKA

Is-serje ta' ġrajjiet li kellhom iwasslu li Ġesù jsir l-aktar figura storika u magħrufa fid-dinja kellhom jib-dew fl-ewwel seklu fil-Palestina. Hemm erba' indika-turi primarji ta' dan il-fatt. L-ewwel, meta Danjel kien mistoqsi mis-sultan Nebukadnessar biex jinterpreta l-ħolma immaġinattiva ħafna tiegħu, Danjel irrivela li Alla kien se jwaqqaf is-saltna tal-Messija matul iż-żmien ta' l-Imperu Ruman (jiġifieri, ir-raba' saltna ir-rappreżentata fil-ħolma tas-sultan; ara Danjel 2:24-25). Il-ħakma Rumana tal-Palestina bdiet fis-sena 63 Q.K., u kompliet sas-sena 476 W.K. It-tieni, il-Kristu kien imwiegħed li kellu jiġi qabel "max-xettru" jkun tneħħa minn Ġuda (Ġenesi 49:10). Studenti tal-Bibbja jagħrfu li din il-profezija għandha riferenza għall-Messija ("Shilok") li jasal qabel mal-Lhud tilfu s-sovranità nazzjonali tagħhom u s-setgħa ġudizzjarja tagħhom (ix-"xettru" ta' Ġenesi 49). Għalhekk, Kristu kellu jiġi

qabel mal-Lhud jitilfu s-setgħa tagħhom biex jesegwixxu l-kastig kapitali (Ġwanni 18:31). Meta Ruma neħħiet lil Arkelaws fis-sena 6 W.K., Koponjus kien impoġġi bħala l-ewwel prokuratur tal-Lhudija. Ta' interess, "il-prokuratur kellu s-setgħa ta' ġurisdizzjoni dwar il-kastig kapitali" (Solomon, 1972, 13:117). Għalhekk, Kristu kien imbassar li kellu jiġi f'xi żmien qabel is-sena 6 W.K. (ara wkoll McDowell, 1972, p.p. 176-178). It-tielet, Danjel bassar li l-Messija jġib fit-tmiem is-"sagrifiċċju u l-offerti" qabel il-qirda ta' Ġerusalem (Danjel 9:24-47 u Mattew 24:15; ara wkoll Jackson, 1997). L-istorja tirreġistra lit-Tempju kien meqrud għal kollox minn Ruma fis-sena 70 W.K. Ir-raba', il-Messija kellu jitwieled f'Betlehem tal-Lhudija (Mikea 5:2). Hija wkoll kustjoni ta' reġistrar li Ġesù twieled f'Betlehem waqt li l-Palestina kienet taħt il-ħakma Rumana, qabel Ġuda tilfet is-setgħa ġudizzjali, u qabel il-qirda ta' Ġerusalem (ara wkoll Mattew 2:3-6; Luqa 2:2-6).

## KRISTU FIT-TESTMENT IL-QADIM

It-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid juru stampa ta' Kristu li tippreżenta xhieda ta' valur kbir għall-persuna li tixtieq li twieġeb il-mistoqsijiet, *"X'taħsbu intom dwar Kristu?," u "Iben min hu?"* F'Isaija 7:14, per eżempju, il-profeta iddikjara li verġni titqal, u tiled iben u ssemmih "*Għimmanu-El*" li *jfisser "Alla magħna*" (profezija li kienet imwettqa fit-twelid ta' Ġesù Kristu; Mattew 1:22-23). Wara, Isaija rrifera għal dan l-Iben *bħala "Alla Qawwi*" (Isaija 9:6). Fil-fatt, fis-sena lis-sultan Għużżija miet, Isaija ra "lill-Mulej" qiegħed

bil-qiegħda fuq tron (ara Isaija 6). Megħlub b'din ix-xena, il-qaddej ta' Alla esklama:

> "*Jaħasra għalija, mitluf jien;…għax għajnejja raw lis-Sultan, lill-Jahweh ta' l-eżerċti*" (Isaija 6:5)

Fit-Testment il-Ġdid, Ġwanni kiteb,

> "*Dawn il-ħwejjeġ qal Isaija, meta ra l-glorja tiegħu (ta' Kristu) u tkellem fuqu*" (Ġwanni 12:41).

Isaija ħeġġeġ lill-poplu ta' Alla biex iqaddsu *lil "Mulej ta' l-eżerċti*" (Isaija 8:12-14). Barra minn dan, "Yahweh ta' Isaija kellu jsir ġebla ta' tiġrif u blata ta' tfixkil (Isaija 8:14), deskrizzjoni li l-kittieba tat-Testment il-Ġdid applikawha **għal Kristu** (Rumani 9:33; 1 Pietru 2:8). Isaija bassar li Ġwanni l-Battista kellu jħejji t-triq għall-miġja ta' YAHWEH (40:3) (Xi wħud użaw l-Isem "Jehovah" imma dan mhuwiex fl-oriġinal. *Jehovah* beda jintuża fis-seklu tlettax fejn patri Kattoliku ta' l-Ordni Dumnikana, C.E. Raymundus Martini, użah fil-ktieb tiegħu *Pugeo Fidei* tas-sena 1270. Ara wkoll "*The Kingdom* Interlinear Transaltion *of the Greek Scriptures*" foreword, p. 23, fejn għid: "While inclining to view the pronunciation "Yah-weh'" as the more correct way, we have retained the form "Jehovah" because of people's familiarity with it since the 14th century…"). Huwa magħruf sewwa li Ġwanni kien dak li ħejja t-triq għal **Kristu** (Mattew 3:3; Ġwanni 1:23).

Isaija wera lil Kristu mhux biss bħala "Ħaruf" li ma fetaħx fommu (Isaija 53:7 ), imma bħala raġel li "*qasba mġelġla ma jiksirhiex, musbieħ inemnem ma jitfiħx*"

(Isaija 42:3; Mattew 12:20). J.W. McGravey spjega din it-tixbiha f'dawn il-versi kif ġej:

> Qasba mġelġla, lanqas m'għandha saħħa biex tieqaf dritta...musbieħ inemnem, il-fjamma tiegħu spiċċat u n-nar tiegħu kważi ntefa', sewwa din tirrappreżenta lill-morda, zopop, u għomja li kienu miġjuba għand Ġesù biex ikunu mfejqa. …Hu jfejjaq il-feriti tagħhom u jrewwaħ l-enerġiji tagħhom li qed imutu fi fjamma (1875, p. 106).

Kittieba oħra tat-Testment il-Qadim illuminaw lil Kristu fil-kitba tagħhom ukoll. Is-salmista ssuġġerixxa li Hu jkun magħruf bħala mħeġġeġ għall-ħaqq (Salm 69:9), li jkun mibgħud mingħajr ebda kawża (Salm 22), u li Hu jittrijonfa fuq il-mewt (Salm 16:8-11). Danjel irrifera għall-miġja tas-saltna Tiegħu bħala waħda li "*tibqa' għal dejjem*" (Danjel 2:44). L-istampa ta' Kristu tal-profeti kienet intenzjonata mhux biss biex tbassar il-miġja Tiegħu, imma biex tagħmlu aktar viżibbli għan-nies fiż-żminijiet tat-Testment il-Ġdid ukoll.

## KRISTU FIT-TESTMENT IL-ĠDID

It-Testment il-Ġdid huwa l-istess espliċitu fil-kummentarju tiegħu dwar il-Kristu, u joffri konferma estensiva tad-dikjarazzjonijiet tat-Testment il-Qadim dwar Kristu. Il-profeti pinġew lill-Messija bħala mgħoddi mhux ġust, bl-uġigħ, u li ħa post oħrajn (Isaija 53:4-6; Salm 22). Fit-Testment il-Ġdid, l-appostlu Pawlu irripeta dak il-fatt fejn qal:

> "*Bħalma wkoll jgħid David li mbierek hu l-bniedem, li Alla jgħoddlu l-ħaqq mingħajr opri. Billi jgħid: Imberkin dawk li ħtijiethom maħfura, u li dnubiethom mgħottija. Imbierek ir-raġel li l-Mulej ma jgħoddlux dnub*" (Rumani 5:6-8).

Il-profeti bassru li Hu jkun ittradut minn ħabib (Salm 41:9) għal sempliċiment tletin biċċa tal-fidda (Żakkarija 11:12), u Ġesù hekk kien ittradut (Luqa 22:47-48; Mattew 26:15). Huma qalu li Ġesù jkun imwaqqa' għażżufjett (Salm 22:7-8), jobżqulu (Isaija 50:6), meqjus fost kriminali komuni (Isaija 53:12), ikun imniffed (Żakkarija 12:10), u abbandunat minn Alla (Salm 22:1), u Hu hekk kien (Luqa 23:35; Mattew 26:67; 27:46; Mark 15:27-28; Ġwanni 19:37; 20:25; Mark 15:34). Mingħajr ebda spjega, profeta ispirat bassar li l-idejn tal-qaddej ibati u riġlejh ikunu mniffda (Salm 22:16). Rivelazzjoni aktar wara tirrivela r-raġuni għal stqarrija bħal din: Hu kien imsammar ma' salib (Luqa 23:33).

Il-profeti kienu qalu li Ġesù jkun imqajjem millmewt biex b'hekk ikun jista' joqgħod fuq it-tron ta' David (Isaija 9:7). Dan ġara, kif qal Pietru fil-priedka tiegħu f'Pentekoste wara l-qawmien ta' Ġesù (Atti 2: 30). Hu jmexxi jew jaħkem, mhux lil Ġuda, imma l-aktar saltniet qawwija fuq l-Art. Bħala Sultan, Kristu kellu jaħkem (mis-sema) is-saltna li "*qatt ma tkun meqruda*" u li "*tfarrak u teqred dawn is-saltniet kollha [tad-dinja], u hi tibqa' għal dejjem*" (Danjel 2:44). It-Testment il-Ġdid jistabbilixxi l-leġittimità tas-saltna Tiegħu (Kolossin 1:13; 1 Korintin 15:24-25). Is-suġġetti tal-

qasam irjali Tiegħu kellhom ikunu minn kull nazzjon fuq l-Art (Isaija 2:2), u kienu pprofetizzati biex igawdu ħajja ta' paċi u armonija li tinjora xi jew kull distinzjonijiet umani, preġudizzji, jew inklinazzjonijiet (Isaija 2:4; Galatin 3:28). Dan is-Sultan ikun imlibbes mhux fil-vjola rjali ta' sultan karnali, imma fil-libsa umli ta' qassis qaddis (Salm 110:4; Lhud 5:6). Bħal Melkisedek, il-Messija, kellu jkun kemm Qassis u kemm Sultan (Ġenesi 14: 18), jiggarantixxi lis-suġġetti Tiegħu jkunu jistgħu jersqu lejn Alla mingħajr l-indħil ta' klassi ta' xi kleru. Minflok, kif jafferma t-Testment il-Ġdid, il-Kristjani joffru t-talbiet tagħhom *direttament* lil Alla permezz tas-Sultan tagħhom, Ġesù Kristu—li jidħol għalihom (Mattew 6:9; Ġwanni 14:13-14; 1 Timotju 2:5; Lhud 10:12, 19-22). Ikun impossibbli għall-kittieba tat-Testment il-Ġdid li jipprovdu tweġibiet aktar ċari milli huma pprovdew għall-mistoqsijiet li Kristu staqsa lill-Fariżej.

## KRISTU BĦALA BNIEDEM

L-Iskrittura tgħallem li Ġesù kellu **żewġ** naturi—natura divina u natura umana. Dan huwa importanti ħafna li wieħed jagħraf sewwa għaliex jekk ma nifhmux sewwa dawn iż-żewġ naturi, nistgħu naqgħu fl-istess żball li ħafna waqgħu fih, jiġifieri, jew ngħidu li Ġesù Kristu mhuwiex Alla, kif fil-fatt jgħidu xi wħud, jew inkella ngħidu li Marija hija omm Alla, kif ukoll jemmnu ħafna. Dawn iż-żewġ stqarrijiet it-tnejn huma żbaljati u r-raġuni li huma żbaljati hija għaliex dawk li jsostnuhom ma jagħmlux distinzjoni bejn dawn iż-żewġ naturi ta' Ġesù Kristu.

*1. Bħala Eżistenza Eterna* (Isaija 9:6; Mikea 5:2; Ġwanni 1:1), Ġesù Kristu kien Alla; madankollu, Hu sar bniedem (Ġwanni 1:14; 1 Timotju 3:16; 2:5), magħmul fix-xbieha tal-ġisem tad-dnub (Rumani 8:3), għalkemm mingħajr dnub (Lhud 4:15). Isaija osserva li Kristu kellu jkun "*raġel*" *(bniedem) tan-niket, u magħfus bil-mard.*" Li **jikber** "*bħala rimja tarija, u bħal għerq li joħroġ mill-art*" (Isaija 53:2-3).

*2. Bħala bniedem*, il-profeti qalu, Kristu kellu jkun in-nisel tal-mara (Ġenesi 3:15), u dixxendent ta' Abraham, Iżakk, Ġakobb, u David (Ġenesi 22:18; 26:4; 28: 14; 2 Samwel 7:12-13). It-Testment il-Ġdid jikkonferma li Hu kien imwieled minn mara (Galatin 4:4) li kienet verġni (Mattew 1:23), u li Hu kien dixxendent ta' Abraham, Iżakk, Ġakobb, u David (Mattew 1:1-19). L-appostlu Ġwanni qal li Ġesù sar bniedem u għammar fost il-bnedmin (Ġwanni 1:14). Pawlu kiteb li Kristu kien "*magħmul fix-xbieha tal-bnedmin*" (Filippin 2:7-8). Mill-pożizzjoni Tiegħu bħala tabib, Luqa kiteb li Kristu:

> "*kiber fil-għerf u fit-tul, u fil-grazzja ma' Alla u mal-bnedmin*" (Luqa 2:52).

Hu kien jista' jitgħallem (Lhud 5:8). Hu kien esperjenza l-ġuħ (Mattew 4:2), l-għatx (Ġwanni 19:28), l-għeja (Ġwanni 4:6), ir-rabja (Mark 3:5), frustrazzjoni (Mark 9:19), ferħ (Ġwanni 15:11), dieqa (Ġwanni 11:35), u niket (Luqa 19:41; Lhud 5:7). Ġesù kien "*imġarrab f'kollox bħalna iżda bla dnub*" (Lhud 4:15). Iżda l-aktar ta' sinjifikat huwa li Hu kien jista' jmut (Mark 15:44). F'kull rispett, Ġesù kien uman daqs kemm aħna umani

aħna, li huwa għaliex Hu kien jista', u hekk għamel, irrefera Għalih innifsu bħala "*Bin il-Bniedem*" (ara Mattew 1:20; 9:6; eċċ.).

Iżda l-impatt li kellu Ġesù fuq id-dinja ma kienx minħabba d-dehra fiżika Tiegħu. Fil-fatt, Isaija qal minn qabel li Hu:

> "*Ebda sura ma kellu, u ebda ġmiel biex inħarsu lejh, jew xi sura biex nitgħaxxqu bih*" (Isaija 53:2)

X'differenza mill-ħafna stampi fejn juru lil Ġesù bħala raġel ta' ġmiel fiżiku u wiċċ mill-isbaħ! Pjuttost, kienu n-natura u l-karattru Tiegħu li għamluh daqshekk li jsaħħar, figura li tant tikkmanda, u tant tistħoqq l-unur, ir-rispett, u l-qima. Hawn aħna naraw raġel—imma mhux raġel komuni, għaliex Hu huwa l-uniku bniedem li kien imwieled minn verġni (Isaija 7:14; Mattew 1: 18), u li fuqu l-profeti ispirati kellhom il-kuraġġ japplikaw l-isem ivvenerat ta' "Jaħweh" (Isaija 40:3).

## L-EMOZZJONIJIET TA' ĠESÙ

### Deskrizzjoni

B'żieda ma' li kellu natura divina, Ġesù Kristu kien ukoll laħam u demm (Ġwanni 1:14), kreatura umana. Għalhekk Hu qasam magħna l-limiti kollha ta' l-emozzjonijiet umani. Hu kien jista' jkun ferħan u mnikket. X'ċirkustanzi tal-ħajja għamlu lill-Mulej tagħna jibki? X'għamlu ferħan? Studju ta' din it-tema huwa kemm eċċitanti u li jippremja.

Il-ktieb ta' Isaija (kif rajna aktar qabel) profetikament jitkellem dwar il-Mulej Ġesù bħala "*raġel*" *(bnie-*

*dem) tan-niket, u magħfus bil-mard.*" (Isaija 53:2). Tliet darbiet fit-Testment iil-Ġdid hemm ir-rakkont ta' Ġesù jibki. Ħalli nikkunsidraw kull wieħed minn dawn.

1. Ġwanni 11:25 (li hu l-iqsar vers fil-Bibbja kollha) jgħid bl-aktar mod qawwi:

> "*U Ġesù beka.*"

It-terminu Grieg għal "beka" huwa *darkuo,* użat biss f'dan il-vers ta' Ġwanni. Dan letteralment ifisser "li xxerred id-dmugħ." Dan jissuġġerixxi biki silenzjuż u li ħiereġ minn qalb maqsuma. L-okkażjoni ta' din ix-xena ta' qsim-il qalb hija f'konnessjoni mal-mewt ta' Lażżru. X'kien li ġiegħel id-dmugħ tal-Mulej joħroġ f'dak il-waqt? Ċertament li ma kienx in-niket ta' nuqqas ta' tama għal Lażżru għaliex aħna naqraw fl-1 Tessalonikin 4:13,

> "*Iżda ma rridkomx ma tkunux tafu, ħuti, fuq dawk li huma reqdin fil-mewt,* ***biex ma ssewdux qalbkom****, bħal oħrajn li m'għandhomx tama.*" (Enfasi tiegħi.)

Lażżru kien fi stat ta' eżistenza aħjar. Lanqas ma kien il-biki ta' xi ħadd li kien fi stat waħdu, għaliex il-Mulej kien jaf li l-ħabib Tiegħu se jkun lura mal-familja u l-ħbieb tiegħu preżentament.

Xi wħud issuġġerew li Ġesù beka minħabba li Hu għaraf li Hu kien se jġib lura lil Lażżru għall-ħajja ta' tbatija (Ġwanni 12:10). Iżda, aktar tista' tkun il-veduta li tissuġġerixxi li Ġesù beka minħabba simpatija pura għal dawk li qalbhom kienet maqsuma f'dak il-waqt. Ġwanni jikteb:

> "*Mela meta Ġesù raha tibki, u l-Lhud li ġew magħha jibku wkoll, tniegħed fl-ispirtu, u kien imqanqal, u qal, Fejn qegħidtuh?*" (Ġwanni 11:33-34).

Hu ta' faraġ kbir li l-Qassis il-Kbir tagħna jaqsam magħna s-sentimenti tagħna (Lhud 2:17). Jekk irridu li nkunu bħal Kristu, aħna għandna nitgħallmu li tassew nissimpatizzaw ma' oħrajn (Rumani 12:13).

2. Meta l-Iben ta' Alla ikkontempla d-destin li kien qiegħed jersaq fuq il-maħbuba Tiegħu Ġerusalem, Hu beka b'mod li jinstama' (għax hekk tindika l-kelma Griega *klaio*) f'dieqa ġenwina. Luqa jgħidilna,

> "*U meta qorob, lemaħ il-belt, u beka għaliha*" (Luqa 19:41).

Mingħajr dubju, il-Mulej hawn ra niket kbir hekk kif Hu antiċipa l-orruri li kellhom jinżlu fuq il-Lhud ribell-użi li kienu fix-xifer li joqtlu lill-Messija tagħhom stess. Aktar traġiku saħansitra mit-tbatija fiżika tagħhom stess kien l-aħħar riċeviment ta' l-għadab ta' Alla bħala kon-segwenza tad-diżżubbidjenza tagħhom (Mattew 23:34-36; 1 Tessalonikin 2:16). Tassew, aħna wkoll għandna nitnikktu għall-mitlufin.

3. Għalkemm ir-rakkonti tal-Vanġeli ma jsemmux speċifikament dan, kittieb ieħor ispirat jindika li Ġesù beka f'dawk is-siegħat mudlama qabel il-kurċifissjoni. Il-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud jgħid,

> "*Hu, li fil-jiem tal-ġisem tiegħu, meta offra talb tħannin b'leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-*

*mewt, kien mismugħ minħabba t-tjieba tiegħu*" (Lhud 5:7).

Jista' jkun lid-dmugħ Tiegħu kien għall-bnedmin mitlufa li lanqas biss ma kienu jagħtu każ għat-traġedja li kienet se ssir. Probabbilment, iżda, il-biki Tiegħu rriflettа wkoll il-biża' kbir tar-ruħ qaddisa Tiegħu hekk kif Hu kkontempla fuq li kellu jarfa' l-konsegwenzi tad-dnub fuq l-għuda misħuta (Galatin 3:13; Lhud 12:2). Jista' jkun li kien hemm konnessjoni bejn id-dmugħ Tiegħu u dik l-għajta ta' agunija mis-salib, "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni." (Mattew 27:46.)

Għaliex l-Iskrittura tpoġġi importanza fuq in-**natura umana** ta' Kristu? Kieku Kristu ma sarx bniedem, Hu ma kienx ikun jista' jmut. Id-Divinità, bħala essenza safja spiritwali, tippossiedi l-**immortalità**. Fl-Ewwel Timotju 6:16 naqraw,

> "*Li hu biss ma jmut qatt u jgħammar f'dawl li ħadd ma jista' jersaq lejh, hu li ebda bniedem qatt ma rah u anqas qatt jista' jarah. Lilu ġieħ u setgħa għal dejjem! Amen*"

Il-kittieb ta' Lhud jagħmilha ċara b'mod ta' l-għaġeb li Kristu ħa "*ġisem u demm*" biex:

> "*b'mewtu jeqred is-setgħa ta' dak li kellu l-mewt f'idejh, jiġifieri, ix-xitan*" (Lhud 2:14).

Kieku Kristu ma mietx, ma kien ikun hemm ebda ħlas bi tpattija, ebda maħfra tad-dnubiet—il-familja umana kienet tkun mitlufa bla ebda tama għal dejjem! Grazzi għal Alla għall-umanità ta' Kristu.

## KRISTU BĦALA ALLA

Iżda, l-Iskrittura ma titkellimx **biss** dwar Kristu bħala bniedem. L-Iskrittura tagħraf ukoll in-natura divina Tiegħu. F'ħafna mill-waqtiet, fejn f'xi traduzzjonijiet tal-Bibbja nisbu l-isem "Jehovah," li fl-oriġinal huwa YHWH, dan huwa applikat għall-ewwel Persuna tad-Divinità (jiġifieri, il-Missier—Mattew 28:19). Per eżempju,

> "*Yahweh jgħid lil Sidi: Oqgħod fuq il-lemin tiegħi, sama nqiegħed l-għedewwa tiegħek mirfes taħt riġlejk*" (Salm 110:1).

Ġesù wara spjega li dan il-vers juri lill-Missier qiegħed jindirizza lil Kristu (Luqa 20:42).

*Madankollu, l-isem "Yahweh" huwa wżat ukoll f'okkażjoni biex jirriferi għal Kristu*. Per eżempju, Isaija ipprofetizza dwar il-missjoni ta' Ġwanni l-Battista:

> "*Leħen ta' wieħed igħajjat: hejju t-triq għal Yahweh fid-deżert; wittu għal Alla tagħna mogħdija fix-xagħri*" (Isaija 40:3; Mattew 3:3; Mark 1:3; Luqa 3:4).

Ġwanni l-Battista kien mibgħut biex jipprepara t-triq għal **Kristu** (Ġwanni 1:29-34). Iżda Isaija qal li Ġwanni l-Battista kien mibgħut biex ihejji t-triq għal **Yaħweh**. Għalkemm xi wħud ma jaċċettawx id-Divinità tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, huma jippruvaw idawru dan il-kliem ta' Isaija billi jagħmluh interpretazzjoni li tikkontradixxi t-tagħlim ċar ta' l-Iskrittura Mqaddsa dwar

dan is-suġġett, imma biċ-ċar, l-Iskrittura tgħid li Ġesù Kristu u Yahweh *huma l-istess*. Huwa minnu li Ġesù qal, "*…Missieri akbar minni*" (Ġwanni 14:28b), iżda huwa minnu wkoll li Ġesù qal, "*Jiena u Missieri ħaġa waħda aħn*a" (Ġwanni 10:30). Jekk aħna ma nifhmux iż-żewġ naturi ta' Kristu allura dawn iż-żewġ siltiet ma nifhmuhomx u nagħmlu l-Iskrittura tikkontradixxi lilha nfisha! Dwar dan nitkellmu aktar 'il quddiem.

Il-kittieb ta' Lhud ikkwota l-Missier bħala li qiegħed jindirizza lil Ibnu f'dan il-mod:

> "*U, Int, Mulej [Yahweh—Salm 102: 25], fil-bidu qegħidt is-sisien ta' l-art; u xogħol idejk huma s-smewwiet*" (Lhud 1:10).

Mhux biss dan il-vers japplika l-isem "Yahweh" għal Ġesù Kristu, imma dan attwalment jattribwixxi l-kwotazzjoni **għall-fomm ta' Alla**. Għal darb'oħra, Ġesù u Jahweh huma wżati li jfissru l-istess.

Barra minn dan Ġesù tkellem u aġixxa bħala Alla. Hu afferma li Hu kien "ħaġa waħda" mal-Missier:

> "*Jien u l-Missier aħna ħaġa waħda*" (Ġwanni 10:30).

F'dan il-kapitlu, waqt li Ġesù kien qiegħed jgħid dan il-kliem il-Lhud riedu jħaġġruh u r-raġuni għal dan kienet għaliex, tgħidilna l-ispirazzjoni nfisha, fejn naqraw minn vers 31 sa 33,

> "*Il-Lhud reġgħu qabdu l-ġebel biex iħaġġruh. Imma Ġesù qalilhom: "Kien hemm ħafna għemejjel tajba li jiena wrejtkom mingħand il-Missier; għal*

> *liema għemil minnhom tridu tħaġġruni? Weġbuh il-Lhud: "Mhux għal xi għemil tajjeb irridu nħaġġruk, iżda minħabba d-dagħwa li dgħajt, u għax int,* ***li mintix ħlief bniedem, qiegħed tagħmel lilek innifsek Alla.***" (enfasi tiegħi.)

Hawn Ġesù iddikjara li Hu tassew kien Alla imma l-Lhud li kienu jafu sewwa li kien hemm Alla wieħed u qalulu li Hu kien qiegħed jidgħi. Aħna nafu sewwa li Ġesù ma kienx qiegħed jidgħi imma kien qiegħed jgħid il-verità għaliex Hu tabilħaqq kien Alla (Ġwanni 1:1; Rumani 9:5; Lhud 1:6, 8; eċċ.). Għalkemm xi wħud li ma jaċċettawx li Ġesù Hu Alla u jippruvaw li jpoġġuh fl-istess livell ta' l-allat l-oħra msemmija fil-versi ta' wara, jiġifieri, Ġwanni 10:34, 35, dawn huma żbaljati għal kollox għaliex f'Eżodu għandna l-mistoqsija minn Mosè u minn ulied Iżrael, waqt li għannew lil Alla,

> "*Min hu bħalek, o Mulej,* ***fost l-allat****?* …" (Eżodu 15:11).

Il-konklużjoni li wieħed jista' jasal għaliha, mela, hija din: Jew Ġesù Hu tassew Alla li Jista' Kollox, jew inkella Hu wieħed minn dawk ta' "*fost allat*." Ħaġa bħal din hija assurda li wieħed jemmina. Satana wkoll hu msejjaħ alla imma ċertament li Ġesù mhuwiex fl-istess livell ta' Satana bħala Alla! Yahweh, permezz ta' Isaija qal,

> "…*Qabli l-ebda Alla ma ssawwar, u lanqas ħadd ma jkun hemm warajja*" (Isaija 43:10b).

Jekk Kristu kien imsawwar wara Alla, jiġifieri li kien maħluq, u Hu msejjaħ Alla għal bosta drabi (Isaija 9:6; Mattew 1:23; Ġwanni 1:1; 10:30-33; Lhud 1:8; eċċ.), allura jew Yahweh kien żbaljat, għaliex *issawwar Alla ieħor warajh* li hu Kristu Ġesù jew inkella Kristu Ġesù *tabilħaqq Hu Alla*. U hekk hu għaliex Alla jgħid li "*ma hemmx Alla ieħor għajri*" (Isaija 44:6). Fil-fatt, f'Isaija 44:8b, Alla jgħid,

> "*...Hemm xi alla ieħor għajri, jew xi blata oħra ħliefi? Jekk hemm, ma nafx.*"

Aħna nafu li Alla waħdu Hu **l-blata** (Dewteronomju 32:1-4; 2 Samwel 22:13, 32; Salm 18:2; 31:3; 78:34-35; 80:26; Isaija 17:10-11). Imma Alla qal li "*ma jafx li hemm oħra.*" Mela jekk hemm oħra, jew din hi Alla jew ma jistax ikun li hemm għaliex Alla jaf kollox u Hu qal li ma hemmx oħra li jaf biha. **Kristu Hu msejjaħ blata** wkoll fl-Iskrittura Mqaddsa u dan juri li tassew Hu Alla (ara Mattew 16:17-19; Isaija 28:16; Atti 4:11-12; 1 Korintin 10:4; Numri 20:1-11; Efesin 2:20-22; 1 Pietru 2:6-8). Dan għandu jkun eżempju ċar biżżejjed dwar id-Divinità ta' Ġesù Kristu. Ikun kollu għal xejn li xi ħadd jipprova jġib xi eżempji dwar li l-Iskrittura ssemmi allat oħra, u għalhekk, Kristu hu <u>a</u>lla! Alla veru Wieħed hemm u jekk Kristu mhuwiex dak l-Alla veru allura Hu alla falz! Temmen int li Kristu Hu alla falz?

Ukoll, biex Ġesù Kristu juri kemm Hu kien tassew Alla, Hu ħafer id-dnubiet—**prerogattiva ta' Alla waħdu**. Naqraw fil-Vanġelu ta' Mark,

> "*Meta ra l-fidi tagħhom, Ġesù qal lill-mifluġ: "Ibni, dnubietek maħfura." Mela kien hemm bil-qiegħda xi wħud mill-kittieba, u f'qalbhom bdew jgħidu: Dan kif qiegħed jitkellem hekk? Dan qiegħed jidgħi! Min jista' jaħfirhom id-dnubiet* ***ħlief Alla waħdu****?*" (Mark 2:5-7, enfasi tiegħi).

Mela, jew Ġesù kien tabilħaqq Alla, inkella kien ikun **tassew** qiegħed jidgħi li kieku ma kienx!

Ħaġa oħra li turi kemm Ġesù kien tassew Alla, kellu n-natura Divina ta' Alla, hija li Hu aċċetta l-qima tal-bnedmin li din għandha tingħata **biss** lil Alla. (Mattew 4:10; Atti 10:25; Rivelazzjoni 19:10; 22:8-9). Ġwanni jgħid dwar ir-raġel agħma mit-twelid,

> "*U qal: Mulej, nemmen.* ***U tah qima***" (Ġwanni 9:38).

F'Lhud 1:6, ukoll għandna eżempju ċar ħafna kemm Kristu Hu tassew Alla, Naqraw, fejn Alla qal,

> "***Ħa jqimuh l-anġli kollha ta' Alla****.*" *Għall-anġli tiegħu jgħid: "L-anġli tiegħu jagħmilhom irjieħ lill-qaddejja tiegħu ilsna tan-nar." Imma għall-Iben jgħid: "It-Tron tiegħek,* ***O Alla****, għal dejjem ta' dejjem, ix-xettru tal-ġustizzja hu x-xettru ta' saltnatek.*" (Lhud 1: 6-8; enfasi tiegħi)

Xi wħud jgħallmu li Ġesù Kristu fl-Iskrittura Hu l-anġlu Mikiel. Iżda dan il-kliem minn fomm Alla Nnifsu juri kemm dan it-tagħlim huwa żbaljat. Meta jgħid "*l-*

*anġli KOLLHA*" jfisser li Kristu mhuwiex anġlu għaliex il-qima għandha tkun lil Alla Waħdu u l-anġli ma jaċċettawx qima (Rivelazzjoni 22:8-9) lanqas il-bnedmin, kif diġa rajna aktar qabel (Atti 10:25-26). Kristu aċċetta l-qima u dan għamlu għaliex Hu tassew Alla (ara Mattew 2:2, 8, 11; 8:2; 9:18; 14:33; 15:25; 20:20; 28:9, 17; eċċ.).

Ukoll, Ġesù Kristu Hu msejjaħ "Alla" għal bosta drabi fit-Testment il-Ġdid kif ukoll fil-Qadim. Fi Ġwanni 1:1, Dak li sar bniedem u għammar fost il-bnedmin (Ġwanni 1:14), il-Bibbja tgħid, "*…Il-Kelma* ***kienet*** *Alla.*" U fi Ġwanni 20:28, wieħed mid-dixxipli Tiegħu, Tumas, wara li ra xhieda ċara għall-qawmien tal-Mulej qal, "*Mulej tiegħi u* ***Alla*** *tiegħi!*" Sinjifikament, u b'mod xieraq, Kristu aċċetta dak li qal Tumas. ċertament li Tumas kien jaf li hemm *Alla wieħed*, imma l-ispirazzjoni poġġiet il-kliem ta' Tumas fil-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, għaliex Alla kien jaf li jasal iż-żmien li Kristu ma jkunx aċċettat bħala Alla li Jista' Kollox u ried li juri ċar li Hu tabilħaqq Alla. Skritturi oħra li juru ċar li Kristu Hu Alla, eżempju, Rumani 9:5,

> "*Li tagħhom huma l-patrijarki, li minnhom skond il-ġisem, ġie Kristu, li hu fuq kollox,* ***Alla mbierek*** *għal dejjem. Amen.*" (enfasi tiegħi.)

> "*Imma għall-Iben qal: It-tron tiegħek, o Alla, hu għal dejjem ta' dejjem: xettru ta' ħaqq hu x-xettru ta' saltnatek.*" (Lhud 1:89.)

Ara wkoll Filippin 2:5-10; Kolossin 1:15.

# GĦAŻLIET DWAR ID-DIVINITÀ TA' KRISTU

Meta Ġesù kien meħud quddiem il-kunsill tas-Sanhedrin, il-qassis il-kbir Lhudi staqsih:

> "*Inti l-Kristu, Bin l-Imbierek?*" (Mark 14:61).

Għal dik il-mistoqsija Kristu wieġeb sempliċiment,

> "*Jiena hu*" (Mark 14:62).

B'ħarsa lejn in-natura eżaltata għal stqarrija bħal din, u r-riżultati uniċi tagħha, hemm biss tliet veduti possibbli li wieħed jista' jżomm f'riferenza għall-istqarrija ta' Kristu li jkun Divinità: (1) Jew Hu kien giddieb u attur qarrieqi (2) Jew Hu kien raġel miġnun; jew (3) Hu kien eżattament Dak li qal li Hu kien.

Fil-ktieb tiegħu, *Evidence That Demands a Verdict*, (*Xhieda Li Titlob Verdett*), Josh McDowell intitola kapitlu wieħed: "The Trilemma—Lord, Liar, or Lunatic?" (It-Trilemma—Mulej, Giddieb, jew Miġnun?). L-iskop tiegħu kien biex juri li, tikkonsidra n-natura grandjuża ta' l-istqarrijiet ta' Kristu, Hu jew kien giddieb, jew miġnun, jew il-Mulej. Dawk li ma jaċċettawx lil Kristu bħala Alla jgħidulek 'Iva, Kristu Hu Mulej', imma huma ma jirrealizzawx li hemm biss Mulej **wieħed** u mhux tnejn. L-Appostlu Pawlu jgħid, *"Mulej wieħed …*" (Efesin 4:5), kif ukoll "*Alla wieħed*" hemm (Efesin 4:6), imma fl-Iskrittura Mqaddsa Kristu Hu l-Mulej kif ukoll Alla Hu l-Mulej (ara Rumani 10:12-13). McDowel introduċa l-kapitlu tiegħu fuq id-divinità ta' Kristu bi kwotazzjoni mill-apoloġista famuż Ingliż ta' l-Università ta' Cambridge, C.S. Lewis, li kiteb:

> Jiena hawn qiegħed nipprova biex nevita lil xi ħadd milli jgħid il-ħaġa tabilħaqq mingħajr ebda għaqal lin-nies ta' spiss jgħidu Dwaru: "Jiena lest li naċċetta lil Ġesù bħala għalliem kbir morali, imma jiena ma naċċettax it-talba Tiegħu li Hu Alla." Din hija l-unika ħaġa li m'għandniex ngħidu. Bniedem li sempliċiment kien bniedem u qal ix-xorta ta' ħwejjeġ li qal Ġesù ma jkunx għalliem kbir morali. Hu jew ikun miġnun—fuq livell tal-bniedem li jgħid li huwa bajda mfesdqa—jew inkella hu jkun ix-Xitan ta' l-Infern. Int għandek tagħmel l-għażla tiegħek. Jew dan ir-raġel kien u Hu, l-Iben ta' Alla: jew inkella raġel miġnun jew xi ħaġa agħar. Inti tista' żżommu bħala ibleh, inti tista' tobżoqlu; jew tista' tinżel f'riġlejh u ssejjaħlu Mulej u Alla. Imma ħalli ma niġux b'xi bluha setgħana dwar li Hu jkun għalliem kbir uman. Dan Hu ma ħalliħx miftuh għalina. Hu m'għandux il-ħsieb li jagħmel dan (1952, pp. 40-41).

## Kien Kristu Giddieb?

Kien Kristu giddieb? Ċarlatan? "Manipulatur messjaniku"? Hugh J. Schonfield, fid-*The Passover Plot* (*Il-Kumplott ta' L-Ikla Ta' l-Għid*) stqarr li Hu kien it-tlieta kollha. Schonfield issuġġerixxa li Ġesù imma-

nipula Ħajtu f'tali mod biex iqarraq il-ġrajjiet imfissra fil-profeziji tat-Testment il-Qadim dwar il-Messija. F'waqtiet, dan kien jeħtieġ "tivvinta dawk il-ġrajjiet meta jkun neċessarju, targumenta ma' ħbieb u għedewwa biex tiżgura li t-tbassir ikun imwettaq" (1965, P. 7). Schonfield akkuża li Ġesù "ikkumplotta u għamel skemi bl-aktar sengħa kbira u b'riżorsi, xi kultant jagħmel arranġamenti sigrieti, jieħu vantaġġ ta' kull ċirkustanza li tkun ta' għajnuna għall-ksib ta' l-aspirazzjonijiet Tiegħu" (p. 155). Hu kompla jgħid li Ġesù ppjana wkoll biex iqarraq bil-mewt Tiegħu stess fuq is-salib. Sfortunatament, iżda, Ġesù ma basarx li suldat Ruman iniffidlu ġenbu b'lanza Rumana. Għalhekk, minflok ma qaleb għall-aħjar mill-istat ta' l-heda Tiegħu, Ġesù miet mhux mistenni. Fis-Sibt fil-għaxija, il-ġisem Tiegħu kien meħud għall-post sigriet biex il-qabar Tiegħu jkun vojt fil-jum ta' wara, b'hekk iħalli l-impressjoni talqawmien Tiegħu u, simultanjament, id-Divinità Tiegħu (pp. 161-165).

Imma tinstema din ir-rikostruzzjoni tal-ħajja ta' Kristu bħala li hija tassew? Ukoll jekk ċarlatan ikun jista' jqarraq bi ftit segwaċi tiegħu f'li jemmnu li hu wettaq ftit mill-profeziji (jew b'koinċidenza, jew b'invenzjoni), kif jista' huwa possibbilment iwettaq dawk li kienu 'l fuq mill-kontroll tiegħu? Per eżempju, kif jista' impostur ippjana l-prezz tat-tradiment tiegħu? Kif kien jista' jkun jaf li l-flus kienu se jiġu wżati biex tinxtara għalqa ta' wieħed jaħdem il-fuħħar (Żakkarija 11:13; Mattew 27:7)? Kif hu seta' jkun jaf li nies jitfgħu x-xorti għal ħwejġu (Salm 22:17-18; Mattew 27:35-36)? Madankollu, dawn huma biss kampjun mill-ħafna pro-

feziji li fuqhom hu ma jkollu ebda kontroll. Ġesù, iżda, wettaq kull waħda minnhom.

F'li kkonsidra l-possibbiltà li Kristu kien ftit aktar minn giddieb imżejjen b'kollox, l-istoriku magħruf Bibliku, Philip Scaff, staqsa:

> Kif f'isem il-loġika, sens komuni, u esperjenza, jista' impostur, li huwa qarrieqi, egoista, raġel imħassar—ivvinta, u konsistentament żamm mill-bidu sattmien, l-aktar karattru safi u nobbli magħruf fl-istorja bl-aktar arja perfetta ta' verità u realtà? Kif Hu seta' ħaseb u wettaq pjan b'suċċess ta' benefiċenza, kobor morali, u sublimità li ma hawnx bħalhom u s-sagrifika ħajtu għalih, quddiem l-aktar preġudizzji qawwija tan-nies tiegħu u taż-żminijiet? (1931, pp. 94-95).

Barra minn dan, il-mistoqsija għandha ssir: Liema bniedem f'sensieh huwa lest li **jmut** għal dak li hu **jaf** il-ħin kollu li attwalment huwa gidba? Xi ħadd li għex kif għex Ġesù, għallem kif għallem Ġesù, u miet kif miet Ġesù ma setax kien giddieb"

**Kien Kristu Miġnun?**

Kien Ġesù Kristu sempliċiment miġnun psikomatiku li sinċerament (żbaljat għal kollox) ħares Lejh innifsu bħala Alla nkarnat? Veduta bħal din rari li kienet miżmuma minn xi ħadd li għandu tagħrif fuq il-ħajja ta' Kristu u t-tagħlim Tiegħu. Schaff staqsa:

> Huwa ntellett bħal dan—ċar daqs is-sema, jagħti s-saħħa daqs l-arja tal-muntanja, jaqta' u jippenetra daqs xabla, b'saħħtu u sħiħ kemm jista' jkun, dejjem jiddependi minnu nnifsu—suġġett għall-qerq dwar il-karattru u l-missjoni Tiegħu nnifsu? Immaġinazzjoni assurda! (1913, pp. 97-98)

Sejjer miġnun komplut jgħallem li aħna għandna nagħmlu lil oħrajn kif irriduhom li huma jagħmlu lilna? Sejjer miġnun jgħallem li aħna għandna nitolbu għall-għedewwa tagħna? Sejjer miġnun jgħallem li għandna "ndawwru wiċċna n-naħa l-oħra, u mbagħad jagħti eżempju kif nagħmlu dan—ukoll sal-mewt? Sejjer miġnun jippreżenta kodiċi etiċi/morali bħal dik li tinsab fit-test tal-Priedka fuq il-Muntanja? Bil-kemm il-kemm! Ġenn tal-kwalità mogħtija lil Kristu minn dawk li jridu jċekknuh ma jipproduċiex ġenju bħal dan. Schaff kiteb:

> Li tkun ingannat bik innifsek f'xi ħaġa ta' importanza kbira, u b'intellett f'kull rispett tant ċar u sod, huwa l-istess barra minn loku. Kif jista' Hu jkun entużjażmat jew raġel miġnun li qatt ma tilef il-bilanċ ta' moħħu, li mexa bis-serenità kollha fuq il-problemi kollha u fuq il-persekuzzjonijiet kollha, bħaxxemx fuq is-sħab, li dejjem dar għall-aktar tweġiba għaqlija għall-mistoqsijiet li jħajru, li bil-kalma u bil-ħsieb bassar il-mewt Tiegħu fuq is-salib, il-

> qawmien Tiegħu fit-tielet jum, it-tiswib ta' l-Ispirtu s-Santu, it-twaqqif tal-Knisja Tiegħu, il-qirda ta' Ġerusalem —tbassir li kien imwettaq letteralment? Karattru tant oriġinali, tant komplut, tant perfett, tant uman u madankollu tant 'il fuq mill-kobor kollu uman, ma jista' li jkun la frodi lanqas stħajjil. Il-poeta, kif intqal tajjeb, f'dan il-każ ikun aqwa mill-eroj. Jieħu aktar minn Ġesù biex jivvinta Ġesù (1910, p. 109)

**Kien Kristu Divinità?**

Jekk Ġesù ma kienx giddieb jew miġnun allura l-mistoqsijiet li Ġesù staqsa lill-Fariżej għadhom hemm:

> "*X'taħsbu intom fuq Kristu? Bin min hu?*" (Mattew 22:42).

Kien Ġesù, fil-fatt, eżattament Dak li Hu qal li kien? Kien Hu Alla inkarnat? Ix-xhieda turi li kien.

# XHIEDA GĦAD-DIVINITÀ TA' KRISTU

F'Mark 10 nsibu rakkont dwar żagħżugħ għani li waqt li kien qiegħed ikellem lil Kristu, indirizzah bħala, "*Mgħallem tajjeb*." Kif Ġesù sema' din ir-riferenza, Hu staqsa lir-raġel:

> "*Għax tgħidli tajjeb? M'hemm ħadd tajjeb għajr wieħed, Alla*" (Mark 10: 17-18).

Kien Ġesù qiegħed jissuġġerixxi li l-lealtà ta' dak ir-raġel kienet żbaljata u li Hu (Ġesù) ma kienx jistħoqqlu li jkun imsejjaħ "*tajjeb*" (fis-sens li fl-aħħar Alla biss jimmeritah nomina bħal din)? Le, fil-fatt, Kristu kien qiegħed jissuġġerixxi li Hu **kien jistħoqqlu** dak it-titlu. Ġesù ried lill-mexxej (u lilna wkoll), li jifhem is-sinjifikat tat-titlu li hu kien uża. R.C. Foster spjega fi kliem ieħor it-tweġiba ta' Ġesù kif ġej: "Taf int it-tifsira ta' din il-kelma li inti qiegħed tapplikaha għalija u li inti tużaha tant liberament? Ma hemm *ħadd tajjeb ħlief Alla*; jekk inti tapplika dak it-terminu Għalija, u tifhem dak li tfisser, inti tafferma li *Jien Alla*" (1971, p. 1022. enfssi tiegħi).

Imma mhux hekk biss, taf int li l-Ispirtu s-Santu wkoll Hu msejjaħ tajjeb. Naqraw f'Neħemija 9:20

> "*…int tajt ukoll l-Ispirtu* ***tajjeb*** *tiegħek biex tgħallimhom,…*" (Enfasi tiegħi.)

Ukoll naqraw f'Salm 143:10,

> "*Għallimni nagħmel ir-rieda tiegħek; għax int Alla tiegħi:* ***tajjeb*** *l-Ispirtu*

*tiegħek; mexxini fuq art wietja.*" (enfasi tiegħi.)

Imma "*M'hemm* ***ħadd*** *tajjeb għajr* ***wieħed****, Alla*" (Mark 10:18). Imma aħna nafu li Alla HU l-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu (Mattew 28:19) u hekk l-Iskrittura ma fiha ebda kontradizzjoni meta hija ssejjaħ lil Ġesù "tajjeb" (Ġwanni 10:14) u meta hija sejjaħ lill-Ispirtu s-Santu "tajjeb" (Nehemija 9:20; Salm 143:10) għaliex it-TLIETA flimkien huma 'l Alla Wieħed!

X'xhieda tistabbilixxi d-Divinità ta' Kristu? Fost ħwejjeġ oħra, din tinkludi t-twettiq ta' Kristu tal-profeziji tat-Testment il-Qadim, il-konferma Tiegħu li Hu l-Iben ta' Alla permezz tal-qawmien sussegwenti Tiegħu, u d-dehriet Tiegħu ta' wara l-qawmien.

**Twettiq tal-Profeziji tat-Testment il-Ġdid**

Skulari iddokumentaw aktar minn 300 profezija messjanika fit-Testment il-Qadim (Lockyer, p. 21). Minn Ġenesi għal Malakija, l-istorja ta' Ġesù tintqal fl-inqas dettall. Kritiċi tal-Bibbja li jixtiequ jiddiżapprovaw id-Divinità ta' Kristu, għandhom jirrifjutaw it-twettiq tal-profezija. Biex jikseb dan, wieħed għandu jikkontenda li Ġesù ma wettaqx il-profeziji **ġenwinament**, imma biss **deher** li wettaqhom. Madankollu, b'aktar minn 300 profezija relatati għal Kristu—ebda waħda minnhom ma tista' tkun imwarba bis-serjetà —din hija biċċa xogħol impossibbli.

Sata' Kristu wettaq 300+ profezija jew tlissin ta' profeziji **b'ċans**? P.W. Stoner u R.C. Newman għażlu sempliċiment tmien profeziji speċifiċi, u kkalkulaw il-probabbiltà ta' raġel wieħed iwettaqhom kollha. Il-

konklużjoni tagħhom kienet dik ta' raġel 1 f'$10^{17}$ jista' jagħmel dan (1971, p. 106). Il-probabbiltà li raġel wieħed jista' jwettaq—b'ċans—il-profeziji **kollha** li għandhom x'jaqsmu ma' Kristu u l-ministeru Tiegħu tkun prattikament inkalkulabbli, u l-idea li raġel wieħed għamel hekk tkun assurda għal kollox.

## Esekuzzjoni (Għamil) Ta' Mirakli Ġenwini

Kristu ddefenda u appoġġja t-talba Tiegħu billi għamel il-mirakli. Matul l-istorja, Alla ta s-setgħa lil nies oħra biex jagħmlu l-mirakli. Iżda, waqt li l-mirakli tagħhom kienu kkonfermaw li huma kienu **qaddejja** ta' Alla, il-mirakli ta' Ġesù kienu intenzjonati biex jagħtu prova li Hu kien Alla (ara Ġwanni 10:34, 37-38; 20:28, 30-31).

Waqt li kien fil-ħabs, Ġwanni l-Battista bagħat liddixxipli tiegħu biex jistaqsu lil Ġesù:

> "*Inti huwa dak li għandu jiġi, jew nistennew lil ħaddieħor?*" (Mattew 11:3).

It-tweġiba ta' Ġesù kienet:

> "*Morru għidu lil Ġwanni…l-għomja jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, l-Evanġelju jixxandar lill-foqra*" (Mattew 11:4-5)

Aktar minn 700 sena qabel, Isaija kien bassar li dawk il-ħwejjeġ stess ikunu magħmula mill-Messija (Isaija 35:5-6; 61:1). Ġesù ma kienx qiegħed sempliċiment jgħid: "Ħarsu lejn il-ħwejjeġ tajba li Jiena qiegħed nagħmel." Pjuttost, Hu kien qiegħed jgħid: "Jiena Hu

Dak li qiegħed *nagħmel eżattament dak li Hu ġej suppost li jagħmel!*"

Meta Pietru ndirizza sewwasew lin-nies li kienu poġġew lil Ġesù għall-mewt, hu fakkarhom li l-identità unika ta' Kristu kienet ippruvata fejn qal,

> "*...permezz tal-mirakli u l-għeġubijiet u s-sinjali li għamel bih f'nofskom, kif intom stess tafu*" (Atti 2:22).

Il-frażi tal-qofol hawn hija "*kif intom stess tafu.*" Il-Lhud kienu raw il-mirakli ta' Kristu jiġru fosthom prattikament fuq bażi ta' kuljum. U, mhux bħal mirakli foloz allegament inwettqa mill-"ispiritwalisti" tal-lum, il-mirakli ta' Ġesù kienu opri kbar li tabilħaqq sfidaw spjega naturali. Fil-preżenza ta' ħafna xhieda, Ġesù mhux biss ta d-dawl lil għomja, fejjaq lil l-imġiddmin, tema' l-eluf minn ftit ikel, u għamel liz-zopop jimxu, imma kkalma wkoll ibħra mqallba u qajjem il-mejtin! Għalhekk ma tantx kienu lesti li jammettuh dan, il-kritiċi ta' Ġesù spiss kienu miġjuba wiċċ imb'wiċċ mal-verità li ħadd ma kien jista' jagħmel dak li Ġesù għamel jekk Alla ma kienx miegħu (Ġwanni 3:2; ara wkoll Ġwanni 9).

**Il-Qawmien u d-Dehriet ta' Wara l-Qawmien**

Aktarx, l-aktar miraklu mpressjonanti li jinvolvi lil Ġesù kien il-qawmien Tiegħu mill-mewt. Fi qbil ma' profezija tat-Testment il-Qadim, u eżattament kif Hu kien wiegħed, Kristu ħareġ 'il quddiem mill-qabar tlitt ijiem wara l-kurċifisjoni brutali Tiegħu (Mattew 16:21; 27:63; 28:1-8). Il-qawmien Tiegħu rawh suldati li kienu appuntati biex jgħassu l-qabar ta' Ġesù. Fl-

aħħar, dawn is-suldati kellhom jinxtraw bil-flus biex ibiddlu l-istorja tagħhom dwar il-qabar vojt, biex b'hekk il-mexxejja Lhud ma jitilfux il-kredibbiltà tagħhom, u biex ma jħallux lil-Lhud milli jagħrfu l-veru Messija tagħhom (Mattew 28:11-15). Hija kustjoni ta' storja li l-qabar ta' Kristu kien vojt f'dak il-jum tal-Ħadd filgħodu aktar minn elfejn sena ilu. Kieku Ġesù ma kienx imqajjem mill-mewt, kif il-qabar Tiegħu ssiġillat u mgħasses sewwa mis-suldati nstab vojt?

Li Kristu kien imqajjem mill-mewt hemm bħala xhieda ħafna tipi ta' nies differenti: is-suldati li għassew il-qabar Tiegħu; il-mara li marret filgħodu kmieni biex tidilku bil-fwejjaħ; ħdax-il appostlu; u aktar minn 500 xhud ieħor (ara 1 Korintin 15:4-8). Meta huma raw lil Ġesù ħaj, jieħu n-nifs—jiem wara l-mewt Tiegħu—huma kellhom prova konkreta li Hu kien Dak li stqarr li kellu jkun—ukoll dawk ta' kontrih ma kinux jistgħu jiċħdu b'suċċess il-fatt, u s-sinjifikat, tal-qabar vojt.

Eluf ta' nies kull sena jmorru fl-oqbra tal-fundaturi tal-Buddiżmu u tar-reliġjon Musulmana u reliġjonijiet oħra bħal dawn ħalli jagħtu qima u rispett lill-mexxejja reliġjużi tagħhom. Madankollu, il-Kristjani ma jagħtux qima u rispett fil-qabar ta' Kristu—għas-sempliċi fatt li **l-qabar huwa vojt**. Salvatur **mejjet** mhuwiex tajjeb, daqs kemm mhuwiex tajjeb Salvatur **maħluq**! Dawk kollh ali jemmnu li Kristu Hu maħluq it-tama tagħhom hija fiergħa għaliex kif jista' jew kif tista' kreatura ssalva lill-kreaturi l-oħra kollha meta hija nfisha hija maħluqa! X'tama jista' jkollna aħna fi kreatura? Għal dawk li jaċċettaw, u jaġixxu fuq ix-

xhieda tad-Divinità ta’ Kristu pprovduta bil-qawmien, il-ħajja għandha tifsira, għanja, u sħiħa (ara d-diskussjoni ta’ l-appostlu Pawlu fl-Ewwel Korintin 15). Għal dawk li jirriġettaw il-qawmien u d-Divinità ta’ Sidna Ġesù Kristu, il-qabar vojt jieqaf għal dejjem bħala l-akbar misteru ta’ l-eternità, u jum wieħed iservi bħala l-imħallef silenzjuż tagħhom.

# IL-LIMITAZZJONIJIET TA' KRISTU BĦALA BNIEDEM

Min Hu Ġesù ta' Nażaret? Hu ma kellu ebda taħriġ formali tar-rabbi (Ġwanni 7:15). Hu ma kellu ebda ġid materjali (Luqa 9:58; 2 Korintin 8:9). Madankollu, permezz tat-tagħlim Tiegħu, Hu dawwar id-dinja ta' taħt fuq (Atti 17:6). Biċ-ċar, kif ix-xhieda tiddokumenta, Hu kien, u Hu, kemm Bin il-Bniedem u Bin Alla, jiġifieri, kemm bniedem u kemm Alla. Hu għex, u miet, biex jifdi l-umanità mitlufa. Hu ta Lilu Nnifsu bħala ħlas bi tpattija għad-dnubiet tal-bnedmin kollha (Mattew 20:28). Hu Alla, li kien qabel iż-żmien u jibqa' sa wara ż-żmien, għal l-eternità kollha. Il-Kelma ta' Alla, titkellem dwar l-umiltà Tiegħu, tgħidilna dan:

> "*Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù: hu li għad kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu n-nifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbaħ lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib. Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet, u żejnu bl-Isem li hu fuq kull isem, biex fl-isem ta' Ġesù—fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art—il-ħlejjaq kollha jinżlu għarrkobbtejhom, u kull islien jistqarr: "Ġesù Kristu hu Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier.*" (Filippin 2:5-11).

Dan ifisser li l-Logos, l-Iben ta' Alla, ma qiesx il-ħaġa Tiegħu "li jkun f'egwalità ma' Alla ħaġa li għandha tkun maħtufa, jiġifieri, li tkun maqbuda u li tibqa' żżomm magħha—sempliċiment għaliex din kienet Tiegħu min-natura u bi dritt. Għaliex Hu mhux biss kien *ma'* Alla "fil-bidu," imma Hu *kien* Alla. Jintqal lilna li Hu "battal, żvojtja Lilu Nnifsu, jieħu l-forma ta' qaddej, ikun magħmul fix-xbieha tal-bniedem; u jinsab f'sura bħala bniedem, umilja Lilu Nnifsu, isir ubbidjenti sal-mewt, iva, il-mewt fuq is-salib."

Forsi għandu jkun spjegat lid-dottrina tal-Kenosi jew l-Umiljazzjoni tal-Logos pre-inkarnat matul il-perjodu ta' l-Inkarnazzjoni Tiegħu tikklarifika ċerti Skritturi oħra li jistgħu jidhru li jeħduha kontra l-fatt ta' l-egwaljanza Tiegħu mal-Missier. Is-siltiet f'din il-ħaġa jindikaw li Ġesù Kristu kien suġġett għal ċerti limitazzjonijiet matul il-ministeru Tiegħu. Iżda wieħed għandu jifhem, li dawn il-limitazzjonijiet ma kinux magħquda jew li jmorru man-natura oriġinali u eterna Tiegħu. Lanqas ma dawn kienu sfurzati Fuqu, imma pjuttost kienu imponuti Minnu Nnifsu f'adattazzjoni għan-natura inkarnata Tiegħu. Per eżempju, Ġesù illimita Lilu Nnifsu bid-debbulizza tal-ġisem, bħall-ġuħ, għeja, ħedla, u ħwejjeġ oħra bħal dawn. Eżempju ta' dan inisbuh fi Ġwanni 4:6, fejn naqraw,

> "...*Ġesù għajjien kif kien bil-mixi, qagħad bil-qiegħda ħdejn il-bir.*"

Hemm bosta siltiet oħra bħal din li wieħed jista' jikkwota. Ikun *qerq kbir*, kif fil-fatt isir minn xi wħud, li

tikkwota siltiet bħal dawn biex tipprova turi li Ġesù Kristu mhuwiex Alla!

Ġesù wkoll illimita Lilu Nnifsu bl-emozzjonijiet umani tagħna, b'hekk jagħmel Lilu Nnifsu suġġett għad-dipressjoni, mentali u għad-dieqa. Eżempju ta' dan huwa dak li Ġesù esperjenza fil-Ġnien ta' Ġetsemani, meta Hu talab,

> "*Missier, jekk jista' jkun, biegħed minni dan il-kalċi*" (Mattew 26:39)

L-istess ħaġa kienet id-dieqa kbira mentali Tiegħu, b'sens ta' iżolazzjoni, meta Hu kien fuq is-salib fejn nisimgħu lil Ġesù jitlob lil Alla:

> "*Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?*" (Mattew 27:46).

Ukoll, Ġesù illimita Lilu Nnifsu f'ċerti ħwejjeġ ta' għarfien, per eżempju, meta Hu qal f'okkażjoni waħda, dwar it-tieni miġja Tiegħu,

> "*Dwar dak il-jum u s-siegħa ħadd ma jaf meta se jaslu, anqas l-anġli fis-sema, u anqas l-Iben, ħadd ħlief il-Missier*" (Mark 13:32).

Kemm din is-silta hija wżata sabiex jintwera li Sidna Ġesù Kristu mhuwiex Alla, imma dan huwa kollu qerq u ma fih ebda verità fih!

Fl-aħħarnett, Ġesù illimita Lilu Nnifsu *uffiċjalment*, matul it-tliet snin Tiegħu fil-ġisem fiżiku, billi qagħad għall-Missier u għall-Ispirtu s-Santu. Naqraw hekk dwar dan:

"*…il-Missier hu akbar minni*" (Ġwanni 14:28)

"*Jien ġejt f'isem Missieri*" (Ġwanni 5: 43).

"*Għax jiena nżilt mis-sema mhux biex nagħmel ir-rieda tiegħi, imma r-rieda ta' min bagħatni*" (Ġwanni 6:38).

"*…wara li, permezz ta' l-Ispirtu s-Santu, ta l-ordnijiet tiegħu lil l-appostli li hu kien għażel*" (Atti 1:2).

"*Kristu, li bl-Ispirtu ta' dejjem offra lilu nnifsu vittma safja lil Alla*" (Lhud 9:14).

Dawn il-limitazzjonijiet kollha imponuti minnu Nnifsu kienu f'adattar jew f'aġġustament għall-missjoni Tiegħu fid-dinja bħala 'l Alla-Bniedem. Kien essenzjali li Hu jidentifika Lilu Nnifsu magħna l-mortali sabiex Hu jkun jista' jikkwalifika Lilu Nnifsu għas-Saċerdozju l-Kbir li Hu kellu jassumi wara l-qawmien Tiegħu mill-mewt. Ġesù ħa sehem fin-natura tal-ġisem tagħna biex b'hekk jagħmilna kapaċi ħalli nieħdu sehem fin-natura Divina Tiegħu, permezz ta' l-effikaċja tat-Tpattija jew tal-Ħlas li Hu pprovda għalina. Dawk li ma jarawx din l-umiljazzjoni ta' Ġesù Kristu ma jifhmux il-kobor t'Alla u l-imħabba kbira Tiegħu. Huma mhux talli jwarrbu d-Divinità ta' Alla, imma talli jbaxxuha billi jpoġġu lill-Mulej tagħna fl-istess livell ta' allat oħra billi jgħidu li Hu ma kienx *Alla* imma kien *alla*! Dan hu dnub kbir u insult kbir għall-

integrità ta' Sidna Ġesù Kristu u ta' Alla Nnifsu għaliex l-Alla li naqraw dwaru fl-Iskrittura Mqaddsa hu l-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu (Mattew 28:19). Ma tistax tgħid li Sidna Ġesù Kristu Hu inqas mill-Missier jew mill-Ispirtu s-Santu daqs kemm ma tistax tgħid li l-Ispirtu s-Santu Hu inqas mill-Missier u minn Sidna Ġesù Kristu kif ukoll ma tistax tgħid li l-Missier Hu inqas minn Sidna Ġesù Kristu u mill-Ispirtu s-Santu għaliex IT-TLIETA għandhom L-ISTESS ISEM! Ma hemm ebda differenza f'xi wieħed minnhom. Jekk xi ħadd (kif fil-fatt jippruvaw li jagħmlu xi mexxejja reliġjużi) jipprova jagħti xi interpretazzjoni oħra ta' Mattew 28:19, dan ikollu jħabbat wiċċu ma' l-Imħallef tas-Smewwiet. Trid tkun tassew prużuntuż ħalli tipprova tagħti xi tifsira oħra dwar l-ISEM li għandhom it-Tliet Persuni tat-Trinità Mqaddsa! L-appostlu Pawlu jgħid, fit-2 Korintin 4:4,

> "*Li fosthom* ***alla*** *ta' did-dinja għema moħħ dawk li ma jemmnux, biex id-dawl ta' l-evanġelju glorjuż ta' Kristu, li hu x-xbieha ta'* ***Alla****, ma jiddix fuqhom.*" (Enfasi tiegħi.)

Naħseb li diġa' nnutajt hawn li hemm tnejn, wieħed imsejjaħ alla u l-ieħor imsejjaħ Alla. Imma wieħed biss hu 'l Alla veru. Issa lill-Mulej tagħna, Sidna Ġesù Kristu, tat-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah u xi oħrajn ipoġġuh fuq l-istess livell ta' l-alla ta' did-dinja billi jseħħulu alla u mhux Alla. Mela, Sidna Ġesù Kristu u l-alla ta' did-dinja huma ta' l-istess keffa? Qiegħed tara fejn jasal il-bniedem! (Ara paġni 25-33).

# ID-DIVINITÀ TA' ĠESÙ KRISTU

Ħalli issa naraw punt importanti ħafna dwar id-Divinità tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Fil-bidu ta' dan l-istudju, aħna rajna x'kienet il-fehma tal-Fariżej u s-Sadduċej dwar il-mistoqsija li Ġesù għamlilhom, jiġifieri,

> "*Intom x'taħsbu dwar il-Kristu? Bin min kien?*" (Mattew 22:42).

F'Mattew 16:15, Ġesù għamel mistoqsija lid-dixxipli Tiegħu fejn staqsiehom:

> "*Imma intom min tgħidu li Jien?*"

Din il-mistoqsija magħmula minn Kristu lid-dixxipli Tiegħu, mhux biss għandha tiddetermina d-destin etern tad-dixxipli Tiegħu, imma għandha wkoll, u dan jiddependi fuq it-tweġiba tagħna, tiddetermina d-destin tagħna. L-Iskrittura Mqaddsa tgħidilna ċar ħafna, kif rajna aktar qabel f'dan l-istudju, li kull min jafda fi Kristu jkollu l-ħajja ta' dejjem (Ġwanni 4:13, 14; 20:31; eċċ.). Il-mistoqsija li għandna quddiemna, magħmula minn Ġesù Kristu Nnifsu, l-istess kif kienet magħmula lid-dixxipli Tiegħu u lis-Sadduċej u l-Fariżej hija,

> "*Min tgħidu intom li hu Kristu?*"

Hemm **biss** żewġ pożizzjonijiet li wieħed jista' jieħu. ġesù Kristu jew Hu Alla inkarnat, jew kreatura maħluqa. Jekk Hu Alla, u madankollu, aħna dan niċħduh u nemmnu li Hu sempliċiment kreatura maħluqa, allura ma nkunux fdajna fi Kristu tal-Bibbja Mqaddsa u diġa aħna kkundannati. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna:

> "*Min jemmen fih ma jkunx ikkundannat; iżda min ma jemminx huwa ġa kkundannat, għax ma emminx fl-isem ta' l-Iben il-waħdieni ta' Alla*" (Ġwanni 3:18).

X'ried ifisser Ġwanni meta qal, b'ispirazzjoni minn Alla, "*…min ma jemminx huwa ġa kkundannat…*"? It-tweġiba jagħtihilna l-Mulej Innifsu:

> "*Kif għedtilkom jien, intom tmutu fi dnubietkom. Għax jekk intom ma temmnux li jien hu, tmutu fi dnubietkom*" (Ġwanni 8:24).

Iżda, jekk Ġesù Kristu kien sempliċiment, kif jgħallmu x-Xhieda ta' Jehovah, kreatura maħluqa u aħna nagħtuh qima bħala Alla veru, allura nkunu qegħdin nikkommettu idolatrija, għaliex kif diġa rajna, il-qima għandha tinagħta lil Alla biss. Aħna wkoll inkunu nqasna milli nafdaw fil-Kristu ta' l-Iskrittura, u nkunu kkundannati. Kif inwieġbu din il-mistoqsija, mela, għandu jiddetermina għal dejjem id-destin tagħna—jew inkunu fis-Smewwiet, (Mattew 5:12; 7:21 Filippin 3:20; eċċ.), jew inkunu fl-Infern ma' Satana u d-demonji tiegħu. (Mattew 25:46; Rivelazzjoni 20:10; eċċ.).

Kif se nkomplu naraw f'dan l-istudju tagħna, aħna sejrin insibu li l-Iskrittura Mqaddsa tgħallem ċar ħafna, mingħajr ebda ambigwità, li Ġesù Kristu Hu Alla; u li dawk kollha li jirriġettaw id-Divinità Tiegħu jirriġettaw Lilu, u għalhekk ikunu kkundannati.

# PROVA BIBLIKA DWAR ID-DIVINITÀ TA' ĠESÙ KRISTU

> "*Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet Alla. Din kienet fil-bidu ma' Alla*" (Ġwanni 1:1, 2).

X'jista' jkun aktar ċar minn dan? Ġwanni, b'ispirazzjoni minn Alla, jiddeskrivi lil Ġesù bħala li huwa kemm Alla u kemm etern, u jeżisti ma' Alla. Hawn, Ġwanni jafferma t-tnejn, id-Divinità ta' Kristu u t-Tliet Persuni f'Alla Wieħed (Mattew 28:19). Walter Martin, fil-ktieb klassiku tiegħu, "The Kingdom of the Cults," jikteb dwar it-traduzzjoni ta' qerq tax-Xhieda ta' Jehovah ta' Ġwanni 1:1:

> "Kuntrarju għat-traduzzjonijiet ta' The Emphatic Diaglott u n-New World Translation of the Holy Scriptures, il-kostruzzjoni grammatika tal-Grieg ma tħalli ebda dubju, ikun xi jkun li din hija l-unika tifsira possibbli tat-test. Is-suġġett tas-sentenza huwa l-Kelma (Logos) il-verb kien. Ma jista' jkun hemm ebda oġġett dirett isegwi 'kien' billi skond l-użu grammatiku verbi ntrasittivi ma jieħdu ebda oġġetti imma minflok jieħdu nominattivi predikati li jirreferixxu lura għas-suġġett, f'dan il-każ, il-Kelma (Logos). Fil-fatt l-iskular tal-Grieg tat-Testment il-Ġdid Colwell, ifformola regola li tgħid ċar li nomin-

attiv definit predikat (f'dan il-każ, *theos*—Alla) qatt ma jieħu l-artiklu meta dan jiġi qabel il-verb (kien) kif aħna nsibu fi Ġwanni 1:1. Huwa mela faċli li tara li ebda artiklu ma hu meħtieġ għal *Theos* (Alla) u li tittraduċi "a god" huwa kemm grammatikament inkorrett kif ukoll Grieg fqir billi *Theos* hija n-nominattiv predikat ta' 'kien' fil-klawsola tat-tielet sentenza tal-vers u għandha tirreferi lura għas-suġġett, Kelma (Logos). Kristu, mela, jekk Hu l-Kelma magħmula ġisem (Ġwanni 1: 14) ma jista' jkun ħadd aktar ħlief Alla sakemm it-test Grieg u konsegwentament il-Kelma ta' Alla jkunu miċħuda."

Ix-Xhieda ta' Jehovah fil-verżjoni tagħhom 'The New World Transaltion of the Christian Greek Scriptures' fl-appendiċi paġni 773-77, jippruvaw biex jiddiskreditaw it-test Grieg fuq dan il-punt, għax huma jirrealizzaw li jekk Ġesù Kristu u Jahweh huma "Wieħed" fl-essenza, it-teoloġija tagħhom ma tistax iżżomm billi huma jiċħdu l-għaqda, l-unità tan-natura. L-irrifjutar ta' l-argumenti tagħhom fuq dan il-punt hu konklussiv.

Huma jistqarru li ladarba l-artiklu definit huwa wżat ma' *Theon* fi Ġwanni 1:1, mela l-ommissjoni hija magħmula ħalli turi differenza; id-differenza allegata hija li fl-ewwel każ 'l Alla Wieħed Veru (Jehovah) huwa mfisser, waqt li fit-tieni "alla" (a god), ieħor minn, wieħed minn, u inferjuri għall-ewwel huwa

mfisser li dan l-alla ta' l-aħħar huwa Ġesù Kristu. Jiena se nkompli nuża l-Ingliż biex infisser dwar din il-bidla, jiġifieri, se nirreferi għal bidla bħala '*a god*' u mhux 'alla' biex inkun aktar konċiż u jidher aktar ċar l-artiklu.

F'paġna 776b, it-talba hija magħmula lit-traduzzjoni ta' 'a god' (wieħed alla u mhux Alla) hija korretta għaliex '…id-dottrina kollha ta' l-Iskrittura sagra ġġib it-tajjeb ta' din it-traduzzjoni.' Din ir-rimarka tiġbed l-attenzjoni fuq il-fatt li l-problema kollha nvoluta tmur 'il bogħod wisq minn dan it-test. L-Iskrittura fil-fatt tgħallem id-Divinità sħiħa u egwali ta' Kristu, kif diġa rajna aktar qabel. Għaliex, mela, jintqal dan kollu fuq dan il-vers wieħed (Ġwanni 1:1)? Probabbilment dan huwa minħabba l-effett b'sorpriża mnissel mill-wiri ta' studju falz u żbaljat tat-test familjari. In-nuqqas ta' l-artiklu ma' *Theos* ma jfissirx li 'a god' ifisser ieħor barra mill-veru Alla. Ħalli wieħed jeżamina dawn l-Iskritturi fejn l-artiklu mhuwiex użat ma' *Theos* u jara jekk li tittraduċi 'a god' jagħmilx sens: Mattew 5:9; 6:24; Luqa 1:35, 78; 2:40; Ġwanni 1:6, 12, 13, 18; 3:2, 21; 9:16, 33; Rumani 1:7, 17, 18; 1 Korintin 1:30; 15:10; Filippin 2:11, 13; Titu 1:1 u ħafna u ħafna oħrajn. Iż-żamma tal-fehma ta' 'a god' (wieħed alla) hija debboli wisq u hija inkonsistenti. Biex ikunu konsistenti f'din it-traduzzjoni, ta' 'a god,' ix-Xhieda ta' Jehovah għandhom jittraduċu kull waqt fejn l-artiklu huwa assenti bħala 'a god' (nominattiv), 'of a god' (ġenettiv), 'to' jew 'for a god' (dattiv), eċċ. *Dan huma ma jagħmluhx* f'Mattew 5:9; 6:24; Luqa 1:35, 78; Ġwanni 1:6, 12, 13, 18; Rumani 1:7, 17; eċċ. (Ara fin-

New World Translation u f'The Emphatic Diaglott l-Iskritturi msemmija fuq).

Int ma tistax onestament tittradući *theos* 'a god' (wieħed alla) fi Ġwanni 1:1, u mbagħad *theou* 'of God' (ta' Alla) (Jehovah), f'Mattew 5:9, Luqa 1:35, 78; Ġwanni 1:6; eċċ., meta *theou* hija l-każ ġenittiv ta' l-istess nom (it-tieni deklinazzjoni), mingħajr artiklu u għandha tkun tradotta (issegwi l-argument tax-Xhieda ta' Jehovah) 'of a god' mhux 'of God' kif ipoġġuha kemm The Emphatic Diaglott kif ukoll in-New World Transaltion of the Holy Scriptures. Wieħed jista' jagħmel lista twila ħafna dwar dan, imma nissuġġerixxi konsultazzjoni tal-Greek New Testament jew minn D. Erwin jew ta' Westcott & Hort, flimkien ma' The elements of Greek minn Francis Kingsley Ball (New York: MacMillian, 1948, pp. 7, 14), fuq tmiem tan-nomi, eċċ. Mela, jekk ix-Xhieda ta' Jehovah jippersistu fuq din it-traduzzjoni falza ta' 'a god' huma jistgħu għallinqas ikunu konsistenti, li fil-fatt mhumiex, u jittradu ċu kull darba fejn l-artiklu hu assenti fl-istess mod. Il-verità tal-kustjoni f'dan hija, lix-Xhieda ta' Jehovah jużaw u jneħħu l-enfasi li tgħaqqad kull meta din tkun taqbel max-xewqa tagħhom inkwantu l-liġijiet tal-grammatika li juru l-kontra. Fi traduzzjoni li hija importanti daqs il-Kelma ta' Alla, kull liġi għandha tkun osservata. Ix-Xhieda ta' Jehovah ma kinux konsistenti fl-osservanza tagħhom ta' dawk il-liġijiet.

Ħaġa oħra li hija komuni għax-Xhieda ta' Jehovah hija, dik li jikkwotaw nofs jew li jikkwotaw ħażin awtorità magħrufa biex tgħin tagħti palata t-traduzzjoni li mhix skond il-grammatika. Din nistgħu nsejħula 'diż-

onestà skolastika.’ L-appendiċi tan-New World Transaltion, li jiddefendi t-traduzzjoni tat-Torri ta’ l-Għassa ta’ Ġwanni 1:1, turi ħafna skulari bibliċi magħrufa sewwa biex jappoġġjaw it-tifsira mhux korretta. Fost dawk imsemmija huma Dana u Mantey, James Moffatt, Jay Green, u A.T. Robertson. Spiss, sentenzi mill-kitba ta’ dawn l-iskulari kienu meħuda barra mill-kuntest tagħhom biex jagħmluha tidher bħallikieku huma kienu jappoġġjaw il-pożizzjoni tat-Torri ta’ l-Għassa. Eżempju ta’ dan hija l-kwotazzjoni ta’ A. T. Robertson f’paġna 776 ta’ l-appendiċi tan-New World Transaltion of the Christian Greek Scriptures li taqra, nikkwota:

> “among the ancient writers *ho theos* was used of the god of absolute religion in distinction from the mythological gods”

Fil-Malti dan jgħid hekk:

> “fost il-kittieba antiki *ho theos* kienet użata dwar l-alla tar-reliġjon assoluta f’distinzjoni mill-allat tal-mitoloġija.”

It-Torri ta’ l-Għassa jonqos, *u b’intenzjoni*, milli jinnota li fit-tieni sentenza ta’ wara, Dr. Robertson jgħid, u nikkwota:

> “In the New Testament however, while we have *proston theon* (John 1:1,2) it is far more common to find simply theos, especially in the Epistles.”

Fil-Malti dan jgħid hekk:

> "Fit-Testment il-Ġdid, iżda, waqt li għandna *proston theon* (Ġwanni 1: 1, 2) huwa wisq aktar komuni li ssib sempliċiment *theos*, speċjalment fl-Epistoli).

Robertson kien qiegħed jagħmel il-punt illi l-kittieba tat-Testment il-Ġdid użaw l-artiklu f'mod differenti mill-kittieba antiki Griegi. In-New World Translation tonqos milli ssemmi l-punt reali ta' Robertson *u dan huwa ngann kbir!*

Eżempju ieħor ta' diżonestà skolastika hija l-kwotazzjoni ta' l-appendiċi tal-*Manual Greek Grammar* ta' Dana u Mantey. F'paġna 774 ta' l-appendiċi, ix-Xhieda ta' Jehovah jikkwotaw lil Dana u Mantey f'attentat ħalli jagħtu prova li huma jemmnu li Ġwanni 1:1 ma jistax jittieħed indefinitament. Dr. Mantey wara wieġeb f'ittra għall-użu ħażin tal-kwotazzjoni tiegħu tas-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa. Hu qal, nikkwota:

> "In Jehovah's Witnesses translation of the New Testament where I am quoted in a footnote on John 1:1 (cf. D-M, *Greek Grammar*, p. 148), I was writing on *how the article* 'distinguishes the subject from the predicate in a copulative sentence,' not on the significance of the absence of the article before *theos*. My closing statement in the paragraph was 'As it stands, the other persons of the Trinity may be implied in *theos*.' My interpretation of John 1:1 in

> that same paragraph was 'The word was deity,' i.e., that Christ is of the same essence as the Father, the same family. So I was quoted out of context. Is that honest scholarship?"

Fil-Malti dan jgħid hekk:

> "Fit-traduzzjoni tax-Xhieda ta' Jehovah tat-Testment il-Ġdid fejn jiena qiegħed ikkwotat f'nota f'qiegħ tal-paġna fuq Ġwanni 1:1 (cf. D-M, *Greek Grammar*, p. 148), jien kont qiegħed nikteb fuq kif *l-artiklu* 'jiddistingwi s-suġġett mill-predikat f'sentenza kopulattiva,' mhux fuq is-sinjifikat tan-nuqqas ta' l-artiklu qabel *theos*. L-istqarrija tiegħi ta' l-għeluq fil-paragrafu kienet: 'kif inhi s-sitwazzjoni, il-persuni l-oħra tat-Trinità jistgħu jkunu implikati f'*theos*.' L-interpretazzjoni ta' Ġwanni 1:1 f'dak l-istess paragrafu kienet 'Il-kelma kienet divinità,' jiġifieri, li Kristu hu ta' l-istess essenza daqs il-Missier, ta' l-istess familja. Għalhekk jiena kont ikkwotat barra mill-kuntest. Huwa dan studju akkademiku onest?

Hu pożittiv li tinnota lix-Xhieda ta' Jehovah m'għadhomx aktar jikkwotaw lil A. T. Robertson jew lil Dr. Mantey fil-kitba aktar ġdida tagħhom fuq Ġwanni 1:1! Iżda huma għadhom jistampaw il-kotba l-antiki mingħajr ma għamlu xi reviżjonijiet għall-kwotazzjoni-

jiet. Li nistaqsi jien huwa, kemm mill-membri tagħhom jafu dwar dawn il-ħwejjeġ li permezz tagħhom huma qegħdin jiġu mqarrqa? Wieħed m'għandux jinsa li l-injoranza hija dnub (ara Atti 17:30, 31; Rumani 1:20). Għandu jkun jaf ukoll illi li tħalli min iqarraq bik huwa dnub ukoll (ara Efesin 5:6). Imma l-periklu l-kbir huwa, li wkoll meta xi membri, biex ma ngħidx il-membri kollha, jindunaw b'dan il-qerq huma xorta waħda jibqgħu jaċċettaw dak it-tagħlim falz!

Fi kliem ieħor, minn dan li rajna fuq, il-kittieba tat-Testment il-Ġdid ta' spiss ma jużawx l-artiklu ma' *theos* u madankollu t-tifsira hija ċara perfettament fil-kuntest, jiġifieri, li dak li huwa intenzjonat Hu l-Alla Wieħed Veru. ħalli wieħed jeżamina r-riferenzi li ġejjin fejn fil-versi suċċessivi u wkoll fl-istess sentenza l-artiklu huwa wżat f'waqt wieħed ma' *theos* u mhux użat ma' forma oħra, u *jkun* assolutament ċar li ebda inferenza drastika bħal din ma tkun tista' tinħareġ mill-użu ta' Ġwanni fi Ġwanni 1:1, 2. (Ara Mattew 4:3, 4; 12:28; 28:43; Luqa 20:37, 38; Ġwanni 3:2; 13:3; Atti 5:29, 30; Rumani 1:7, 8, 17-19; 2:16, 17; 3:5, 22, 23; 4:2, 3; eċċ.).

# ID-DIVINITÀ TA’ ĠESÙ KRISTU SPJEGATA

“***Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma’ Alla, u l-Kelma kienet Alla.***

***…U l-Kelma saret ġisem, u għammret fostna….***” (Ġwanni 1:1-3, 14).

F’dan l-istudju inti mitlub/a li taqra l-Iskritturi msemmija kollha mill-Bibbja tiegħek. L-Iskritturi murija diġa’ kienu kkwotati aktar qabel f’dan il-ktieb imma issa jkun ta’ għajnuna kbira għalik jekk inti taqrahom mill-Bibbja tiegħek hekk kif tkun għaddej/ja minn dan l-istudju.

I. Ġesù Kristu kien aktar minn sempliċiment “raġel tajjeb.” Hu Alla.
Filippin 2:6; Lhud 1:8.

A. Hu Nnifsu stqarr li Hu Alla.
Ġwanni 4:26; 8:23; 10:30; 13:13; 14:7-10.

A. Hu aċċetta qima.
Mattew 8:2; 9:18; 14:33; 15:25; 18:26; 28: 9, 17; Mark 5:6; Luqa 24:52; Ġwanni 5: 22, 23; 9:38.

B. Hu stqarr is-setgħa u l-awtorità li jaħfer id-dnubiet li huma ta’ “Alla waħdu.”
Mattew 9:6; Mark 2:7; Luqa 5:20-24

C. “Hu [Alla] deher fil-ġisem” (1 Timotju 3:15, 16), “għax Fih tgħammar il-milja kollha tad-Divinità fil-ġisem” (Kolossin 2:9).

D. "Alla kien fi Kristu" (2 Korintin 5:19), li hu "d-dija tal-glorja tiegħu, u x-xbieha *perfetta* ta' l-essenza tiegħu…" (Lhud 1:3).

E. Ġesù mela Hu rriferut matul l-Iskrittura bħala "x-xbieha perfetta ta' Alla."
   Ġwanni 1:18; 2 Korintin 4:4; Kolossin 1: 15; Filippin 2:6

II. Permezz ta' l-ismijiet attribwiti Lilu fl-Iskrittura wieħed jista' jara li Ġesù Kristu kien tassew Alla kif ukoll bniedem.

A. "Alla Qawwi." Isaija 9:6.

B. Il-Kelma ta' Alla. Ġwanni 1:1; Rivelazzjoni 19:13, 16.

C. "Għimmanu-El" li jfisser "Alla magħna."
   Isaija 7:14; Mattew 1:23.

D. Dak li Jista' Kollox. Rivelazzjoni 1:8.

E. Il-"JIEN HU." Ġwanni 8:58 ma' Eżodu 3:14.

F. "Il-Mulej tiegħi u 'l Alla tiegħi" (Ġwanni 20: 28.

Ġ. L-"Alfa u l-Omega" (l-ewwel u l-aħħar). Isaija 44:6; 48:12; Rivelazzjoni 1:8, 11, 17; 2:8; 21:6; 22:13.

G. Iben ta' Alla. Mattew 17:5; Mark 1:1; Luqa 1:35; 1 Ġwanni 4:15

III. Ġesù Kristu ippossieda l-attributi kollha ta' Alla.

A. Hu kien omnixjenti (li jaf kollox)

Ġwanni 4:25, 26; 6:64; 13:11; 19:28; 21:17

1. Hu kien jaf il-ħsibijiet tagħhom.
   Mattew 9:4; 12:25; 22:18; Mark 2:8; 12:15; Luqa 5:22; 6:8; 9:47; 11:17; Ġwanni 2:24, 25; 5:42; 6:6; 16:19, 30; Atti 1:24.
2. Hu saħansitra bassar il-mewt Tiegħu stess permezz tal-kurċifissjoni.
   Mattew 16:21; 17:22, 23; 20:18, 19 Ġwanni 2:19, 21; 12:23, 24, 32-33

B. Hu omnipreżenti (jinsab kullimkien).
   Mattew 18:20; 28:20; Efesin 1:23

C. Hu omnipotenti (li jista' kollox)
   Danjel 7:13, 14; Mattew 28:18; Ġwanni 3:31, 35; 17:2; 1 Pietru 3:22

D. Hu etern.
   1 Timotju 1:17; 6:16; Rivelazzjoni 1:4, 5

1. L-Iskrittura tistqarr li Kristu kien jeżisti minn qabel il-ħolqien tad-dinja, li Hu kien preżenti mal-Missier sa mill-bidu taż-żmien, jiġifieri, li kien minn dejjem.
   Ġenesi 1:26; 3:22; 11:7, ("… nagħmlu l-bniedem fuq xbihietna, u fuq suritna: … minna … ninżlu …"); Proverbji 8:22-36; Isaija 48:12, 16; Mikea 5:2; Ġwanni 1:1-3, 10; 3:13; 6:62; 17:5, 24; 8:35, 58; 1 Korintin 8:6; Efesin 3:9; Filippin 2:5; Kolossin 1:15-19;

Rumani 11:36; Lhud 1:2; Rivelazzjoni 3:14.

2. Ġesù huwa "l-ewwel u l-aħħar" (Isaija 44:6; 48:12; Rivelazzjoni 1:11, 17), "l-Alfa u l-Omega, il-bidu u t-tmiem" (Rivelazzjoni 1:8, 11; 2:8; 21:6; 22:13).

E. Hu li ma jinbidilx.
Lhud 13:8; Ġwanni 8:58; 18:6 ma' Eżodu 3:14 ("JIEN HU"); Rivelazzjoni 1:17, 18 ("il-Ħaj").

IV. Xi wħud jistqarru li l-mewt ta' Ġesù fuq is-Salib hija prova li Hu ma setgħax li kien Alla. X'evidenza hija mogħtija fl-Iskrittura ħalli tirrifjuta dan l-argument?

A. Il-mewta ta' Ġesù fuq is-salib ma kinetx minħabba l-falliment jew dugħfija min-naħa Tiegħu. Din kienet volontarja għalkollox.
Mattew 26:39, 42; Luqa 22:42; Ġwanni 10:17, 18; Filippin 2:5-9

B. Kienet ir-rieda ta' Alla li Hu jbati u jmut.
Isaija 53:10 – "*Iżda l-Mulej għoġbu jisħqu…*"

C. Hu saħansitra bassar il-mewt Tiegħu stess permezz tal-kurċifissjoni.
Mattew 20:18, 19; 16:21; Mark 8:31; 9:31; 10:32-34; Ġwanni 2:19, 21, 22; 12:23, 24, 32, 33.

D. Hu qal li Hu kellu s-setgħa li jagħti ħajtu u li jerġa' jeħodha.

Ġwanni 10:17, 18.

E. Ma kienx meħtieġ Għalih li jkun iddefendut, Hu qal, għax li ried kien jista' jitlob lill-Missieru u jibgħatlu aktar minn tnax-il leġjun ta' anġli għall-protezzjoni Tiegħu.
Mattew 26:50-54.

F. Hu għeleb il-mewt billi reġa' qam. Il-qawmien waħdu għandu jkun xhieda biżżejjed tad-Divinità Tiegħu (ara sezzjoni VI-E).

V. Għaliex kien neċessarju li Hu jsir bniedem u jmut?

A. "…biex permezz tal-mewt, jeqred lil dak li kellu l-ħakma tal-mewt, jiġifieri, ix-xitan."
Lhud 2:14

B. Biex "jeħles lil dawk li minħabba l-biża' tal-mewt kienu suġġetti għall-jasar ħajjithom kollha."
Lhud 2:15

C. "… li jkun u fidil fil-ħwejjeġ kollha li għandhom x'jaqsmu ma' Alla … billi Hu Nnifsu bata billi kien imġarrab, jista' jgħin lil dawk li huma mġarrbin."
Lhud 217, 18; 4:14-16

D. "… biex iħallas għad-dnubiet tal-poplu."
Lhud 2:17

VI. Id-dettalji speċifiċi tat-twelid, ħajja, ministeru, mewt, u qawmien Tiegħu, kollha fi twettiq ta' profeziji Messjaniċi tat-Testment il-Qadim, huma prova tad-Divinità tal-Mulej Ġesù Kristu.

A. It-twelid Tiegħu.
   1. It-twelid verġni.
      a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Isaija 7:14
      b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 1:23, 24; Luqa 1:27, 31, 34, 35
   2. Post tat-twelid: Betlehem.
      a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Mikea 5:2
      b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 2:1, 6
   3. Data tat-twelid.
      a. Profezija tat-Testment il-Qadim:
      b. Danjel 9:24
   4. Il-ġenealoġija ta' Ġesù Kristu.
      a. Min-nisel ta' Abraham.
         (1) Profezija tat-Testment il-Qadim: Ġenesi 12:2, 3; 22:18
         (2) Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 1:1; Galatin 3:16; Lhud 2:16
      b. Dixxendenti ta' Iżakk
         (1) Profezija tat-Testment il-Qadim: Ġenesi 21:12
         (2) Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 1:2; Luqa 3:23, 24
      c. Dixxendenti ta' Ġakobb.
         (1) Profezija tat-Testment il-Qadim: Ġenesi 35:10-12

(2) Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 1:2; Luqa 1:33; 3:23, 24

d. Mit-tribù ta' Ġuda.

(1) Profezija tat-Testment il-Qadim: Ġenesi 49:10

(2) Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 1:3; Luqa 3:33; Rivelazzjoni 5:5

e. Dixxendenti ta' Ġessi

(1) Profezija tat-Testment il-Qadim: Isaija 11:1, 10

(2) Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 1:6; Luqa 3:23, 32

f. Mil-linja ta' David.

(1) Profezija tat-Testment il-Qadim: 2 Samwel 7:12-14; Ġeremija 23:5

(2) Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 1:1; 9:27; 15:22; eċċ.; Atti 13:22, 23; Rivelazzjoni 5:5; 22:16

5. Il-ħarba fl-Eġittu.

(1) Profezija tat-Testment il-Qadim: Hosegħa 11:1

(2) Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 2:14, 15

B. Il-ħajja Tiegħu.

Ġesù waħdu għex ħajja bla dnub u perfetta, imċieda għal kollox għall-Missier.

Ġwanni 8:29; 14:30; 2 Klorintin 5:21; Lhud 4:15; 7:26; 9:14; 10:7; 1 Pietru 2:22; 1:19; 1 Ġwanni 3:5

C. Il-ministeru Tiegħu.
   1. Il-mod tiegħu tat-tagħlim kien simpliċistiku. Hu tkellem fil-parabboli.
      a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Salmi 49:1-4; 78:1, 2
      b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 13:34, 35; Ġwanni 16:25
   2. Hu tkellem bl-awtorità.
      Mattew 7:28, 29; Luqa 4:32; Ġwanni 7:46
   3. L-egħmejjel Tiegħu, l-għeġubijiet li Hu wettaq waqt li kien hawn fuq l-art, huma prova li Ġesù kien wisq aktar minn bniedem.
      Mattew 4:23, 24; 11:3-5; Mark 1:34; Ġwanni 9:32, 33; 10:37, 38; 21:25

D. Il-mewt tiegħu.
   1. Tradiment ta' ħabib.
      a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Salm 41:9
      b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 26:21-23; Mark 14:10
   2. Imwarrab mid-dixxipli.
      a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Żakkarija 13:7

    b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 26:31, 32
3. Ittradut għal tletin biċċa tal-fidda.
    a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Żakkarija 11:12
    b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 26:15
4. Għalqa ta' fuħħari mixtrija bil-flus.
    a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Żakkarija 11:13
    b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 27:1-8
5. Akkużat b'mod falz minn testimonjanzi ta' ħafna xhieda.
    a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Salm 35:11
    b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 26:59, 60
6. Ma tkellimx quddiem dawk li qabduh.
    a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Isaija 53:7
    b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 26:62, 63; 27:12, 14
7. Imsawwat.
    a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Isaija 50:6
    b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 26:67; 27:26
8. Imsallab.

a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Salm 22:16
b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mark 15:24

9. Ma' min għamel il-ħażen.
   a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Isaija 53:12
   b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 27:38; Ġwanni 19:18
10. Kliemu waqt li kien qiegħed imut.
   a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Salm 22:1
   b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 27:46
11. Inbid b'taħlita morra.
   a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Salm 22:15; 69:21
   b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 27:34, 48; Ġwanni 19:28
12. Imżeblaħ min-nies.
   a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Salm 22:6-8
   b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 27:39-44
13. Ferut fl-idejn u f'ġenbu.
   a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Żakkarija 12:10; 13:6
   b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 27:35; Ġwanni 19:34

14. Ebda waħda minn għadmu ma kienet miksura.
    a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Salm 34:20
    b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Ġwanni 19:32, 33, 36
15. Xorti mitfugħa għal ilbiesu
    a. Profezija tat-Testment il-Qadim: Salm 22:18
    b. Twettiq tat-Testment il-Ġdid: Mattew 27:57-60; Mark 15:24

E. Il-qawmien Tiegħu.
   1. Ipprofetizzat: Salm 16:10 (Atti 2:27; 13:35-37); Mattew 16:21 (Mark 8:31); Mattew 12:38-40; 17:9, 22, 23; 20:18-19; 26:32; 27:63; Mark 9:10, 31; 10:32-34; 14:28, 58; Luqa 9:22; Ġwanni 2:19, 21, 22
   2. Imwettaq: Mattew 28:6, eċċ.; Atti 13:30-37
   3. Prova li Hu kien imqajjem bil-ġisem:
      Atti 1:1-4 – "Hu urihom Lilu Nnifsu ħaj!"
      Luqa 24:36, 39 – "….Ġesù Nnifsu waqaf f'nofshom…"
      Ġwanni 2:19, 21 – "…Hu tkellem dwar it-tempju ta' ġismu!"
      a. Hu deher b'mod viżibbli lil ħafna nies. Atti 13:30-31
         (1) L-ewwel lil Marija ta' Maddalena. Ġwanni 20:14, 18

(2) Imbagħad lin-nisa l-oħra. Mattew 28:9
(3) Lil Pietru. Luqa 24:34; 1 Korintin 15:5
(4) Liż-żewġ dixxipli fit-triq għal Għemmaws. Luqa 24:15.
(5) Fil-kamra magħluqa, lil għaxar dixxipli. Luqa 24:36-43; Ġwanni 20:19, 20
(6) Lil ħdax. Ġwanni 20:26, 29.
(7) Fil-muntanji, lil ħdax. Mattew 28:10, 17
(8) Fil-baħar, lil Pietru, Tumas, Natanael, ulied Żebedew, u żewġ dixxipli oħra.
(9) Lil ħames mitt aħwa flimkien. 1 Korintin 15:6
(10) Lil Ġakbu, u lil l-appostli kollha. Atti 1:1-4; 1 Korintin 15:7.
(11) Lil Pawlu. Atti 9:3-6; 22:17-21; 23:11; 1 Korintin 15:8.

b. Hu tkellem magħhom.
Mattew 28:10, 18; Luqa 2415-17, 25-27, 36-49; Ġwanni 20:15-18, 22, 23, 26-29; 21:5, 6, 10-22; Atti 1:3.

c. Hu kiel magħhom.
Luqa 24:30, 35, 41-43; Ġwanni 21:12, 15; Atti 1:3, 4

d. Huma messewh.

(1) In-nisa. Mattew 28:9
(2) Id-dixxipli. Luqa 24:39
(3) Tumas. Ġwanni 20:27

VII. Id-dottrina tad-Divinità ta' Ġesù, wieħed mill-aktar prinċipji bażiċi tat-twemmin Kristjan, hija mħassra minn ħafna reliġjonijiet li b'mod falz jassumu l-isem ta' "Kristjan" (jiġifieri, Xhieda ta' Jehovah/Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa; Mormoniżmu; Christadelphians, eċċ.), u "jgħawġu l-Iskrittura għat-telfien tagħhom" (2 Pietru 3:16). Huwa essenzjali, għalhekk, li emmiena tassew ikollhom pedament sod fl-Iskrittura li għandu x'jaqsam ma' dan it-tagħlim hekk importanti.

# ATTAKKI FUQ ID-DIVINITÀ TA' ĠESÙ

Dawk li ma jagħrfux id-differenza bejn in-natura Divina u n-natura umana ta' Ġesù, jagħmlu dawn l-akkużi kontra dawk li jemmnu bit-Trinità:

2. *Għaliex Ġesù talab lill-Missier?* (Ġwanni 17)
   - A. Għaliex bħala bniedem Hu kien jeħtieġlu li jitlob lill-Missier.
   - B. Għaliex Hu kien kemm Alla u kemm bniedem (Kolossin 2:9; Ġwanni 8:24, 58 ma' Eżodu 3:14)
     - i. Iż-żewġ naturi ta' Kristu huma r-raġuni għaliex aħna għandna *żewġ tipi ta' Skritturi* dwar Ġesù: dawk li jidhru li jiffokaw fuq in-naħa Divina Tiegħu, u dawn li jidhru li jiffokaw fuq in-naħa umana Tiegħu.
     - ii. Ix-Xhieda ta' Jehovah qegħdin sempliċiment jinjoraw jew ibiddlu, l-Iskritturi tan-naħa Divina u jikkonċentraw fuq dawk li jiddeskrivu n-naħa umana Tiegħu. Kull ma wieħed għandu jagħmel hu li jiċċekkja l-Iskritturi li jitkellmu dwar id-divinità ta' Ġesù fil-Verżjoni tal-Bibbja tax-Xhieda ta' Jehovah (NWT) u jara kif dawn kważi kollha huma mibdula b'xi mod mill-Grieg oriġinali tagħhom!
3. *Għaliex Hu qal li l-Missier kien akbar Minnu?* (Ġwanni 14:28)

A. Dan hu għaliex il-pożizzjoni Tiegħu kienet differenti minn dik ta' Alla, *mhux in-natura Tiegħu.*

B. Jintqal f'Lhud 2:9 li Ġesù għal ftit taż-żmien kien *imniżżel* ftit inqas mill-anġli; jiġifieri, Hu sar bniedem. Il-Missier bagħat lil Iben (1 Ġwanni 4:10).

4. *Għaliex Ġesù qal, "Għaliex issejjaħli tajjeb?" (Luqa 18:19a) – "Ħadd mhu tajjeb, ħlief Alla waħdu." (Luqa 18:19b).*

A. Ġesù hawn kien qiegħed jikkonferma d-Divinità Tiegħu stess għaliex dak li Hu kien qiegħed jagħmel kien tajjeb.

B. Staqsihom lix-Xhieda ta' Jehovah: "Kien Ġesù Tajjeb?"

i. Jista' xi ħadd li Hu bla ebda dnub ma jkunx Tajjeb?

ii. Ġesù *waħdu* kien mingħajr ebda dnub (Lhud 4:15; 2 Korintin 5:21; 1 Pietru 2:22; 1 Ġwanni 3:5) u għalhekk Hu kien "tajjeb" u dan għaliex Hu tassew 'l Alla li Jista' Kollox.

iii. Jew Ġesù Hu "tajjeb" u għalhekk Hu Alla li Jista' Kollox, jew inkella Ġesù mhuwiex tajjeb u għalhekk ikun l-akbar impostur. Ma hemmx triq oħra! (Ara minn paġna 65.)

iv. Imma Ġesù jgħid li Hu kien jista' jagħmel dak kollu li Hu ra lill-Missier jagħmel (Ġwanni 5:19).

5. *Għaliex Ġesù jgħid li Hu jista' jagħmel biss dawk il-ħwejjeġ li Hu ra lill-Missier jagħmel? (Ġwanni 5:19).*

A. Dan huwa vers interessanti ħafna u huwa wieħed li jagħti prova ċara tad-Divinità ta' Kristu, u mhux li Hu ma kienx Alla.

B. Staqsi lix-Xhieda ta' Jehovah "min jista' jagħmel l-istess ħwejjeġ li jista' jagħmilhom il-Missier?

i. Jista' anġlu? żgur li le!

ii. Jista' bniedem? Żgur li le!

iii. Imma Ġesù jgħid li Hu kien *jista'* jagħmel dak kollu li Hu ra lill-Missier jagħmel

iv. "Tassew, tassew, ngħidilkom: L-Iben ma jista' jagħmel xejn minnu nnifsu, għajr dak li jara l-Missier jagħmel: għax dawk il-ħwejjeġ *kollha* li jagħmel, *dawn l-Iben jagħmel ukoll*" (Ġwanni 5:19).

6. It-tweġiba għal dan kollu hija li Ġesù għandu *żewġ naturi*. Ġesù kien bniedem għal kollox kif ukoll Alla għal kollox u bħala bniedem ikun hemm versi li juru l-umanità Tiegħu.

# IL-PERSONALITÀ FI TLIETA TA' ALLA

Aħna nemmnu f'Alla wieħed, imma f'Alla lis-sura ta' l-eżistenza Tiegħu hija f'tali mod li Hu jista' jgħid b'riferenza Għalih Innifsu "Jiena," "Inti," "Hu," "Aħna." Il-Missier jista' jgħid, "Jiena nibagħtu, l-Ispirtu, permezz Tiegħek, l-Iben" (Ġwanni 14:16, 26). Din hija d-dottrina ta' Alla li normalment hija aċċettata mill-Kristjani. Ebda bniedem ma jista' jifhem xi jfisser Kristjan "b'Alla" sakemm hu jpoġġi "f'Alla" dak kollu li huwq mfisser bit-termini separati ta' "Missier," "Iben," u "Spirtu."

F'din il-konnessjoni, wieħed jista' jiċċita dik l-attribuzzjoni liturġika fi tlieta quddiem it-Tron ta' Alla fis-Smewwiet:

> "*Qaddis, Qaddis, Qaddis, hu l-Mulej Alla li Jista' Kollox*" (Isaija 6:3).

Ukoll,

> "*Qaddis, Qaddis, Qaddis, il-Mulej Alla, li jista' kollox, li kien, u li hu, u li ġej*" (Rivelazzjoni 4:8).

Fiż-żminijiet tat-Testment il-Qadim Alla fittex il-ħin kollu biex jimpressjona fuq l-imħuħ tal-poplu magħżul Tiegħu dak il-fatt li *BĦalu ma hawnx*.

> "*Isma', O Iżrael: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu. Ħobb, mela, lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha*" (Dewteronomju 6:4-5)

Ma hemm xejn, iżda, f'din l-affermazzjoni ta' monoteiżmu biex teskludi l-fatt tal-personalità fi tlieta ta' Alla. Ovvjament din it-tħabbira tat-Testment il-Qadim, li 'l Alla tagħna Hu Alla Wieħed, hija essenzjalment l-affermazzjoni Tiegħu ta' li *m'hawnx ieħor Bħalu* bħala 'l Alla ħaj u veru. Din l-idea ta' li m'hemmx ieħor Bħalu (jiġifieri, "*Jien Yahweh, u m'hemmx ieħor, m'hemmx Alla ieħor għajri…*") hija enfasizzata matul it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid. (Dewteronomju 4:35, 39; Isaija 43:10; 45:5-6; 46:9-11).

Fit-Testment il-Ġdid naqraw li meta wieħed mill-iskribi f'okkażjoni minnhom staqsa lil Ġesù dwar l-akbar u l-aqwa kmandament fil-liġi, Ġesù wieġbu:

> "*L-ewwel wieħed huwa dan: Isma' Iżrael; il-Mulej Alla tagħna, Mulej wieħed hu, u int għandek tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, b'moħħok kollu, u bil-qawwa tiegħek kollha.*"

Għal dan l-iskriba wieġeb:

> "*Sewwa qiegħed tgħid, Mgħallem: għandek raġun tgħid li wieħed hemm, u li ma hemmx ieħor ħliefu*" (Mark 12: 28-34).

Il-lingwa ma tistax tkun aktar espliċita.

Il-fatt jibqa', iżda, li l-personalità fi tlieta ta' l-Eżistenza Divina ma kinetx irrivelata ċara fiż-żminijiet tat-Testment il-Qadim; din kienet biss imtarrfa. Fit-Testment il-Qadim, aħna għandna Alla, l-Ispirtu ta' Alla, u

l-Kelma (jew l-Għerf) ta' Alla, bħala eżempju, fl-ewwel kapitlu ta' Ġenesi; imma mkien fl-Iskrittura Lhudija ma huma rrivelati bħala sussistenzi distinti. Ir-raġuni hija ċara: il-maħturin ta' Alla kienu għad-hom mhumiex ippreparati għall-wiri bħal dan. Kieku r-rivelazzjoni kienet magħmula lil ulied Iżrael, imd-awwra minn kull naħa kif kienu bil-politeiżmu pagan, bla dubju huma kienu jħalltu r-reliġjon tagħhom f'qima ta' tliet Allat. Għalhekk ma kienx qabel ma aħ-na naslu fid-dawl ċar tar-rivelazzjoni tat-Testment il-Ġdid li Alla, il-Kelma ta' Alla, u l-Ispirtu ta' Alla tat-Testment il-Qadim, saru l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Huwa sinjifikanti, ukoll, li kien Ġesù Nnifsu, li l-ewwel irrivela din il-verità fil-milja kollha tagħha. Waqt li ta l-Kummisjoni l-Kbira fejn qal ċar ħafna lil l-appostli Tiegħu:

> "*L-awtorità kollha hija mogħtija lili fis-sema u fl-art. Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammdu-hom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Mattew 28:18-19).

Fi kliem ieħor, immersjoni waħda ġġib lil emmieni penitent fl-isem, jiġifieri, ġo, jew taħt *l-awtorità*, tal-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Il-mistoqsija hawn hija, "Għaliex is-singulari—"isem"? Ovvjament, għa-liex **it-Tlieta** huma fl-essenza **WIEĦED**; huma għan-dhom biss isem wieħed, regola waħda, awtorità jew setgħa waħda. Inċidentalment, dan il-fatt innifsu, l-użu tas-singulari "isem," pjuttost minn "ismijiet"—

jinvalida l-hekk imsejħa "immersjoni fi tlieta" jew tliet għaddsiet, li hija pprattikata b'mod żbaljat minn ċerti nies reliġjużi kif ukoll jinvalida t-tagħlim tax-Xhieda ta' Jehovah dwar it-Tliet Persuni tad-Divinità fejn huma ma jemmnux li Kristu Hu Alla kif ukoll l-Ispirtu s-Santu Hu Alla. Il-mistoqsija hawn hija: Jista' xi ħadd jgħid hawn li l-Iben huwa inqas mill-Missier? Jew li l-Ispirtu s-Santu huwa inqas jew differenti mit-tnejn l-oħra? Jekk huma l-istess ("fl-isem") allura għalfejn tgħallmu li l-Iben mhuwiex Alla daqs il-Missier u li l-Ispirtu s-Santu huwa biss qawwa? ċertament li dan mhuwiex it-tagħlim tal-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa imma huwa t-tagħlim tal-bniedem u għandna nwarrbuh.

Id-dottrina ta' l-Iskrittura Mqaddsa dwar il-personalità fi tlieta ta' Alla tista' tkun murija f'sommarju fil-propożizzjonijiet li ġejjin:

- Il-Missier Hu rikonoxxut bħala Alla. Per eżempju: Ġwanni 6:27,

  "*...għax fuq Alla l-Missier qiegħed is-siġill tiegħu*" (ara wkoll Mattew 6:9).

Pietru jgħid,

> "*Maħturin skond il-għarfa minn qabel ta' Alla l-Missier...*" (1 Pietru 1:2).

Hemm ħafna Skritturi oħra fejn il-Missier Hu magħruf bħala Alla.

- L-Iben, li l-Isem Tiegħu huwa l-Kelma (Logos), ukoll Hu rikonoxxut bħala Alla. Per eżempju, Ġwanni 1:1, 2, 14,

> "*Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet Alla. Hu kien fil-bidu ma' Alla,…U l-Kelma saret bniedem u għammret fostna u AĦ-na rajna l-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità.*"

Hawn, il-kittieb ispirat hu espliċitu: "*Fil-bidu,*" jgħid hu, "*kienet il-Kelma u l-Kelma kienet **ma'** Alla,*" jiġifieri, kien hemm **tnejn**, imbagħad, biex jekk ikun hemm xi ħadd li jipprova jifhem li l-Kelma kienet inferjuri għal Alla, hu jżid, "*u l-Kelma **kienet** Alla.*" Dan ifisser, dwar l-essenza, il-Kelma hija Divinità daqs kemm hu tassew li Alla Hu Divinità. Innota wkoll l-ommisjoni ta' l-artiklu hawn: Il-Kelma ma kinetx xi alla (kif xi wħud daħħlu l-artiklu fil-verżjoni tagħhom tal-Bibbja b'mod makakk, jiġifieri, in-New World Translation. Ara minn paġna 25), imma Alla, għaliex hemm biss Alla WIEĦED. Isaija jagħmilha ċara ħafna meta jgħid,

> "…*biex tagħrfu u temmnu, u tifhmu li jien hu: qabli l-ebda Alla ma ssawwar, u lanqas ħadd ma jkun hemm **warajja***" (Isaija 43: 10b).

Ġesù Kristu, jekk Hu maħluq, skond it-tagħlim tax-Xhieda ta' Jehovah, u Hu alla u mhux Alla, allura Isaija kien żbaljat għaliex "issawwar alla ieħor" u kien hemm alla ieħor wara Alla! Imma Isaija ma kienx żbaljat għaliex Ġesù Kristu Hu tabilħaqq Alla. Ġesù Kristu jew Hu Alla jew Hu xi alla falz. Ma jistax li

jkun **xi** alla inqas minn Alla kif jgħallmu x-Xhieda ta' Jehovah. F'Eżodu 15:11 naqraw,

> "*Min hu bħalek, O Mulej, fost l-allat?*"

Nistaqsi jien lix-Xhieda ta' Jehovah, Huwa Kristu wieħed minn "fost l-allat"? Fi Ġwanni 20:28 naqraw dwar Tumas:

> "*U Tumas wieġeb u qalu: 'Mulejja u Alla tiegħi.*"

Il-fatt li Ġesù aċċetta din l-attribuzzjoni tad-Divinità Għalih Innifsu, mingħajr ebda kelma ta' ċanfir, huwa *xhieda prima facie* li Kristu tassew Hu Alla. L-appostlu Pawlu wkoll jitkellem dwar id-Divinità ta' Kristu fejn jgħid f'Rumani 9:5,

> "*Li tagħhom huma l-patrijarki, li minnhom skond il-ġisem, ġie Kristu, li hu fuq kollox, Alla mbierek għal dejjem. Amen.*"

Dan ifisser, li għalkemm Ġesù rċieva n-natura umana Tiegħu miż-żerriegħa ta' Abraham permezz ta' Marija, li kienet l-istrumentalità passiva ta' l-inkarnazzjoni Tiegħu; madankollu, fin-natura eterna Tiegħu *Hu "Alla mbierek għal dejjem. Amen.*" Jista' xi ħadd jiċħdu dan? Ukoll, naqraw f'Lhud 1:8-9,

> "*Imma għall-Iben qal: It-tron tiegħek, **O Alla**, hu għal dejjem ta' dejjem: xettru ta' ħaqq hu xettru ta' saltnatek. Int ħabbejt il-ħaqq, u bgħadt il-ħażen: għalhekk Alla, Alla tiegħek dehnek biż-żejt tal-ferħ aktar minn sħabek.*"

F'din is-silta l-kittieb ispirat jikkwota Salm 54:6-7 bħala li jirreferi espressament għal l-Iben ta' Alla. Din hija dikjarazzjoni ċara tad-Divinità ta' Ġesù Kristu li bilkemm tista' tkun sfidata minn xi angolu ta' konsiderazzjoni. Fi Ġwanni 8:58, Ġesù qal,

> "*...Tassew, tassew, ngħidilkom: Qabel ma kien Abraham, Jien hu.*"

Hawn Ġesù Hu pprezentat bħala li qiegħed jieħu Fuqu Nnifsu l-Isem Kbir u li ma jistax ikun mogħti lil ħaddieħor tad-Divinità. Dan ukoll, xi wħud jippruvaw jinterpretawh b'mod qarrieqi llum iżda Eżodu 3:13-15 għandu jkun tweġiba ċara ħafna għal dawk li tassew iridu jogħġbu lil Mulej,

> "*U Mosè qal lil Alla: Ara, jien sejjer għand ulied Iżrael, u ngħidilhom: Alla ta' missirijietkom bagħatni għandkom. Issa jekk jgħiduli: X'jismu? X'ngħidilhom? U Alla qal lil Mosè: JIEN LI JIEN: u qal: Hekk għandek tgħid lil ulied Iżrael: JIEN li bagħatni għandkom. U qal ukoll Alla lil Mosè: Hekk għandek tgħid lil ulied Iżrael: Il-Mulej, Alla ta' missirijietkom, Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb, bagħatni għandkom. Dan hu ismi għal dejjem, u din hi t-tifkira tiegħi minn nisel għal nisel.*"

Jiena nista' nuża dan l-isem "Jien hu" għalija nnifsi, imma ma jkollu ebda qawwa. Xi wħud hawn ukoll jippruvaw iġibu dan l-eżempju biex juru li l-isem li

uża Ġesù Kristu Għalih ma jfissirx li Hu Alla imma sempliċiment biex juri riferenza Għalih. Dan mhux minnu. Ejja nħallu l-Iskrittura twieġeb dan: Ġwanni 18:4-6,

> "*Mela Ġesù, billi kien jaf dak kollu li kellu jiġi fuqu, ħareġ, u qalilhom: Lil min qegħdin tfittxu? Wiġbuh: Lil Ġesù ta' Nażaret. Qalilhom Ġesù:* ***Jien hu***. *U Ġuda wkoll, li ittradih, kien magħhom. Mela malli qalilhom: Jien hu; marru lura,* ***u waqgħu ma' l-art***." (enfasi tiegħi.)

Għaliex waqgħu ma' l-art? Minħabba l-isem il-kbir *ta' "Jien hu.*" Fi Ġwanni 8:24 Ġesù qal,

> "*Għalhekk għidtilkom, li tmutu fi dnubietkom: għax jekk* ***ma temmnux li Jiena Hu***, *tmutu fi dnubietkom.*" (enfasi tiegħi.)

Jiena ċert li ħadd mhu se jaqa' ma' l-art jekk jiena ngħid għalija li "jien hu" jekk xi ħadd jistaqsi għalija. Sfortunatament ix-Xhieda ta' Jehovah ma jemmnuħx dan imma jemmnu l-interpretazzjoni tat-Torri ta' l-Għassa. ħaġa ċerta, iżda, hija, li ħafna sejrin ikunu sorpriżi fil-ġudizzju dwar dan! Mhix xi ħaġa ta' skantament li l-kontemporanji Lhud ta' Ġesù akkużawh bħala li kien qiegħed *jidgħi* meta Hu qal li kien l-Iben ta' Alla, fejn dan kien ifisser li Hu *kien daqs Alla*! (Ġwanni 5:18). Hemm biss żewġ toroq għal dak li qal Ġesù, jew Ġesù Kristu *kien* dak li Hu qal li kien,

jew inkella Hu kien l-akbar impostur li qatt deher fid-dinja! Jew waħda jew l-oħra!

Ukoll, hemm ħafna Skritturi li fihom l-attributi kollha tad-Divinità huma mogħtija b'mod ċar ħafna lil Iben, bħal, per eżempju:

***Ħajja Infinità***—Ġwanni 1:4,

> "*Kellu l-ħajja fih, u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin.*"

Ġwanni 14:6,

> "*Wieġbu Ġesù: "Jien hu t-Triq, il-Verità, u l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi.*"

Ġwanni 11:25,

> "*Qalilha Ġesù: "Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, wkoll jekk imut, igħix.*"

Rivelazzjoni 1:17-18,

> "*Jien, kif rajtu, waqajt qisni mejjet f'riġlejh. Iżda hu ressaq idu fuqi u qalli: "Tibżax: jien hu l-Ewwel u l-Aħħar, jiena l-Ħaj; jien kont mejjet, u ara, jien issa ħaj għal dejjem ta' dejjem, u għandi jinsabu l-imfietaħ tal-mewt u ta' post il-mejtin.*"

***Eternità***—Ġwanni 17:5,

> "*U issa, Missier, igglorifika lili għandek, bil-glorja li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja.*"

Kolossin 1:17,

> *"Kollox bih u għalih kien maħluq, hu li hu qabel kollox, u kollox fih qiegħed iżomm."*

Rivelazzjoni 21:6,

> *"U qalli mbagħad: "Magħmula huma. Jiena l-Alfa u l-Omega, il-Bidu u t-Tmiem. Lil min hu bil-għatx jiena nisqih b'xejn mill-għajn tal-Ħajja."*

***Eżistenza Fih Innifsu***—Ġwanni 8:58,

> *"Qalilhom Ġesù: "Tassew, tassew ngħidilkom, qabel ma kien Abraham, jiena hu dak li hu."*

(Ara minn paġna 215, għal aktar tagħrif dwar it-tifsira tal-frażi qawwija dwar id-Divinità ta' Kristu: "qabel ma kien Abraham, jiena hu dak li hu," *Studju Dwar il-Pluralità*).

Ġwanni 5:26,

> *"Għax bħalma l-Missier għandu l-ħajja fih innifsu, hekk ukoll ta lil Iben li jkollu l-ħajja fih innifsu."*

Ġwanni 10:17-18,

> *"Għalhekk iħobbni l-Missier, għax jien nagħti ħajti, biex nerġa' neħodha. ħadd ma jeħodieli, iżda jien nagħtiha minn rajja. Għandi s-setgħa li nagħti-ha, u għandi s-setgħa li nerġa' neħodha; din hi l-ordni li ħadt mingħand il-Missier."*

Lhud 7:16,

> *"Hu sar qassis mhux b'liġi tan-nisel tal-ġisem, imma bil-qawwa ta' ħajja li ma tintemmx."*

***Immutabilità*** (bla ma qatt jista' jitbiddel)—Lhud 13: 8,

> *"Ġesù Kristu hu dak li kien, fl-imgħoddi, issa u għal dejjem."*

Mattew 28: 20,

> *"…U ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien."*

Efesin 1:22-23,

> *"Iva, qiegħed kollox taħt riġlejh, u għamlu Ras fuq il-knisja kollha, li hi ġismu, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox."*

***Omnixjenza*** (li jagħraf kollox ukoll dawk il-ħwejjeġ moħbija)—Ġwanni 2:24-25,

> *"Imma Ġesù, min-naħa tiegħu, ma kienx jafda fihom, għax hu kien jaf lil kulħadd u ma kellux bżonn min jagħtih xhieda fuq il-bniedem, għax hu stess kien jaf x'hemm fil-bniedem."*

(Ara wkoll Mattew 12:25; 22:18; Mark 2:8).

Atti 1:24,

> *"U talbu hekk: "Mulej, int li tagħraf il-qalb ta' kulħadd, uri liema minn dawn it-tnejn int għażilt."*

***Omnipreżenza***—Mattew 28:20,

> "*…u ara, jien magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien.*"

***Omnipotenza***—Lhud 1:3,

> "*Hu, l-Iben, li hu d-dija tal-glorja ta' Alla u x-xbieha ta' l-essenza tiegħu, u li jżomm id-dinja kollha bil-kelma setgħana tiegħu, wara li naddafna minn dnubietna, qagħad fuq il-lemin tal-kobor ta' Alla fil-għoli tas-smewwiet.*"

***Verità Infinita***—Ġwanni 14:6,

> "*Wieġbu Ġesù: "Jien hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi.*"

Ġwanni 6:63,

> "*Hu l-ispirtu li jagħti l-ħajja, il-ġisem ma jiswa għal xejn. Il-kliem li jiena għidtilkom huwa spirtu u ħajja.*"

Mattew 24:35,

> "*Is-sema u l-art jgħaddu, imma kliemi ma jgħaddix.*"

Ġwanni 18:37,

> "*Pilatu qallu: "Mela int sultan?" U Ġesù wieġeb: "Qiegħed tgħidu int: jien sultan. Jien għalhekk twelidt, u għalhekk ġejt fid-dinja, biex nixhed għall-verità.*"

***Imħabba Infinita***—Ġwanni 15:13,

> "*Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu.*"

1 Ġwanni 3:16,

> "*B'dan naslu biex nagħarfu x'inhi l-imħabba: li Kristu ta ħajtu għalina….*"

***Qdusija Infinita***—Luqa 1:35,

> "*Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla.*"

Ġwanni 6:68-69,

> "*Wieġbu Xmun Pietru: "Mulej, għand min immorru? Int għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem. U aħna emminna u għarafna li inti l-Qaddis ta' Alla.*"

Atti 2:27 (Salm 16:10),

> "*Għax inti ma titlaqx fl-imwiet lil ruħi, u ma tħallix il-Qaddis tiegħek jara t-taħsir.*"

Lhud 7:26,

> "*Dan hu, tabilħaqq, il-qassis il-kbir li kien jgħodd għalina: qaddis, innoċenti, safi, maqtugħ mill-midinbin, merfugħ 'il fuq mis-smewwiet.*"

Jista' xi ħadd li hu sinċier japplika dawn l-attributi kollha għal xi *kreatura*, għal xi *maħluq*!

Fit-tielet post, l-Iskrittura tattribwixxi għal l-Iben l-opri tad-Divinità, bħal dawn li ġejjin:

***Ħolqien***—Ġwanni 1:3,

> "*Kollox biħ sar, u xejn ma sar min-għajru; kull ma sar kellu l-ħajja fih, u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin.*"

Kolossin 1:16-17,

> "*Għax fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx, troni u ħakmiet, prinċipati u setgħat. Kollox bih u għa-lih kien maħluq, hu li hu qabel kollox u kollox fih qiegħed iżomm.*"

1 Korintin 8:6,

> "*Għalina Alla wieħed hemm: il-Mis-sier li minnu ġej kollox u aħna neżistu għalih; u wieħed is-Sid: Ġesù Kristu, li permezz tiegħu sar kollox u aħna għa-lih neżistu.*"

Lhud 1:8-10,

> "*Imma għal l-Iben igħid "It-tron tiegħ-ek, O Alla, għal dejjem ta' dejjem, ix-xettru tal-ġustizzja hu x-xettru ta' salt-natek. "Ħabbejt is-sewwa u bgħadt il-ħażen: għalhekk, O Alla, dilkek Alla tiegħek b'żejt ta' ferħ akbar minn sħa-bek". U wkoll: "Int, Mulej, waqqaft l-*

*art fil-bidu, u għemil idejk huma s-smewwiet.*"

***Żamma tal-Ħolqien Fiżiku***—Kolossin 1:17,

"*Kollox bih u għalih kien maħluq, hu li hu qabel kollox, u kollox fih qiegħed iżomm.*"

Lhud 1:3,

"*Hu, l-Iben, li hu d-dija tal-glorja ta' Alla u x-xbieħa ta' l-essenza tiegħu, u li jżomm id-dinja kollha bil-kelma set-għana tiegħu, wara li naddafna minn dnubietna, qagħad fuq il-lemin tal-kob-or ta' Alla fil-għoli tas-smewwiet.*"

***Jiġġudika d-Dinja***—Ġwanni 5:25-27,

"*Tassew, tassew ngħidilkom, li tiġi s-siegħa, anzi issa hi, meta l-mejtin jisimgħu l-leħen ta' l-Iben ta' Alla, u dawk li jisimgħuh jgħixu. Għax bħal-ma l-Missier għandu l-ħajja fih innifsu, hekk ukoll ta lil Iben li jkollu l-ħajja fih innifsu, u tah ukoll is-setgħa li ja-għmel ħaqq, għax hu Bin il-bniedem.*"

Ġwanni 5:22,

"*Għax il-Missier ma jagħmel ħaqq minn ħadd, iżda ta kull ħaqq lil Ibnu.*"

Ġwanni 11:26,

"*U kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt…*"

Mattew 25:31-32,

> "*Meta jiġi Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu, U quddiemu jinġabru l-ġnus kollha, u hu jifridhom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-ngħaġ mill-mogħoż.*"

2 Tessalonikin 1:7-9,

> "*U għad iserraħ lilkom li qegħdin issofru, kif ukoll lilna, dak in-nhar li Sidna Ġesù jfeġġ mis-smewwiet imdawwar bl-anġli tal-qawwa tiegħu, b'nar iħeġġeġ, biex iħallas lil dawk li ma jagħarfux lil Alla, u 'l dawk li ma jobdux l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù. Dawn għad jitħallsu bil-piena tat-telfien ta' dejjem, 'il bogħod minn wiċċ Alla u mis-sebħ tal-qawwa tiegħu.*"

Fir-raba' post, hemm Skritturi li jippreżentaw lil l-Iben bħala li jirċievi *unur u qima* li għandhom ikunu mogħtija **biss** lid-Divinità, lil Alla **waħdu**. F'Mattew 4:10 naqraw fejn Ġesù jgħid li l-qima hija lil Alla biss:

> "*Qallu mbagħad Ġesù: Itlaq 'il hemm, Satana, għax hu miktub: AGħti qima lill-Mulej Alla tiegħek, u lilu biss aqdi.*"

Kulħadd jaqbel li dik ix-xorta ta' qima għandha tingħata lil Alla biss. Imma aħna nsibu wkoll fl-Iskrittura

Mqaddsa passaġġi oħra fejn għandna l-istess kelma Griega għall-qima, *proskuneo*, li hija mogħtija lil Kristu, per eżempju:

Ġwanni 5:23,

> "*Biex il-bnedmin kollha jweġġħu l-Iben, **bħal ma** jweġġħu l-Missier. Min ma jweġġahx l-Iben, ma jweġġħax il-Missier li bagħtu.*"

Ġwanni 9:38,

> "*U qal: Mulej, nemmen. **U tah qima**.*"

Mattew 2:2, 8, 11,

> "*IGħidu: Fejn hu dak li twieled Sultan tal-Lhud? Għax aħna rajna l-kewkba tiegħu fil-lvant, u ġejna biex **nagħtuh qima**…U bagħathom Betlehem, u qal: Morru fittxu tajjeb it-tarbija; u meta ssibuh erġgħu għiduli, biex niġi u **nagħtih qima** wkoll…U meta daħlu d-dar, raw it-tarbija m'ommu Marija; u xteħtu fl-art, u **tawh qima**.*"

Mattew 8:2,

> "*U ara, ġie wieħed imġiddem u **tah qima**, billi qal: Mulej, jekk trid, tista' tnaddafni.*"

Mattew 9:18,

> "*Waqt li kien ikellimhom fuq dawn il-ħwejjeġ, ara, ġie wieħed kap tas-sina-*

*goga, u* ***taħ qima****, hu u jgħid: Binti għadha kemm mietet issa: iżda ejja, u qiegħed idek fuqha, u tgħix.*"

Mattew 14:33,

"*Imbagħad dawk li kienu fid-dgħajsa ġew u* ***tawh qima****, billi qalu: Tassew, int l-Iben ta' Alla.*"

Mattew 15:25,

"*Imbagħad dik ġiet u* ***tatu qima****, hi u tgħidlu: Mulej, għinni.*"

Mattew 20:20,

"*Imbagħad resqet lejh omm ulied Żeb-edew ma' wliedha,* ***tagħtih qima****, u tixtieq xi ħaġa minn għandu.*"

Mattew 28:9, 17

"*U huma u sejrin biex jgħidu lid-dix-xipli tiegħu, ara, Ġesù ltaqa' magħ-hom, u qalilhom: Is-sliem għalikom. U resqu, u qabdulu riġlejh,* ***u qimuh****…U malli rawh,* ***qimuh****: iżda wħud tħass-bu.*" (ara Luqa 24:52).

Lhud 1:6,

"*U raġa', meta ġieb l-iben il-kbir fid-dinja, qal:* ***Ħa jqimuh*** *l-anġli kollha ta' Alla*" (Enfasi tiegħi fis-siltiet kollha).

Ċertament li minn dawn il-versi mill-Iskrittura Mqaddsa, wieħed għandu jara kemm hija żbaljata d-dottrina tax-Xhieda ta' Jehovah li tgħid li Kristu Hu l-anġlu Mikiel. Ebda anġlu ma jista' jinagħta qima. Meta anġlu kien mogħti qima dan irrifjutaha. Naqraw f'Rivelazzjoni 19:10; u 22:8-9,

> *"U jiena nżilt f'riġlejh quddiemu u nxħett* ***nagħtih qima****: iżda hu qalli: "Hekk le! Jiena qaddej bħalek u bħal ħutek li għandhom ix-xhieda ta' Ġesù.* ***Il-qima lil Alla tagħtiha****.' Ix-xiehda ta' Ġesù hi l-ispirtu tal-profezija."*

> *"Kont jiena stess, Ġwanni, li smajt u rajt dawn il-ħwejjeġ kollha. U, wara li smajthom u rajthom, inżilt quddiem l-anġlu li wrihomli* ***biex nagħtih qima*** *f'riġlejh, imma qalli: "Hekk le! Jiena qaddej bħalek u bħal ħutek il-profeti, u bħal dawk li jħarsu l-kelmiet ta' dan il-ktieb.* ***Il-qima lil Alla agħtiha****."*

Minn dawn l-Iskritturi naraw li Ġesù Kristu ma jis-tax li jkun l-anġlu Mikiel! Kif jista' jintqal għal anġlu dak li jintqal għal Kristu f'Efesin 1:20-22; 3:10; Kol-ossin 1:16; 3:102:10; Lhud 1:4; 1 Timotju 3:14-16; 1 Pietru 1:12; eċċ. żgur li ebda anġlu ma jista' qatt jok-kupa dik il-pożizzjoni! Ukoll l-appostlu Pietru ma Aċċettax qima bħal din fejn naqraw f'Atti 10:25-26,

> *"X'ħin daħal Pietru, Kornelju mar jil-qgħu u ntefa' f'riġlejh* ***jagħtih qima****.*

> *Imma Pietru qajmu u qallu: "Qum, Jien bniedem ukoll."*

Imkien ma naqraw fejn Ġesù rrifjuta l-qima, u dan juri kemm huwa tassew li Ġesù Kristu Hu tabilħaqq Alla.

Fil-ħames post, hemm Skritturi li fihom l-egwaljanza ta' l-Iben mal-Missier hija ddikjarata b'mod espliċitu: Ġesù jiddikjaraha huwa Nnifsu meta jgħid,

> "*...Missieri għadu jaħdem sa issa: mela naħdem jien ukoll." U minħabba f'hekk il-Lhud wisq iżjed minn qabel bdew ifittxu li joqtluh, mhux biss għax kien jikser is-Sibt, imma wkoll għax lil Alla kien jgħidlu Missieru* ***u jqis ruħu daqs Alla***" (Ġwanni 5:17-18).

**Mistoqsija:** B'dan il-kliem, qies Ġesù Lilu Nnifsu **daqs Alla**? It-tweġiba hija IVA, għaliex kieku l-Lhud ma kinux "*ifittxu bil-wisq iżjed minn qabel biex joqtluh*." ġesù ma ċaħadx l-akkuża tal-Lhud. Sfortunatament illum dawk li ma jemmnux li Ġesù Kristu Hu Alla li Jista' Kollox jagħmlu l-istess akkuża li għamlu l-Lhud.

L-appostlu Pawlu jagħti xhieda ta' dan biex ma jħalli l-ebda dubju dwar id-Divinità ta' Kristu fejn jgħid,

> "*Hu li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu* ***li hu daqs Alla****, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbaħ lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem....*" (Filippin 2:5-8).

Il-Lhud kienu jafu sewwa illi li tgħid li int l-Iben ta' Alla kien ifisser li qiegħed tgħid li int **daqs** Alla (Ġwanni 5:18b). Imma Kristu kien tabilħaqq Alla. Hu kellu n-natura ta' Alla u n-natura ta' bniedem. Il-mistoqsija hija: Kien Kristu, skond il-Kelma ta' Alla, DAQS ALLA? Il-Kelma ta' Alla twieġeb ċar ħafna li kien. Xi reliġjonisti jwarrbu l-Kelma ta' Alla u jwieġbu li ma kienx. Imma aħna għandna nobdu lil Alla aktar milli lill-bnedmin (Ara Atti 4:19 u 5:29). Dak li l-Kelma ta' Alla tgħid f'Filippin 2:5-8 jfisser li l-Logos, l-Iben ta' Alla, ma qiesx li Hu jkun "daqs Alla bħala ħaġa misruqa," jiġifieri, li taqbad magħha u tibqa' żżomm magħha—sempliċiment għaliex dan kien Tiegħu minn natura u bi dritt. Għax Hu mhux biss kien *ma'* Alla fil-bidu," imma "*kien* Alla" wkoll. (Ġwanni 1:1). Kemm jippruvaw jinterpretaw dawn is-siltiet b'modi oħra dawk li jbaxxu lil Kristu u jpoġġuh fuq l-istess livell ta' l-allat l-oħra li naqraw dwarhom fl-Iskrittura. F'Eżodu 15:11 naqraw,

"*Min hu bħalek, O Mulej, fost l-allat?*"

Jew Kristu Hu daqs u bħal Alla jew inkella Hu wieħed minn "fost l-allat." X'temmen int li Kristu Hu wieħed minn "fost l-allat" jew le? ċertament li le! Mela, int għandek tagħmel l-għażla tiegħek, jew temmen li Kristu Hu tassew Alla jew inkella tpoġġih fost l-allat. Tinsiex, li:

"*L-Kelma ta' Alla hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu, u l-ġogi u l-mudullun; u*

*tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb. Xejn ma hemm fil-ħolqien li hu moħbi għalih, imma kollox hu miftuħ għal għajnejn Alla, li lilu rridu nagħtu kont*" (Lhud 4:12-13).

Huwa tassew li Ġesù Kristu tkellem Dwaru Nnifsu bħala bniedem u f'dan il-kuntest Hu qal li Missieru Hu akbar Minnu, eċċ. Imma hu tassew ukoll li Kristu qal,

"*Min ra lili ra 'l Missier…*" (Ġwanni 14:9).

"*Jien u l-Missier ħaġa waħda*" (Ġwanni 11:30).

Tant kemm Ġesù Kristu u l-Missier huma ħaġa waħda li fit-talba Tiegħu lill-Missier Ġesù talab biex id-dixxipli wkoll ikunu ħaġa waħda fil-fehma tagħhom kif Hu u l-Missier huma ħaġa waħda fid-Divinità tagħhom (ara Ġwanni 17:17, 21). Jekk wieħed ma jagħmilx distinzjoni bejn in-natura Divina u n-natura umana ta' Ġesù Kristu allura dan jaqa' fl-istess żball kbir li waqgħu fih il-Lhud ta' żmien Kristu u dawk tal-lum li ma jemmnux li Kristu Hu Alla li Jista' Kollox, jiġifieri, ix-Xhieda ta' Jehovah u minn naħa l-oħra, il-Kattoliċi Rumani li jgħallmu li Marija hi omm Alla! It-**tnejn** huma żbaljati. Ix-Xhieda ta' Jehovah iħarsu lejn Kristu bħala maħluq, għalhekk mhuwiex Alla. Il-Kattoliċi Rumani jħarsu Lejh bħala Alla, għalhekk Marija omm Alla. Imkien fl-Iskrittura kollha ma nsibu li Kristu hu maħluq. Imkien fl-Iskrittura ma nsibu li Marija hi omm Alla. Jiġu kkwotati xi Skritturi minn

Kolossin u Rivelazzjoni biex jintwera li Kristu hu maħluq imma dawn huma biss interpretazzjonijiet u mhux dak li jgħidu dawk l-Iskritturi. It-tnejn, kemm ix-Xhieda ta' Jehovah kif ukoll il-Kattoliċi Rumani jħarsu lejn natura waħda ta' Ġesù Kristu. Jekk Kristu Hu maħluq, x'tama aħna jista' jkollna fi Kreatura maħluqa biex insalvaw? It-tama tagħna hija fuq id-Divinità u mhux fuq kreatura maħluqa!

Ħalli nagħti eżempju dwar Iż-żewġ naturi ta' Ġesù Kristu li naqraw dwarhom f'Filippin 2:5-8.

Nassumu li hemm kumpanija li l-proprjetarji tagħha huma tlitt irġiel. It-tlieta huma ndaqs. Ix-xogħolijiet jew ir-responsabbiltajiet tagħhom huma differenti. Wieħed jieħu ħsieb il-finanzi, wieħed it-tqassim tax-xogħol, u l-ieħor il-kuntratti ta' xogħolijiet. It-tlieta huma ndaqs imma b'responsabbiltajiet differenti. Hemm kumpanija *waħda* biss imma hemm *tlieta* li jmexxuha. Il-ħaddiema li huma mpjegati magħhom ċertament li huma inqas minnhom fil-pożizzjoni tagħhom. L-istess fil-każ tad-Divinità, fil-każ ta' Alla. Meta ngħidu Alla, x'nifhmu? L-Iskrittura Mqaddsa tgħidilna li Alla Hu l-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu (Mattew 28:19). Dan il-Kelma ta' Alla tgħidu u mhux jien! It-tlieta *flimkien* huma Alla. L-istess kif fil-każ tal-kumpanija, it-tliet proprjetarji flimkien huma s-sidien tal-kumpanija waħda. Kumpanija *waħda* imma *tliet* proprjetarji. Alla *wieħed* imma *tliet* Persuni, il-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Jekk wieħed jinnota, f'Mattew 28:19, il-magħmudija hija **fl-Isem** u mhux fl-ismijiet tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. Li titgħammed "fl-Isem ta' Ġesù Kristu" jfisser

li titgħammed fl-Isem tal-Missier u ta' l-Ispirtu s-Santu. Dan l-eżempju nisbuh f'Atti 2:38. In-nies intqal lilhom biex jitgħammdu "*fl-isem ta' Ġesù Kristu.*" Ma hemm ebda kontradizzjoni bejn Atti 2:38 u Mattew 28:19. Il-kontradizzjoni tkun jekk aħna ngħallmu t-tagħlim falz li Ġesù Kristu mhuwiex Alla, jew li Hu alla imma mhux Alla li Jista' Kollox, jekk aħna ngħallmu li l-Alla tal-Bibbja huwa l-Missier *waħdu* u mhux *it-tlieta*, jiġifieri, il-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, kif fil-fatt tgħallem l-Iskrittura Mqaddsa.

Issa, ix-xogħol tal-Missier huwa l-***Fidi***:

> "*Imma l-Avukat, li hu l-Ispirtu s-Santu, **li l-Missier jibgħatu** f'ismi, hu jgħallimkom kollox, u jfakkarkom kulma għidtilkom*" (Ġwanni 14:26).

Ix-xogħol ta' l-Iben huwa d-***Dottrina***:

> "*U dak in-nhar titolbu f'ismi: u ma ngħidilkomx li nitlob lill-Missier għalikom*" (Ġwanni 15:26).

Ix-xogħol ta' l-Ispirtu s-Santu huwa x-***Xhieda***,

> "*Imma meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, imexxikom fis-sewwa kollha: għax hu ma jitkellimx minnu nnifsu; iżda dak kollu li jisma', dak igħid hu: u jgħarrfilkom x'għandu jiġi. Hu jigglorrifikani: għax jieħu minn tiegħi, u jgħarrafulkom. Kulma għandu l-Missier hu tiegħi. Għalhekk għidt: Jieħu minn tiegħi, u jgħarrafulkom*" (Ġwanni 16: 13-15).

Il-Missier jintqal li huwa l-Kawża li *t'oriġina* tal-Pjan ta' l-Univers (Isaija 46:9-11). Il-Kelma jew l-Iben jintqal li hija l-Kawża li *tesegwixxi*; u l-Ispirtu s-Santu l-Kawża li *tirrealizza* jew li *ttemm*, it-tmien ta' l-aħħar ikun univers qaddis, univers li fih il-mortalità nfisha tkun mixruba mill-ħajja (2 Korintin 5:4). Għalhekk, fejn l-Epoka Patrijarka kienet essenzjalment iż-żmien tal-Missier, u l-Epoka Lhudija (Możajka) kienet essenzjalment iż-żmien ta' l-Iben, l-Epoka preżenti, Kristjana, hija ż-żmien ta' l-Ispirtu s-Santu.

Ċertament ma jistax ikollna prova aktar ċara minn dawn dwar lit-tlieta huma ndaqs u jaħdmu flimkien. L-għan huwa wieħed, li jsalvaw lil umanità mid-dnub u mit-telfien ta' dejjem. L-għan tal-proprjetarji, għalkemm b'responsabbiltajiet differenti, huwa wieħed ukoll, li l-kumpanija timxi 'l quddiem jew li ma taqax fil-falliment. Sa hawn tidħol biss in-natura Divina.

Issa ħalli niġu għan-natura umana ta' Ġesù. Nassumu li f'din il-kumpanija, hemm tim tal-futbol li se jieħu sehem f'kompetizzjoni organizzata fost bosta kumpaniji. It-tim huwa kompost mill-ħaddiema tal-kumpanija iżda billi ma kienx hemm nies biżżejjed li kienu jafu jilagħbu l-futbol u wieħed mill-proprjetarji kien jaf jilgħab, dan, biex isalva lit-tim tal-kumpanija tiegħu daħal fit-tim bħala plejer. Dan hu għamlu mingħajr ebda pressjoni mill-proprjetarji l-oħra iżda għaliex ried hu, minn jeddu. Hu illimita lilu nnifsu għal dak il-perjodu tal-kompetizzjoni. Għalkemm hu kien wieħed mill-proprjetarji tal-kumpanija, waqt il-logħob huwa kien meqjus **l-istess** daqs il-plejers l-oħra kollha. Hu kellu joqgħod għar-regolamenti kollha ta' l-

àrbitru. Waqt li kien qiegħed jilgħab fil-grawnd, hu kien imġarrab f'kollox bħal kull plejer ieħor, imma billi hu kien ukoll il-proprjetarju dan ma waqax għat-tentazzjoni. Wara li l-logħba spiċċat, hu reġa' daħal fl-uffiċċju tiegħu bħala wieħed mill-proprjetarji u reġa' ħa l-pożizzjoni li kellu qabel. Waqt il-logħob, hu ma kellux dritt li jikkmanda imma li jobdi r-regolamenti kollha. Imma wara huwa reġa' ħa l-pożizzjoni tiegħu. Mela hawn għandna persuna li f'waqt wieħed hija kienet sid u f'waqt ieħor dik l-istess persuna kienet qaddejja, f'dan il-każ, qaddejja tat-tim tal-futbol tal-kumpanija.

Issa ħalli napplikaw dan għal Ġesù Kristu. Ġwanni jgħidilna li fil-bidu Ġesù kien il-Logos, il-Kelma, li kien ma' Alla, u li **kien** Alla (Ġwanni 1:1). Hu kien wieħed mit-tlieta (Mattew 28:19) li **flimkien** huma msejħa Alla li Jista' Kollox. Kien wieħed mill-proprjetarji, biex ngħidu hekk, imma meta l-umanità kienet fil-bżonn ta' Salvatur, "*Hu, li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda sar bniedem, ħa n-natura ta' bniedem*" (Filippin 2:6-7; Ġwanni 1:1, 14). Ġesù ġie fid-dinja *minn jeddu*, Hu illimita Lilu Nnifsu għal dak il-perjodu ta' żmien li fih Hu kellu jgħaddi fuq l-art. Waqt li Ġesù kien fid-dinja huwa kellu joqgħod għar-regoli tal-liġi Możajka. Ġ*esù "kien imġarrab f'kollox bħalna, min-barra fid-dnub*" (Lhud 4:15). Ġesù obda sal-mewt (Filippin 2:8) waqt li kien fin-natura ta' bniedem (Lhud 5:8). L-istess bħall-proprjetarju li waqt il-logħba kien ittantat biex jimbotta, jagħti gambetti, eċċ., imma billi kien il-proprjetarju kellu jkun ta'

eżempju, hekk ukoll Ġesù ma dinibx għaliex Hu kien wieħed mit-tliet Sid-ien tagħna. Wara li Ġesù lesta mill-missjoni Tiegħu fuq l-art, Hu reġa' mar lura fl-uffiċċju Tiegħu fis-Smew-wiet fejn issa qiegħed isaltan, qiegħed imexxi, l-istess kif għamel, fil-każ ta' l-eżempju tagħna, il-proprjetarju. Ġesù Kristu għandu n-natura ta' Alla u kellu n-natura ta' bniedem. L-àrbitru kien fuq il-proprjetarju waqt il-logħba, imma wara ma kellu ebda setgħa fuqu. L-istess, Marija kienet omm Ġesù waqt li Hu kien fuq l-art bħala bniedem imma wara li Hu tela' fis-Smewwiet hija ma kellha u ma għandha ebda setgħa Fuqu. Ġesù kien bniedem u talab lil Alla bħala bniedem. (Dwar dan naraw aktar 'il-quddiem.) Imma bħala Alla Hu qal biex:

> "*Biex il-bnedmin jweġġhu l-Iben, bħalma jweġġhu l-Missier. Min ma jweġġahx l-Iben ma jweġġahx il-Missier li bagħtu*" (Ġwanni 5:23).

Xi ħadd jista' jistaqsi, u bir-raġun: "Imma Ġesù waqt li kien hawn fuq l-art, x'kien, Alla jew bniedem, jew it-tnejn? It-tweġiba hija, it-tnejn. ħalli morru lura għall-eżempju tagħna tal-proprjetarju tal-kumpanija, u nagħmlu l-istess mistoqsija: Il-proprjetarju, waqt li kien mat-tim tal-futbol, x'kien proprjetarju jew plejer, jew it-tnejn? ċertament lit-tweġiba hija, it-tnejn. ġesù wera n-natura Divina Tiegħu f'bosta waqtiet. Hu ħafer id-dnubiet u l-kittieba qalu li Hu kien qiegħed jidgħi! U komplew jgħidu:

> *"Min jista' jaħfirhom id-dnubiet* ***ħlief*** *Alla waħdu?"* (Mark 2:5-7).

L-istess kif il-proprjetarju, waqt li kien liebes il-flokk tat-tim tiegħu, mar fuqu xi ħadd minn tal-kumpanija fil-ħin tal-mistrieħ u talbu biex jiffirma xi dokument, u dan iffirmah, għalkemm diġa kienet bdiet il-logħba, u forsi jkun hemm xi ħadd li ma jafux, għaliex iħares lejh bħala plejer, jgħid, "min jista' jiffirma d-dokument ħlief il-proprjetarju waħdu?" hekk ukoll Ġesù Kristu kien għad kellu dik is-setgħa waqt li kien bniedem, imma l-Lhud ħarsu Lejh bħala bniedem. Waqt il-logħba, il-proprjetarju qala' bis-sieq, kien hemm min għajjru, waqa' ma' l-art, eċċ. Iżda fl-uffiċċju tiegħu dan ma jsirx. Hekk ukoll Ġesù Kristu. Waqt li kien bniedem, kien hemm min sawtu, min għajjru, min beżaqlu, iddieħku Bih, sa qatluh. Iżda waqt li Hu qiegħed fl-uffiċċju Tiegħu fis-Smewwiet dan ma jsirx. F'dan il-mod wieħed jista' jifhem Iż-żewġ naturi ta' Ġesù Kristu biex b'hekk ikun jista' jifhem aħjar min Hu l-Alla ta' l-Iskrittura Mqaddsa. Il-biċċa l-kbira tannies reliġjużi joħolqu alla tagħhom. Meta wieħed jgħallem (kif jgħallmu x-Xhieda ta' Jehovah u xi oħrajn) li Alla Hu l-Missier waħdu u li l-Iben u l-Ispirtu s-Santu mhumiex Alla, dan ma jkun qiegħed jagħmel *xejn ħlief li jkun qiegħed joħloq alla hu!* L-Alla tal-Bibbja Hu l-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu (ara Mattew 28: 18-20; Ġwanni 14:16, 26; 1 Pietru 1:2; Mattew 3:16-17; Luqa 4:17-19; Rumani 1:1-7; 2 Korintin 13:13; 1 Tessalonikin 1:1-6; 2 Timotju 1:1, 14; Titu 3:4-7; eċċ.). It-**Tlieta** flimkien jagħmlu 'l Alla li nsibu fil-Bibbja Mqaddsa. L-istess bħal meta

nitkellmu dwar l-univers. X'nifhmu aħna meta ngħidu l-univers? L-univers jikkonsisti minn spazju, materja u ħin (żmien). Ma tistax tneħħi xi waħda minnhom, per eżempju, l-materja, u tgħid li l-univers huwa l-ispazju u l-ħin. Dan ikun univers maħluq minnek u mhux il-veru univers. L-istess l-ispazju. Inti għandek it-tul, il-wisa', u l-għoli. Neħħi t-tul jew xi wieħed mit-tnejn l-oħra, xi jkollok? Ukoll dan nistgħu napplikawh għall-ħin. Fil-ħin jew żmien inti għandek il-passat, il-preżent u l-futur. Issa napplikaw dan għal Alla. Meta ngħidu Alla tal-Bibbja aħna għandna l-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. (Mattew 28:19). Neħħi wieħed minnhom u tkun ħloqt alla tiegħek, kif fil-fatt għamlu x-Xhieda ta' Jehovah bit-tagħlim żbaljat tagħhom li Alla hu l-Missier waħdu. Alla Hu Wieħed. Naqraw hekk fil-Kelma ta' Alla,

> "*Għax wieħed hu Alla, u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, il-bniedem Kristu Ġesù*" (1 Timotju 2:5)

Huwa minnu li hemm Alla WIEĦED għax hekk tgħid l-Iskrittura Mqaddsa. Huwa minnu wkoll li l-Iskrittura tgħid li "*hemm **ħafna** allat…*" (1 Korintin 8:5). Imma ċertament li la l-Missier bħala Alla (1 Korintin 8:6); la l-Iben bħala Alla (Isaija 6:9; Ġwanni 1:1; Lhud 1:8; eċċ.); u l-anqas l-Ispirtu s-Santu bħala Alla (Atti 5:3-4) ma nistgħu npoġġu lil xi wieħed minnhom fl-istess keffa ta' dawk il-ħafna allat! Fis-*saltna tad-dawl* (Kolossin 1:12, 13) hemm Alla Wieħed bissu l-oħrajn kollha huma foloz! Naqraw f'Eżodu 15:11 il-mistoqsija:

*“Min hu bħalek, O Mulej, fost l-allat? Min hu bħalek? Int kbir fil-qdusija, tal-biża’ fit-tifħir, int li tagħmel l-għeġubijiet?”*

Mela hawn qegħdin naraw li hemm ħafna *allat* oħra. Qegħdin naraw li jekk hemm Alla wieħed biss imma hemm ukoll ħafna allat oħra, dawk kollha li huma msejħa alla, barra mill-veru Alla jinsabu kollha fil-keffa ta’ dawk l-allat *foloz* l-oħra kollha! Mhux hekk? Mela kemm Kristu u kemm l-Ispirtu s-Santu lit-tnejn huma msejħa Alla u mhux alla ma jistgħux ikunu fl-istess keffa ta’ l-allat l-oħra kollha inkella jkunu *allat foloz*! Temmen int, li qiegħed taqra dan il-ktejjeb, li Kristu u l-Ispirtu s-Santu huma *allat foloz*? Jiena dan ma nemmnux għaliex jekk nemmnu, skond il-Mulej tiegħi Ġesù Kristu, se nkun ikkundannat (Ġwanni 8: 24; Atti 10:19-20). Int għandek *tagħmel għażla* hawn, bejn dak it-tagħlim falz li jgħallem il-bniedem u t-tagħlim veru li tgħallem il-Bibbja Mqaddsa (Atti 5: 29).

Mela la l-Iskrittura tgħid li l-Missier Hu Alla (Ġwanni 6:7; 1 Pietru 1:2; eċċ.), la l-Iskrittura tgħid li Kristu Hu Alla (Ġwanni 1:1; Lhud 1:8; eċċ.), u la l-Iskrittura tgħid li l-Ispirtu s-Santu Hu Alla wkoll (Atti 5:3-4; 1 Korintin 6:11; eċċ.), allura l-unika konklużjoni hija li la hemm Alla WIEĦED u mhux tlieta, Alla Hu l-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu (it-Tlieta flimkien u mhux xi wieħed minnhom waħdu kif igħallmu xi wħud b’mod żbaljat għalkollox u mhux Skritturali) li fil-fatt meta wieħed jitgħammed għandu jitgħammed f’dak l-**Isem** (u mhux **fl-ismijiet**) ta’ Alla

(Mattew 28:19). Eżempju ieħor ċar insibuh f'Ġenesi fejn naqraw f'kapitlu 1:1,

> "*Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art.*"

Min hu dan 'l Alla **wieħed** imsemmi f'dan l-ewwel vers ta' Ġenesi? Għalkemm wieħed jifhem li Hu Alla wieħed, meta naqraw vers 26 u passi oħra mill-Iskrittura jkollna tifsira aħjar dwar min Hu dan l-Alla wieħed. Hawn Alla juża **l-pronom plurali**:

> "*U Alla qal: Ħalli* ***nagħmlu*** *l-bniedem fuq is-sura u x-xbieha tagħna*" (enfasi tiegħi).

Hawn wieħed għandu jinnota li għalkemm Hu Alla li qiegħed jitkellem, Hu ma qalx "ħalli **nagħmel** il-bniedem fuq is-sura u x-xbieha **tiegħi**" imma Hu qal "ħalli **nagħmlu** l-bniedem fuq is-sura u x-xbieha **tagħna**."

**Mistoqsija:** Għaliex Alla qiegħed jgħid "*nagħmlu*" u mhux "*nagħmel*" u "*tagħna*" u mhux "*tiegħi*"? Naħseb li minn dak li diġa qrajt f'dan l-istudju inti diġa għandek it-tweġiba. Ukoll, f'Ġenesi 3:22 naqraw hekk,

> "*U l-Mulej Alla qal: Ara, il-bniedem sar bħal wieħed* ***minna***" (enfasi tiegħi).

Hawn ukoll nagħmlu l-istess mistosija: "Għaliex Alla *qal "sar bħal wieħed* ***minna***" u ma qalx "*sar* ***bħali***"? Ukoll f'Ġenesi 11:5-7 għandna l-istess eżempju car dwar it-tliet Persuni tad-Divintà:

> "*U l-Mulej niżel jara l-belt u t-torri, li wlied il-bnedmin kienu jibnu. U l-Mulej qal: ara, il-poplu wieħed, u lkoll*

> *għandhom ilsien wieħed; u dan hu l-bidu tax-xogħol tagħhom; issa xejn ma jżommhom milli jagħmlu kulma jfettlilhom. Ejja, ħa* ***ninżlu****, u hemm* ***inħawdulhom*** *ilsienhom, biex wieħed ma jifhimx ilsien sieħbu.*"

Għaliex Alla qal, "*Ejja, ħa* ***ninżlu***" u mhux "*Ejja, ħa* ***ninżel***" u "*hemm* ***inħawdulhom***" u mhux "*hemm* ***inħawdilhom***"? F'Isaija 6:8 naqraw ukoll:

> "*U smajt ukoll leħen Sidi, igħid: Lil min nibgħat, u min sa* ***jmurilna****?...*"

"*Min se* ***jmurilna****?*" u mhux "*min se* ***jmurli****?*" Għaliex? It-tweġiba nsibuha f'vers 3 ta' Isaija 6,

> "*U wieħed kien jgħajjat lil ieħor, u jgħid:* ***Qaddis****,* ***Qaddis****,* ***Qaddis****, hu l-Mulej ta' l-eżerċti! L-art kollha mimlija bil-glorja tiegħu.*" (ara wkoll Rivelazzjoni 4:8).

"**Qaddis** (il-Missier Ġwanni 17:11), **Qaddis** (l-Iben, Isaija 16:10; Atti 4:27, 30), **Qaddis** (L-Ispirtu s-Santu, Atti 11:14, eċċ). Dawn it-tlieta flimkien huma 'l Alla wieħed tal-Bibbja Mqaddsa. Għalkemm xi wħud jippruvaw jinterpretaw dak li nsibu f'Ġenesi bħal li qiegħed jirreferi għall-Maestà ta' Alla, imkien fl-Iskrittura ma juri dan. Għal kuntrarju, Isaija 6:3 u Rivelazzjoni 4:8 juru ċar li qiegħed jirriferi għat-Tliet Persuni tad-Divinità. Għaliex Qaddis, Qaddis, Qaddis, u mhux Qaddis darba biss? Għaliex Qaddis Hu l-Missier, Qaddis Hu l-Iben, u Qaddis Hu l-Ispirtu s-Santu. Ikunu xi jkunu l-interpretazzjonijiet li jippruvaw jingħataw

lil din is-silta, jibqa' ċar li *tlieta* huma u mhux *wieħed* li *flimkien* huma Alla. U hawn ukoll l-Iskrittura tagħtina l-interpretazzjoni tagħha dwar dan, l-istess kif tagħtina dwar Ġenesi 1:1; 3:22, 11:5-7 (fil-plural) u f'Mattew 28:19 (fis-singular). F'Salm 111:9 naqraw:

> "*Bagħat il-fidwa lill-poplu tiegħu: wet-taq għal dejjem ir-rabta tiegħu.* ***Qaddis*** *u tal-biża' hu ismu!*" (enfasi tiegħi)

Qiegħed tinnota int hawn li l-Isem ta' Alla huwa "*Qaddis*"? Għaliex hawn l-isem "Qaddis" huwa fis-singular u mhux fil-plural kif insibuh f'Isaija 6:3 u f'Rivelazzjoni 4:8, jiġifieri fil-plural? It-tweġiba hija sempliċi jekk wieħed jaċċetta li 'l Alla tal-Bibbja Mqaddsa huwa l-Missier l-Iben u l-Ipirtu s-Santu. Imma jekk ma jaċċettax li huma t-Tlieta allura dan jagħmel l-Iskrittura li tikkontradixxi lilha nfisha u jrid jara kif jipprova jinterpretaha hu minflok ma jħaliha li tinterpreta lilha nfisha (2 Pietru 1:20-21). Dwar dan inkomplu naraw aktar lura.

Eżempju ieħor li huwa prova oħra ċara għad-Divinità ta' Ġesù Kristu huma *dawk is-siltiet li fihom l-Għerf huwa ppreżentat bħala li jeżisti minn dejjem ta' dejjem ma' Alla, għalkemm apparentament distint minn Alla*: Ġob 28:20-23; Proverbji 8:1-6, 35-36; 9:1-5; Mattew 11:19; Luqa 11:49; Luqa 7:35; Proverbji 3:19; Proverbji 8:22-31; eċċ. Luqa jgħidilna:

> "*Kien għalhekk li* ***l-Għerf ta' Alla*** *qal, 'Jien nibagħtilkom profeti u app-ostli u huma joqtlu u jippersegwitaw lil xi wħud minnhom*" (Luqa 11:49).

Mattew jgħid,

> "*Ġie Bin il-Bniedem, jiekol u jixrob, u qegħdin jgħidu, 'Araw, xi bniedem wikkiel u sakranazz, ħabib tal-publikani u l-midinbin.' Imma **l-Għerf ta' Alla** tawh raġun l-opri tiegħu stess*" (Mattew 11:19).

**Mistoqsija:** Jista' "*l-Gherf ta' Alla*" jkollu **inqas** żmien minn Alla? Ċertament li le! Jekk Alla kien minn dejjem ta' dejjem hekk ukoll huwa l-Għerf Tiegħu. Taqbel int ma' dan? L-apostlu Pawlu jgħid, b'ispirazzjoni minn Alla:

> "*Forsi Alla ma bellahx il-għerf taddinja? U billi, **fil-għerf ta' Alla**, iddinja b'għerfha ma għarfitx lil Alla, Alla għoġbu jsalva lil min jemmen bil-bluha tal-predikazzjoni. Għax il-Lhud jitolbu s-sinjali, u l-Griegi jfittxu l-għerf, imma aħna nxandru Messija msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi; iżda għal dawk li huma msejħin, sew Lhud sew Griegi, **Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla***" (1 Korintin 1:21-24).

**Mistoqsija:** Jekk "*l-Għerf ta' Alla*" għandu żmien daqs kemm għandu Alla Nnifsu, jiġifieri, *kien minn dejjem ta' dejjem*, u billi Ġesù Kristu **Hu** "*l-Għerf ta' Alla*," kif ***ukoll "il-qawwa ta' Alla***" allura m'hemm ebda konklużjoni oħra ħlief li Ġesù *Kristu kien minn dejjem ta' dejjem* u mhux maħluq għaliex kemm il-

qawwa kif ukoll l-għerf ta' Alla kienu minn dejjem ta' dejjem l-istess daqs kemm Alla kien minn dejjem ta' dejjem! Temmnu dan int?

Xi whud jippruvaw jikkwotaw minn Proverbji 8: 22-26 fejn jinterpretaw b'mod falz għal kollox li l-għerf imsemmi f'dan il-kapitlu jirreferi għal Kristu u li dan juri li Kristu għandu bidu, li kien maħluq. Imma kemm hija qasira l-vista tagħhom dwar dan! Għal kuntrarju ta' dak li jgħidu, dan il-kapitlu qiegħed isaħ-ħaħ l-eternità ta' Ġesù Kristu. L-ewwel ħaġa, jekk l-għerf (Kristu) kellu bidu allura niġu għall-konklużjoni żbaljata li Alla ma kienx għaref minn dejjem għaliex Kristu jingħad fil-Kelma ta' Alla li ***Hu*** *"l-għerf ta' Alla*"! Imma xi jgħidu dawn il-versi? Ħalli naraw sewwa x'jgħidu:

Vers 22:

> "*Għand il-Mulej jien kont fil-bidu ta' l-atti tiegħu, qabel l-opri tiegħu, sa mill-qedem.*"

Hawn qiegħed juri li l-Għerf għadu qiegħed jitkellem. L-Għerf mhuwiex xi ħaġa ġdida, xi ħaġa li kien biss riċentament li ġiet. Dan jieħu preċidenza fil-valur fuq il-ħwejjeġ l-oħra minħabba l-eżistenza tiegħu qabel ma xi ħaġa kienet hawn u **għaliex l-Għerf huwa att-ribut ta' Alla**. F'dan il-vers għandna kumment fuq l-Għerf **ta' Alla** u mhux fuq gherf ta' xi bniedem.

Vers 23:

> "*Jien kont imwaqqaf sa minn dejjem, sa mill-bidu, qabel ma nbdiet id-dinja.*"

L-Għerf hu “*minn dejjem*”, “*mill-bidu,*” “*qabel ma kienet id-dinja.*” X’jista’ aktar jitlob eżistenza daqshekk lura? Dawk il-ħwejjeġ biss li huma attributi ta’ Alla (bħall-Qawwa u l-Għerf Tiegħu), għaliex Hu Waħdu kien jeżisti. Tweġiba ta’ dan inisbuha fi Proverbji 3:19-20 fejn naqraw dwar l-għerf ta’ Alla:

> “*Bil-għerf il-Mulej (Jahweh) waqqaf l-art; bid-dehen saħħah is-smewwiet; bil-għerf tiegħu nfetħu qigħan il-baħar, u s-sħab iraxxax il-qtar tan-nida.*”

Jista’ xi ħadd jgħid li l-Għerf ta’ Alla msemmi hawn għandu bidu jew kien maħluq u ma kienx minn dejjem**? U min Hu l-Għerf ta’ Alla**? It-tweġiba jagħtihilna Alla Nnifsu fil-Kelma Tiegħu u mhux xi mexxej reliġjuż:

> “*Iżda għal dawk li huma msejħin, sew Lhud sew Griegi,* ***Kristu huwa*** *l-qawwa ta’ Alla u* ***l-għerf ta’ Alla***” (1 Korintin 1:24; enfasi tiegħi).

Mela kif nista’ jiena naċċetta t-tagħlim falz li Sidna Ġesù Kristu **kien** maħluq u **Hu** l-anġlu Mikiel? Kristu la jista’ jkun maħluq u lanqas ma jista’ jkun l-anġlu Mikiel għaliex il-Kelma ta’ Alla tgħidilna li Kristu HU L-GĦERF TA’ ALLA! Temmnu dan int? Tħallix lil min iqarraq bik (Efesin 5:6).

Vers 24:

> “*Kien għad m’hemmx l-ibħra l-kbar, meta tnissilt jien, kien għad m’hemmx għejun inixxu l-ilma; qabel ma tqie-*

*għdu l-muntanji, qabel l-għoljiet jien twelidt.*"

Il-Bibbja spiss taqsam il-ħolqien ta' l-univers fi tliet partijiet: is-sema, l-art u l-baħar (Neħemija 9:6; Eżodu 20:11; Rivelazzjoni 14:7; eċċ.). Jibda b'dan il-vers dawn it-tlieta huma kkunsidrati bħala li huma ta' dewmien inqas mill-Għerf: baħar (vers 24), l-art (versi 25, 26), u s-sema (vers 27). Jekk aħna naċċettaw it-tagħlim żbaljat li Kristu Hu maħluq billi nużaw dawn il-versi bħala prova għal dan, allura nkunu qegħdin nagħmlu l-Kelma ta' Alla li tikkontradixxi lilha nfisha għaliex kif diġa rajna, l-Għerf ta' Alla **ma jistax ikollu bidu**. Alla kien minn dejjem u hekk ukoll l-Għerf Tiegħu għandu jkun minn dejjem!

F'Luqa 11:49 naqraw hekk:

> "*Kien għalhekk li* ***l-għerf ta' Alla*** *qal, 'Jien nibagħtilhom profeti u appostli, u huma joqtlu u jippersegwitaw lil xi wħud minnhom.*"

Il-mistoqsija hawn li nixtieq nagħmel jien hija din: "Huwa dan l-*Għerf ta' Alla* msemmi hawn **l-istess** *Għerf ta' Alla* msemmi fi Proverbji tmienja?" Ma jistax li ma jkunx għaliex l-Għerf ta' Alla hu wieħed u mhux żewġ kwalitajiet differenti, *huwa attribut Tiegħu*, mhux hekk? Allura temmen int li l-Għerf ta' Alla li naqraw dwaru fi Proverbji tmienja kellu bidu jew li kien l-anġlu Mikiel? (ara wkoll Rumani 11:33; 1 Korintin 1:21, 24, 30; eċċ.).

Imma ara xi jgħid vers 25,

> “*Qabel ma tqiegħdu l-muntanji, qabel l-għoljiet jien twelidt.*”

Aħna nużaw il-muntanji u l-għoljiet bħala qies biex inqabblu xi ħaġa li hija antika ħafna, “antik daqs l-għoljiet” (jew il-muntanji). Imma l-Għerf ta’ Alla eżista saħansitra qabel l-għoljiet u l-muntanji *għaliex kien minn dejjem*. Mela billi l-Għerf ta’ Alla ma jistax ikun *separat* minn Alla, *dan għandu jkun antik daqs kemm hu Alla Nnifsu*, l-istess daqs kemm hi antika t-tjieba ta’ Alla (Salm 103:17) li ma tistax tkun separata minn Alla! Sfortunatament dan xi wħud ma jridux li jarawh u jifhmuh! Imma jekk int tassew trid tkun taf jekk Kristu kienx minn dejjem jew le, ara xi jgħid Mikea 5:2,

> “*Iżda int, Betlehem ta’ Efrata, għal-kemm l-iżgħar fost l-eluf ta’ Ġuda, minnek joħroġli wieħed li jkun jaħkem fuq Iżrael;* ***li nislu jkun mill-qedem, mill-jiem ta’ dejjem***” (enfasi tiegħi).

Ara Mattew 2:5-6 għat-twettiq ta’ din il-profezija. Il-kliem “mill-jiem ta’ dejjem” fis-Settanta nsibu “mill-*eternità*.” Jista’ jkun mill-eternità u jkollu bidu?

Tħallix it-tagħilm tal-bnedmin itellfek il-ħajja ta’ dejjem. Il-Mulej wissa dwar dan f’mod ċar ħafna meta qal,

> “*Kif għedtilkom jien, intom tmutu fi dnubietkom.* ***Għax jekk ma temmnux li jien hu dak li hu****, tmutu fi dnubi-etkom*”(Ġwanni 8: 24). (enfasi tiegħi).

Minkejja d-distinzjonijiet ovvji li nsibu fl-Iskrittura Mqaddsa tat-Tliet Persuni (Ġwanni 15:26; 14:26; Atti 1:4; Galatin 4:6; Atti 2:32-33; Luqa 1:30-35; Ġwanni 3:1-15; Mattew 3:16-17; 28:19; 2 Korintin 13:14; 1 Pietru 1:2; 1 Korintin 12:4-6; Efesin 4:4-6; Rivelazzjoni 1:4-5; eċċ.), madankollu, il-fatt m'għandux jitlef l-għarfien tagħna li din id-dottrina tat-tliet personalitajiet ta' Alla mhijiex triteiżmu, jiġifieri, tliet Allat. Ma hemmx tliet Allat: imma hemm Alla wieħed biss bħala essenza, imma din l-essenza tiġbor fiha t-Tliet Persuni. Il-Missier waħdu, mhuwiex Alla, għaliex Alla huwa wkoll l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. L-Iben waħdu, mhuwiex Alla, għaliex Alla huwa wkoll il-Missier u l-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu waħdu, mhuwiex Alla, għaliex Alla huwa wkoll il-Missier u l-Iben. Dan hu li tgħid, li hemm Tliet Persuni, li kull wieħed minnhom bħala essenza huwa Alla, imma l-ebda wieħed minnhom ma huwa d-Divinità ('l Alla fit-Tliet Persuni) sħiħa mingħajr it-Tnejn l-oħra. Ħadd ma jfisser dak kollu li Kristjan ifisser 'b'Alla,' sakemm hu ma jpoġġix 'f'Alla' dak kollu li huwa mfisser bit-termini separati 'Missier,' 'Iben,' 'Spirtu.' Kif għedt aktar qabel, jekk xi ħadd isostni li 'l Alla tal-Bibbja huwa l-Missier waħdu, dan ikun ħoloq alla huwa nnifsu!

Imma xi ħadd forsi jgħid, ma jgħidx Kolossin 1:15 li Kristu Hu "*l-ewwel fost il-ħlejjaq*"? L-appostlu Pawlu jgħid hekk dwar il-ħolqien:

> "*Li hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, l-ewwel fost il-ħlejjaq kollha: Għax bih kienu maħluqin il-ħwejjeġ kollha,*

> *li huma fis-sema, u li huma fuq l-art, li jidhru u li ma jidhrux, sew jekk huma tronijiet, kemm jekk huma dominji jew prinċipati, jew setgħat: kull ħaġa maħluqa bih, u għalih. Hu qabel il-ħwejjeġ kollha, u bih il-ħwejjeġ kollha huma miżmumin flimkien*" (Kolossin 1:15-17).

Din hija silta favorita għax-Xhieda ta' Jehovah fejn jagħtuha l-interpretazzjoni żbaljata tagħhom mit-Torri ta' l-Għassa u ħafna jaċċettawha b'għajnejhom magħluqa mingħajr lanqas biss jippruvaw jezminaw dik l-interpretazzjoni!

F'paġni 408 u 409, tal-ktieb ta' interpretazzjoni tat-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah (*Reasoning from the Scriptures*), naraw kemm dawn jippruvaw igħawwġu t-tifsira tal-Kelma ta' Alla bl-interpretazzjoni tagħhom. L-ewwel ma jippruvaw jinterpretaw hija l-*frażi "l-ewwel fost il-ħlejjaq kollha*" fejn jgħidu li din tfisser li "Ġesù huwa l-akbar fost l-ulied fil-familja ta' Jehovah" imma jew mingħajr ma kienu jafu l-vera tifsira tal-*ħwejjeġ kollha* jew biex jingannaw huma taw it-tifsira t-tajba tal-frażi "*l-ħwejjeġ kollha*" li fil-Grieg hija "*pan´ta.*" Hawn huma jikkontradixxu lilhom infushom mhux ħażin! Imma jaħasra għas-segwaċi tagħhom għaliex dan huma ma jafuhx!

Ħalli l-ewwel naraw it-tifsira ta' "*l-ewwel fost il-ħlejjaq kollha.*" Jekk aħna mmorru għal Salm 89:27 insibu li din il-kelma hija applikata għal David. Hawn naqraw hekk:

> "*U jiena nagħmlu ibni l-kbir ('**first-born**' [New World Translation], l-ewwel fost il-ħlejjaq) l-ogħla fost is-slaten ta' l-art.*"

Ifisser dan li David kien qabel kull kreatura oħra? Qabel Adam, Eva, Kajjin, Abel, Noè, Abraham, eċċ.? Dan int ma temmnux, mhux hekk? Imma hekk jintqal għal David, l-istess kif jintqal għal Ġesù Kristu f'Kolossin 1:16!

Kristu hu msejjaħ "*l-ewwel fost il-ħlejjaq*" fi **tliet** tifsiriet differenti għal kollox: L-ewwel, din il-frażi hija wżata fis-sens tar-rank jew tal-pożizzjoni tiegħu ta' preċidenza f'dik li hija relazzjoni lejn il-ħwejjeġ kollha (Kolossin 1:15). Innota: L-appostlu Pawlu ma jgħidx "*l-ewwel **maħluq***." Jekk aħna nieħdu l-frażi "*l-ewwel fost il-ħlejjaq*" bħala li tfisser "*l-ewwel minn klassi ta' kreaturi jew ħwejjeġ*," kif jippruvaw jinterpretawha x-Xhieda ta' Jehovah, allura, mingħajr dubju, huwa l-Mulej Messija—kreatura—il-kliem "*il-ħlejjaq kollha*" jiġbru fihom il-klassi **kollha** msejħa kreaturi, ħlejjaq. Il-Messija huwa l-ewwel ta' dik il-klassi, jiġifieri, "l-ewwel minn fost il-kreaturi." Hekk jgħallmu x-Xhieda ta' Jehovah. *Imma jaħasra għal teorija bħal din!*

L-ewwel fost il-ħlejjaq huwa l-Mulej ta' kulħadd, allura l-Messija Hu l-Mulej ta' kulħadd. L-appostlu ispirat minnufih jagħti r-raġuni għall-preċidenza fil-kliem li jiġi wara:

> "*Għax (kongjunzjoni) bih kienu maħluqin il-ħwejjeġ kollha…kull ħaġa maħluqa bih u għalih*" (Kolossisn 1:16).

Tkun tant puerili li tgħid li Hu, li Bih u Għalih kienu maħluqin "*il-ħwejjeġ kollha*", Huwa Nnifsu kien maħluq, kreatura! Dan ifisser li l-Ħallieq ikun huwa Nnifsu kreatura maħluqa wkoll!! Din hija assurdità millaqwa!

Imma ħalli nħallu lit-Torri ta' l-Għassa nnifsu jinterpretalna t-tifsira ta' dan kollu. Għalkemm huma jużaw il-kelma l-Griega t-tajba bħala tifsira tal-frażi "*il-ħwejjeġ kollha,*" jiġifieri, il-kelma "*pan´ta,*" u jgħidu li din hija inflessjoni ta' "*pas*" (ara Reasoning from the Scriptures, TRINITY, (3) paġna 408), it-tifsira ta' din il-kelma jagħtuha ħażina. Le, din ma tfissirx kif jinterpretawha tat-Torri ta' l-Għassa! Fil-fatt huma jagħtu xi siltiet bħala eżempju fejn dawn juru l-kontra ta' dak li huma jridu jgħallmu! Is-siltiet li jużaw bħala eżempju wkoll ma jfissrux dak li huma jgħidu! (Luqa 13:2; 21:29; Filippin 2:21). Din l-istess kelma nsibuha fi Ġwanni 1:3; 1 Korintin 8:6; Lhud 3:4; eċċ. F'Lhud 3:4 naqraw,

> "*Għax kull dar hi mibnijja minn xi bniedem; imma dak li jibni kollox (pan´ta, pas) hu Alla*"

Ifisser dan li Alla Hu *maħluq*? Hawn għandna l-istess kelma li hija applikata għal Ġesù Kristu f'Kolossin 1:16, ukoll fl-Ewwel Korintin 8:6 l-istess kelma hija applikata għat-tnejn, u dan it-Torri ta' l-Għassa jsostnuh fit-tifsira tagħhom stess!

Il-kelma Griega *pas*, (il-ħwejjeġ *kollha*, kull, eċċ.) lix-Xhieda ta' Jehovah jikkwotaw fiha aktar minn tifsira waħda fl-Iskrittura Mqaddsa. Din fiha erba' tifsriet u hemm erba' kelmiet Griegi differenti għaliha. ħalli naraw xi eżempji dwar kull waħda. Jiena sejjer nikkwota Skrittura waħda minn kull kelma, iżda hemm ħafna li wieħed jista' jiċċekkja dwar kull kelma. Dawn huma:

- "*pas*" – Mattew 4:4,

  "*Iżda hu wieġeb u qal: Hu miktub: Il-bniedem ma jgħix biss bil-ħobż, iżda b'kull (pas) kelma li toħroġ minn fomm Alla.*"

Din il-kelma tfisser li l-kliem **kollu** ta' Alla huwa importanti għall-ħajja Kristjana, mhux xi parti minnu biss**. Kollu (pas) kemm hu**! Din hija **l-istess** kelma Griega li nsibu f'Kolossin 1:16. Jekk aħna nħallu l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha, ċertament li ma jkollna ebda diffikultà dwar dan.

- "*heis hekastos*" – Atti 2:6,

  "*Issa meta dan instama' barra, inġemgħet il-kotra tan-nies, u tħawdet, għax kull wieħed (heis hekastos) kien jismagħhom jitkellmu bi lsienu stess.*"

Din il-klema tapplika biss għal dawk *li kienu preżenti* u għal ħadd aktar. Imma kemm fl-Ingliż (all, every) u kemm fil-Malti (kull wieħed, kull, jew kollha) għandna l-istess kelma fis-siltiet kollha.

- "*hekastos*" – Atti 2:8,

> *"Mela kif qegħdin nisimgħu, kull wieħed (hekastos) f'ilsinna stess, li fih twelidna?"*

Din il-kelma li nsibu hawn tapplika f'mod individwali. Ma tistax tpoġġi l-kelma "*pas*" jew "*heis hekastos*" jew "*kath hen*" u jkollok l-istess tifisra.

- "*kath hen*" – Rumani 12:5,

  *"Hekk aħna, billi aħna ħafna, ġisem wieħed fi Kristu, u kull wieħed (kath hen) membri ta' xulxin."*

Din, għalkemm għandna l-istess kelma Ingliża jew Maltija (every, all, jew kull), it-tifsira hija differenti minn dawk ta' qabel.

Biex Ġesù Kristu jkun impoġġi fil-kategorija tal-kreaturi, il-kelma wżata għall-*ħwejjeġ kollha* f'Kolossin 1:16 ma tistax tkun "*pas*" jew "*pan`ta*" kif fil-fatt jammettu x-Xhieda ta' Jehovah stess li hi, għaliex din tfisser li **kull ħaġa maħluqa** kienet magħmula minnu, u jekk Hu kien maħluq allura l-konklużjoni għandha tkun li Ġesù Kristu ħalaq Lilu Nnifsu. Temmnu dan int? Din tkun assurdità ta' l-ewwel grad! Ix-Xhieda ta' Jehovah, it-Torri ta' l-Għassa, mingħajr ma ndunaw (?), qegħdin juru ċar kemm it-tagħlim tagħhom dwar li Ġesù ma kienx minn dejjem, iżda maħluq, huwa falz. Int għandek tagħmel għażla, jew taċċetta dak li tassew tgħid il-Kelma ta' Alla jew dak li jgħid il-bniedem (Ara Atti 4:19; 5:29).

It-tieni, Kristu huwa msejjaħ "*l-ewwel fost il-ħlejjaq*" fis-sens ta' *l-inkarnazzjoni Tiegħu*—b'miraklu tnissel mill-Ispirtu s-Santu u twieled fid-dinja minn

verġni (Luqa 1:35; Ġwanni 1:14). Għalhekk, Hu sar "*l-Iben ta' Alla*" jew "*l-Iben il-waħdieni tal-Missier, mimli bil-grazzja u l-verità.*" Ġesù Kristu Hu l-Iben ta' Alla biss fir-relazzjoni Tiegħu għall-fidwa tal-bniedem; Ġesù Kristu Hu l-Iben ta' Alla biss f'dak li Hu kien imwieled minn mara. Hu eżista bħala Alla sa mill-eternità u ma kienx "l-Iben ta' Alla" qabel ma Hu sar bniedem; Hu kien "fil-bidu" il-Kelma (Logos, Ġwanni 1:1), membru tad-Divinità. Imma minn mindu Ġesù sar bniedem, sofra u miet u kien imqajjem mill-imwiet, Hu kien imsejjaħ bħala "l-Iben" ta' Alla. Id-Divinità u n-natura ta' Alla li għandu Ġesù Kristu huma mill-eternità. Naqraw fi Ġwanni 3:16,

> "*Għax Alla hekk ħabb lid-dinja, li ta l-Iben waħdieni tiegħu, biex kull min jemmen bih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem.*"

Fil-Vanġelu ta' Ġwanni naqraw hekk:

> "*Qallu Ġesù: Jiena t-triq, u s-sewwa, u l-ħajja: ħadd ma jiġi għand il-Missier, ħlief bija. Kieku għaraftuni, kontu tagħrfu 'l Missier ukoll; minn issa tagħrfuh, u rajtuh. Qallu Filippu: Mulej, urina 'l Missier, u biżżejjed għalina. Qallu Ġesù: Ilni daż-żmien kollu magħkom, u għadek ma tafnix, Filippu? Min ra lili ra 'l Missier; u kif tgħid int mela: Urina 'l Missier? Il-kliem li ngħidilkom ma ngħidux minni nnifsi: iżda l-Missier li jgħammar fija, hu jagħmel*

> *l-egħmejjel. Emmnuni li jien fil-Missier, u l-Missier fija, jew għallinqas emmnuni minħabba l-egħmejjel infushom*" (Ġwanni 14:6-11).

Nistaqsi jien, x'ried jgħid Ġesù meta qal lil Filippu,

> "*Ilni daż-żmien kollu magħkom, u għadek ma tafniex, Filippu?*"

X'ried Ġesù li Filippu jkun jaf Dwaru? Li Hu kien *kreatura maħluqa*? Li Hu kien biss bniedem komuni? Jew li Hu *kien Alla*, *daqs il-Missier*?

Ġesù kien l-aktar xbieha sħiħa u perfetta ta' Alla li tista' tkun murija lill-bniedem. Tassew lil Alla ħadd ma rah bħala Spirtu, imma Ġesù kien Alla "manifestat fil-ġisem" (Ġwanni 1:14; Filippin 2:5-11). Il-verità sħiħa hawn hija, li tkun taf lil Alla jekk tkun taf lil Kristu. Għalhekk, f'Ġesù Kristu, Alla libbes Lilu Nnifsu bħala bniedem biex b'hekk il-bniedem jgħix u jsir jafu. Filippu ried dehra letterali ta' Alla li Hu "Spirtu" bl-għajnejn naturali tiegħu. Għajnejn naturali ma jistgħux jaraw lil Alla li huwa "Spirtu" daqs kemm ma jistgħux jaraw ir-ruħ tal-bniedem. Il-bniedem ma "*jistax jara lil Alla u jgħix*," iżda hu jista' jara u jifhem "*Alla manifestat fil-ġisem*." Kristu ma kienx ambaxxatur minn Alla, imma kien "*Għimmanu-El,*" "*Alla magħna*" (Isaija 9:6; Mattew 1:23), id-Divinità b'forma ta' ġisem, tkun xi tkun l-interpretazzjoni li jippruvaw jagħtu dawk li ma jemmnux dwar id-Divinità tal-Mulej tagħna!

It-tielet, Ġesù Hu msejjaħ "*il-kbir li qam mill-imwiet*" jew "*l-ewwel fost il-mejtin*" (Kolossin 1:18;

Rivelazzjoni 1:5). Dan ifisser, l-ewwel wieħed li qam f'ġisem igglorifikat (mhux forma ta' spirtu, ara Luqa 24:39-40), xorta ta' ġisem li l-Kristjani għandhom ukoll ikollhom xi darba (1 Ġwanni 3:2). Mela l-Mulej tagħna Ġesù Kristu Hu msejjaħ "*l-ewwel fost il-ħlejjaq*" mhux f'sens li Hu maħluq imma f'sens ta' preċidenza.

Imma biex wieħed jara sa fejn il-bniedem jasal ħalli jgħallem it-tagħlim tiegħu, u jneħħi lil Kristu mill-pożizzjoni Tiegħu bħala Alla u jpoġġih fil-livell ta' kreatura, it-Torri ta' l-Għassa babas dak li naqraw f'Rivelazzjoni 3:14 u biddel sempliċiment kelma b'żewġ ittri biex jinbidel is-sens kollu tas-silta.

Għal darb'oħra, fil-ktieb tagħhom "Reasoning from the Scriptures, f'paġna 409, huma taw il-kelma Griega t-tajba. Imma ħalli naraw x'għamlu. Rivelazzjoni 3:14 jiddikjara bis-sħiħ li Kristu huwa "*l-Bidu tal-Ħolqien **ta'** Alla*" imma mhux "*il-bidu tal-ħolqien **minn** Alla.*" (enfasi tiegħi). Il-kelma Griega hawn hija *ar-khe´* li tista' tkun imfissra sewwa b'oriġini. Huwa nteressanti wkoll lit-traduzzjoni New World Transaltion iġġib dan il-vers bħala li jaqra, "*il-bidu tal-ħolqien **minn** Alla.*" Il-kelma "*ta'*" kienet mibdula mal-kelma "*minn.*" Hawn wieħed mill-ewwel jistaqsi, "X'kien l-iskop għal din il-bidla? Faċli li tkun taf it-tweġiba meta tara *x'jemmnu* dawk li għamlu din il-bidla dwar id-Divinità ta' Kristu u *x'inhi t-tifsira* taż-żewġ kelmiet, u *liema* waħda minnhom *taqbel* mat-tagħlim tagħhom! Kieku Kristu kien "*il-bidu tal-ħolqien **minn** Alla*" allura Hu tassew huwa maħluq, kreatura, jfisser li l-Ħallieq kien Alla, u mhux Kristu. Imma jekk

Kristu *Hu "l-bidu tal-ħolqien* ***ta'*** *Alla,*" allura Hu mhuwiex maħluq imma kien minn dejjem. Imma biex "*minn Alla*" tkun traduzzjoni tajba, il-Grieg għandu jkun "*hupo theo*'. Aħna sempliċiment għandna l-kelma għall-"ħolqien" fil-każ ġenetiku. "*Ta' Alla*" mela hija t-tajba. Imma ħalli l-Iskrittura tfissrilna dan b'mod aktar ċar. F'Rivelazzjoni 1:8, 17,18 naqraw.

> "*Jien hu l-Alfa u l-Omega, il-bidu u t-tmiem, igħid il-Mulej, li hu, u li kien, u li ġej, Dak li jista' kollox…U meta rajtu, waqajt f'riġlejh bħal mejjet. U qiegħed idu l-leminija fuqi, hu u jgħidli: La tibżax; jiena l-ewwel u l-aħħar: Jien hu l-ħaj, u kont mejjet; u, ara, jien ħaj għal dejjem ta' dejjem. Amen; u għandi l-imfietaħ ta' mkien il-mejtin u tal-mewt*"

Dan Hu Alla li qiegħed jitkellem hawn. Imma Hu Kristu wkoll għaliex kien Kristu li kien mejjet u qam, huma t-tnejn l-istess Wieħed, Alla, Divinità, "*il-Missier fija, u jien fih*" (Ġwanni 10:38); "*Jien u Missieri aħna ħaġa waħda*" (Ġwanni 10:30, 33). Hu qiegħed jgħid li Hu l-Alfa u l-Omega, l-ewwel u l-aħħar, il-bidu u t-tmiem. Alfa hija l-ewwel ittra ta' l-alfbet Grieg waqt li l-Omega hija l-aħħar ittra. Nistgħu aħna ngħidu li billi Alla qiegħed jgħid li Hu l-bidu u t-tmiem *allura Hu għandu bidu, maħluq*? Hekk ukoll dak li naqraw f'Rivelazzjoni 3:14 fejn għandna l-istess kelma Griega, dan ma jfissirx li Kristu Hu maħluq imma li kien minn dejjem ta' dejjem.

Kolossin 1:19 jgħid,

> "*Għax għoġbu lill-Missier li tgħammar fih il-milja kollha.*"

Il-finit ma jistax ikun hemm fih l-infinit; l-anqas ma jista' jkollu fih l-aqwa. Għalhekk it-taqbil tal-Missier u l-Iben (Ġwanni 5:18, 23; 10:30; 13:7-10; 17:21; 18: 5-6; eċċ.).

Mela, kif rajna, huwa ċar li fid-Divinità aħna nsibu Tliet Persuni li flimkien huma msejħa Alla li Jista' Kollox. Xi wħud jgħidu, imma kif tista' tispjegah dan? Mhuwiex faċli imma wieħed jista' jifhem sewwa mill-Iskrittura li hemm tlieta u mhux wieħed li jagħmlu l-Alla tal-Bibbja Mqaddsa. Bħala eżempju nistgħu nieħdu n-numri. ħalli nimmaġinaw tliet settijiet infiniti. Set **A** jikkonsisti minn numri kollha reali (0, 1, 2, 3, 4, 5, 6, eċċ.), waqt li set **B** jikkonsisti minn numri kollha żewġ (0, 2, 4, 6, 8, 10, 12, eċċ.), u set **Ċ** jikkonsisti minn numri kollha fard (1, 3, 5, 7, 9, 11, 13, eċċ.). Billi s-settijiet A, B, Ċ huma attwalment infiniti, dawn huma ndaqs fil-qies! Xi ħadd jista' jaħseb li set B u set Ċ huma kull wieħed nofs id-daqs ta' set A, imma dan mhuwiex il-każ billi dawn attwalment huma settijiet infiniti. Ukoll għalkemm set B huwa parti minn sett A u sett Ċ huwa parti minn sett A, dawn kollha huma ndaqs fil-qies. Inti tista' saħansitra żżid jew tnaqqas numru minn sett attwali infinit u ma tibdilx in-numru tal-membri fis-sett. Mela jekk kull wieħed mit-tliet personalitajiet tad-Divinità hu maħsub bħala infinit fih innifsu, allura ebda limiti ma japplikaw. Waqt li huma distinti f'xi mod, kif in-numri

żewġ u fard huma differenti, il-Missier mhuwiex akbar mill-Iben u l-Iben mhuwiex akbar mill-Ispirtu s-Santu u l-Ispirtu s-Santu mhuwiex akbar mill-Missier, l-istess kif set A, B, u Ċ huma ndaqs fil-qies. L-Iben jista' jkun inkarnat; madankollu, Alla ma kienx im-naqqas jew imċekken. Wieħed jista' jaħseb dwar id-Divinità, Alla, bħala s-sett attwali infinit u l-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu huma settijiet inferjuri. Bħala tliet sottosettijiet, biex insejħulhom hekk, ta' in-finità fihom infushom huma kollha ndaqs, kull wieħed huwa l-istess daqs is-sett sħiħ, u t-tlieta flimkien jagħ-mlu s-sett kollu, huma ndaqs daqs is-sett kollu. L-is-tess il-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu huma kollha ndaqs, madankollu, it-Tlieta huma Wieħed, u t-Tlieta jagħmlu Alla. Għalhekk meta wieħed jitgħammed, dan jitgħammed *f'Isem it-tlieta* (ara Mattew 28:19).

Eżempju ieħor ħafif li wieħed jista' juża, ma' dawk li diġa rajna aktar qabel, ħalli jgħin lil dak li jkun jifhem aktar tajjeb xi ħaġa dwar it-Tliet Persuni f'Alla Wieħed huwa dan: "Kemm jagħmlu 1 + 1 + 1?" It-tweġiba hija sempliċi, tlieta. "Kemm jagħmlu 1 x 1 x 1?" Din ukoll għandha tweġiba sempliċi ħafna, jiġi-fieri, wieħed. Mela, 'l Alla li naqraw Dwaru fil-Bibbja Mqaddsa Hu l-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, im-ma hemm Alla Wieħed biss. Il-Missier waħdu *mhu-wiex* 'l Alla tal-Bibbja. L-Iben waħdu *mhuwiex* 'l Alla tal-Bibbja u lanqas l-Ispirtu s-Santu waħdu *mhu-wiex* 'l Alla tal-Bibbja imma t-Tlieta flimkien (Mat-tew 28:19) huma 'l Alla li naqraw Dwaru fil-Bibbja. Kif diġa spjegajt, għandna nkunu attenti ħafna li ma naċċettawx tagħlim dwar xi alla li jkun maħluq mill-

bniedem u mhux mill-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa.

Xi ħadd qal illi li tipprova tispjega t-Tliet Persuni f'Alla Wieħed tista' titlef moħħok. Imma li tipprova tiċħad dan, inti titlef ruħħek (Ġwanni 8:24). Ipprova ifhem u pprova spjega t-Tliet Persuni f'Alla Wieħed (Trinità), ukoll għalkemm spjega sħiħa hija impossibbli, imma tiċħadx il-verità tagħhom.

F'Isaija 9:6 Ġesù Kristu Hu msejjaħ "Missier għal dejjem." Mela ħadd ma jista' jiċħad li Ġesù Kristu Hu Missier għal dejjem! Imma f'Malakija 2:10 naqraw,

> "*Mhux ikoll aħna għandna missier wieħed? Mhux Alla wieħed ħalaqna? Għaliex mela nqarqu wieħed bl-ieħor.*"

Ġesù qal, f'Mattew 23:9,

> "*U ssejħu l-ebda bniedem missierkom fuq l-art: għax **wieħed** hu Missierkom, li hu fis-smewwiet*" (enfasi tiegħi).

Min Hu dak il-Missier il-WIEĦED li hu fis-smewwiet, Kristu jew Alla? Ma hemmx tnejn missirijiet imma hemm WIEĦED biss. Pawlu jgħid, f'Efesin 4:6,

> "*Alla wieħed u Missier kulħadd…*"

Mela aħna nafu li hemm Alla WIEĦED biss. Nafu wkoll li Hemm Missier WIEĦED biss. Imma nafu wkoll li Kristu Hu msejjaħ "*Missier għal dejjem*" f'Isaija 9:6. Jekk Kristu mhuwiex Alla li Jista' Kollox, allura Isaija 9:6 huwa żbaljat għaliex hemm biss ALLA WIEĦED u MISSIER WIEĦED. Imma aħna nafu li dan ma jistax ikun għaliex Isaija 9:6 huwa is-

pirat minn Alla (2 Timotju 3:16). Tkun xi tkun l-interpretazzjoni ta' dawk l-għalliema foloz dwar dan aħna għandna nwarbuha għal kollox. L-Iskrittura hija ċara ħafna. Jew Kristu Hu Alla li Jista' Kollox jew mhux!

Mela ejja ma nħallux li min jisirqilna l-premju tal-ħajja ta' dejjem b'tagħlim falz u qarrieqi! Mela:

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu*" (Kolossin 2:8).

# L-ISPIRTU S-SANTU—IT-TIELET PERSUNA TAD-DIVINITÀ
## (L-ewwel parti)

Il-kliem oriġinali Ebrajk u Grieg li jirreferi għal l-Ispirtu s-Santu (*ruwach* u *pneuma*) jfissru "riħ" u "nifs." Aħna ma nistgħux naraw ir-riħ, imma nafu li dan jeżisti.

### L-Ispirtu s-Santu Hu Alla

L-Ispirtu s-Santu:

1. **Hu kkunsidrat daqs Alla:**
   a. Atti 5:3-4; 2 Korintin 3:17-18.
2. **Hu kkunsidrat daqs Kristu:**
   a. Ġwanni 14:16-17.
3. **Għandu l-attributi inkomunikabbli ta' Alla:**
   a. Etern: Lhud 9:14
   b. Omnipreżenti (li jisab kullimkien fl-istess ħin): Salm 139:7
   c. Omnixjenti (jaf kollox): 1 Korintin 2:10-11
4. **Involut fl-opri kollha ta' Alla:**
   a. Fil-Ħolqien: Ġenesi 1:2; Salm 104:30
   b. Fl-Inkarnazzjoni: Mattew 1:18; Luqa 1:35
   c. Fil-Qawmien: Rumani 1:4; 8:11
   d. Fis-Salvazzjoni: Rumani 8:1-27
5. **Hu Persuna:**
   a. Għandu isem: Mattew 28:19. (Hawn wieħed għandu jinnota li "isem" hija wżata f'kon-ġunzjoni mal-Missier u l-Iben għalhekk dan għandu jkun użat bħala persuna.
   b. Hu d-"Difensur": Ġwanni 14:16; 1 Ġwanni 2:1. innota wkoll li "Difensur" [parakletos)

fil-Grieg kienet użata dejjem jew kważi dejjem dwar persuni.
  c. Hu mibgħut f'isem Ġesù, biex igħallem: Ġwanni 14:26
  d. Jiġi, u jagħti xhieda: Ġwanni 15: 26-27
  e. Hu mibgħut minn Kristu ħalli juri d-dnub, *jitkellem* mhux Minnu Nnifsu, imma għannom ta' Kristu, jigglorifika lil Kristu, b'hekk juri l-umiltà: Ġwanni 16:7-14
6. Hu l-Ispirtu <u>Qaddis</u> f'kuntrast għal spirti ħżiena: Mark 3:22-30; Mattew 12:23; 1 Timotju 4:1; 1 Ġwanni 3:24—4:6
7. Jitkellem, huwa kkwotat bħala qiegħed jitkellem: Ġwanni 16:13; Atti 1:16; 8:29; 10:19; 11: 12; 13:2; 16:6; 20:23; 21:11; 28:25-27; 1 Timotju 4:1; Lhud 3:7-11; 10:15-17; 1 Pietru 1:11; Rivelazzjoni 2:7, 11, 17, 29; 3:6, 13, 22
8. Wieħed jista' jigdiblu: Atti 5:3
9. Jista' jieħu deċiżjonjiet, ġudizzji: Atti 15:28
10. Jinterċiedi għall-Kristjani mal-Missier: Rumani 8:26
11. Lingwa "impersonali" wżata dwar l-Ispirtu imqabbla b'lingwa wżata dwar persuni oħra
  a. L-Ispirtu s-Santu bħala nar: Mattew 3:11; Luqa 3:16; Eżodu 3:2-4; Dewteronomju 4: 24; 9:3; Lhud 12:29
  b. L-Ispirtu s-Santu msawwab: Atti 2:17, 33; Isaija 53:12; Filippin 2:17; 2 Timotju 4:6
  c. Tkun mimli bl-Ispirtu s-Santu: Efesin 5:18; eċċ; Efesin 3:17, 19; 14:10

# IL-PERSONALITÀ U D-DIVINITÀ TA’ L-ISPIRTU S-SANTU
## (It-tieni parti)

Aktar qabel, aħna tkellimna dwar l-umiljazzjoni tal-Logos hekk ukoll ma nistgħux inħallu barra l-fatt li hemm umiljazzjoni bħal din ta’ l-Ispirtu s-Santu f’kull waqt li Hu jinżel ħalli jgħammar f’emmieni penitenti. Jekk aħna nkunu lesti li nħallu l-Kelma ta’ Alla tmexxina hi, allura nkunu nistgħu nifhmu sewwa dak li Alla jridna li nkunu nafu dwar l-Ispirtu s-Santu.

L-abitazzjoni ta’ l-Ispirtu s-Santu mal-ġisem ta’ Kristu hija nżul universali li għandu jqanqal lil qlubna għal ringrazzjament profond u jikkawżana biex inżommu l-iġsma tagħna safja, ħalli jaqdu u jservu bħala lqugħ għall-preżenza Tiegħu. Dan hu muri f’mod l-aktar ċar fl-Iskrittura Mqaddsa għalkemm sfortunatament xi wħud dan ma jarawħx jew ma jridux li jarawh! Aħna naqraw dan li ġej dwar dan:

- 1 Korintin 6:19-20,

  “*Jew ma tafux li ġisimkom hu tempju ta’ l-Ispirtu s-Santu, li jinsab jgħammar fikom, li għandkom minn Alla? Ma tafux li intom mintomx tagħkom infuskom? Bil-għoli kontu mixtrija! Mela agħtu ġieh lil Alla permezz ta’ ġisimkom.*”

- 1 Korintin 3:16-17,

  “*Ma tafux li intom tempju ta’ Alla, u li l-Ispirtu ta’ Alla jgħammar fikom?*

*Jekk xi ħadd jeqred it-tempju ta' Alla, Alla jeqred lilu. Għax qaddis hu t-tempju ta' Alla, li huwa intom.*"

- 1 Pietru 2:5,

  "*U intom ukoll, bħal ġebel ħaj, inbnew f'dar spiritwali, saċerdozju qaddis biex toffru sagrifiċċji spiritwali, li jogħġbu 'l Alla permezz ta' Ġesù Kristu.*"

- Efesin 2:19-22,

  "*Għalhekk ma għadkomx aktar barranin u frustieri, imma ċittadini flimkien mal-qaddisin u nies tad-dar ta' Alla, mibnija lkoll fuq is-sisien ta' l-appostli u tal-profeti, fejn Kristu hu l-ġebla taxxewka. Fih, il-bini kollu jintrabat sewwa, jitla' f'tempju qaddis fil-Mulej; fih, intom ukoll fl-Ispirtu, tinbnew flimkien f'dar fejn jgħammar Alla.*"

Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn hekk? Lanqas ma għandna nħallu barra l-fatt li 'dawn il-wegħdiet huma ndirizzati biss lill-qaddisin (Kristjani) ta' Alla.'

Fit-Testment il-Ġdid, l-Ispirtu s-Santu wkoll Hu magħruf bħala Alla. Billi wieħed jagħmel korrelazzjoni ta' diversi Skritturi dan għandu jsib li dak li jintqal dwar Alla assolutament f'post wieħed, xi mkien ieħor jintqal għall-Ispirtu s-Santu.

- Eżempju: F'Isaija 6:8 l-profeta jgħid,

> *"Mbagħad smajt leħed Sidi jgħid: 'Lil min se nibgħat? Min se* ***jmurilna****."*

Billi nqabblu vers 3 ta' l-istess kapitlu, aħna nsibu li l-Mulej hawn hu "l-Mulej ta' l-eżerċti." F'Atti 28:25-27, l-appostlu Pawlu jikkwota din is-silta minn Isaija fejn jgħid,

> "*…sewwa* ***qal*** *l-Ispirtu s-Santu lil missirijietkom permezz tal-profeta Isaija*" (enfasi tiegħi fiż-żewġ passaġġi).

Tista' l-lingwa tkun aktar ċara minn hekk? *"Sewwa* ***QAL*** *l-Ispirtu s-Santu.*" Trid tkun persuna biex "tgħid" u mhux sempliciment qawwa attiva kif jgħallmu b'mod żbaljat xi reliġjużi! Imkien fil-Bibbja kollha ma nsibu li l-Ispirtu s-Santu Hu qawwa attiva! Tat-Torri ta' l-Għassa **biddlu** dak li naqraw f'Ġenesi 1:2 dwar l-Ispirtu ta' Alla u minflok għamlu "God's *active force*" ("Il-qawwa attiva ta' Alla). Imma ta' din il-bidla fil-Kelma ta' Alla għad iridu jwieġbu lill-Mulej!

Kif diġa għadni kif ikkwotajt aktar qabel, l-appostlu Pawlu, meta jitkellem dwar it-tempju ta' Alla, jgħid fl-Ewwel Korintin 3:16-17,

> "*Ma tafux li intom tempju ta' Alla, u li l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom? Jekk xi ħadd jeqred it-tempju ta' Alla, Alla jeqred lilu. Għax qaddis hu t-tempju ta' Alla, li huwa intom.*"

Biex nifhmu aktar ċar, l-ispirazzjoni tgħidilna,

> "*Jew ma tafux li ġisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu, li jinsab jgħammar*

> *fikom, li għandkom minn Alla…?*" (1 Korintin 6:19).
>
> "*L-Ispirtu ta' dak li qajjem lil Kristu mill-imwiet jgħammar fikom*" (Rumani 8:11).

Għaliex "*l-Ispirtu ta' Alla?*" Għaliex l-Ispirtu s-Santu Hu wieħed mit-Tliet Persuni tad-Divinità li flimkien huma Alla (ara Mattew 28:19). Għaliex f'vers 16 ta' kapitlu 3 jintqal lit-tempju huwa ta' Alla waqt li f'kapitlu 6:3 jintqal lit-tempju huwa ta' l-Ispirtu s-Santu? Mhux hekk biss, imma fit-2 Korintin 13:5 naqraw:

> "*Ma tafux intom li Kristu Ġesù jinsab fikom?*"

Għaliex huwa t-tempju ta' Alla? Għaliex Alla, fit-totalità Tiegħu jgħammar fina. It-tweġiba hija ċara biżżejjed. It-tempju huwa ta' Alla fis-sens li Alla Hu l-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu (Mattew 28:19) u għalhekk it-tlieta jgħammru fina, fl-istess tempju li hu l-ġisem tagħna.

Jiena naħseb, li sakemm aħna ninsabu nfurmati permezz tar-rivelazzjoni u bl-esperjenza, hemm tliet ordnijiet, u tlieta biss, ta' persuni (meta ngħid persuni ma nkunx qiegħed infisser għall-ġisem tad-demm u tal-laħam imma għall-attributi), li huma: (1) Dawk il-Persuni li jikkostitwixxu d-divinità, li għalihom biss it-terminu "Divinità" huwa applikabbli. (2) L-anġli li huma murija fl-Iskrittura bħala "spirti li jamministraw" (Lhud 1:14), ordni ta' kreaturi tas-sema, u, (3) il-bnedmin—kull wieħed għaqda ta' ġisem—spirtu—li huma murija bħala "erwieħ ħajja" (Ġenesi 2:7).

Issa, jekk l-Ispirtu s-Santu Hu Persuna, kif diġa rajna u sejrin inkomplu naraw li hekk Hu, il-mistoqsija li tqum f'din il-konnessjoni hija din: "Għal liema *rank* jew *ordni* ta' persuni l-Ispirtu s-Santu jappartjeni?"

Ħalli l-ewwel niddiskutu dwar il-Personalita' l-Ispirtu s-Santu. L-uniku metodu xieraq li naċċertaw in-natura essenzjali ta' l-Ispirtu s-Santu huwa li nsibu dwar dan mit-tagħlim tal-Bibbja Mqaddsa, u partikolarment mit-Testment il-Ġdid dwar x'jagħmel l-Ispirtu s-Santu.

**I. Veduti foloz dwar l-Ispirtu s-Santu:**

Imma qabel inkomplu tajjeb li naraw xi veduti żbaljati dwar l-Ispirtu s-Santu.

- L-Ispirtu s-Santu huwa l-inqas membru mifhum tad-Divinità. Jintqal hekk dwar l-Ispirtu s-Santu:
  1. Aħna nifhmu r-relazzjoni tal-Missier u l-Iben, imma l-Ispirtu s-Santu?
  2. Aħna nafu li Hu kien ħadem fil-passat għall-benefiċċju tal-bniedem, imma kif?
  3. Hemm aktar nuqqas ta' għarfien dwar l-ISPIRTU S-SANTU milli hemm dwar il-Missier u l-Iben magħqudin flimkien.
  4. Wieħed minn dan in-nuqqas ta' għarfien jittratta man-natura nfisha ta' l-ISPIRTU S-SANTU, u ġġib fid-dubju l-eżistenza nfisha Tiegħu.

B. Katalgu ta' veduti foloz/apostati:

1. Christadelphians: "L-Ispirtu s-Santu mhuwiex Alla personali distint mill-Missier, imma l-qawwa jew enerġija tiddi, inviżibbli tal-Missier."
2. Xhieda ta' Jehovah:

- "L-Ispirtu s-Santu huwa qawwa attiva ta' Alla li Jista' Kollox li tqanqal lill-qaddejja Tiegħu ħalli jagħmlu r-rieda Tiegħu."
- "Huwa (it) [l-Ispirtu s-Santu] l-qawwa attiva impersonali u inviżibbli li ssib ir-riżorsa u r-reservwar f'Jehovah Alla u li hu juża biex iwettaq ir-rieda Tiegħu wkoll f'distanzi kbar."

3. Oħrajn jgħidu li l-Ispirtu s-Santu mhuwiex eżistenza personali imma pjuttost terminu wżat għat-total kollu tal-qawwa ta' Alla. Skritturi li jidhru li jindikaw li l-Ispirtu s-Santu huwa eżistenza personali jistgħu jkunu mifhuma bħala personifikazzjoni. Għalhekk l-Ispirtu s-Santu mhu xejn aktar milli l-Personifikazzjoni tal-qawwa ta' Alla.

## II. Huwa l-Ispirtu s-Santu Personifikazzjoni tal-Qawwa ta' Alla?

- Definizzjoni: "Figura rettorika li fiha ħaġa, kwalità jew idea hija rrappreżentata bħala persuna. Li titkellem dwar ħaġa bħala li għandha l-ħajja jew personalità"
- Eżempji li aħna familjari magħhom:

1. L-istatwa ta' Malta, il-personifikazzjoni tar-rebħa ta' l-1565.
2. Kupidu (fil-mitoloġija Rumana) personifikazzjoni ta' l-imħabba.
3. Espressjonijiet bħal "Il-wiċċ tal-qamar."

Ċ. Il-Bibbja tuża ħafna l-personifikazzjoni:

1. "Ħalli x-xmajjar iċapċpu jdejhom: ħa jifirħu l-muntanji flimkien" (Salm 98:8).

2. “L-għerf bena d-dar tiegħu, waqqaf is-seba kolonni tagħha” (Proverbji 9:1).
3. “Ja art, art, art, isma’ l-kelma tal-Mulej” (Ġeremija 22:29).
   - Veduti foloz simili dwar in-natura ta’ Satana. Huma jħarsu lejn ix-xitan, mhux bħala eżistenza ħażna personali separata imma bħala l-personifikazzjoni tad-dnub u l-mard. Meta l-Bibbja tgħid li “x-xitan bħal iljun igħajjat, idu, ifittex lil min jibla’” (1 Pietru 5:8), din hi personifikazzjoni huma jgħidu.
   - Xi wħud jgħidu li l-Ispirtu s-Santu l-personifikazzjoni tal-Bibbja. Huma jagħmlu dan billi joħolqu ta-bella bħal dik li ġejja u juru lit-tnejn għandhom ħafna mill-kwalitajiet li jsalvaw. Imbagħad huma jikkonkludu li billi huma għandhom l-istess kwalitajiet, huma l-istess ħaġa u joqgħodu fuq din it-tabella bħala prova.
4. Kwalitajiet simili ma jfissrux li żewġ affarijiet huma l-istess. Tewmin identiċi għandhom kwalitajiet simili imma huma *distinti*.
5. Hemm bosta kwalitajiet li l-Ispirtu s-Santu għandu u li l-Kelma m’għandix:
   - Rumani 8:26 – L-ISPIRTU S-SANTU *jinterċiedi*.
   - 1 Korintin 2:10 – L-ISPIRTU S-SANTU *jfittex* il-ħwejjeġ kollha.

- 1 Korintin 12:11 – L-ISPIRTU S-SANTU *jqassam* lil kull wieħed kif Huwa jrid.

6. L-ISPIRTU S-SANTU *rrivela* l-Bibbja (2 Pietru 1:20-21).
   - Hu r-*Rivelatur*.
   - Il-Bibbja hija r-*rivelazzjoni* Tiegħu.
7. Il-Bibbja hija x-xabla ta' l-Ispirtu, mhux l-Ispirtu Nnifsu (Efesin 6:17)

## Ix-Xabla ta' l-Ispirtu

| L-Ispirtu s-Santu | xogħol/azzjoni | Il-Bibbja |
|---|---|---|
| 2 Korintin 3:6 | imnissla | Ġak. 1:18 |
| Ġwanni 3:5-8 | imwieled mill-ġdid | 1 Pt. 1:23 |
| 1 Korintin 6:11 | inaddaf | 1 Ġw. 15:2-3 |
| Atti 9:31 | ifarraġ | 1 Tess. 4:8 |
| Ġwanni 16:8 | jiddikjara l-ħtija | Titu 1:9 |
| Galatin 5:22 | Fidi | Rum. 10:17 |
| Neħemija 9:20 | jagħti struzzjonijiet | 2 Tim. 3:17 |
| 1 Korintin 6:11 | jiġġustifika | Gal. 2:16; Rum. 3:28 |
| Rum. 8:14; Gal. 5:18 | imexxi | Salm 43:3; 119:105 |
| Rumani 15:13 | Qawwa | Lhud 1:3; Rum. 1:16 |
| 1 Pietru 1:22 | Isaffi | 1 Pietru 1:22-25 |
| 1 Pt. 3:18; Ġw. 6:63 | Jagħti l-ħajja | Salm 119:50 |
| Rumani 8:11 | Qajjem | Ġw. 5:28-29 |
| Ġwanni 16:8 | iċanfar | 2 Tim. 4:2 |
| Atti 7:51 | jirreżisti | 2 Tim. 3:8 |
| 1 Korintin 6:11 | iqaddes | Ġw. 17:13 |
| Titu 3:5 | isalva | Ġakbu 1:21 |
| Efesin 3:16 | isaħħaħ | Salm 119:28 |
| 1 Korintin 2:13 | igħallem | 2 Tim. 3:16-17 |
| Ġwanni 15:26 | jixhed | Ġwanni 5:39 |
| Galatin 5:16 | jimxi fi | Salm 119:10 |
| Rumani 8:16 | jixhed | Ġw. 5:39; 1 Ġw. 5:6-8 |

## III. L-Ispirtu s-Santu Hu Persuna!

- X'inhi persuna:

1. Definizzjoni ta' persuna: "Wieħed li għandu sustanza, kompletezza, eżistenza fih innifsu, individwalità u razzjonalità."
2. Ħames testijiet ħalli tiddetermina persuna:
   - SUSTANZA: esseri eżistenza realtà.
   - KOMPLETEZZA: dak li hu parti ma jissodisfax id-definizzjoni (driegħ).
   - EŻISTENZA FIH INNIFSU: tkompli bih innifsu, mhux b'ħadd ieħor: robot.
   - INDIVIDWALITÀ: mhux xi eżistenza universali.
   - RAZZJONALITÀ: teskludi dak li mhux intellettwali: blat u xtieli.
3. Huwa l-Ispirtu s-Santu kif jingħad fl-Ingliż "it" jew "Hu"? Ġwanni 16:12-14.

- L-Ispirtu s-Santu Hu Persuna:

1. Li għandu *moħħ*: Rumani 8:27 – "IL-FEHMA ta' l-Ispirtu."
2. Li għandu *rieda*: 1 Korintin 12:11 – "l-Ispirtu jqassam KIF IRID Hu."
3. Li jista' jkun *imsieħeb*: 2 Korintin 13:14 – "IS-SĦUBIJA ta' l-Ispirtu"
4. Li Għandu l-*emozzjonijiet*:
   - Rumani 15:30 – "Inħeġġiġkom, ħuti,…bl-IMĦABBA ta' l-ISPIRTU S-SANTU"
   - Efesin 4:30 (Isaija 63:10) – "U la TNIKKTUX lill-ISPIRTU S-SANTU"

5. Li jbati *tmaqdir* u *offiżi*:
    - Mattew 12:31 – "DAGĦWA kontra L-ISPIRTU S-SANTU."
    - Lhud 10:29 – "U jagħmel GĦAJB lill-Ispirtu tal-grazzja."
    - Atti 5:3 – "Int GDIBT lill-ISPIRTU S-SANTU."
    - Atti 7:51 – "Ja nies…intom dejjem IŻŻOMMU IEBES lill-ISPIRTU S-SANTU."
    - L-ISPIRTU S-SANTU huwa Persuna li tagħmel affarijiet:
    - Ġwanni 15:26 – "HU JIXHED Għalija."
    - Ġwanni 16:8 – "Hu JURI lid-dinja għandha ħtija."
    - Ġwanni 16:13 – "Dak kollu li JISMA' dak Hu JgĦID."
    - Ġwanni 16:13 – "Hu JMEXXIKOM Jiggwidakom)"
    - Ġwanni 16:14 – "Hu JIGGLORIFIKANI."
    - Atti 13:3, 4 – "Kienu MIBGĦUTIN mill-ISPIRTU S-SANTU."
    - Atti 15:28 – "Għax lill-ISPIRTU S-SANTU u lilna dehrilna SEWWA li m'għandniex …"
    - Atti 16:6 – "u NŻAMMU mill-ISPIRTU S-SANTU."
    - Rumani 8:14 – "li huma MMEXXIJIN mill-ISPIRTU ta' Alla."

- Rumani 8:16 – "L-ISPIRTU NNIFSU JIX-HED."
- Rumani 8:26 – "Hekk ukoll L-ISPIRTU JGĦIN id-dgħufijiet tagħna."
- Rumani 8:26 – "L-ISPIRTU JITLOB U JIDĦOL għalina."
- 1 Korintin 2:10 – "Għax l-ISPIRTU JFIT-TEX il-ħwejjeġ kollha."
- 1 Korintin 2:13 – "Kliem…li JGĦALLEM L-ISPIRTU."
- 1 Korintin 12:11 – "L-ISPIRTU JQASSAM lil kull wieħed kif IRID."
- Galatin 6:8 – "Mill-ISPIRTU JAĦSAD il-ħajja TA' DEJJEM."
- 1 Timotju 4:1 – "L-ISPIRTU JGĦIDHA ċar."
- Rivelazzjoni 22:12 – "U L-ISPIRTU u l-Għarusa JGĦIDU."

## IV. L-Ispirtu s-Santu Hu Eżistenza Divina

- Fl-isem:

1. Atti 5:3, 4 – "Inti gdibt lill-Ispirtu s-Santu [ALLA]"
2. Mattew 12:28 [Luqa 11:20] – "Imma jekk bl-Ispirtu [saba'] ta' Alla nkeċċi x-xjaten."
3. Ġwanni 14:16 – Ġesù bagħat "Avukat ieħor." (Ara paġni 142-145 għat-tifsira tal-kelma Grie-ga "ieħor."

B. FIS-SETGĦA:

1. Biex joħloq: Salm 104:30 – "Int tibgħat l-Ispirtu tiegħek, u huma JINĦOLQU."
2. Li jagħmel il-mirakli: 1 Korintin 12:11.
3. Li jispira lill-profeti: 2 Pietru 1:21 – "niex kienu MQANQLIN mill-ISPIRTU S-SANTU, tkellmu minn Alla."

Ċ. FIL-KARATTRU:

1. Lhud 9:14 – "Li permezz" ta' l-Ispirtu ETERN."
2. Neħemija 9:20 – "L-ISPIRTU *TAJJEB* Tiegħek." (Għal tifsira dwar "min hu *tajjeb*" ara paġni 64-65).
3. Hu omnipreżenti: Salm 139:7-10 – "Fejn immur bogħod mill-Ispirtu tiegħek…"
4. Hu jaf kollox – 1 Korintin 2:11 – "Hekk dak li hemm f'Alla ma jafu ħadd, ħlief l-Ispirtu ta' Alla."

**X'mhuwiex l-Ispirtu s-Santu:**

- Sommarju ta' x'mhuwiex l-Ispirtu s-Santu:

1. L-Ispirtu s-Santu mhuwiex xi ħaġa bħal sustanza ħafifa mistika, indefinita, u indefinibbli tassmewwiet li tiksi u timla l-univers bħal ċpar.
2. Hu mhuwiex sempliċiment influwenza jew qawwa vaga u impersonali merħija f'rispons għall-bżonnijiet umani.
3. Hu mhuwiex il-personifikazzjoni tal-qawwa ta' Alla jew tal-Bibbja.

B. L-Ispirtu s-Santu Hu eżistenza Divina li tħobb u li Hu interessat personalment dwarek!

Issa ħalli nkomplu naraw aktar dwar l-Ispirtu s-Santu u xi tgħid il-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa, Dwaru Nnifsu.

Il-bniedem li jippresiedi fi klassi huwa msejjaħ għalliem. Wieħed li jipprattika l-liġi huwa msejjaħ avukat. Wieħed li jiżra' u jieħu ħsieb ir-raba' huwa msejjaħ bidwi; u l-kumplament. Aħna nistgħu naċċertaw xi jkun bniedem b'dak li huwa jagħmel. U hekk ukoll, għalkemm l-analoġija hija l-bogħod minn preċiża, aħna nistgħu naċċertaw in-natura ta' l-Ispirtu s-Santu billi nsibu x'jagħmel l-Ispirtu s-Santu.

Billi nħarsu fl-Iskrittura Mqaddsa, aħna nsibu li l-Ispirtu s-Santu huwa ppreżentat bħala li *jagħmel* ċerti ħwejjeġ, kif sejrin naraw.

Atti 5:3-4. Hawn l-appostlu Pietru qiegħed jgħid lil Ananija:

> "*Ananija, dan kif ħallejt lix-xitan jidħollok f'qalbek biex* ***gdibt*** *lill-Ispirtu s-Santu?...*"

Ma' dan, Pietru jżid fl-istess nifs,

> "*Mhux lill-bnedmin* ***gdibt, imma lil Alla***" (enfasi tiegħi).

Mela, li tigdeb lill-Ispirtu s-Santu huwa li tigdeb lil Alla! Il-lingwa ma tistax tkun aktar ċara minn hekk. Għal darb'oħra, jista' xi ħadd **jigdeb** lil sempliċiment qawwa? *Trid tkun persuna* biex tigdbilha!

L-Ispirtu s-Santu Hu ppreżentat fl-Iskrittura Mqaddsa bħala li Hu assoċjat f'livell ta' egwaljanza kemm mal-Missier u kemm ma' l-Iben. Dwar dan diġa tkellimt aktar qabel, imma ħalli niffriskaw il-memorja

tagħna: Fil-formula tal-magħmudija, f'Mattew 28:19, Ġesù ordna:

> "*u għammduhom **fl-isem** tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.*"

Wieħed għandu jinnota hawn li wara l-kliem "*tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu*" il-virgola (,) ma teżistiex. U dan għaliex? Għaliex il-magħmudija hija "**fl-isem**" u mhux "fl-ismijiet." Għaliex it-**Tlieta**, il-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu huma WIEĦED, ALLA.

Fl-isem, fis-singular u mhux fil-plural. Kif f'Ġenesi 1:1 għandna Elohim, fil-plural, hawn, f'Mattew 28:19, t-tlieta kollha kemm huma jġibu **l-istess** isem, fis-singular. Mingħajr dubju dak l-Isem huwa YAHWEH tat-Testment il-Qadim, u Alla tat-Testment il-Ġdid. Barra minn dan, dan il-vers huwa prova tad-Divinità ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu kif ukoll tal-Missier. Min jista' jiċħdu dan? (Dwar dan naraw aktar fl-aħħar lezzjoni tagħna).

Magħmudija "fl-isem" tfisser żewġ affarijiet: (1) Dħul f'relazzjoni u għaqda mal-persuni li għalihom l-isem ikun, u (2) li wieħed jiddependi fuqu u sottomissjoni għal dak li jġib l-isem. Billi t-tlieta kemm huma jġibu dan l-isem aħna nikkonkludu, li wieħed jaċċetta t-tlieta kemm huma u jiddependi fuqhom bħala 'l Alla li aħna nqimu u naduraw.

Mela, l-Iskrittura tgħallem li Alla Hu WIEĦED imma huma TLIETA li jagħmlu lil dan Alla. It-Tlieta kollha huma msemmija flimkien bosta drabi fl-Iskrit-

tura. Fil-magħmudija ta' Ġesù, it-tlieta huma msemmija flimkien:

> "*Ġesù, wara li tgħammed, minnufih tela' mill-ilma; u ara, is-smewwiet infetħu, u ra' l-Ispirtu ta' Alla nieżel qisu ħamiema u jieqaf fuqu. U mis-smewwiet instema' leħen igħid: "Dan hu Ibni l-għażiż; fih sibt il-għaxqa tiegħi*" (Mattew 3:16-17).

Fil-barka appostolika fit-Tieni Korintin 13:13-14, naqraw,

> "*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll*" (ara wkoll 1 Pietru 1:2).

Din hija talba ndirizzata lit-Tliet Persuni kollha. Il-personalità distinta u d-divinità tal-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu huma hawn murija u mfissra ċari ħafna. Il-benedizzjoni hija għarfa ċara ħafna tat-Tliet Persuni f'Alla Wieħed, id-dottrina fundamentali tal-Kristjaneżmu Bibliku. Mistoqsija importanti hawn hi: Sejjer l-appostlu ispirat Pawlu jassoċja l-isem ta' xi *anġlu* jew ta' xi *maħluq* ma' dak ta' Alla? Sejjer hu jgħid, "il-grazzja tal-Mulej, l-imħabba ta' Alla, u l-barka ta' Pietru jew ta' l-anġlu Mikiel ikunu magħkom ilkoll?" Imkien fl-Iskrittura Mqaddsa ma hemm xi assoċċjazzjoni bħal din ta' ismijiet divini ma' ismijiet umani. Sfortunatament, il-bnedmin, mexxejja reliġjużi, jippruvaw jieħdu titli reliġjużi għalihom infushom, bħal per eżempju, Holy Father, Reverendu, u

oħrajn, imma dawn kollha huma titli li jappartjenu lil Alla **waħdu** u lil ebda bniedem (ara Salm 111:9 u Mattew 23:9; Ġwanni 17:11). Oħrajn jippruvaw jgħallmu, u ħafna jinqabdu fit-tagħlim żbaljat tagħhom, li Sidna Ġesù Kristu Hu l-anġlu Mikiel u li kien maħluq. Imma Alla, fil-Klema Tiegħu jġib fix-xejn dan it-tagħlim fejn jgħid, dwar Kristu:

> "*Iżda int, Betlehem ta' Eferata, għalkemm l-iżgħar fost l-eluf ta' Ġuda, minnek joħroġli wieħed li jkun jaħkem fuq Iżrael: li nislu jkun mill-qedem, **mill-jiem ta' dejjem***" (Mikea 5:2).

Il-Mulej tagħna Ġesù Kristu kien **minn dejjem** u mhux maħluq. Dwar dan, għalkemm diġà tkellimna, inkomplu nitkellu aktar 'il quddiem. Ukoll fl-Ewwel Pietru 1:2, naqraw,

> "*Magħżulin minn qabel bl-Ispirtu s-Santu biex joqogħdu għall-kelma ta' Ġesù Kristu u jkunu mraxxin b'demmu. Lilkom grazzja u sliem bil-kotra.*"

F'Ġuda 20:21, naqraw,

> "*Iżda intom, għeżież, ibnu lilkom infuskom fuq il-fidi l-aktar qaddisa tagħkom, itolbu fl-Ispirtu s-Santu; żommu rwieħkom fl-imħabba ta' Alla, stennew il-ħniena ta' Sidna Ġesù Kristu għall-ħajja ta' dejjem.*"

Jekk l-Ispirtu s-Santu huwa sempliċiment *qawwa attiva* u mhux Persuna (kif jgħallmu x-Xhieda ta' Je-

hovah), ara tistax tapplika dawn l-Iskritturi għall-qawwa jew inkella għall-Persuna (nerġa' nfakkar li meta ngħid Persuna ma nkunx qiegħed *infisser persuna taddemm u l-laħam*, kif jaħsbu xi wħud, imma li *l-attributi* rriferuti għall-Ispirtu s-Santu jagħmluh Persuna. Dawn l-istess attributi huma applikati wkoll fl-Iskrittura Mqaddsa kemm għall-Missier kif ukoll għall-Iben):

- Ġwanni 14:16-17, 26,

  "*U jien nitlob 'il Missier, u hu jagħtikom* ***Avukat ieħor****, biex jibqa' magħkom għal dejjem: Li hu l-Ispirtu talverità, li d-dinja ma tistax tilqgħu, għax la tarah, u lanqas tafu: iżda intom tafuh; għax igħammar magħkom, u jkun fikom…Imma l-Avukat li hu l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, hu* ***jgħallimkom*** *kollox, u* ***jfakkarkom*** *kulma għidtilkom*" (enfasi tiegħi).

**Mistoqsija**: Tista' sempliċiment qawwa tkun **Avukat** li **jgħallem** kollox, u **jfakkar** kollox? L-Ispirtu s-Santu għandu jkun Persuna. Imma l-aktar kelma importanti f'din is-silta hija l-kelma "*ieħor*," fejn Ġesù qal, "*…u hu jibgħatilkom Avukat* ***ieħor***." Qatt int ippruvajt tara sewwa x'inhi t-tifsira ta' din il-kelma? Fil-Grieg din il-kelma għandha **żewġ** tifsiriet. Dawn Iż-żewġ kelmiet li fil-Malti għandna kelma waħda għalihom, jiġifieri, il-kelma "*ieħor*" huma fil-Grieg, "*allos*" u "*heteros*." Jekk inti tfittex din il-kelma f'dizzjunarju

tal-Grieg tal-kliem tat-Testment il-Ġdid, inti ssib li "*allos*" u "*heteros*" għandhom tifsiriet differenti, ħaġa li hija osservata f'ħafna passi fl-Iskrittura. "*Allos*" tfisser *differenza numerika* u turi ieħor ta' *l-istess kwalità*, waqt li "*heteros*" turi differenza fil-kwalità, ieħor ta' kwalità oħra. Kristu wiegħed li jibgħat "*Avukat ieħor*" (*allos Parakleton,* ieħor BĦalu Nnifsu, ieħor *ġeneriku* u mhux ieħor *numeriku*). Ta' min jinnota hawn li l-kelma "Avukat," *Parakleton,* hija applikata wkoll għal Kristu fl-Ewwel Ġwanni 2:1 fejn naqraw li

> "*...aħna għandna* ***Avukat*** *(Parakleton) quddiem il-Missier, lil Ġesù Kristu, il-ġust.*"

Ċertament li Kristu mhuwiex sempliċiment *qawwa attiva* u la Kristu mhuwiex sempliċiment qawwa attiva lanqas l-Ispirtu s-Santu ma jista' jkun sempliċiment qawwa attiva għaliex l-istess kelma hija applikata għat-tnejn! Jew it-tnejn huma *qawwa attiva* jew it-tnejn huma *Persuni*! L-appostlu Pawlu jgħid, f'Rumani 7:23, "*Imma jien nara liġi* ***oħra*** (heteros)," liġi differenti minn dik ta' l-Ispirtu tal-ħajja (mhux *allos*, liġi ta' l-*istess* kwalità). Wara l-mewt ta' *Ġużeppi* "*tala' sultan* ***ieħor***," "*heteros*," wieħed għal kollox *differenti* fil-karattru (Atti 7:18). Ukoll, meta Pawlu jitkellem dwar l-Evanġelju, huwa jużа din il-kelma fiż-żewġ tifsiriet tagħha fl-istess nifs, fejn jgħid:

> "*Jiena nistagħġeb bikom kif daqshekk malajr tbegħidtu minn min sejħilkom fil-grazzja ta' Kristu u dortu lejn*

*Evanġelju* ***ieħor****; (heteros) mhux għax hemm xi Evanġelju* ***ieħor*** *(allos), imma hemm xi wħud li qegħdin iħawdukom u jridu jaqilbu l-Evanġelju ta' Kristu*" (Galatin 1:6-7).

Qiegħed tara meta tħalli l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha u ma tħallix lil min *jaqleb l-Evanġelju ta' Kristu u jħawdek* kemm ikun faċli li tifhem sewwa t-tagħlim veru! Hawn, il-kelma "ieħor" hija wżata darbtejn iżda mhix l-istess kelma Griega li hija wżat fiż-żewġ waqtiet. Fl-ewwel waqt il-kelma "ieħor" hija "*heteros*" waqt li fit-tieni l-kelma hija "*allos*." Jiena ċert lit-tifsira hija ċara biżżejjed. (ara wkoll Mattew 11:3; Atti 27:1). L-istess kelma (heteroi) hija wżata dwar Iż-żewġ ħallelin li kienu msallba ma' Kristu (ara Luqa 23:32).

Dan għandu jkun biżżejjd biex nifhmu li meta Ġesù Kristu qal , "*U jien nitlob 'il Missier u hu jagħtikom Avukat ieħor* (*allos* Parakleton)," Ġesù għamel stqarrija qawwija kemm Dwaru Nnifsu kif ukoll dwar l-Ispirtu s-Santu, dwar id-Divinità tagħhom u tal-Missier, għaliex "*allos*" hawn timplika l-personalità ta' l-Ispirtu s-Santu mal-Missier. Biex inkun aktar eżatt, *allos* timplika l-personalità ta' l-Ispirtu s-Santu, u t-taqbil (egwaljanza) kemm ta' Ġesù Kristu u l-Ispirtu s-Santu mal-Missier. Hawn, għal darb'oħra nsibu tifsira l-aktar ċara tat-Tliet Persuni f'Alla Wieħed u naraw kemm huwa tagħlim falz li tgħid li l-Ispirtu s-Santu huwa sempliċiment qawwa hu mhux Persuna! ħalli nagħmilha ċara xi jridu jfissru x-Xhieda ta' Jehovah meta jgħidu li l-Ispirtu s-Santu Hu sempliċiment

il-qawwa attiva ta' Alla. Kif rajna aktar qabel, Ġesù Kristu huwa msejjaħ bħala li *Hu "l-qawwa ta' Alla.*" Ifisser dan li Ġesù huwa sempliċiment il-*qawwa attiva* ta' Alla? Ix-Xhieda ta' Jehovah ma jemmnux li Ġesù Hu l-*qawwa attiva* ta' Alla imma jemmnu li Hu Persuna! Qiegħed tara fejn qiegħed it-*taħwid* li semma l-appostlu Pawlu f'Galatin 1:6-8? It-tifsira hija lit-tnejn, kemm l-Ispirtu s-Santu u kemm Ġesù Kristu bħala li huma l-*qawwa ta' Alla* jfisser li huma dawk li jeżerċitaw il-qawwa ta' Alla biex isalvaw lil dawk li jemmnu. L-Evanġelju għandu qawwa loġika, il-qawwa tal-fatti ta' l-Evanġelju li jipproduċu l-fidi, huwa għandu qawwa emozzjonali, il-qawwa tal-motivi ta' l-Evanġelju li tipproduċi l-indiema; huwa għandu qawwa li tifdi, il-qawwa tad-demm ta' Ġesù Kristu biex tnaddaf mid-dnub. Jekk "Spirtu" tfisser *qawwa attiva* allura Alla Nnifsu Hu *qawwa attiva* u mhux persuna għaliex fi Ġwanni 4:24 Ġesù jgħid li "*Alla huwa* ***spirtu****…*" Li tipprova tilgħab bil-kliem, kif fil-fatt għamlu tat-Torri ta' l-Għassa fil-ktejjeb tagħhom, "Reasoning from the Scriptures," f'paġni 380-281, biex jippruvaw jispjegaw dwar l-Ispirtu s-Santu, huwa li tinganna lill-qarrejja tiegħek. Hija drawwa perikoluża ħafna, li tikkwota (kif għamlu tat-Torri ta' l-Għassa) siltiet mill-Iskrittura f'appoġġ għall-veduti tiegħek, meta t-tifsira ta' l-awtur (fil-każ tal-Bibbja l-Awtur Hu Alla) li kiteb kienet differenti minn dik li inti tapplika għalihom.

**Mistoqsija:** Jekk l-Ispirtu s-Santu hu *sempliċiment qawwa attiva*, allura għaliex Alla huwa wkoll imsejjaħ "Spirtu Qaddis (Santu)" (Ġwanni 4:24; Salm 111:9),

nistgħu ngħidu li Hu *qawwa attiva*? Qiegħed tara fejn qiegħed il-qerq!

- Ġwanni 16:13-15,

  *"Madankollu jien ngħidilkom il-verità: Jaqblilkom li jien immur: għax jekk ma mmurx,* ***l-Avukat*** *ma jiġix għandkom: iżda jekk immur, nibgħatulkom. U meta jiġi* ***hu, juri*** *li d-dinja għandha ħtija għad-dnub, għall-ħaqq, u għall-kundanna.... Imma meta jiġi* ***hu****, l-Ispirtu tal-verità,* ***imexxikom*** *fil-verità kollha: għax* ***hu*** *ma jistax* ***jitkellem*** *minnu nnifsu; iżda dak kollu li* ***jisma'****, dak* ***jgħid hu****; u* ***jgħarrfilkom*** *x'għandu jiġi.* ***Hu jigglorifikani****: għax* ***Hu jieħu*** *minn tiegħi, u* ***jgħarrafulkom****"* (enfasi tiegħi).

**Mistoqsija:** Tista' qawwa tkun indirizzata bħala "**Hu**"? **Seba'** darbiet il-pronom "**Hu**" huwa applikat għall-Ispirtu s-Santu fi Ġwanni 16:13-15. Ukoll fit-traduzzjoni tax-Xhieda ta' Jehovah (in-New World Translation) dan il-pronom (he) huwa wżat għal seba' darbiet f'dawn il-versi. Jista' dan il-pronom ikun użat għall-*qawwa attiva*? Le! Pronom jintuża biss flok nom jew **isem ta' persuna**! Qiegħed tara fejn qiegħed l-ingann! Tista' sempliċiment qawwa tkun **Avukat**, **turi**, **tmexxi**, **tisma'**, **titkellem** jew **tgħid**, **tgħarraf**, **tigglorifika**, jew **tieħu**? ċertament li trid tkun *Persuna* biex tagħmel dawn il-ħwejjeġ kollha u mhux xi

persuna komuni! L-Ispirtu s-Santu **jitkellem**, u min jitkellem jekk mhux persuna?

3. Atti 13:2, 4,

> "*Huma u jagħtu qima lill-Mulej, u jsumu, **qal** l-Ispirtu s-Santu: Ifirduli 'l Barnaba u 'l Sawl għax-xogħol li għalih **sejjaħtilhom**… Għalhekk huma, billi kienu **mibgħutin** mill-Ispirtu s-Santu telqu għal Selewkija…*" (enfasi tiegħi).

**Mistoqsija**: Temmen int li meta l-Kelma ta' Alla tgħid li "**qal** l-Ispirtu s-Santu," li l-Ispirtu s-Santu "**sejħilhom**" u "**bagħathom**" li sempliċiment *qawwa attiva* ma tistax tagħmel dan u li l-Ispirtu s-Santu **għandu jkun Persuna**? Il-Kelma ta' Alla hekk tgħid!

4. Efesin 4:30,

> "*U la **tnikktux** lill-Ispirtu mqaddes ta' Alla, li bih intom **issiġillati** għal jum il-fidwa.*"

**Mistoqsija**: Jista' xi ħadd **inikket** lill-*qawwa attiva*? Trid tkun persuna biex tkun **imnikkta**! Min **issiġilla**? Qawwa jew Persuna? Wieġeb int.

5. Atti 20:28,

> "*Ħarsu lilkom infuskom mela, u l-merħla kollha, li fuqha l-Ispirtu s-Santu **għamilkom** għassiesa, biex tirgħaw il-knisja ta' Alla, li xtara b'demmu stess.*"

**Mistoqsija:** Temmen int li kienet *sempliċiment qawwa attiva* li **għamlithom** għassiesa jew Persuna? (Nota: "*…il-knisja ta'* ***Alla li xtara b'demmu stess***." Mhux **Kristu** kien li xtara l-knisja b'demmu stess? Hawn jgħidilna li **Alla** xtara l-knisja b'demmu stess! Mela jew Kristu Hu Alla jew din is-silta hija żbaljata!) It-tweġiba għandek tweġibha int. Jippruvaw xi wħud idaħħlu f'dan il-vers il-kelma "Iben" imma din mhix fl-oriġinal. Għalhekk, tħallix 'il min iqarraq bik! (ara Efesin 4:14-15; 5:6; Kolossin 2:8). Aċċetta dak li tgħid il-Kelma ta' Alla u mhux l-interpretazzjonijiet tal-bnedmin!

6. 1 Timotju 4:1,

> "*Issa l-Ispirtu* ***jgħid fi kliem car****, li fl-aħħar żminijiet x'uħud jitilqu mill-fidi, billi jagħtu widen għal spirti qarrieqa u tagħlim tax-xjaten*."

**Mistoqsija:** Trid tkun persuna tabilħaqq biex tkun tista' ***"tgħid fi kliem car***," mhux hekk? Hawn l-Ispirtu s-Santu jintqal li jitkellem permezz tal-kittieb ispirat, l-appostlu Pawlu.

7. Lhud 3:7,

> "*Għalhekk, kif* ***jgħid*** *l-Ispirtu s-Santu: "Jekk illum tisimgħu leħnu, la twebb-sux qalbkom…*"

**Mistoqsija**: Min jista' '**jgħid**' *qawwa attiva* jew *Persuna*?

Hemm bosta Skritturi oħra li wieħed jista' jsemmi dwar dan imma dawn għandhom ikunu bizzejjed biex

aħna naraw ċar kemm għandna naċċettaw id-Divinità ta' l-Ispirtu s-Santu bħala verità rrivelata divinament, bħala wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-fidi Kristjana u bħala prova ċara dwar min Hu tassew 'l Alla tal-Bibbja Mqaddsa.

# L-ISPIRTU S-SANTU PERSUNA
## (It-tielet parti)

L-Ispirtu s-Santu Hu t-tielet Persuna fit-Trinità. Hu Alla għal kollox. Hu etern, omnixjenti, omnipreżenti, għandu rieda, u jista' jitkellem u jiggwida. Hu ħaj. Hu persuna. Hu mhuwiex partikolarment viżibbli fil-Bibbja għaliex il-ministeru Tiegħu huwa biex jixhed għal Ġesù (Ġwanni 15:26).

Xi kulti bħax-Xhieda ta' Jehovah jgħidu li l-Ispirtu s-Santu mhu xejn aktar minn sempliċiment qawwa (Reasoning from the Scriptures, 1985, pp. 406-407). Dan hu falz għal kollox. Jekk l-Ispirtu s-Santu kien sempliċiment qawwa, Hu ma kienx ikun jista' jitkellem (Atti 13:2; 10:19); Hu ma kienx ikun jista' jkun imnikket (Efesin 4:30); Hu ma kienx ikun jista' jkollu rieda (1 Korintin 12:11).

Billi l-Ispirtu s-Santu KIEN JAF li 'l quddiem kienu se jinħolqu għaqdiet reliġjużi li jwasslu tagħlim falz kontra Tiegħu, Hu wissa minn qabel dwar dawn l-għalliema foloz fejn qal, permezz ta' Pawlu,

> "*Ħarsu lilkom infuskom mela, u l-merħla kollha, LI L-ISPIRTU S-SANTU GĦAMILKOM għassiesa, biex tirgħaw il-knisja ta' Alla, li xtara b'demmu stess. Għax JIEN NAF DAN, li wara t-tluq tiegħi lpup ħorox jidħlu fostkom, u ma jaħfruhiex lill-merħla. Ukoll minn fostkom stess iqumu xi rġiel, jitkellmu ħwejjeġ imgħawġa, biex jiġbdu dixxipli warajhom. Għalhekk, għassu.*" (Atti 20:28-31a).

> *"Issa l-ispirtu JGĦID FI KLIEM ċar, li fl-aħħar żminijiet x'uħud jitilqu mill-fidi, billi jagħtu widen għal spirti qarrieqa, u tagħlim tax-xjaten. Li jgħidu ħaġa b'oħra bl-ipokresija:"* (1 Timotju 4:1, 2a).

Mhuwiex dan preċiżament li qiegħed jiġri permezz tat-tagħlim falz li qiegħed jingħad illum? "L-Ispirtu s-Santu GĦAMILKOM għassiesa" tgħid il-Kelma ta' Alla imma t-Torri ta' l-Għassa jgħid li dan ma jistax ikun għaliex l-Ispirtu s-Santu mhuwiex Persuna imma sempliċiment qawwa! Il-Kelma ta' Alla tgħid li "L-Ispirtu s-Santu "JGĦID FI KLIEM ċar" imma l-għalliema foloz moderni jgħidu li dan ma mhux minnu għaliex l-Ispirtu s-Santu mhuwiex Persuna u għalhekk ma jistax JGĦID FI KLIEM ċar. Lil min aħna għandna nemmnu? Jekk nemmnu dak li jintqal fl-Iskrittura Mqaddsa, kif fil-fatt għandna nagħmlu, allura għandna nemmnu li l-Ispirtu s-Santu Hu Persuna. Ma hemm ebda konklużjoni oħra dwar dan. Sempliċiment qawwa ma tistax TAGĦMEL jew TGĦID FI KLIEM ċar.

Ix-Xhieda ta' Jehovah jiċħdu li l-Ispirtu s-Santu Hu ħaj, li Hu persuna. Dan, naturalment huwa għaliex huma jiċħdu t-Trinità. Madankollu,

**Jekk l-Ispirtu s-Santu huwa sempliċiment qawwa, mela…**

1. Għaliex Hu msejjaħ Alla (Atti 5:3-5)?
2. Għaliex Hu għandu isem (Mattew 28:19)?
3. Kif inhu li Hu jista' jgħallem (Ġwanni 14:26)?

4. Kif jista’ jkun li wieħed jista’ jidgħi kontra Tiegħu (Mattew 12:31, 32)?
5. Kif jista’ Hu jkun Dak li jfarraġ (Atti 9:31)?
6. Kif inhu possibbli Għalih li jitkellem (Ġwanni 16:13; Atti 8:29; 10:19; 13:2; 28:25; 1 Timotju 4:1)?
7. Kif, mela, jista’ li xi ħadd jieqaflu (Atti 7:51)?
8. Kif Hu jista’ jkun imnikket (Efesin 4:30)?
9. Kif Hu jista’ jgħinna fid-dugħfijiet tagħna (Rumani 8:26)?
10. Kif Hu jista’ jkollu fehma (Rumani 8:27)?
11. Kif Hu jista’ jħobb (Rumani 15:30)?
12. Kif Hu jista’ jaħtaf lil xi ħadd (Atti 8:39)?
13. Kif Hu jista’ jgħallem (Ġwanni 14:26)?
14. Kif Hu jista’ jfakkar (Ġwanni 14:26)?
15. Kif Hu jista’ jiggwida (Ġwanni 16:13)?
16. Kif Hu jista’ jiddikjara (Ġwanni 16:13)?
17. Kif Hu jista’ jisma’ (Ġwanni 16:13)?
18. Kif Hu jista’ jigglorifika lil Kristu (Ġwanni 16: 13)?
19. Kif Hu jista’ jirċievi (Ġwanni 16:14, 15)?
20. Kif Hu jista’ jkun Avukat Difensur (Ġwanni 14: 16; 16:7)?
21. Kif jista’ Hu jagħti lil ħaddieħor li jitkellem (Atti 2:4)?
22. Kif Hu jista’ jagħti d-don Tiegħu (Atti 2:38)?
23. Kif tista’ tigdeb kontrih (Atti 5:3)?
24. Kif Hu jista’ jżomm (Atti 16:6)?
25. Kif Hu jista’ jfittex (1 Korintin 2:10)?
26. Kif Hu jista’ jkun jaf (1 Korintin 2:11)?
27. Kif Hu jista’ jqassam kif irid (1 Korintin 12:11)?

28. Kif Hu jista' jagħti l-barka Tiegħu flimkien ma' Ġesù u l-Missier (2 Korintin 13:14)?

Jekk l-Ispirtu s-Santu Hu sempliċiment qawwa bħal dik ta' radar, mela kif jista' jkun possibbli li dawk kollha msemmija fuq ikunu attribwiti Lilu? Qawwa ma titkellimx, ma tgħallimx ma tigwidax, eċċ. L-anqas int ma tista' tidgħi kontra qawwa! Jekk wieħed jista' jidgħi kontra l-Missier u kontra l-Iben u kontra l-Ispirtu s-Santu allura jew it-Tlieta huma Persuna jew l-ebda wieħed minnhom! (Mattew 12:31-32). Hawn naqraw li:

> "*Kull min jgħid kelma kontra BIN IL-BNIEDEM, tinħafirlu: iżda kull min jgħid kontra L-ISPIRTU S-SANTU, ma tinħafirlux la' f'did-dinja, u lanqas fid-dinja li ġejja*" (enfasi tiegħi).

L-unika konklużjoni li wieħed jista' jasal għaliha wara li jkun qara dawn il-versi hija din: Jekk BIN IL-BNIEDEM huwa PERSUNA, u dan għaliex wieħed jista' "jgħid kelma kontra Tiegħu," hekk ukoll l-ISPIRTU S-SANTU għandu jkun PERSUNA għaliex wieħed ukoll jista' "jgħid kelma kontra Tiegħu" l-istess kif jista' jgħid kelma kontra Bin il-bniedem. Ma tistax taħrab minn din il-konklużjoni għaliex jekk int tgħid li l-Ispirtu s-Santu Hu sempliċiment qawwa allura awtomatikament tkun qiegħed tgħid li Bin il-Bniedem, Ġesù Kristu huwa wkoll sempliċiment qawwa għaliex kontra t-tnejn jista' jintqal xi kliem! Qiegħed tara kif il-Kelma ta' Alla tgħeleb u ġġib fix-xejn kull tagħlim falz tal-bniedem.

Minn dawn naraw li l-verità hija li l-Ispirtu s-Santu Hu Persuna l-istess kif il-Missier u l-Iben huma fit-Trinità (Mattew 28:19). Hawn taħt għandna prova oħra kontra t-tagħlim żbaljat u falz li l-Ispirtu s-Santu mhuwiex Alla imma Hu sempliċiment qawwa:

**L-Ismijiet Tiegħu:**

1. Alla – Atti 5:3-4
2. Mulej – 2 Korintin 3:18
3. Spirtu – 1 Korintin 2:10
4. Spirtu ta' Alla – 1 Korintin 3:16
5. Spirtu tal-Verità – Ġwanni 14:17; 15:26
6. Avukat (Difensur) – Ġwanni 14:16; 15:26
7. Spirtu Etern – Lhud 9:14

**L-Attributi Tiegħu:**

1. Etern – Lhud 9:14
2. Omnipotenti – Luqa 1:35
3. Omnipreżenti – Salm 139:7-10
4. Għandu r-Rieda – 1 Korintin 12:11
5. Iħobb – Rumani 15:30
6. Jitkellem – Atti 13:2

**Simboli Ta':**

1. Ħamiema – Mattew 3:16
2. Riħ – Ġwanni 3:8
3. Nar – Atti 2:3

**Dnubiet Kontra:**

1. Tidgħi – Mattew 12:31
2. Tirreżisti (Nuqqas ta' twemmin) – Atti 7:51
3. Tinsulta – Lhud 10:29
4. Tigdeb Lilu – Atti 5:3

5. Tnikket – Efesin 4:30
6. Tberred – 1 Tessalonikin 5:19

**Qawwa fil-Ħajja Ta' Kristu:**

1. Ikkonċeputa minn – Mattew 1:18, 20
2. Magħmudija – Mattew 3:16
3. Meħud minn – Luqa 4:1
4. Mimli bil-Qawwa – Luqa 4:14, 18
5. Xhud Ta' Ġesù – Ġwanni 15:26
6. Qajjem lil Ġesù – Rumani 8:11

## L-OPRI TA' L-ISPIRTU S-SANTU

1. Aċċes għal għand Alla – Efesin 2:18
2. Jidlek għas-Servizz – Luqa 4:18
3. Jassigura – Rumani 8:15, 16; Galatin 4:6
4. Awtur ta' l-Iskrittura – 2 Pietru 1:20-21
5. Jgħammed – Ġwanni 1:32-34; 1 Kor. 12:13-14
6. Emmiena Mwielda Mill- – Ġwanni 3:3-6
7. Isejjaħ u Jikkummissjona – Atti 13:24; 20:28
8. Inaddaf – 2 Tessalonikin 2:13; 1 Pietru 1:2
9. Juri l-ħtija tad-dnub – Ġwanni 16:9, 14
10. Joħloq – Ġenesi 1:2; Ġob 33:4
11. Jagħti s-setgħa – 1 Tessalonikin 1:5
12. Jimla – Atti 2:4; 4:29-31; 5:18-20
13. Jagħti d-doni – 1 Korintin 12:8-11
14. Jigglorifika lil Kristu – Ġwanni 16:14
15. Jiggwida fil-verità – Ġwanni 16:13
16. Jgħin id-dgħufijiet tagħna – Rumani 8:26
17. Jispira t-talb – Efesin 6:18; Ġuda 20
18. Jinterċiedi – Rumani 8:26

19. Jinterpreta l-Iskrittura – 1 Korintin 2:1, 14; Efesin 1:17
20. Imexxi – Rumani 8:14
21. Jeħles – Rumani 8:2
22. Jifforma l-Karattru – Galatin 5:22-23
23. Jipproduċi l-frott – Galatin 5:22-23
24. Jagħti l-Qawwa lil l-Emmiena – Luqa 24:49
25. Iqajjem mill-mewt – Rumani 8:11
26. Iġedded – Titu 3:5
27. Iqaddes – Rumani 15:16
28. Jissiġilla – Efesin 1:13-14; 4:30
29. Isaħħaħ – Efesin 3:16; Atti 1:8; 2:4; 1 Kor. 2:4
30. Jgħallem – Ġwanni 14:26
31. Jixhed għal Ġesù – Ġwanni 15:26
32. Rebħa fuq il-ġisem – Rumani 8:2-4; Galatin 4:6

Issa, wara li int rajt dawn il-provi kollha mill-Kelma ta' Alla stess, lil min int se temmen, lill-bnedmin jew lil Alla? L-għażla li int tagħmel tista', jew issalvak għall-eternità jew tikkundannak għall-eternità!

Ikun xieraq li ngħalaq dan l-istudju bil-barka li fiha t-tliet Persuna tad-Divinità huma msemmija:

> "*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll*" (2 Korintin 13:13, 14).

# L-ISPIRTU S-SANTU
## (Ir-raba' parti)

## IDEAT FOLOZ DWAR L-ISPIRTU S-SANTU

L-appostlu Pietru, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, jgħid hekk dwar l-għalliema foloz:

> "*Imma kien hemm ukoll profeti qarrieqa fost il-poplu, bħal ma jkun hemm ukoll għalliema qarrieqa, li jdaħħlu minn taħt ereżiji misħutin, billi jiċħdu wkoll is-sid li xtrahom, u jġibu minnufih fuqhom it-telfien.*"

Għalliema foloz tabilħaqq jeżistu llum ukoll, u l-ideat li huma jħaddnu huma perikolużi ħafna. F'dan l-istudju aħna sejrin naraw xi tagħlim ieħor falz li għandu x'jaqsam ma' l-Ispirtu s-Santu.

Ġesù wissa:

> "*Ħarsu ruħkom mill-profeti foloz, li jiġu għandkom lebsin ta' ngħaġ, imma minn ġewwa huma lpup imġewħa*" (Mattew 7:15).

Ħalli naraw erba' ideat żbaljati li llum l-aktar li huma mgħallma, jiġifieri, (1) L-Ispirtu s-Santu Mhux Persuna, (2) L-Ispirtu s-Santu Għadu Qiegħed Jagħmel il-Mirakli, (3) Operazzjoni Diretta fil-Konverżjoni, u (4) Illuminazzjoni Speċjali ta' l-Ispirtu.

### I. L-Ispirtu s-Santu Mhux Persuna

Wieħed mill-aktar żbalji fundamentali rigward l-Ispirtu s-Santu huwa t-tendenza ta' xi reliġjonijiet li

jiċħdu l-personalità ta' l-Ispirtu s-Santu. Pubblikazzjoni tat-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jeħovah tgħid li "l-ispirtu s-santu huwa forza (jew qawwa) attiva ta' Alla. Mhuwiex ("it", jgħidu huma) persuna imma forza qawwija li Alla jikkawża toħroġ minnu nnifsu ħalli twettaq ir-rieda qaddisa tiegħu" (Reasoning, p. 381).

Mary Baker Eddy, fundatriċi tal-"Christian Science," ikkaratterizzat lit-tielet Persuna tat-Trinità bħala "Xjenza Divina" (p. 55). Parley Pratt, wieħed mill-"appostli" oriġinali tal-Mormoniżmu, darba ddeskriva lil l-Ispirtu s-Santu bħala qawwa bħal "manjetiżmu" jew "elettriċità." Hu kompla jitlellem dwar l-Ispirtu bħala "fluwidu divin" u "enerġija impersonali" (ara Jackson, 1993, p. 26).

Kull waħda minn dawn l-ideat hija barranija għall-verità. L-Ispirtu s-Santu huwa Persuna Divina, u dan huwa evidenti mill-fatturi li ġejjin, li ħafna minnhom diġa' tkellimna dwarhom aktar qabel:

1. L-Ispirtu jaġixxi f'mod personali. Hu jista' jitkellem (Mattew 10:20; 1 Timotju 4:1), igħallem (Ġwanni 14:26), jagħti xhieda (Ġwanni 15:26), jiggwida, jisma' u jiddikjara (Ġwanni 16:13), jibgħat (Atti 10:20), iżomm, ma jħallix (Atti 16:6), ifittex u jaf (1 Korintin 2:11), kif irid (1 Korintin 12:11), u jħobb (Rumani 15:30). Interpretazzjoni tajba biblika ma tippermettix il-qerq ta' xi wħud, permezz tal-veduti tagħhom (kif jingħad f'paġna 380 ta' Reasoning, il-Pubblikazzjoni tat-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah li tgħid li "l-ispirtu s-santu huwa ippersoni-

fikat") li dawn ir-riferenzi mhumiex ħlief sempliċiment personifikazzjonijiet. Fl-1 Korintin 1: 24 naqraw li Kristu Hu "*l-qawwa* ta' Alla, u *l-għerf* ta' Alla." Ifisser dan li billi Kristu Hu l-*qawwa* u l-*għerf* ta' Alla allura Hu mhuwiex Persuna? Għal kuntrarju, dawn ifissru li Kristu Hu etern għaliex jekk Alla Hu etern, il-qawwa u l-għerf Tiegħu għandhom ikunu eterni wkoll!

2. Hemm ħafna passaġġi li jiddeskrivu lil l-Ispirtu s-Santu bħala li huwa r-reċipjent ta' azzjonijiet li huma applikabbli biss għal entità personali. L-Ispirtu jista' jkun imnikket (Efesin 4:30), wieħed jista' jigdiblu (Atti 5:3), wieħed jista' jitkellem kontrih (Mattew 12:23), wieħed jista' jirreżistih (Atti 7:15), u nsulentat (Lhud 10:29). Jista' wieħed "jigdeb" lil l-elettriċità, "jnikket" il-manjetiżmu, jew "jinsulta" l-fluwidu?

3. L-Ispirtu s-Santu huwa spiss imsemmi f'kuntesti li fihom persuni oħra huma diskussi. Dwar l-Ispirtu, Ġesù qal: "Hu jigglorifikani" (Ġwanni 16:14). Jekk il-"jigglorifik*ani*," jiġifieri, "jigglorifika *Lili*," (Kristu) tirrappreżenta persuna, għaliex mhux il-"Hu" (l-Ispirtu) wkoll ma turix persuna? Ċerti mexxejja ispirati fil-knisja tal-bidu kitbu: "Għax lill-Ispirtu s-Santu, u lilna, dehrilna sewwa..." (Atti 15:28). L-Ispirtu s-Santu Hu personali daqs "lilna." Trid tkun tassew prużuntuż biex tagħmel xi distinzjoni bejn wieħed u l-ieħor! Jew it-tnejn huma persuni jew it-tnejn mhumiex!

## II. L-Ispirtu s-Santu Għadu Qiegħed Jagħmel il-Mirakli

Kull student devot tal-Bibbja hu konxju mill-fatt li l-mirakli kienu applikat minn Alla fl-iskema divina tal-ħwejjeġ. Permezz tal-mirakli, il-ħolqien u l-organizzazzjoni ta' l-Univers kienu effettwati (Ġenesi 1; Salm 33:6-9; Lhud 11:3). Addizzjonalment, meta Alla beda l-proċess Tiegħu ta' rivelazzjoni progressiva, jikkomunika r-rieda Tiegħu lill-familja umana, Hu ddokumenta l-awtentiċità tal-messaġġ permezz ta' fenomenu sopranaturali. "Sinjali" mirakolużi kienu mfassla ħalli jivvaliditaw il-messaġġ miktub (Mark 16:17-20). Imma l-fatt tal-ħaġa hu, Alla mhuwiex qiegħed jesibixxi s-setgħa Tiegħu llum f'mod mirakoluż, u dak hu muri permezz tal-linja li ġejja ta' argumentar.

1. Ma hemm ebda ġrajja fid-dinja tal-llum li saħansitra tixbaħ b'mod rimot ix-xorta ta' "sinjali" li huma komuni għar-reġistrar tat-Testment il-Ġdid. Fejn hija l-persuna b'parti minn ġisimha maqtugħha li instantanjament u perfettament kienet imqiegħda f'postha lura mill-ġdid (Luqa 22:50, 51)? Fejn hu l-individwu, erbat ijiem mejjet, li ħareġ 'il quddiem mill-qabar (Ġwanni 11:38-44)? Min iħallas it-taxxi tiegħu llum b'fondi misjuba f'ħalq ta' ħuta (Mattew 17:27)? Eżami ta' l-hekk imsejħa "mirakli" moderni għandu jirrivela li dawn virtwalment m'għandhom xejn komuni max-xorta ta' "sinjali" mfissra fil-Bibbja.

2. L-allegazzjoni li l-Ispirtu s-Santu qiegħed jaħdem il-mirakli llum hija kuntrarju għat-tagħlim esplicitu bibliku għall-iskop li għalih kienu mogħtija l-mirakli. Kif kien indikat aktar qabel, is-sinjali kienu mfassla ħalli jivvaliditaw ir-rivelazzjoni tar-rieda ta' Alla għall-bnedmin (Mark 16:20; Lhud 2:2-4). Meta l-process tar-rivelazzjoni kien ġie fit-tmiem bit-tlestija tar-rakkont tat-Testment il-Ġdid, il-mirakli ma kinux aktar meħtieġa, għalhekk, għaddew (ara 1 Korintin 13:8-13). Ħadd ma jista' b'mod konsistenti jargumenta għall-mirakli llum mingħar ma jsostni lir-rivelazzjoni divina għandha sejra, u lit-Testment il-Ġdid għadu mhux komplut.

3. Il-mezzi għal ilqugħ tad-doni spiritwali llum fl-epoka Kristjana mhumiex operattivi llum. Doni, fl-ewwel seklu, kienu msawba permezz tal-magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu (Atti 2; 10), u permezz tat-tqegħid ta' l-idejn *ta' l-appostli biss* (Atti 8:17, 18; 19:6; 2 Timotju 1:6). Billi llum ma hemmx magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu għaliex il-Bibbja tgħidilna li hemm biss "magħmudija waħda" (Efesin 4:5; Mattew 28:19, 20), dik ta' l-ilma (Atti 8:36-39), u billi llum ma hemm ebda appostli ħajjin, huwa ovvju li, sakemm ix-xhieda biblika hija kkonċernata, ebda doni spiritwali ma huma mogħtija lil emmiena llum. (Ara l-Istudju …, minn paġna 209)

4. Kif kien issuġġerit aktar qabel, it-Testment il-Ġdid esplicitament jafferma lit-tiswib bid-doni

mirakolużi kellhom jieqfu, jisktu (Efesin 4:11-16; 1 Korintin 13:8-13).

## III. Operazzjoni Diretta fil-Konverżjoni

Denominazzjonalisti spiss iħaqquha li l-Ispirtu s-Santu, f'mod dirett u misterjuż, jopera fuq il-midneb fil-proċess tal-konverżjoni. Fid-dibattitu tiegħu ma N. B. Hardeman, il-predikatur magħruf Battista, Ben M. Bogard, afferma: "Il-Bibbja tgħallem li fil-konvinzjoni u konverżjoni l-Ispirtu s-Santu jeżerċità qawwa jew influwenza f'żieda għall-kelma miktuba" (p. 7). Jekk l-Ispirtu s-Santu jopera fuq ir-ruħ tal-midneb indipendentament mill-Kelma miktuba, għaliex qatt ma nstab Kristjan wieħed f'dawk il-postijiet fejn l-Evanġelju qatt ma kien imħabbar? Għaliex li tribujiet f'reġjuni primittivi ma jafu xejn dwar il-Mulej Ġesù, barra mill-influwenza tar-rivelazzjoni biblika? Din iċ-ċirkustanza hija li ma tistax tagħti raġuni għaliha fid-dawl tat-teorija msemmija aktar qabel.

Ċertament li huwa tassew li l-Ispirtu s-Santu huwa strumentali fir-riġenerazzjoni ta' dawk li huma mitlufa. Imma l-influwenza Tiegħu hija eżerċitata *permezz tar-rivelazzjoni Tiegħu*, l-Iskrittura Mqaddsa, u mhux barra minn dawn id-dokumenti,

> "*U aqbdu l-elmu tas-salvazzjoni, u x-xabla ta' l-Ispirtu, li hi l-kelma ta' Alla*" (Efesin 6:17).

Bħala eżempju, huwa permezz ta' l-Ispirtu li wieħed ikun immexxi ħalli jkun mgħaddas (mgħammed) fil-ġisem ta' Kristu. L-appostlu Pawlu jgħid hekk dwar dan,

“*Għax bi Spirtu wieħed aħna lkoll, sew Lhud u kemm Ġentili, sew lsiera u kemm ħielsa, konna mgħammdin f'ġisem wieħed; u aħna lkoll xrobna minn Spirtu wieħed*” (1 Korintin 12:13).

Fl-istess mod, huwa permezz tal-Kelma li dan ir-riżultat identiku huwa affettwat:

“*Biex iqaddisha u jnaddafha bil-ħasil ta' l-ilma bil-kelma*” (Efesin 5:26).

Fil-proċess tal-konverżjoni, li hu muri simbolikament bħala li “titwieled mill-ġdid (Ġwanni 3:3), huwa permezz ta' l-aġenzija ta' l-Ispirtu s-Santu li “t-tnissil” hu iniżjat. Madankollu innota din l-affermazzjoni:

“*Wara li naddaftu ruħkom, billi smajtu mis-sewwa, permezz ta' l-Ispirtu, biex tħobbu 'l xulxin bħal aħwa bla qerq, qisu li tħobbu 'l xulxin b'qalb safja bil-ħeġġa kollha. Billi twelidtu mill-ġdid, minn nisel mhux li jitħassar, imma li ma jitħassarx, permezz tal-kelma ta' Alla ħajja, u li tibqa' għal dejjem*” (1 Pietru 1:22, 23).

Ġakbu jiddikjara:

“*Bir-rieda tiegħu stess wilidna bil-kelma tal-verità,…*” (Ġakbu 1:18).

Ma' dan il-fatt, Pawlu jaqbel. L-appostlu jiddeskrivi lill-Korintin bħala dawk li kienu mqaddsa, u ġġustifikati permezz ta' l-Ispirtu (1 Korintin 6:11); u madankollu, hu kien jista' jiddikjara fl-istess ittra:

“*…għax jien nissiltkom fi Kristu Ġesù permezz ta' l-evanġelju*” (1 Korintin 4: 15).

Biċ-ċar, l-Ispirtu s-Santu, f'li jmexxi nies onesti għall-Mulej, jeżerċità l-influwenza Tiegħu permezz tal-messaġġ ta' l-Evanġelju. Li xi ħadd jafferma li xi ħaġa addizzjonali hija meħtieġa għas-salvazzjoni, huwa li jisraq lil l-Evanġelju mill-qawwa tiegħu fil-proċess tal-fidwa (Rumani 1:16).

## IV. Illuminazzjoni Speċjali Ta' l-Ispirtu

Huwa ġeneralment argumentat li l-Bibbja mhijiex ċara biżżejjed biex tmexxi lin-nies fit-taqbida ta' ħajja qaddisa. Aħna għandna nistudjaw l-Iskrittura, jintqal, imma sabiex nifmuha, aħna neħtieġu wkoll l-illuminazzjoni speċjali ta' l-Ispirtu ta' Alla. Roy Zuck tas-Seminarju tat-Teologija f'Dallas kiteb: “L-interpretu [tal-Bibbja] għandu jiddependi wkoll fuq l-Ispirtu s-Santu.” Hu jikkwota lil H. C. G. Moule: “L-Ispirtu Mbierek mhux biss hu l-Awtur veru tal-Kelma miktuba imma wkoll il-Kummentatur suprem u veru tagħha” (Zuck, p. 23). Jekk din il-veduta hi korretta, hawn hija mistoqsija interessanti. Huwa l-Ispirtu infallibli fl-espożizzjoni Tiegħu daqs kemm Hu fir-rivelazzjoni inizjali Tiegħu? Jekk it-tweġiba hija iva, allura dawk kollha li huma illuminati mill-Ispirtu għandhom ikunu bla ebda difett, perfetti fl-eseġesi tagħhom tal-Bibbja, u magħqudin għalkollox fl-għarfien tagħhom ta' l-Iskrittura. Imma ħaġa bħal din mhuwiex il-każ. Ħafna skulari li jistqarru l-illuminazzjoni ta' l-Ispirtu huma kontinwament f'nuqqas ta' qbil bejniethom fl-opinjo-

nijiet teoloġiċi tagħhom. Barra minn dan, huwa l-mudell ta' l-inkonsistenza li targumenta għal "illuminazzjoni sopranaturali," u mbagħad tipprovdi ktieb (użat bħala test fl-istudju) li jqiegħed 'il quddiem ir-regoli ta' interpretazzjoni korretta—kif Dr. Zuck kien għamel. Il-fatt huwa, il-Bibbja tgħallem ċar ħafna li wieħed jista' jaqra u jifhem ix-xhieda ta' l-Iskrittura Mqaddsa:

> "*Li bihom, meta taqraw, **tistgħu tifhmu** x'naf jien mill-misteru ta' Kristu*" (Efesin 3:4).
>
> "*Għalhekk tkunux bla għaqal, imma **ifhmu** x'inhi r-rieda tal-Mulej*" (Efesin 5:17).
>
> "*Dawn kienu aktar ġenerużi minn dawk ta' Tessalonika, billi laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, u **fittxu kuljum fl-Iskrittura**, jekk dawk il-ħwejjeġ kinux hekk*" (Atti 17:11) (Enfasi tiegħi).

Imma jintqal lilna li Pawlu għallem li "l-bniedem naturali" (jiġifieri, wieħed mhux illuminat mill-Ispirtu) ma jistax ikun "jaf" il-ħwejjeġ ta' Alla (1 Korintin 2:14), It-teorija ta' l-"illuminazzjoni" timponi fuq dan il-kuntest ħsieb li sempliċiment mhux qiegħed hemm. F'dan it-test Pawlu qiegħed jissuġġerixxi li l-bniedem naturali (jiġifieri, wieħed mhux mgħallem mill-Ispirtu permezz tal-kelliem appuntat ta' Alla—vers 10) ma jirċevix il-ħwejjeġ ta' Alla (jiġifieri, veritajiet spirit-

wali). Ħwejjeġ bħal dawn huma blugħa għalih, u hu ma jistax ikun "jafhom" (ginosko—li tkun taf esperimentalment). Affarijiet bħal dawn wieħed għandu jagħrafhom spiritwalment (jiġifieri, huma kkomunikati permezz tal-proċess tar-rivelazzjoni—fl-aħħarnett qegħdin miġubra fl-Iskrittura). Il-"bniedem naturali" mhuwiex mostur għall-verità spiritwali intuwittivament. Ħadd, naturalment (jiġifieri, barra mir-rivelazzjoni), ma jista' jkun jaf il-moħħ ta' Alla.

Ma hemm ebda riferenza f'dan il-kuntest għall-"illuminazzjoni" ta' l-Ispirtu bħala rekwiżit għall-għarfien ta' l-Iskrittura. Pjuttost, l-enfasi hija fuq il-fatt li l-verità hija miksuba permezz ta' rivelazzjoni divina, mhux intuwizzjoni (jiġifieri, għarfien tal-moħħ immedjat mingħajr ħtieġa ta' raġunar).

**Sorsi:**

Bogard, Ben M. (1938), Hardeman-Bogard Debate (Nashville, TN: Gospel Advocate Co.).

Eddy, Mary Baker (75th Anniversary Edition), Science and Health With Key to the Scriptures (Boston: First church of Christ, Scientist).

Jackson, Wayne (1992), "The Miracles of Christ Vs. Modern Miracles," Essays in Apologetics, Bert Thompson & Wayne Jackson, Eds. (Montgomery, AL: Apologetics Press), Vol. V.

Jackson, Wayne (1993), "Mormonism and the God-head," The Spiritual Sword, July.

Reasoning from the Scriptures (Brooklyn, NY: Watch Tower Bible & Tract society), 1985.

Zuck, Roy B. (1991), Basic Bible Interpretation (Wheaton, IL: Victor books).

# ID-DON U D-DONI TA' L-ISPIRTU S-SANTU
## (Il-Ħames parti)

"*U Pietru weġibhom: "Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu D-DON TA' L-ISPIRTU S-SANTU. Għax il-wegħda qiegħda għalikom għal uliedkom u għal dawk kollha li huma fil-bogħod, dawk kollha li l-Mulej Alla tagħna sejħilhom.*" (Atti 2:38-39)

"*Kif nistgħu neħilsuha aħna jekk inwarrbu salvazzjoni hekk kbira? Din is-salvazzjoni li ngħatat l-ewwel bil-fomm tal-Mulej stess, u mbagħad wassluha sħiħa lilna dawk li semgħuh. Ma' tagħhom Alla żied ix-xhieda tiegħu b'sinjali u għeġubijiet u ħafna għemejjel setgħana, kif ukoll BID-DONI TA' L-ISPIRTU S-SANTU mqassmin skond ir-rieda tiegħu*" (Lhud 2:3-4)

Ħafna nies iħalltu D-**DON** TA' L-ISPIRTU S-SANTU u D-**DONI** TA' L-ISPIRTU S-SANTU. Ħalli naraw kif l-Ispirtu s-Santu juża dawn il-frażijiet fil-Kelma Mqaddsa Tiegħu u t-tifsira ta' kull waħda ssir ċara. Aħna għandna nħallu l-Kelma Tiegħu tfissrilna dak li Hu jgħidilna u li jridna li aħna nifhmu u mhux lill-mexxejja reliġjużi moderni!

# 1. ID-DON TA’ L-ISPIRTU S-SANTU

Permezz ta’ l-appostli, l-Ispirtu s-Santu qal li dawk li jemmnu f’Ġesù, jindmu u jitgħammdu, jirċievu l-maħfra tad-dnubiet u “*d-don ta’ l-Ispirtu s-Santu.*”

Din il-wegħda kienet magħmula *disponibbli “għal dawk kollha li l-Mulej Alla tagħna sejħilhom*” (Atti 2: 38-39)

U Alla għadu jsejjaħ permezz ta’ l-Evanġelju. L-appostlu Pawlu jgħid,

> “*Jiena ma nistħix mill-evanġelju: għax l-evanġelju hu qawwa ta’ Alla għas-salvazzjoni ta’ dawk kollha li jemmnu, l-ewwel Lhud, u mbagħad Griegi, u fih tidher il-ġustizzja ta’ Alla minn fidi għal fidi, skond ma hemm miktub: “Il-ġust jgħix bil-fidi.*”(Rumani 1:16; ara wkoll Rumani10:13-14; 2 Pietru 3:9).

Din il-wegħda kienet għan-nies kollha, għaż-żmien kollu. Ġesù qal,

> “*…Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art. Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta’ l-Iben u ta’ l-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U, ara, jiena magħkom dejjem,* ***sa l-aħħar taż-żmien***” (Mattew 28:18-20).

Għalhekk kull persuna li tobdi s-sejħa ta’ Alla għandha l-wegħda ta’:

> “*l-Ispirtu s-Santu li Alla ta lil dawk li jobduh*” (Atti 5:32).

## X’Inhu “d-Don Ta’ l-Ispirtu s-Santu?”

Huwa l-Ispirtu s-Santu Nnifsu li jiġi biex igħammar f’kull wieħed u waħda li jemmnu.

Waqt li kiteb lill-Kristjani f’Ruma, l-appostlu Pawlu fakkarhom li

> “*l-Ispirtu ta’ dak li qajjem lil Kristu mill-imwiet jgħammar fikom*” (Rumani 8:11).

U, lill-Kristjani f’Korintu, *li*

> “*ġisimkom hu tempju ta’ l-Ispirtu s-Santu, li jinsab jgħammar fikom, li għandkom minn Alla*” (1 Korintin 6: 19).

## Kif Aħna Nkunu Nafu li Għandna l-Ispirtu s-Santu?

Għaliex Alla ma jigdibx (Titu 1:2) u l-Ispirtu s-Santu Tiegħu jinfurmana li

> “*Intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammda fi Kristu, ilbistu ’l Kristu…U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta’ Ibnu f’qalbna jgħajjat: Abba! Missier!*” (Galatin 3:26-27; 4:6).

Il-Kristjani għandhom ikunu jafu li huma għandhom l-Ispirtu s-Santu għaliex Alla hekk jgħid!

## Xi Jfisser Għalina Dan id-Don?

4. *L-Ispirtu s-Santu jiggarantixxi l-wirt etern tagħna.* (Aqra Efesin 1:13-14).
5. *L-Ispirtu s-Santu jaqddisna fil-ħajja tagħna.* (Rumani 15:16; 1 Korintin 6:11; Galatin 6:8-9).
6. *L-Ispirtu s-Santu jinterċiedi (jidħol) għalina fit-talb.* (Rumani 8:26-27).
7. *L-Ispirtu s-Santu jmexxina permezz tal-Kelma Tiegħu.*
    a. Fl-1 Pietru 1:10-12 aħna nfurmati li l-Ispirtu ta' Kristu kien fil-profeti tat-Testment il-Qadim ibassar il-miġja Tiegħu.
    b. L-istess Spirtu kien fl-appostli tat-Testment il-Ġdid jgħidilna l-messaġġ tal-Kristu li kien ġie.
    c. Qabel il-mewt Tiegħu, Ġesù wiegħed lil l-appostli Tiegħu li l-Ispirtu s-Santu kellu jiġi u "*jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għidtilkom*" (Ġwanni 14:26), u "*iwassalkom għall-verità kollha*" (Ġwanni 16:13).

Aħna naslu biex nemmnu f'Ġesù permezz tal-messaġġ ta' l-appostli (Ġwanni 17:20), li huwa "*l-verità kollha*" minn Ġesù permezz ta' l-Ispirtu s-Santu biex aħna nagħtu widen għalih.

Mela, aħna kkmandati biex*: "nieħdu x-xabla ta' l-Ispirtu li hi l-Kelma ta' Alla*" bħala parti mill-"*armatura sħiħa ta' Alla*" biex tagħmilna "*b'saħħitna fil-Mulej*" (ara Efesin 6:10-18).

U b'hekk aħna għandna nkunu bħal dawk l-ewwel emmiena billi kontinwament "*inżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli*" (Atti 2:42), sabiex nitgħallmu u napplikaw it-tagħlim ta' l-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tagħna (Galatin 5:22-25).

### "Kun Mimli bl-Ispirtu"

Alla jikkmanda lil kull Kristjan biex "*jimtela bl-Ispirtu*" (Efesin 5:18).

Dan jiġri meta intom "*tħallu l-bxara ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom*" (Kolossin 3:16).

Għalhekk, "*dawk li jgħixu skond l-Ispirtu, ħsiebhom fil-ħwejjeġ ta' l-Ispirtu*"(Rumani 8:5).

Billi nkunu nafu l-Kelma ta' Alla, aħna nkunu magħmula għaqlin għas-salvazzjoni u nkunu magħmula mhejjija għal kollox għal kull opra tajba (2 Timotju 3: 16-17).

Dan hu li tiżra' biex togħġob lil l-Ispirtu s-Santu, sabiex tkun effettiv f'li tagħmel it-tajjeb lil l-oħrajn (Galatin 6:8-10).

## 2. ID-DONI TA' L-ISPIRTU S-SANTU

Dawn kienu doni speċjali mirakolużi mogħtija mill-Ispirtu s-Santu lil xi Kristjani fiż-żminijiet appostoliċi, li huma mfissra fit-Testment il-Ġdid bħala li għandhom qawwiet differenti (ara 1 Korintin 12:4-11).

Mhux il-Kristjani kollha rċevew doni bħal dawn mill-Ispirtu s-Santu (1 Korintin 12:28:30).

Tabilħaqq, li wieħed kellu dawn id-doni ma kienx jagħti superjorità spiritwali fuq il-Kristjan; dak ma kienx l-iskop tad-doni (1 Korintin 13:1-3). Lanqas ma

kien l-iskop tad-doni biex jikkonfermaw li dak li kellu dawn id-doni kien Kristjan iżda biex jikkonfermaw il-Kelma ta' Alla.

## Għaliex l-Ispirtu s-Santu Ta Doni Bħal Dawn?

"*U huma telqu, u xandru ma' kullimkien, waqt li l-Mulej baqa' jaħdem magħhom, billi wettaq il-kelma, bis-sinjali li jakkumpanjawha*" (Mark 16:20).

"*Kif nistgħu neħilsuha aħna jekk inwarrbu salvazzjoni hekk kbira? Din hi s-salvazzjoni li ngħatat l-ewwel bil-fomm tal-Mulej stess, u mbagħad wassluha sħiħa lilna dawk li semgħuh. Ma' tagħhom Alla żied ix-xhieda tiegħu b'sinjali u għeġubijiet setgħana, kif ukoll bid-**doni** ta' l-Ispirtu s-Santu mqassmin skond ir-rieda tiegħu*" (Lhud 2:3-4).

## X'Kellu Jiġri minn Dawn id-Doni?

"*L-imħabba ma tintemm qatt. Jgħibu l-profeziji, jisktu l-ilsna, jgħib il-għerf*" (1 Korintin 13:8).

## Meta Dawn id-Doni Jieqfu?

"*Għalissa nafu biċċa, u l-profezija tagħna hi nieqsa; imma meta jfeġġ dak li hu sħiħ, jgħib dak li hu nieqes. Meta kont tarbija, kont nitkellem ta' tarbija, inħoss ta' tarbija, naħseb ta' tarbija.*

> *Bħalissa naraw bħallikieku f'mera, imċajpar, imma mbagħad naraw wiċċ imb' wiċċ. Issa nagħraf biċċa, imbagħad nagħraf bħalma jien magħruf issa. Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu. Il-kbira fosthom l-imħabba*" (1 Korintin 13:9-13).

L-appostlu Pawlu kien infallibilment ispirat f'kull kelma li hu għażel. F'din l-ittra Pawlu ma kellu l-ebda diffikultà f'li jesprimi f'mod ċar li xi ħaġa kienet se tkompli sakem Kristu jerġa' jiġi. Hekk għamel rigward l-Ikla tal-Mulej, fejn kiteb,

> "*Għax kull darba li tieklu dal-ħobż, u tixorbu dal-kalċi, tħabbru mewt il-Mulej sakemm jiġi*" (1 Korintin 11:26).

Mela, aħna nistgħu nistaqsu b'mod leġittmu, "Għaliex Pawlu ma użax l-istess lingwa fl-1 Korintin 13 li kieku huwa ried li jesprimi l-istess ħaġa. Mhuwiex hu qiegħed juri li jrid jesprimi xi ħaġa ta' natura differenti fil-kapitlu 13? Meta l-appostlu jirriferi għat-tieni miġja ta' Kristu hu mixħut aktar lejn li jitkellem dwar persuna li ġejja pjuttost milli lejn ġrajja.

L-appostlu Pawlu ma kellu ebda diffikultà f'din l-ittra f'li jirriferi għat-tmiem (*telos*), li biċ-ċar ifisser it-tieni miġja ta' Kristu. Għalhekk hu jgħid sewwasew f'żewġ kapitli wara,

> "*Imbagħad jiġi t-tmiem, meta hu jagħti s-saltna 'l Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u qawwa*" (1 Korintin 15:24).

Għaliex Pawlu reġa' deliberament evita milli juża din il-kelma fl-1 Korintin 15? Nemmnu aħna li kull kelma ta' Skrittura hija deliberament u bi skop magħżula b'superviżjoni ta' l-Ispirtu s-Santu? Nemmnu aħna li kull differenza f'dell ta' tifsira hija importanti?

L-appostlu Pawlu kien iggwidat minn Alla biex juża l-kelma '*to teleion*' f'vers 10 għal '*sħiħ*'. Din hija kelma fin-newtru (mod stramb ħafna li tirreferi għal Kristu) u tfisser 'il-ħaġa kompluta'. Jekk wieħed ifittex f'dizzjunarju tal-Grieg isib li din il-kelma hija wżata tmintax-il darba fit-Testment il-Ġdid u *qatt* f'xi waqt ma tirriferi għas-smewwiet. Din spiss hija tradotta bħala 'matur' u dan hu l-każ fl-1 Korintin 2:6.

## X'Kien l-Iskop Ta' Dawn id-Doni Speċjali

L-iskop ta' dawn id-doni speċjali kien biex "jikkonfermaw il-kelma" fi żmien meta dik il-Kelma kienet "*biċċa*." L-appostlu Pawlu jgħid hekk f'Efesin 3:1-5,

> "*Għalhekk jiena, Pawlu, il-priġunier ta' Kristu minħabba fikom il-pagani… jekk, kif tassew ġara, intom smajtu bil-pjan tal-grazzja li Alla tani għall-ġid tagħkom, jiġifieri, li permezz ta' rivelazzjoni għarrafni l-misteru, bħalma ġa ktibtilkom fil-qosor. Minn dak li qrajtu tistgħu tifhmu sewwa kemm jiena dħalt fil-qalba tal-misteru ta' Kristu. Dan hu l-misteru li fil-ġenerazzjonijiet l-imgħoddija ma kienx mgħarraf lill-bnedmin bħalma* ***issa ġie irrivelata*** *lil*

*l-appostli qaddisa tiegħu u lill-profeti fl-Ispirtu.*"

Dawn id-doni kellhom jieqfu "*meta s-sħiħ* [= perfett jew komplut] *jiġi.*" Il-Kelma perfetta jew sħiħa ta' Alla hija "*l-liġi perfetta tal-ħelsien*" (Ġakbu 1: 25), hija "*l-fidi li ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin*" (Ġuda 3). La l-liġi hija "*perfetta*" *u* "*ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin*" ebda rivelazzjoni oħra ma hija mwiegħda jew meħtieġa!

Pietru wkoll tkellem dwar dak li hu sħiħ jew perfett meta qal fl-1 Pietru 1:22-23,

> "*Intom naddaftu rwieħkom billi* ***qgħadtu għall-kelma tal-verità*** *biex ikollkom l-imħabba sinċiera ta' l-aħwa; ħobbu 'l xulxin b'qalbkom kollha u bil-qawwa kollha. Ma twelidtux mill-ġdid minn nisel li jitħassar imma minn nisel li ma jitħassarx,* ***bis-saħħa tal-kelma ta' Alla li tgħix u tibqa' għal dejjem***." (Enfasi tiegħi.)

Ma ddikjarax l-appostlu Pawlu lil Timotju li fil-Kelma ta' Alla hemm proviżjon sħiħ u adegwat li jilqa' l-eventwalitajiet kollha meta qal:

> "*L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla u tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, iwideb irawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imhejji għal kull ħidma tajba*" (2 Timotju 3:16-17).

Jekk dawn ma nħarsux lejhom bħala deskrizzjoni ta' ħaġa kompluta u perfezzjoni fl-isfera ta' rivelazzjoni mogħtija minn Alla fl-Iskrittura, aħna nkunu mġiegħla nistaqsu x'termini aktar qawwija u aktar ċari jistgħu jintużaw?

Il-vers li jikkonkludi ta' 1 Korintin 13, vers 13, juri ċar li dawn id-dooni kellhom jieqfu. Dan jaqra hekk:

> "*Imma issa baqa' dawn it-tlieta: il-fidi, it-tama u l-imħabba; iżda l-akbar fosthom hi l-imħabba.*"

L-ewwel, aħna ninnutaw li f'kuntrast għall dawk il-ħwejjeġ li jispiċċaw, (u l-uniku ħwejjeġ fil-kapitlu li sejrin jieqfu huma d-doni straordinarji) tliet ħwejjeġ sejrin jibqgħu. Imma vers 13 għandu jfisser 'jibqgħu f'din il-ħajja', billi fis-smewwiet il-fidi ssir viżjoni u, l-appostlu Pawlu jgħid f'post ieħor,

> "*Tama li tidher mhix tama; għax dak li wieħed jarah, għalfejn jittama fih?*" (Rumani 8:24).
>
> "*Għax aħna nimxu bil-fidi, mhux bil-viżjoni:*" (2 Korintin 5:7).

L-imħabba mhix biss hija għal hawn imma għal l-eternità kollha—ukoll wara li l-fidi tkun saret 'viżjoni' u t-tama tkun saret 'twettiq.'

Mela, l-implikazzjoni ċara hija lid-doni kellhom jieqfu meta dak li hu sħiħ jiġi, waqt li l-fidi, t-tama, u l-imħabba jibqgħu. Illum aħna għandna f'idejna dak li hu 'sħiħ' u għalhekk dawk id-doni mirakolużi waqfu!

# MIN KIEN "L-ANĠLU TAL-MULEJ (JAĦWEH)" FIT-TESTMENT IL-QADIM?

## I. INTRODUZZJONI

Hemm persunaġġ misterjuż li jidher minn żmien għal żmien fit-Testment il-Qadim li huwa magħruf bħala "l-anġlu ta' Jaħweh [Mulej]," jew "l-anġlu tal-patt." L-ewwel, aħna għandna nosservaw li l-kelma tradotta "anġlu" sempliċiment tfisser *messaġġier*, u n-natura ta' dik l-eżistenza għandha tkun iddeterminata permezz tal-kuntest li fih tkun tinsab id-deskrizzjoni.

Din l-entità dehret lil Ħagar (Ġenesi 16:3-16), lil Abraham Ġenesi 22:15-19, lil Ġakobb (Ġenesi 22:11-22), lil Mosè (Eżodu 3:2-22), u, fil-kuntest ta' Imħallfin 13:2, 9, 13, 15, 16, 21-22, lil l-omm Sansun, kif ukoll lil nies fuq okkażjonijiet numerużi.

F'Imħallfin 13, din il-persuna eżaltata hija murija bħala "l-anġlu ta' Jaħweh" (13:2, 13, 15, 16, 21) u wkoll "l-anġlu ta' Alla" (13:9). Huwa evidenti wkoll li dan "l-anġlu" kien assuma l-forma ta' raġel, għal-hekk, huwa msejjaħ bħala "r-raġel ta' Alla" (13:6, 8). Madankollu, mill-kuntest hawn, u postijiet oħra fejn l-istess eżistenza tidher, huwa apparenti li din il-persuna mhijiex anġlu ordinajru. Biċ-ċar dan "il-messaġġier" għaliex hekk għandu t-terminu jkunu muri f'din iċ-ċirkustanza—kien *Eżistenza Divina*. Fil-konklużjoni ta' l-episodju, Manuwah, missier Salamun, iddikjara: "*Aħna rajna lil Alla*" (Imħallfin 13:22), u sagrifiċċji u qima kienu offruti lil viżitatur tas-sema. Għal-hekk, biex wieħed jifhem min kien "l-anġlu ta' Jaħ-

weh" f'vers 3 ta' Imħallfin kapitlu 13, dan għandu jaqra versi 21-23 għat-tweġiba. Hawn naqraw hekk:

> "*Iżda l-anġlu tal-Mulej ma deherx iż-jed lil Manuwah u lil martu. Imbagħad Manuwah għaraf li kien anġlu tal-Mulej. U Manuwah qal lil martu: Żgur immutu għax rajna 'l Alla. Iżda martu qaltlu: Kieku l-Mulej xtaq joqtolna, ma kienx jil-qa' offerta maħruqa, u offerta tal-qamħ minn idejna, u lanqas kien jurina dan kollu, u bħal issa jgħidilna dan.*"

Meta l-informazzjoni biblika kollha tkun miġbura flimkien, kif sejrin nagħmlu aktar 'il quddiem, ix-xhieda ssir aktar konvinta li din il-Persuna Qaddisa ma kienet ħadd aktar ħlief il-Kelma Divina (Ġwanni 1:1-3, 14), il-Kristu pre-inkarnat, Eżistenza li kienet Hija Nfisha Divina, u madankollu, kienet qed topera f'isem Persuna oħra sagra, Jaħweh, identifikata bħala l-Missier. Dan speċjalment isir ċar fl-aħħar ktieb tat-Testment il-Qadim li fih huwa affermat li Jaħweh kien se jibgħat "il-messaġġier" Tiegħu, li huwa "l-messaġ-ġier [anġlu] tal-patt" jew għaqda, li "jidħol fit-tempju tiegħu" (Malakija 3:1-3). Bla dubju, din hija riferenza għall-miġja tal-Messija. Għalhekk, biex wieħed jif-hem aktar minn kien "l-anġlu tal-Mulej" f'Imħallfin 13:21-22 tajjeb li jaqra wkoll Malakija 3:1-3—*Il-Messaġġier huwa Kristu.*

Mela, kif rajna fuq fuq, wieħed mill-aktar perso-nalitajiet interessanti u li jaffaxxinaw tal-Bibbja kollha

huwa "l-anġlu tal-Mulej" jew aħjar, "l-anġlu ta' Jaħweh." Forsi ebda karattru ieħor tal-Bibbja ma hu daqshekk ftit magħruf jew mifhum daqs kemm hu "l-anġlu tal-Mulej." Min huwa dan l-anġlu tal-Mulej? It-tweġiba għal dik il-mistoqsija sejra tkun imwieġba aktar fid-dettall.

## II. IL-KARATTERISTIĊI TA' L-ANĠLI

Biex nifhmu sewwa dwar *l-anġlu*, l-ewwel aħna għandna l-bżonn li nirrivedu l-karatteristiċi ta' l-anġli nġenerali. L-anġli huma kreaturi maħluqa. Huma kienu magħmula permezz ta' Kristu fiż-żminijiet l-antiki (Kolossin 1:16-17). Billi huma kreaturi, l-anġli mhumiex divini fin-natura. Huma mhumiex omnipotenti (li jistgħu kollox), omnixjenti (li jagħrfu kollox), jew omnipreżenti (li jinsabu kullimkien). L-anġli huma qaddisa, imma jistgħu jidinbu wkoll (2 Pietru 2:4). L-isem innifsu tagħhom jindika li dawn huma *messaġġiera ta' Alla*. Huwa importanti li nżommu f'moħħna dan il-kunċett, jiġifieri, li l-kelma "anġlu" tfisser *messaġġier*. Il-bniedem qatt ma huwa mħolli biex jadura lil l-anġli, billi Alla biss jista' jkun adurat jew mogħti qima (Lhud 1:3-8; Rivelazzjoni 22:8-9).

## III. ATTIVITAJIET TA' L-ANĠLU TA' JAĦWEH

Fit-Testment il-Qadim, aħna nsibu mill-inqas 23 riferenza separati għax-xogħol Tiegħu għall-poplu ta' Alla.

(1) *Ġenesi 16:7-14*. F'Ġenesi 16:7-14, l-anġlu tal-Mulej deher lil Ħagar, il-qaddejja ta' Sara hekk kif

hija kienet qed tiġġerra fid-deżert. Hu wiegħed lilha iben u posterità kbira.

> "*U semmiet isem il-Mulej li kien kellimha, inti Alla li tarani...*" (Ġenesi 16:13).

(2) *Ġenesi 18:1-2*. F'Ġenesi 18:1-2, aħna naqraw li l-Mulej Alla deher lil Abraham f'Mamri:

> "*Hu rafa' għajnejh u ħares, u, ara, tlitt irġiel kienu ħdejh....*" (Ġenesi 18:2).

Abraham stedinhom biex jidħlu ġewwa u tahom jieklu. Wieħed minnhom wiegħed li Sara kien se jkollha iben fi żmien sena (Ġenesi 18:10). Meta Sara daħket b'din l-idea, ir-raġel stqarr li xejn ma kien wisq iebes għall-Mulej (Ġenesi 18:14). Hu qal lil Abraham li hu kien niżel isfel biex jinvestiga s-sitwazzjoni f'Somoa. Abraham fehem li dak ir-raġel kien l-Imħallef tad-dinja kollha (Ġenesi 18:25). Wara li Abraham kien assigura wegħda mir-raġel li kienet tikkonċerna lil Sodoma,

> "***Il-Mulej** telaq*" (Ġenesi 18:32; enfasi tiegħi).

Imbagħad naqraw li Hu (il-Mulej):

> "*bagħat fuq Sodoma u Gomorra xita ta' kubrit u nar...*" (Ġenesi 18: 32).

Innota li waqt li Hu deher li kien raġel ordinarju, fir-realtà kien il-Mulej li żar lil Abraham f'dak il-jum.

(3) *Ġenesi 22:9-18*. Ġenesi 22:9-18 jirreġistra l-istorja ta' Abraham joffri lil Iżakk. Sewwasew kif il-

patrijarka mdaħħal sewwa fiż-żmien rafa' idu biex joqtol lil l-uniku iben tiegħu,

> "*l-anġlu tal-Mulej sejjaħlu mis-sema*" (Ġenesi 22:11).

Meta Abraham ra l-muntun li kien ipprovdut, hu sejjaħ il-post Jaħweh-jire (Ġenesi 22:14). U, l-anġlu tal-Mulej sejjaħ lil Abraham it-tieni darba...u qal,

> "*Ħlift fuqi nnifsi, qal Jaħweh...*" (Ġenesi 22:16).

## Imbagħad Hu ġedded il-wegħda tal-patt tal-Messija.

(4) *Ġenesi 28:10-17.* Ġenesi 28:10-17 jgħid dwar il-ħolma ta' Ġakobb f'Betel. Hu ra sellum wieqaf fl-art, u l-quċċata tiegħu tilħaq is-sema,

> "*u ara l-anġli ta' Alla kienu telgħin u neżlin fuqu....*" (Ġenesi 28:12). (In-nota f'qiegħ il-paġna tgħid li Jaħweh kien wieqaf maġenbu.)

Mosè jgħidilna f'Ġenesi 31:11-13 li kien l-anġlu tal-Mulej li kien "'l Alla ta' Betel" li ra Ġakobb. Meta Ġakobb kien sejjer lura lejn pajjiżu hu issara ma' raġel matul il-lejl. Ir-raġel qal,

> "*int ma jibqax jismek aktar Ġakobb, iżda Iżrael, għax int issarajt ma' Alla, ....U Ġakobb semma dak il-post Penjel: għax qal: Rajt lil Alla wiċċ imbwiċċ*" (Ġenesi 32: 22-30).

Hosegħa wara kiteb dwar Ġakobb,

> "*Qabad għarqub ħuh fil-ġuf, u fi rġulitu ssara ma' Alla. Iva issara ma' l-anġlu, Imqar il-Mulej, Alla ta' l-eżerċti, Jaħweh ismu...*" (Hosegħa 12:3-5)

(5) *Ġenesi 48:15-16*. Fuq is-sodda tal-mewt tiegħu, Ġakobb bierek lil ibnu bl-isem ta' Alla, l-anġlu li kien ħelsu minn kull deni (Ġenesi 48:15-16).

(6) *Eżodu 3:2-14*. Keta Mosè ra s-siġra taqbad,

> "*deherlu l-anġlu tal-Mulej f'nar iħaġġeġ f'nofs il-għolliq....u x'ħin il-Mulej ra li resaq fil-ġenb biex jara, Alla sejjaħlu minn fost il-għolliq, u qal:...la toqrobx 'il hawn; neħħi s-sandli tiegħek minn riġlejk, għax il-post li qiegħed fuqu hu art imqaddsa.*"

Meta kien mistoqsi minn Mosè x'kien jismu, Hu wieġeb li ismu kien:

> "*JIEN LI JIEN li tkellimt miegħu*" (Eżodu 3:2-14).

(7) *Eżodu 14:19-20*. Kien:

> "*l-anġlu ta' Alla, li mar quddiem il-kamp ta' Iżrael,*"

meta huma ħarġu mill-Eġittu (Eżodu 14:19-20). Madankollu, f'Eżodu 13:2-3 jintqal li kien Jaħweh li mar quddiemhom fil-kolonna tas-sħab u tan-nar.

(8) *Eżodu 23:20-23*. Dwar l-anġlu tiegħu, Jaħweh wissa lil Iżrael,

> "*Ara, jien se nibgħat Anġlu quddiemek, biex iħarsek fit-triq, u biex iwaslek fil-post li jien ħejjejt. Oqgħod attent quddiemu, u isma' kliemu; la tmeriħx, għax* ***ma jaħfrilkomx dnubietkom****: għax ismi fih*" (Eżodu 23:20-23).

Innota li huma kellhom jobdu lil anġlu u li hu kien jista' jaħfrilhom dnubiethom.

(9) *Eżodu 33:1-3, 12-16.* Meta l-Lhud għamlu l-għoġol tad-deheb, Alla neħħa lil dan l-anġlu speċjali u wiegħed biss li jibgħat anġlu ordinarju. Dan tant beżża' u nkwieta lil Mosè u lill-poplu li Mosè talab bil-ħniena lil Alla biex jerġa' jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu. Fuq l-indiema tagħhom, Alla iddeċieda li jibgħat l-anġlu Tiegħu biex għal darb'oħra jerġa' jmexxihom (Eżodu 33:1-3, 12-16). Isaija jikkummenta li dan kien "l-anġlu tal-preżenza tiegħu" li ggwidahom u pproteġihom (Isaija 63:9). L-espressjoni letteralment tfisser anġlu tal-*wiċċ Tiegħu*.

(10) *Ġożwè 5:13-15.* Kif Ġożwè ipprepara n-nazzjon biex jimmarċja fuq Ġeriko:

> "*Hu rafa' għajnejh u ħares, u, ara, kien hemm raġel wieqaf biswitu, b'sejfu mislut f'idu.*"

Meta kien mistoqsi min kien hu, ir-raġel wieġeb li Hu kien,

> "*Il-kap [prinċep] ta' l-eżerċtu tal-Mulej ... u Ġożwè waqa' għal wiċċu fl-art,* ***u tah qima****, u qallu: Xi jgħid sidi lill-qaddej tiegħu? U l-kap ta' l-eżerċtu tal-Mulej qal lil Ġożwè: Neħħi s-sandli minn riġlejk, għax il-post fejn int qiegħed hu qaddis. U Ġożwè għamel hekk*" (Ġożwè 5: 13-15).

(11) *Imħallfin 2:1-5; 6:11-14; 13:16, 20*. Tliet darbiet il-ktieb ta' Imħallfin jirreġistra d-dehriet ta' dan l-anġlu (messaġġier) magħruf. Hu deher lin-nazz-jon f'Bokim biex iċanfarhom għad-diżubbidjenza ta-għhom (2:1-5). Hu deher lil Gedgħon biex jikkum-missjonah ħalli jsalva lil Iżrael minn taħt il-Midjani. Hawn, għal darb'oħra, l-anġlu huwa msejjaħ Jaħweh, Mulej (6:11-14). F'Imħallfin kapitlu tlettax, Hu deher lil Manuwah u lil martu u wiegħedhom iben, Sansun. Meta Manuwah offrielu l-ikel biex jiekol, l-anġlu ord-nalu biex "joffrih lil Jaħweh" bħala sagrifiċċju (Imħal-lfin 13:16). Naqraw f'versi 16-18,

> "*Manuwah ma kienx jaf li hu anġlu tal-Mulej [Jaħweh] U Manuwah qal lil l-anġlu tal-Mulej: X'jismek, biex meta jseħħ kliemek, aħna newġġhuk? U l-anġlu tal-Mulej qallu: Għaliex tistaqsi-ni ismi, meta tara li hu ta'* ***l-għaġeb?***"

Meta l-offerta tal-ħruq kienet magħmula "l-anġlu tal-Mulej tala' fil-fjamma ta' l-artal" (13:20).

(12) *2 Slaten 19:33-36*. Fit-2 Slaten 19:33-36, Jaħweh wiegħed li jsalva lil Ġerusalem u lis-sultan Ħeżekija mill-armati ta' Sennaħerib, sultan ta' l-Assirja. Naqraw f'vers35,

> "*U ġara dak il-lejl, illi ħareġ l-anġlu tal-Mulej, u darab fil-kamp ta' l-Assirjani, mija u ħamsa u tmenin elf.*"

(13) *1 Kronaki 21:9-30*. Meta David dineb billi għamel ċensiment militari tan-nazzjon tiegħu, Alla bagħat pesta fil-pajjiż permezz ta' l-anġlu Tiegħu. Naqraw hekk f'vers 16,

> "*U David rafa' għajnejh, u ra l-anġlu tal-Mulej wieqaf bejn l-art u s-sema, u sejfu mislut f'idu, u mindud fuq Ġerusalem.*"

Meta nkomplu naqraw dan il-vers insibu li

> "*David u x-xjuħ ta' Iżrael, li kienu lebsin lix-xkejjer, waqgħu għal wiċċhom u talbu.*"

(14) *Danjel 10:5-14*. Danjel ra l-anġlu tal-Mulej fis-sena 533 Q.K. waqt eżilju f'Babel. Danjel ra:

> "*raġel liebes il-għażel, u ġenbejh kienu mħażżmin bid-deheb fin ta' Ufaż: Ġismu kien qisu berill, wiċċu kellu d-dehra tal-berqa, u għajnejh bħal torċi jħeġġu, u dirgħajh u riġlejh jilmaw bħal*

*bronż ileqq, u l-ħoss ta' kliemu bħal ħoss ta' kotra.*"

Danjel ħassu bla saħħa fil-preżenza ta' l-għaġeb tiegħu. Hu kien ġie biex jirrivela l-futur tan-nazzjon lil Danjel (10:5-14).

## IV. SOMMARJU TAL-FATTI DWAR L-ANĠLU TA' JAĦWEH

Aħna rajna li passaġġi li jibdew bl-anġlu bħala s-suġġett ġeneralment jibdlu l-ismijiet għal *Alla*, *Jaħweh*, jew *Mulej* kif naraw f'Eżodu 3:2-6. L-anġlu jistqarr il-qawwa u l-awtorità ta' Alla. Per eżempju,

- Hu ħafer id-dnubiet (Eżodu 23:20-23). Imma, dan Alla biss jista' jagħmlu (Mark 2:5-10).
- Hu rrivela l-futur (Danjel 9:14).
- Hu kellu s-setgħa li jiġġudika, li jsalva jew li jeqred (1 Kronaki 21:14-15).
- Il-poplu ta' Alla kien imħolli li jagħti qima lil dan l-Anġlu. Imma aħna pprojbiti strettament li nagħtu qima lil l-anġlu ordinarju (Rivelazzjoni 22: 8-9).
- Imma Lhud 1:6 jgħid: "Ħa jqimuh l-anġli *kollha* ta' Alla" li juri li ma hemm ebda anġlu li tistħoqqlu l-qima!

## V. MIN, MELA, HU L-ANĠLU TAL-MULEJ (JAĦWEH)?

(1) *Ċertament li Hu mhuwiex kreatura maħluqa.* Hu mhuwiex raġel għalkemm spiss deher hekk. Hu mhuwiex sempliċiment anġlu maħluq. Lanqas ma Hu

Alla l-Missier, għaliex Ġwanni jgħidilna li "*Ħadd qatt ma ra 'l Alla f'xi żmien*" (Ġwanni 1:18; Ara minn paġna 254). Ftakar li l-anġlu qal lil Manuwah biex iqim ieħor u mhux lilu (Imħallfin 13:15-16).

(2) *L-osservazzjonijiet li ġejjin għandhom jistabbilixxu li dan l-anġlu qawwi ma kien ħadd ħlief il-Kelma ta' Alla, Kristu l-pre-inkarnat.*

(xxxiii) *L-ewwel*, l-anġlu tal-Mulej qal lil Mosè li ismu kien "JIEN LI JIEN," imma Ġesù stqarr Għalih Innifsu li Hu kien il-JIEN HU (Ġwanni 8:58).

(xxxiv) *It-tieni*, l-anġlu mexxa lil Iżrael fid-deżert u pprovda l-bżonnijiet tagħhom (Eżodu 14:19, 20). Mosè qal li Jaħweh ordna lil Mosè biex jolqot il-blata biex in-nies jixorbu fid-deżert. (Eżodu 17:6). Imma, l-appostlu Pawlu jgħid-ilna li dik il-blata li huma xorbu minnha kienet Kristu (1 Korintin 10:2-4).

(xxxv) *It-tielet*, f'Ġożwè, l-anġlu huwa l-prinċep jew il-kap ta' l-eżerċtu tal-Mulej (Jaħ-weh; Ġożwè 5:14). F'Rivelazzjoni 19 aħna naraw l-armata tas-sema u l-kap magħruf tagħha. Imbagħad Ġwanni jara l-isem Tiegħu li huwa "Il-Kelma ta' Alla" (Rivelazzjoni 19:11-16; ara vers 13). Ġwanni jidenetifika l-Kelma bħala "l-Iben il-waħdieni mill-Missier, li sar bniedem" (Ġwanni 1:1-3, 14; ara wkoll Isaija 9:6).

(xxxvi) *Ir-raba'*, l-anġlu qal lil Manuwah li ismu kien "ta' l-għaġeb (Imħallfin 13:16-18). Isaija, fil-profezija famuża tiegħu tal-Messija, qal, "*u ismu jkun Kunsillier tal-Għaġeb, Alla qawwi, Missier għal dej-jem, il-Prinċep tal-Paċi*" (Isaija 9:6).

(xxxvii) *Il-ħames*, Isaija jsejjaħlu, "l-anġlu tal-preżenza ta' Alla," li jfisser "ta' wiċċu" (Isaija 63:9). Il-kittieb Lhudi jgħid li Kristu Hu "*d-dija tal-glorja ta' Alla u x-xbieha ta' l-essenza tiegħu* (ta' Alla)." Edward Young jgħid, "L-anġlu ta' Wiċċu huwa l-anġlu li hu wiċċu jew li fih wiċċu huwa magħmul ċar. Fih il-Mulej Innifsu Hu preżenti" (*Il-Ktieb ta' Isaija*, Vol. 3, p. 482).

(xxxviii) *Is-sitta*, Ġakobb ra sellum jilħaq mill-art tas-sema u l-anġli telgħin u neżlin fuqu u Jaħweh (il-Mulej) wieqaf maġenbu (nota f'qiegħ il-paġna) (Ġenesi 28:13). Ġesù jiddikjara Lilu Nnifsu li s-sellum huwa Hu (Ġwanni 1:51).

(xxxix) *Is-sebgħa,* l-anġlu tal-Mulej, ta' Jaħweh jista' jkun mogħti l-qima (Ġożwè 5:4). Ebda sempliċi bniedem jew anġlu maħ-luq ma jistgħu jkunu mogħtija qima aċċ-ettabbli (Atti 10:25-26; Rivelazzjoni 22: 8-9). Imma, Ġesù spiss aċċetta l-qima tal-bnedmin (Mattew 28:17; Lhud 1:6b).

(xl) *It-tmienja,* l-anġlu huwa ripetutament im-sejjaħ Jaħweh, Mulej. Imma, Ġesù huwa

msejjaħ ukoll Jaħweh. Isaija 43:11 jafferma li ma hemm ebda salvatur ħlief Jaħweh. Imma, Pawlu f'Titu 2:13 jiddeskrivi lil Ġesù bħala "*Alla l-kbir, u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu.*" Għalhekk, Ġesù Hu Jaħweh. Aħna ma naffermawx li Ġesù Hu l-Missier. Aħna sempliċiment nagħrfu l-fatt li kittieba ispirati jattribwixxu n-nom deskrittiv Jaħweh għat-tliet persuna kollha tad-Divinità Mqaddsa. Il-Kelma Jaħweh tiddeskrivi persuna li hija eterna u teżisti minnha nfisha. Dan hu tassew dwar il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.

(xli) *Id-disa'*, Danjel ra l-anġlu fil-glorja rjali tiegħu f'kapitlu 10:5-6. Ġwanni l-appostlu ra l-istess eżistenza glorjuża fuq Patmos. Hu ra "*wieħed bħal bin il-bniedem, liebes libsa twila sa saqajh, u mħażżem madwar sidru bil-ħżiem tad-deheb. U rasu u xagħru kienu bojod bħas-suf, bojod daqs il-borra; u għajnejh kienu bħal fjamma nar; U riġlejh bħal bronż ileqq, qishom imnaddfin fil-forn; u leħnu bħal ħoss ta' ħafna ilmijiet...u wiċċu kien jiddi bħax-xemx fil-qawwa tagħha*" Kien l-Iben ta' Alla li kien imsallab imma rxoxtat (Rivelazzjoni 1:12-18).

# KONKLUŻJONI

(1) *Dawn id-dehriet ta' l-anġlu ta' Jaħweh fiż-żminijiet l-antiki huma msejħa Teofaniji,* jiġifieri, meta Alla assuma l-forma ta' anġlu (messaġġier) jew ta' bniedem sabiex jitkellem u jaġixxi b'mod viżibbli u li jinstama' minn nies, biex jipprovdilhom xi rivelazzjoni jew gwida.

(2) *Dawn il-ħafna riferenzi juru li l-Mulej tagħna eżista sa mill-eternità mal-Missier,* l-istess kif Ġwanni afferma fil-bijografija tiegħu (Ġwanni 1:1-3). Huma jgħidulna dwar l-attivitajiet tas-Salvatur għal dawk mifdija matul dawk is-snin twal meta l-umanità fittxet fid-dlam għal id li tiggwida, qabel ma Hu ġie bħala Ġesù, bin Marija.

(3) *Fid-dawl ta' dawn l-iskritturi, ħalli aħna nonoraw u naduraw lill-Messija* li bierek lill-bniedem fiż-żminijiet ta' l-antik bħala l-anġlu ta' Jaħweh u jkompli li jagħmel hekk bħala Ġesù ta' Nażaret, l-Iben ta' Alla l-ħaj.

(4) *Fl-Iskrittura Ġesù Kristu huwa msejjaħ b'divesi ismijiet u titli.* Ġesù Kristu Hu msejjaħ Profeta f'diversi siltiet. Aħna nafu li ebda profeta ma aċċetta qima. Imma Ġesù bħala Profeta aċċettaha.

(5) *Fl-Iskrittura Ġesù Hu msejjaħ ukoll "Qassis il-Kbir."* Imma ebda qassis il-kbira tad-dinja ma kien jiġi mogħti qima. Imma kif nafu aħna Ġesù Kristu jistħoqqlu l-qima.

(6) *Hekk ukoll, Ġesù Hu msejjaħ "anġlu" [messaġġier].* Bl-istess mod Ġesù mhuwiex anġlu maħluq

l-istess kif Hu mhuwiex profeta jew qassis il-kbir maħluq!

Għalhekk,

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).
>
> "*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, u l-imħabba ta' Alla, u x-xirka ta' l-Ispirtu s-Santu, ikunu magħkom ilkoll. Amen*" (2 Korintin 13:14).

# IL-MULEJ ĠESÙ KRISTU U L-ANĠLU MIKIEL

Ikun floku li nsemmi xi ħaġa dwar it-tagħlim falz li ta' spiss nisimgħu bih, jiġifieri, li Sidna Ġesù Kristu hu l-anġlu Mikiel li aħna naqraw dwaru fil-Bibbja Mqaddsa. Ix-Xhieda ta' Jehovah hekk jgħallmu. Jekk il-Kelma ta' Alla tgħidilna li Kristu hu l-anġlu Mikiel, allura aħna għandna naċċettaw dan b'qalbna kollha, iżda jekk le, allura, bħala Kristjani, bħala qaddejja tal-Mulej Ġesù Kristu, għandna nuru l-falzità ta' dan it-tagħlim.

Ħalli nibdew billi naraw il-passi skritturali li jinġiebu bħala prova favur dan it-tagħlim falz. Ħalli naraw sewwa x'tgħid dik il-verità li tista' teħlisna mill-jasar ta' kull tagħlim falz (Ġwanni 8:32).

L-ewwel, naraw f'Ġenesi 3:15,

> "*U nqiegħed mibegħda bejnek u bejn il-mara, u bejn nislek u nisilha: hu jiż-ħaqlek rasek, u int tisħaqlu għarqubu.*"

Naqraw ukoll f'Rivelazzjoni 12:7-9,

> "*U kien hemm gwerra fis-sema: Mikiel u l-anġli tiegħu tqabdu kontra d-dragun; u d-dragun tqabad u l-anġli tiegħu. U ma għelbux; u lanqas ma nstab aktar post għalihom fis-sema. U ntafa' barra d-dragun il-kbir, dak is-serp il-qadim, li jismu Xitan, u Satana, li jqarraq bid-dinja kollha: ntafa' barra fuq l-art, u l-anġli tiegħu ntefgħu barra miegħu.*"

Ġenesi 3:15 iħabbar it-telfa ta' Satana permezz tan-nisel (iż-żerriegħa) tal-mara. Iżda, u hawn wieħed jagħmel attenzjoni kbira, huwa Mikiel f'Rivelazzjoni 12:7-9, it-twettiq letterali ta' dak in-nisel? ġesù Kristu f'ebda Skrittura minn dawn ma Hu identifikat ma' l-anġlu Mikiel. L-anġlu Mikiel huwa eżistenza spiritwali (Lhud 1:7, 14), iżda s-suġġett ta' Ġenesi 3:15 kellu jkun "*in-nisel, jew iż-żerriegħa*" tal-mara, imwieled minn mara:

> "*Iżda meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat 'l Ibnu, li sar minn mara, imwieled taħt il-liġi*" (Galatin 4:4).

Għalhekk, is-suġġett ta' Ġenesi 3:15 u Rivelazzjoni 12:5 (l-Iben tifel, li għandu jaħkem il-ġnus b'xettru tal-ħadid – Salm 2:8-9) hu parallel għal-Lhud 2:5-18 u l-inkarnazzjoni ta' Kristu, mhux ta' l-anġlu Mikiel ta' Rivelazzjoni 12:7-9. Kristu (mhux Mikiel) ġie biex jeqred is-setgħa ta' Satana, u għamel dan permezz tal-mewt, difna u qawmien tiegħu mill-mewt (Lhud 2:14; 1 Korintin 15:57). It-taqbida ta' versi 7 sa 9 hija sempliċiment riferenza simbolika għal għalbien ta' Satana u s-setgħa tiegħu. L-anġlu Mikiel huwa muri (simbolikament) bħala mezz li bih dan l-għalbien jew trazzin twettaq. Ir-rebħa twettqet tabilħaqq minħabba d-demm ta' Ġesù, il-Ħaruf ta' Alla. L-awtorità hija ta' Ġesù u mhux ta' Mikiel (Mattew 28:18; Atti 20:28), "*…il-knisja ta'* ***Alla*** *li xtara b'demmu stess*" u mhux "*…il-knisja ta'* ***l-anġlu*** *li xtara b'demmu stess.*" L-ebda anġlu ma jista' jkun imsejjaħ "Alla." Il-prezz imħallas għall-knisja, jgħidilna l-appostlu Pawlu, hu

ta’ Alla, u mhux ta’ anġlu! L-anġlu Mikiel jista’ wieħed iħares lejh bħala mexxej fl-eżerċtu ta’ l-anġli ta’ l-armata ta’ Alla, imma mhux bħala l-ġeneral, l-aqwa mexxej. L-istampa simbolika ta’ Rivelazzjoni 12:1-17 tidher li hija għaqda waħda. Għalhekk, il-Kristu ma jistax ikun muri fit-tifel u fl-anġlu ukoll. ħaġa bħal din tkun ta’ taħwid għall-qarrej. L-anġlu Mikiel huwa aġent simboliku tat-twettieq ta’ Ġenesi 3:15, u mhux it-twettiq innifsu.

L-esspressjoni “*Mikiel u l-anġli tiegħu*” f’Rivelazzjoni 12:7, meta tiġi pparagunata ma’ l-anġli ta’ Ġesù ma żżidx importanza għal dan it-tagħlim. U hawn jiena ngħid għaliex, u fejn qiegħed in-nuqqas ta’ tagħlim f’dawk li jaċċettaw it-tagħim falz li Sidna Ġesù Kristu mhuwiex Alla li Jista’ Kollox imma Hu sempliċiment l-anġlu Mikiel u alla (a god)!

1. Ġenesi 16:7 – “*U l-anġlu tal-Mulej…*” (Alla li Jista’ Kollox).
2. Ġenesi 21:17 – “*…u l-anġlu ta’ Alla sejjaħ lil Ħagar mis-sema…*”
3. Ġenesi 24:40 – “*…Il-Mulej, li quddiemu jien nimxi, jibgħat l-anġlu tiegħu…*”
4. Luqa 12:8-9 – “*…Kull min jistqarrni quddiem il-bnedmin, jistqarru wkoll Bin il-bniedem quddiem l-anġli ta’ Alla: Iżda dak li jiċħadni quddiem il-bnedmin, jinċaħad quddiem l-anġli ta’ Alla.*”

Xi rrid infisser b’dawn il-passaġġi mill-Kelma ta’ Alla? Irrid infisser li l-espressjonijiet “*l-anġlu tal-Mulej*”; “*l-anġlu ta’ Alla*”; “*l-anġlu tiegħu*”; “*l-anġli ta’ Alla*,” ma jfissrux li Alla li Jista’ Kollox *Hu anġlu*,

daqshekk ieħor l-espressjoni "l-anġli ta' Ġesù" ma tfissirx li Sidna Ġesù Kristu Hu l-anġlu Mikiel. (Dwar l-Anġlu tal-Mulej, ara minn paġna 168.)

L-espressjoni "*Mikiel u l-anġli tiegħu*" sempliċiment tindika li Mikiel għandu pożizzjoni ta' mexxej fost l-anġli. Dan ma jfissirx li l-anġli t-tajbin kollha huma tiegħu, iżda l-awtorità fuqhom qiegħdha, fl-aħħarnett, f'Ġesù Kristu (Mattew 28:19; 1 Pietru 3:2).

Hawn tajjeb li wieħed jispjega xi ħaġa dwar l-isem "Mikiel." It-tifsira ta' l-isem "Mikiel" hija "*Min hu bħal Alla?*" Imma dan ma jfissirx li dak li jġib dan l-isem hu Alla. Jista' jiġi nnutat li "Gabrijel," anġlu ieħor kbir, ifisser "*Alla hu Qawwi.*" Jekk wieħed jasal biex jaċċetta li l-anġlu Mikiel huwa Sidna Ġesù Kristu minħabba t-tifsira ta' l-isem tiegħu, allura wieħed ma jistax jaħrab mill-konklużjoni li l-anġlu Gabrijel hu Alla li Jista' Kollox. Iżda dan aħna ċerti li mhux minnu. U hawn nixtieq nistaqsi, "Allura l-isem 'Għimmanu-El' li jfisser "Alla magħna," li hu applikat għal Ġesù Kristu, ma jfissirx dan, li Kristu Hu Alla li Jista' Kollox? Għaliex dan mhuwiex aċċettat meta f'Isaija 9:6 huwa muri tant ċar li Ġesù Kristu Hu Alla Qawwi? Hawn ukoll jintqal li Alla Qawwi ma tfissirx li Ġesù Hu Alla li Jista' Kollox. Imma kull ma wieħed għandu jagħmel huwa li jaqra Isaija 10:21 u Ġeremija 32:18 fejn Alla Jahweh Hu msemmi bħala Alla Qawwi. Dan l-argument hu falz ukoll għar-raġuni valida li l-kelma Lhudija għal "Qawwi" hija "El Gib-bohr" fejn hija wżata għal Ġesù f'Isaija 9:6 u għal Jahweh f'Isaija 10:21 u f'Ġeremija 32:18. (Kull ma wieħed għandu jagħmel huwa li jiċċekkja fit-Traduzzjoni

New World Translation of the Holy Scriptures fuq Isaija 6:9; 10:21 u Ġeremija 32:18. [Ara paġni 28-33]). Qiegħed tara meta ma tkunx taf sewwa l-Iskrittura kif taċċetta tagħlim falz mingħajr ma tkun taf?

Danjel 10:12 – Il-ktieb ta' Danjel jitkellem dwar l-anġlu Mikiel bħala "*wieħed mill-kapijiet (prinċpijiet) il-kbar*" (10:13), "*il-kap (prinċep) tagħhom*" (10:21) u "*il-kap (prinċep) il-kbir, li qiegħed fuq ulied il-poplu tiegħek…*" (12:1). It-terminu "kap" jew aħjar "prinċep" (sar), kif inhu fl-oriġinal, mhux bil-fors iġib miegħu l-idea ta' "werriet" għal xi tron, għalkemm f'xi sens Kristu Hu werriet ta' Alla (Rumani 8:17). Iżda ta' xhiex Kristu hu werriet? Hawn forsi wieħed għandu joqgħod attent għal ċerti tifsiriet. Fl-Ittra lil-Lhud, aħna għandna mniżżel dak kollu li Sidna Ġesù Kristu tiegħu Hu werriet. Aħna naqraw hekk:

> "*F'dawn l-aħħar jiem kellimna (Alla) b'Ibnu, li għamlu werriet tal-ħwejjeġ kollha, u li bih ukoll għamel id-dinjiet*" (Lhud 1:2).

Dan il-kliem żgur li qatt ma ntqal għall-anġlu Mikiel.

L-anġlu Mikiel hu msejjaħ *bħala "wieħed mill-prinċpijiet il-kbar*" (Danjel 10:13). Jekk wieħed jaqra Danjel 9:25 għandu jsib li l-Messija huwa rriferut bħala "*il-Prinċep.*" Biss, hawn wieħed għandu jifli sewwa xi jgħid l-oriġinal u ma joqgħodx fuq l-interpretazzjoni falza ta' xi wħud. Il-kelma "Prinċep" hawn fil-Lhudi hija "nagid," li tfisser "Mulej," waqt li l-anġlu Mikiel huwa prinċep, il-kelma Lhudija hija "sar" li tfisser, kap, uffiċjal, kaptan. Xejn ma jindika

distinzjoni fit-tifsira bażika ta' dan il-kliem, u t-tnejn jokkupaw postijiet ta' mexxejja f'xi sens. It-tmexxija ta' l-anġlu Mikiel hija murija bħala illimitata: fuq l-anġli tiegħu, waqt li dik ta' Sidna Ġesù Kristu hija sħiħa, fuq kollox u fuq kulħadd, barra mill-Missier (Mattew 28:18; 1 Korintin 15:27-28; Lhud 2:5). Barra minn hekk, Ġesù Kristu qiegħed isaltan, ukoll issa, fuq is-Saltna tiegħu (Atti 2:30; Efesin 5:5; Rivelazzjoni 3:31; 17:14; 19:16), ħaġa li l-anġlu Mikiel qatt ma ntqal li qiegħed jagħmel, ukoll fuq dawk li hu qiegħed fuqhom (Danjel 12:1). ġesù Hu msejjaħ bħala "l-Prinċep" f'Atti 3:15 (*archegos*, li tfisser "awtur" ukoll f'Lhud 12:2). F'Atti 5:31, l-istess kelma tirreferi għal li Ġesù Hu l-Awtur tas-salvazzjoni (Lhud 2:10-18; 5:9), kif ukoll f'Rivelazzjoni 1:5, fejn Ġesù Hu "*l-prinċep tas-slaten ta' l-art*."

Li wieħed jargumenta li l-anġlu Mikiel għandu l-kredtu b'għamil ta' setgħa divina, dan ikun korrett. Iżda jkun żbaljat jekk jgħid li dan jimplika li l-anġlu Mikiel huwa Sidna Ġesù Kristu.

Huwa tassew li l-egħmejjel ta' Ġesù mal-profezija tat-Testment il-Qadim, it-tagħlim Tiegħu stess u x-xhieda tal-Missier jixhdu għad-Divinità Tiegħu. Imma oħrajn ukoll wettqu għeġubijiet u sinjali meta wkoll kienu mogħtija s-setgħa minn Alla, kemm individwalment (Isaija 37:36; Danjel 3:28) kif ukoll fi gruppi (Ġenesi 19:11; Mattew 4:6). Bħala bnedmin (2 Korintin 12:12; Ġożwè 10:12-14) kienu b'miraklu mogħtija s-setgħa minn Alla f'diversi żminijiet. L-anġlu Mikiel qatt ma jissemma li wettaq l-għan ewlieni tal-missjoni ta' Ġesù Kristu fuq l-art—biex isalva l-poplu Tiegħu

minn dnubietu (Mattew 1:21; Luqa 19: 10). Huwa tassew li l-anġlu Mikiel iġġieled kontra Satana, imma l-forzi kollha ta' Alla (inkluż l-anġli ta' Mikiel, u l-Kristjani kollha) għamlu dan—innota Efesin 6:11-17; Rivelazzjoni 2:26-27, fejn il-Kristjan fidil hu mwiegħed parti fil-ħakma ta' Kristu fuq il-ġnus. Naqraw fl-1 Tessalonikin 4:16

> "*Għax il-Mulej innifsu jinżel b'għajta mis-sema, mal-leħen ta' l-arkanġlu, u mat-tromba ta' Alla: u l-mejtin fi Kristu jqumu l-ewwel.*"

L-argument prinċipali, ibbażat fuq din l-iskrittura, jiġifieri, li "*l-leħen ta' l-arkanġlu hu l-Mulej,*" *ma għandu ebda bażi*. Din l-Iskrittura ma tgħidx dan. Il-prepożizzjoni Griega "en," li hi tradotta b'ma' f'dan il-vers, turi akkumpanjament, u tista' tiġi wkoll tradotta "għal," dwar iż-żmien meta Kristu jiġi. Il-miġja Tiegħu takkumpanja (għal jew ma') t-tromba ta' Alla. Jekk "*mal-leħen ta' l-arkanġlu*" jfisser li Kristu hu l-arkanġlu, allura "*mat-tromba ta' Alla*" jfisser li Kristu Hu Alla. Hawn aħna naraw kemm din id-dottrina hija kontradittorja. Dawk li jgħallmu li Sidna Ġesù Kristu huwa l-anġlu Mikiel loġikament ma jistgħux isaħħu l-argument tagħhom b'din is-silta, għaliex huma bil-qawwa kollha jiċħdu li Sidna Ġesù Kristu Hu Alla li Jista' Kollox. Huwa veru li Kristu Hu Alla, u għal-kemm dawn ma jammettuħx dan, huma ma jistgħux loġikament jevitaw dik il-konklużjoni, ibbażata fuq l-argument tagħhom stess minn din is-silta.

Ħalli issa naraw x'tgħid il-Kelma ta' Alla dwar il-qima, (lit-tifsira tagħha diġa rajna aktar qabel), lil Kristu u lill-anġli. Naqraw f'Lhud 1:6,

> "*U raġa, meta ġieb l-Iben il-kbir fid-dinja: Ħa jqimuh l-anġli kollha ta' Alla.*"

It-tagħlim ċar ta' l-ewwel żewġ kapitli ta' l-Ittra lil-Lhud huwa li Kristu Hu superjuri għall-anġli. Dan jikkonsisti f'żewġ argumenti ċari. F'kapitlu wieħed, il-fatt li Kristu Hu l-Iben ta' Alla juri li Ġesù Kristu huwa superjuri għalihom. Kristu Hu l-Iben ta' Alla (Lhud 1:5), ħaġa li ebda anġlu qatt ma kien imsejjaħ hekk. L-anġli jaduraw lil Ġesù, dan ifisser li huma inferjuri Għalih (Lhud 7:7-28), u dan għaliex huma mitluba minn Alla biex jadurawh (Lhud 1:6).

In-natura passiva tax-xogħol ta' l-anġli mqiegħda f'kuntrast mas-setgħa eterna ta' l-Iben li Hu Alla Nnifsu (Lhud 1:7-9). Ukoll, Sidna Ġesù Kristu Hu l-Ħallieq ta' kollox, kif diġa rajna, u li ma jintemm qatt fin-natura Tiegħu (Lhud 1:10-12; 13:8) fejn l-anġli kienu spettaturi tal-ħolqien (Ġob 28:7), u parti mill-ħolqien innifsu. Din il-kwotazzjoni hija minn Salm 102:25-27, fejn fih il-Ħallieq (li Hu l-Iben, Lhud 1:2) huwa ndirizzat bħala "Mulej," u huwa Alla li jindirizzah hekk, kif il-kontenut ta' Lhud 1:8-10 jagħmilha ċara. L-Iben huwa għal darb'oħra ndirizzat bħala "Mulej" minn Alla (Lhud 1:10). Il-kwotazzjoni mbagħad ta' Salm 110:1, tidher li hija għall-Messija f'Mark 12:35-37 u f'Atti 2:33-36. Barra minn dan, ebda anġlu qatt ma ġie mitlub biex joqgħod fuq il-lemin ta' Alla.

F'Luqa 1:10 aħna nsibu l-anġlu Gabrijel jgħid għalih innifsu li huwa wieħed li "*joqgħod quddiem Alla*." Din il-pożizzjoni fil-lemin ta' Alla hija waħda ta' setgħa u awtorità u ta' tifħir (Atti 2:33:34). F'Lhud 1:7, 14, l-anġli huma msejħa ministri u qaddejja, f'kuntrast mas-Sinjurija ta' l-Iben (Galatin 4:6, 7; Lhud 3:5-6).

It-tieni, argument, f'kapitlu tnejn, huwa bbażat fuq l-umiltà ta' Ġesù Kristu. "*Id-dinja li ġejja*" (vers 5) ma kinetx suġġetta għall-anġli, imma għall-awtorità ta' "*Bin il-Bniedem*" (Lhud 2:5-7). Kristu jidher bħala t-twettiq ta' Salm 8:5-7, bħala l-Wieħed li l-ħwejjeġ kollha kienu suġġetti Għalih (Lhud 2:6-8; 1 Korintin 15:27-28; Efesin 1:22). ġesù Kristu kien magħmul ftit inqas mill-anġli "*għal ftit taż-żmien,*" b'hekk Hu mqiegħed f'kuntrast magħhom, u dan juri tassew kemm hija falza din id-dottrina li Ġesù Kristu Hu anġlu. Issa, li ġie umiljat fil-ġisem, Ġesù ġie nkurunat bil-glorja u l-ġieħ (Lhud 2:9-10). Billi ħa fuqu Nnifsu l-umiljazzjoni, Kristu, permezz tal-mewt Tiegħu qered il-ħakma tax-xitan (Lhud 2:11-15). Kristu, u din hija importanti, fil-missjoni Tiegħu ma kellux x'jaqsam ma' l-anġli, iżda min-nisel ta' Abraham, sar bniedem u mhux anġlu (Lhud 2:16).

Għalhekk, l-importanza ta' l-Iskrittura Mqaddsa li Sidna Ġesù Kristu mhuwiex anġlu, imma Hu ħafna u ħafna aktar superjuri minnhom f'kull mod. ġesù Kristu, bħala Alla, Hu tassew is-suġġett tal-qima tagħna, waqt li l-anġli mhumiex (Rivelazzjoni 22:8-9). Sidna Ġesù Kristu, kif diġa rajna, aċċetta ċar ħafna l-qima mill-bnedmin (Mattew 8:2; 9:18; 14:33; Ġwanni 20:28; eċċ.).

Kemm huwa faċli, li wieħed li ma jkunx jaf sewwa x'tgħid il-Kelma ta' Alla, li jaċċetta u jemmen tagħlim li jkun ta' rovina għalih. ħalli wieħed ikun bħan-nies ta' Berea, jiġifieri, qabel ma jaċċetta xi tagħlim li għalih ikun ġdid,

> "*ifittex kuljum fl-Iskrittura, biex jara jekk dawn il-ħwejjeġ hux hekk tassew*" (Atti 17:11).

Minn dan kollu li aħna rajna, wieħed jitgħallem lid-Divinità biss tista' tagħmel u ssostni l-istqarrijiet li għamel u sostna bil-jedd kollu Sidna Ġesù Kristu (Ġwanni 8:52-56). Rajna wkoll, li Ġesù qatt ma ċaħad li Hu kien "*l-Iben ta' Alla*" li dan kien ifisser "*li kien daqs Alla.*" L-affermazzjonijiet li għamel Ġesù Kristu żgur li ħadd ma jista' jagħmilhom ħlief Alla Waħdu. Ebda bniedem, ebda anġlu, ebda maħluq jew ebda kreatura ma jista' jkollu l-kuraġġ kbir li kellu Ġesù biex jgħid dawn il-ħwejjeġ kollha. Xi wħud minnhom kienu dawn: Ġesù sostna li Hu 'l fuq mill-Iskrittura (Mattew 7:28-29; 19:3-9). Ġesù sostna li Hu kien aqwa mill-aqwa nies ta' dehen ta' l-antik (Ġwanni 8: 46). Mhux biss ħadd ma kien jista' jsib xi ħtija fih ta' xi dnub dak iż-żmien, iżda lanqas ħadd minn dak iż-żmien 'il hawn qatt ma seta' jsib l-inqas difett fil-ħajja Tiegħu u fit-tagħlim Tiegħu. Ġesù sostna li Hu kien jeżisti minn qabel il-ħolqien tad-dinja (Ġwanni 17:5, 24). Ġesù sostna li l-awtorità kollha fis-sema u fl-art hija Tiegħu biss, u li Hu xi darba jiġġudika d-dinja (Mattew 28:18; Ġwanni 5:22; 12:48).

Mela, hawn wieħed jista' jasal biss għal żewġ konklużjonijiet: (1) Jekk Sidna Ġesù Kristu mhuwiex Divin, allura l-istqarrijiet li Hu għamel huma stqarrijiet ta' impostur, u huwa ċar li ebda impostur ma hu raġel tajjeb. (2) Imma sidna Ġesù Kristu ċertament li mhuwiex impostur. Barra minn dan, l-istqarrijiet li Ġesù għamel, huma bħal dawk li aħna nistennew li jagħmel Alla li Jista' Kollox. Ġesù, fil-fatt qal,

> "*Min ra lili ra 'l Missieri*" (Ġwanni 14: 8-9).

Għalhekk, l-unika konklużjoni leġittma hija, li l-istqarrijiet li l-Mulej tagħna għamel kellu d-dritt li jagħmilhom u huma attributi Lilu (ara Mattew 17:1-5; Atti 3:22-23). Sidna Ġesù Kristu verament Hu l-Iben ta' Alla u għalhekk għandu jkun irrispettat,

> "*Għax il-Missier ma jagħmel ħaqq minn ħadd, iżda ta kull ħaqq lil Ibnu: Biex il-bnedmin kollha jweġġħu l-Iben, bħal ma jweġġħu l-Missier. Min ma jweġġahx l-Iben ma jweġġahx il-Missier li bagħtu*" (Ġwanni 5:22-23).

Il-Missier u l-Iben huma l-istess, ma hemm ebda differenza bejniethom għaliex **l-istess** qima għandha tingħata lit-tnejn.

Tinsiex fit-twissija ta' Ġesù dwar dan li dwaru studjajna, jiġifieri, id-Divinità tat-Tliet Persuni f'Alla Wieħed fejn Ġesù qal b'mod l-aktar ċar u sempliċi:

> "*Għalhekk għidtilkom, li tmutu fi dnubietkom: għax jekk ma temmnux li jien*

*hu, tmutu fi dnubietkom*" (Ġwanni 8: 24).

Int għandek tagħmel għażla. Agħżel x'temmen, dak li tgħid il-Kelma ta' Alla jew dak li jgħid il-bniedem? (Atti 5:29).

Taħt għandna lista dwar xi jgħidu l-iskulari dwar: "*Il-Kelma kienet alla*" (*a god*) fi Ġwanni 1:1 (New World Translation.

1. Dr. Paul L. Kaufman ta' Portland, Oregon: "Innies tax-Xhieda ta' Jehovah juru injoranza ta' kwalità mill-agħar tal-prinċipji bażiċi tal-grammatika Griega fit-traduzzjoni tagħhom ta' Ġwanni 1:1."
2. Dr. Charles L. Feinberg ta' La Mirada, California: "Jiena nista' nassigurakom lit-traduzzjoni li jagħtu x-Xhieda ta' Jehovah ta' Ġwanni 1:1 mhix aċċettata minn ebda skular magħruf tal-Grieg.
3. Dr. James L. Boyer ta' Winona Lake, Indiana: "Jiena qatt ma smajt dwar, jew qrajt dwar xi skular tal-Grieg li kien qabel ma' l-interpretazzjoni ta' dan il-vers sostnut mix-Xhieda ta' Jehovah… Jiena qatt ma ltqajt ma' wieħed minnhom li kellu xi għarfien tal-lingwa Griega."
4. Dr. Walter R. Martin (li ma jgħallimx il-Grieg imma kien studja l-lingwa): "It-traduzzjoni…'a god' minflok ta' 'Alla' hija żbaljata u mhux sostnuta minn xi skular ta' studju akkademiku, antik jew kontemporanju u hija traduzzjoni rriġettata mill-iskulari magħrufa kollha tal-lingwa Griega li ħafna minnhom lanqas ma huma Kristjani, u ma

jistax jintqal b'ġustifikazzjoni li huma għandhom xi nklinazzjoni favur il-kontenzjoni ortodossa."

5. Dr. J. R. Mantey (li hu kkwotat f'paġni 1158-1159 fil-Kingdom interlinear Translation tax-Xhieda ta' Jehovah stess): "Traduzzjoni ħażina tal-biża'." "Bla użu u mhux korretta." "La huwa x-xogħol ta' studjużi u lanqas raġjunevoli li tittraduċi Ġwanni 1:1 'The Word was a god.'"
6. Dr. Bruce M. Metzger ta' Princeton (Professur tal-Lingwa u l-Letteratura tat-Testment il-Ġdid): Traduzzjoni ħażina tal-biża'." "Żbaljata" u "Ta' rovina" "Ta' min iċanfarha" "Jekk ix-Xhieda ta' Jehovah jieħdu din it-traduzzjoni bis-serjetà, huma jkunu politeisti" (għandhom aktar minn Alla wieħed).
7. Dr. Samuel J. Mikolaski ta' Zurich, Switzerland: "Din il-kostruzzjoni mingħajr artiklu ma tfissirx dak li l-artiklu indefinit 'a' ifisser fl-Ingliż. Huwa monstrożità li tittraduċi l-frażi 'the Word was a god.'"
8. Dr. William Barclay ta' l-Università ta' Glasgow, Scotland: "It-tagħwiġ deliberat tal-verità minn din is-setta jidher fit-traduzzjoni tagħhom tat-Testment il-Ġdid. Ġwanni 1:1 huwa tradott: "…the Word was a god,' traduzzjoni li grammatikament hija impossibbli…huwa ċar ħafna li setta li tista' tittraduċi t-Testment il-Ġdid b'dak il-mod hija intellettwalment diżonesta."
9. Dr. F.F. Bruce ta' l-Università ta' Manchester, l-Ingilterra: "Ħafna hu magħmul minn grammatiċi dilettanti Arjani bl-ommissjoni ta' l-artiklu definit ma' 'Alla' fil-frażi "And the Word was God.'

Ommissjoni bħal din hija komuni ma' nomi f'kostruzzjoni predikattiva…'a god' tkun għal kollox bla ebda difiża." [Barclay u Bruce huma ġeneralment meqjusa bħala l-akbar skulari tal-Grieg fl-Ingilterra. It-tnejn għandhom stampati traduzzjonijiet tat-Testment il-Ġdid!]

10. Dr. Ernest C. Colwell ta' l-Università ta' Chicago: "Predikat nominattiv definit għandu l-artiklu meta dan isegwi l-verb; dan m'għandux l-artiklu meta jiġi qabel il-verb…din l-istqarrija ma tistax tkun meqjusa bħala stramba fil-prologu tal-vanġelu li jaqra l-qofol tiegħu fl-istqarrija ta' Tumas. 'Mulejja u Alla tiegħi' (Ġwanni 20:28)."
11. Dr. Phillip B. Harner ta' Heidleberg College: "Il-verb li jkun qabel predikat mingħajr artiklu, probabbilment ikun ifisser li l-LOGOS kien 'a god' jew eżistenza divina ta' xi xorta, tappartjeni għall-kategorija ġenerali ta' THEOS imma bħala eżistenza distinta minn HO THEOS. Fil-forma li juża Ġwanni, il-kelma "THEOS" hija mpoġġija fil-bidu għal enfasi."
12. Dr. J. Johnson ta' California State University, Long Beach: "Ebda ġustifikazzjoni tkun xi tkun għal li tittraduċi THEOS EN HO LOGOS bħala 'the Word was a god.' Ma hemm ebda parallel sin-tattiku għal Atti 28:6 fejn hemm stqarrija f'diskors indirett; Ġwanni 1:1 huwa dirett….Jiena la jien Kristjan u lanqas Trinitarjan."
13. Dr. Eugene A. Nida, kap tad-Dipartiment tat-Traduzzjonijiet, American Bible Society: "Rigward Ġwanni 1:1, hemm naturalment komplikazzjoni

sempliċiment għaliex in-New World Transaltion kienet apparentament magħmula minn persuni li ma ħadux is-sintassi tal-Grieg bis-serjetà." [Responsabbli għal Good News Bible – il-kumitat ħadem taħtu.]

14. Dr. B. F. Westcott (li t-test Grieg tiegħu – mhux il-parti l-Ingliża – huwa wżat fil-Kingdom Interlinear Transaltion): "Il-predikat (Alla) jieqaf enfatikament l-ewwel, kif f'IV. 24. Huwa neċessarjament mingħajr artiklu…Ebda idea ta' inferjorità ta' natura ma hija ssuġġerita bil-forma ta' l-esspressjoni, li sempliċiment tafferma l-vera divinità tal-Kelma…fit-tielet klawsola 'il-Kelma' hija ddikjarata li hi 'Alla' u hekk inkluża fl-unità tad-Divinità (Godhead).
15. Dr. J.J. Griesbach (lit-test tiegħu tal-Grieg – mhux il-parti Ingliża – huwa wżat fl-Emphatic Diaglott): "Tant numerużi u ċari huma l-argumenti u t-testimonjanza ta' l-Iskrittura favur il-vera Divinità ta' Kristu, li bilkemm jiena nista' nimmaġina kif, fuq l-ammissjoni ta' l-awtorità Divina ta' l-Iskrittura, u b'rigward ir-regoli ġusti ta' l-interpretazzjoni, din id-dottrina tista' minn xi bniedem tkun imsejħa f'dubju. Speċjalment is-silta, Ġwanni 1:1-3, hija tant ċara u tant superjuri għal kull eċċezzjoni, li bla ebda sforzi ta' sogru kemm ta' kummentaturi jew kritiċi ma tista' tkun maħtufa mill-idejn tad-difensuri tal-verità."

Jekk dawn il-provi ċari kollha mhumiex biżżejjed biex wieħed jara kemm huwa ta' ngann li tpoġġi lill-Mulej tagħna Ġesù Kristu fuq l-istess livell ta' *l-allat*

l-oħra kollha, allura ma jkun jibqa' xejn aktar għal dik il-persuna li twebbes rasha u tibqa' tappoġġja dak it-tagħlim falz li **jkisser** id-Divinità mhux biss ta' Kristu imma wkoll ta' Alla li Jista' Kollox għaliex jekk tneħhi lil xi wieħed mit-tlieta li jiffurmaw lil Alla ta' l-Iskrittura Mqaddsa, allura, kif diġa tennejt aktar qabel, inti tkun qiegħed **toħloq** alla li mhuwiex dak li nsibu fil-Bibbja Mqaddsa (Mattew 28:19), u b'hekk tkun qiegħed tagħti qima, mhux lil Alla veru, imma lil alla maħluq mill-bnedmin, f'dan il-każ, alla maħluq mit-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah!

Ikun xieraq li ngħalaq din il-parti ta' dan l-istudju bil-barka li fiha t-tliet Persuna tad-Divinità huma msemmija:

> "*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll*" (2 Korintin 13:13, 14).

# IL-MISSIER—L-IBEN—L-ISPIRTU S-SANTU

## ALLA—L-MISSIER

Il-Missier iħobb lill-bnedmin—imma d-dnub tagħhom firidhom Minnu, għall-punt li jekk xi ħadd jara Wiċċu jmut. Il-Missier Hu l-essenza tal-qdusija. Eventwalment huwa Hu li Għalih in-nies kollha jitbaxxew fil-qima. Imma r-rimedju għas-separazzjoni Tiegħu mill-bnedmin li Hu ħabb kien jeħtieġ sagrifiċċju—is-sagrifiċċju Tiegħu Nnifsu (Atti 20:28). L-appostlu Pawlu jgħidilna li:

> "*Permezz tiegħu [ta' Kristu], it-tnejn li aħna għandna bi Spirtu wieħed id-dħul għal għand il-Missier. Għalhekk ma għadkomx aktar barranin u frustieri, imma intom ċittadini flimkien mal-qaddisin u nies tad-dar ta' Alla*" (Efesin 2:18, 19).

Pawlu jibda' t-Tieni Ittra tiegħu lit-Tessalonikin hekk:

> "*Pawlu u silvanu u Timotju lill-knisja tat-Tessalonikin magħquda ma' Alla l-Missier tagħna u Sidna Ġesù Kristu. Il-grazzja u s-sliem lilkom minn Alla l-Missier u Sidna Ġesù Kristu*" (2 Tessalonikin 1:1, 2).

Dwar il-Missier, Pawlu jikkwota mill-profeti tat-Testment il-Qadim fejn jgħi,

“*X’rabta hemm bejn it-tempju ta’ Alla ma’ l-idoli? Aħna t-tempju ta’ Alla ħaj. Kif igħid Alla: Ngħammar f’nofshom u nimxi magħhom, Inkun Alla tagħhom; u huma jkunu l-poplu tiegħi. Għalhekk oħorġu minn ġo nofshom, u nfirdu minnhom, igħid il-Mulej; la tmissux l-imniġġes, u jien nilqagħkom; u nkun għalikom Missier u intom tkunu għalija wlied, subjien u bniet, igħid il-Mulej, li Jista’ Kollox*” (2 Korintin 6:16-18).

Dwar il-Missier naqraw ukoll dwar il-privileġġ kbir li għandu kull Kristjani:

“*Għax intom ma rċevejtux l-ispirtu li jwassalkom għall-jasar biex terġgħu taqgħu fil-biża’, imma rċevejtu l-Ispirtu li jagħmel minnkom ulied adottivi; u li bih aħna nistgħu ngħajtu: ‘Abba Missier’*” (Rumani 8:15).

## ĠESÙ—L-IBEN

L-uniku sagrifiċċju “tajjeb biżżejjed” għal Alla li Hu perfettament qaddis, xieraq biex jixtri lura l-bnedmin mid-dnub (Lhud 9:12, 28), kien is-sagrifiċċju ta’ Alla Nnifsu—Ibnu Ġesù (Atti 20:28; Ġwanni 1:1, 14; Lhud 7:26, 27; 9:10:10-14). Dan kien jeħtieġ li Alla jiġi fid-dinja fil-forma umana, l-aħħar missjoni Tiegħu tkun l-għotja ta’ dan is-sagrifiċċju, jirrivela lill-

bnedmin dak kollu li Alla riedna li nkunu nafu Dwaru Nnifsu ((Mattew 1:23; Filippin 2:5-9).

## L-ISPIRTU S-SANTU

Billi dawk il-membri tar-razza umana jkomplu jiffaċċjaw il-problemi u jitqabdu mad-dnub fil-ħajja ġdida tagħhom fi Kristu, Ġesù bagħat "Avukat" u għajjutant biex igħix ġo fihom (Ġwanni 14:16, 17, 26; 1 Korintin 6:19), xi ħadd li jista' jmissilhom l-imħuħ u l-qlub tagħhom. Dan kollu jkun għal l-għan ta' "żvilupp tal-karattru" (qdusija), ilesti lin-nies ħalli jkunu ma' Alla fis-smewwiet għal dejjem.

Dwar l-Ispirtu s-Santu naqraw ukoll li aħna, bħala Kristjani:

> "*Għax intom ma rċevejtux l-ispirtu li jwassalkom għall-jasar biex terġgħu taqgħu fil-biża', imma rċevejtu l-Ispirtu li jagħmel minnkom ulied adottivi; u li bih aħna nistgħu ngħajtu: 'Abba Missier'*" (Rumani 8:15).

Hu permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li aħna nistgħu ngħajtu: '*Abba Missier*'. (Ara wkoll Galatin 4:6.)

# STUDJU DWAR IL-PLURALITÀ

Ħalli issa nistudjaw u nagħmlu eżami interessanti dwar l-hekk imsejħa teofaniji. Teofanija hija dehra ta' Alla lil bniedem. Alla jidher fit-Testment il-Qadim f'modi differenti: bħala anġlu tal-Mulej (Atti 7:30-32; Eżodu 3:2; Imħallfin 2:1), apparentament f'forma fiżika (Ġenesi 3:8; Eżodu 24:9-11), f'viżjonijiet u ħolm (Numri 12:6-8), u fi fjamma (Imħallfin 13:20-21). Madankollu, hemm versi li jgħidu li int ma tistax tara lil Alla: (Eżodu 33:20; Ġwanni 1:18). Jekk dan hu hekk, mela hemm kontradizzjoni fil-Bibbja? Le, ma hemm ebda kontradizzjoni.

Studja l-versi li ġejjin, aqrahom fil-kuntest tagħhom fil-Bibbja, u ara jekk int tistax tiffigura x'inhu għaddej. Jekk int ma tistax, kompli aqra u tkun sorpriż b'mod pjaċevoli. Imma għandek tkun lest li twarrab it-tagħlim kollu tal-bnedmin u taċċetta biss dak li tgħidlek il-Kelma ta' Alla! Tajjeb hawn li int taqra Atti 4:19 u 5:29 qabel ma tibda dan l-istudju.

"Nota: "Mulej" *hija ekwivalenti għal JHWH, jew Yahweh, li huwa l-isem ta' Alla.*

## PLURALITÀ TA' ALLA

Alla Hu Wieħed imma huwa wkoll "Pluralità" u dan l-Iskrittura Mqaddsa turihulna bl-aktar mod ċar. ħalli nwarrbu t-tagħlim kollu li ġej mill-bnedmin u nħallu l-Kelma Tiegħu tiggwidana u tmexxina dwar dan is-suġġett hekk importanti. Jekk aħna ma nagħmlux hekk allura sejrin inkunu ngannati u ma nkunux qegħdin nimxu fuq it-tagħlim ispirat! (Ara Efesin 5:6).

**Ġenesi 1:26,**

"*U Alla qal: Ħalli nagħmlu l-bniedem fuq xbihietna, u fuq suritna…*" (Ara wkoll Ġenesi 3:22; 11:7; Isaija 6:8).

**Ġenesi 19:24,**

"*Imbagħad il-MULEJ bagħat fuq Sodoma u Gomorra xita ta' kubrit u nar minn għand il-MULEJ mis-sema.*"

**Għamos 4:1-11,**

"*Bgħatt fostkom mard bħal ta' l-Eġittu, qtilt bis-sejf iż-żgħażagħ tagħkom, u ħattilkom iż-żwiemel tagħkom; u tellajt l-intiena tal-kamp tagħkom fi mnifsejkom; iżda ma rġajtux lejja, igħid il-MULEJ. Ġarraft lil x'uħud minnkom, bħalma Alla ġarraf lil Sodoma u li Gomorra…*"

**Isaija 44:6,**

"*Hekk jgħid il-MULEJ, is-Sultan ta' Iżrael, u l-Feddej tiegħu, il-MULEJ ta' l-eżerċti: Jien l-ewwel u jien l-aħħar, u m'hemmx Alla ieħor għajri*" (ara wkoll Isaija 48:16).

## DEHRIET TA' ALLA

**Ġenesi 17:1,**

"*U meta Abram kellu disgħa u disgħin sena, il-MULEJ deher lil Abram, u qal-*

*lu: Jiena Alla li Nista' Kollox; imxi quddiemi, u kun perfett.*"

**Ġenesi 18:1,**

"*U deherlu l-MULEJ ħdejn il-ballut ta' Mamri, hu u qiegħed fil-bieb tat-tinda tiegħu, fl-eqqel tas-sħana tal-jum.*"

**Eżodu 6:2-3,**

"*U Alla tkellem ma' Mosè, u qallu: 'Jien il-MULEJ; U jien dehert lil Abraham, lil Iżakk, u lil Ġakobb, bl-isem ta' Alla li Jista' Kollox, iżda b'ismi, JHWH, ma ngħaraftilhomx.*"

**Eżodu 24:9-11,**

"*Tala' mbagħad Mosè, u Arun, u Nadab, u Abihu, u sebgħin mix-xjuħ ta' Iżrael: U raw 'l Alla ta' Iżrael: u kienu hemm taħt riglejh bħal ċangatura maħduma bis-saffiri, qisha s-sema fis-safa tiegħu. U fuq il-maħturin ta' wlied Iżrael ma meddx idu: huma raw ukoll 'l Alla, u kielu u xorbu.*"

**Eżodu 33:11,**

"*U l-MULEJ kien ikellem lil Mosè wiċċ imb'wiċċ, bħalma wieħed ikellem lil ħabibu…*"

**Numri 12:6-8,**

"*Hu [Alla] qal, 'Isimgħu kliemi: Jekk ikun hemm profeta fostkom, jiena, il-*

*MULEJ, nuri lili nnifsi lilu f'xi dehra, u nkellmu fil-ħolm. Iżda mhux hekk mal-qaddej tiegħi Mosè: hu fdat bid-dar tiegħi kollha. Wiċċ imb' wiċċ inkellmu, u bid-dieher, u mhux bi kliem tqil; u lejn suret il-MULEJ iħares…"*

**Atti 7:2,**

*"U wieġeb [Stiefnu]: Ħuti u missirijieti, isimgħuni, Alla tal-glorja deher lil missierna Abraham, meta kien fil-Mesapotamja, qabel ma għammar f'Ħaram."*

## MA TISTAX TARA LIL ALLA

Imma naqraw ukoll li ħadd ma jista' jara lil Alla!

**Eżodu 33:20,**

*"U raġa' qal: Ma tistax tara wiċċi: għax ebda bniedem ma jista' jarani, u jibqa' ħaj."*

**Ġwanni 1:18,**

*"Ħadd qatt ma ra 'l Alla f'xi żmien; L-Iben il-waħdieni, li hu fi ħdan il-Missier, hu għarrfu."*

**1 Timotju 6:16,**

*"Hu biss ma jmut qatt, li jgħammar fid-dawl li ħadd ma jista' jersaq lejh: li l-ebda bniedem ma rah, u lanqas ma jista' jara; lilu ġieh u setgħa għal dejjem. Amen."*

**Ġwanni 6:46,**

> "*Mhux għax xi ħadd ra l-Missier, ħlief dak li hu minn Alla; dan ra l-Missier.*"

**Ġwanni 8:58,**

> "*Qalilhom Ġesù: Tassew, tassew, ngħidilkom: Qabel ma kien Abraham, jien hu.*"

**Eżodu 3:14,**

> "*U Alla qal lil Mosè: JIEN HU LI JIEN: u hu qal: 'Hekk għandek tgħid lil ulied Iżrael: JIEN bagħatni għandkom.'*"

**Żakkarija 12:10,**

> "*U Jien [Alla] nsawwab fuq dar David u fuq in-nies ta' Ġerusalem l-Ispirtu tal-grazzja u talb; u jħarsu lejja, lejn min huma nifdu, u jixru għalih, bħalma wieħed jixher għal ibnu waħdieni, u jibku biki ta' mrar għalih, bħalma wieħed jibki biki ta' mrar għall-iben il-kbir.*" (Ara wkoll Rivelazzjoni 1:7; Ġwanni 19:37.)

Huwa ċar biżżejjed mill-Iskritturi li qrajna fuq li lil Alla kien *hemm min rah*. Imma, jikkonsidraw il-versi li "ma tistax tara 'l Alla" xi wħud jargumentaw b'mod li wieħed jifhimhom li l-bnedmin ma rawx lil Alla; inkella, jkun hemm kontradizzjoni fil-Bibbja. U dan hu dak li jġiri u li jagħmel il-Bibbja tidher li qed tikkontradixxi lilha nfisha, meta xi mexxejja reliġjużi

jgħallmu tagħlim żbaljat kif fil-fatt jgħallmu tat-Torri ta' l-Għassa (u xi oħrajn bħalhom) dwar id-Divinità tal-Mulej tagħna, Sidna Ġesù Kristu. Spjega possibbli għal dan hija li nies kienu qegħdin jaraw viżjonijiet jew ħolm, jew l-Anġlu tal-MULEJ (Numri 22:22-26; Imħallfin 13:1-21). Imma din l-ispjega mhix spjega tajba għal kollox. Il-problema hija li l-versi murija fuq ma jgħidux viżjoni, ħolma, jew Anġlu tal-MULEJ. Huma jgħidu li nies <u>raw lil Alla</u> (Eżodu 24:9-11), li Alla deher, u li Hu deher bħala *Alla li Jista' Kollox* (Eżodu 6:2-3; 17:1. Dwar l-Anġlu tal-Mulej ara minn paġna 168).

Għall-ewwel dan huwa diffiċli biex tifhmu. *Alla li Jista' Kollox* rawh il-bnedmin (Eżodu 6:2-3; 17:1) li jfisser li ma kienx l-Anġlu tal-Mulej, għax anġlu mhuwiex *Alla li Jista' Kollox*, u għall-inqas Mosè ra lil Alla, mhux viżjoni jew ħolma, kif il-MULEJ Innifsu jgħid f'Numri 12:6-8,

> "*Hu [Alla] qal, 'Isimgħu kliemi: Jekk ikun hemm profeta fostkom, jiena, il-MULEJ, nuri lili nnifsi lilu f'xi <u>dehra,</u> u nkellmu <u>fil-ħolm</u>. <u>Iżda mhux hekk mal-qaddej tiegħi Mosè</u>: hu fdat bid-dar tiegħi kollha. <u>Wiċċ imb'wiċċ inkellmu, u bid-dieher,</u> u mhux bi kliem tqil; <u>u lejn suret il-MULEJ</u> <u>iħares</u>…*"

Hawn għandna spjega ċara dwar id-distinzjoni bejn il-f'xi dehra, jew viżjoni jew ħolm u dehra ta' "Wiċċ imb'wiċċ." Jekk dawn il-versi jfissru dak li jgħidu, allura aħna naturlament nassumu li għandna kontra-

dizzjoni. Attwalment, il-kontradizzjoni teżisti fl-għarfien tagħna, mhux fil-Bibbja—li dejjem huwa l-każ ma' l-allegati kontradizzjonijiet tal-Bibbja.

Is-soluzzjoni hija sempliċi. Dak kollu li int teħtieġ li tagħmel huwa li taċċetta dak li tgħid il-Bibbja. Imma hemm ħaġa oħra importanti li int għandek tkun lest li tagħmel. Int għandek tkun lest li twarrab it-tagħlim kollu żbaljat tal-bnedmin u tgħid ma' l-appostlu Pietru u l-appostli l-oħra,

> "*…Aħna għandna nisimgħu minn Alla aktar milli mill-bnedmin*" (Atti 5:29).

Jekk in-nies tat-Testment il-Qadim kienu qegħdin *jaraw* lil Alla, *'l Alla li Jista' Kollox*, u Ġesù qal li ħadd ma ra lill-Misiser (Ġwanni 6:46), mela huma kienu qegħdin jaraw lil *Alla li Jista' Kollox*, *imma mhux lill-Missier*. Ħaġa li hija ċerta hi li huma raw lil xi ħadd. Min kien Dak li huma raw? Kien xi ħadd ieħor fid-Divinità. Jiena nissuġġerixxi li huma kienu qegħdin jaraw il-Kelma, il-Logos qabel ma Hu sar inkarnat. Fi kliem ieħor, huma kienu qegħdin jaraw lill-Mulej tagħna, Sidna Ġesù Kristu. Żgur li kulħadd jaqbel li huma raw lil xi ħadd għax hekk tgħid il-Kelma ta' Alla fi kliem ċar. Ħalli nqabblu żewġ passaġġi dwar dan:

**Ġwanni 8:56-58,**

> "*Missierkom Abraham feraħ li jara jumi: u rah, u feraħ. Qalulu mbagħad il-Lhud: Għad m'għandikx ħamsin sena, u rajt 'l Abraham? Qalilhom Ġesù: Qabel ma kien Abraham, JIEN HU.*"

**Eżodu 3:14,**

> "*U Alla qal lil Mosè: JIEN LI JIEN; u qal: Hekk għandek tgħid lil ulied Iżrael: JIEN bagħatni għandkom.*"

Jekk forsi xi ħadd minn dawk li jgħallmu li Sidna Ġesù Kristu kien maħluq u b'hekk kien qabel Abraham, il-Kelma ta' Alla tagħtihom tweġiba u turihom l-iżball kbir tagħhom meta huma jgħallmu dak it-tagħlim falz:

**Ġenesi 17:1,**

> "*U meta Abram kellu disgħa u disgħin sena, il-MULEJ <u>deher</u> lil Abram, u qallu: Jiena **<u>Alla li Nista' Kollox</u>**; imxi quddiemi, u kun perfett.*" (Enfasi tiegħi.)

**Eżodu 6:2-3,**

> "*U **Alla** tkellem ma' Mosè, u qallu: 'Jien il-MULEJ; u jien **<u>dehert</u>** lil Abraham, lil Iżakk, u lil Ġakobb, bl-isem ta' **<u>Alla li Jista' Kollox</u>**, iżda b'ismi, JHWH, ma ngħaraftilhomx.*" (Enfasi tiegħi.)

Ġesù *deher* lil Abraham, lil Iżakk, u lil Ġakobb, "bl-isem ta' **Alla li Jista' Kollox**," u **Alla li Jista' Kollox** ma kienx maħluq! Mela, int li qiegħed taqra dan, tħallix lil min iqarraq bik bi kliem fieragħ!

Jekk Alla Hu Trinità, allura Ġwanni 1:18 mhuwiex problema lanqas għaliex fi Ġwanni kapitlu wieħed, Ġwanni jikteb dwar il-Kelma (Ġesù) u Alla (Trinità;

Mattew 28:19). F'vers 14 Ġwanni jgħid li l-Kelma saret bniedem. F'vers 18 jgħid li ħadd ma ra lil Alla. Billi Ġesù huwa l-Kelma, Alla mela, tirreferi għat-Tliet Persuni tat-Trinità, il-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu (Mattew 28:19), u l-kontradizzjoni apparenti hija solvuta faċilment, speċjalment meta din hija eżaminata fid-dawl tal-kliem ta' Ġesù fi Ġwanni 6:46 fejn Hu qal li ħadd qatt ma ra lill-Missier. Għalhekk, lil *Alla li Jista' Kollox* kien hemm min rah, imma mhux il-Missier. Kien Ġesù qabel l-inkarnazzjoni Tiegħu. Hemm aktar minn persuna waħda fid-divinità (fl-Ingliż hija msejħa 'Godhead') u għalhekk id-dottrina tat-Tliet Persuni f'Alla Wieħed (Trinità) hija tassew u Skritturali!

Għal tat-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah u xi oħrajn li jgħallmu bħalhom dan huwa studju interessanti. Billi huma jiċħdu t-Trinità, huma jkollhom jagħmlu ħafna kliem fantastiku ħalli jippruvaw jaħarbu mill-ispjega dwar it-teofaniji, jiġifieri, il-manifestazzjonijiet viżibbli ta' Alla lil bniedem.

Jiena naċċerta lil kull min jaqra dan il-ktieb li qatt ma huwa sejjer jiltaqa' ma xi wieħed li għandu dak it-tagħlim żbaljat li jkun kapaċi jispjega b'mod adegwat dawn il-versi li għadna kif iddiskutejna dwarhom.

> "*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, u l-imħabba ta' Alla, u x-xirka ta' l-Ispirtu s-Santu, ikunu magħkom ilkoll. Amen*" (2 Korintin 12:14).

## T-TRINITÀ MQADDSA U L-BIBBJA
## (L-ewwel parti)

Wara li rajna u dħalna fid-dettall kemm jista' jkun dwar dan is-suġġett hekk importanti għal kull min irid li jogħġob lil Alla f'ħajtu u li jsalva, issa ħalli naraw xi mistoqsijiet u tweġibiet dwar xi punti li jinġiebu kontra t-Trinità Mqaddsa u d-Divinità tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu.

## JEKK ĠESÙ HU ALLA, ALLURA LIL MIN HU TALAB?

Din hija mistoqsija komuni ħafna fost dawk li ma jemmnux li Ġesù Hu Alla. It-tweġiba tinsab f'li tifhem it-Trinità u l-inkarnazzjoni ta' Ġesù. Ħalli nagħmilha ċara mill-ewwel, għalkemm il-kelma "Trinità" mhijiex fl-Iskrittura, bi Trinità aħna nifhmu li hemm "Tliet Persuni" li jissejħu Alla. Mhuwiex l-iskop tiegħi li nżid xi kliem ma' dak li hemm fl-Iskrittura imma qiegħed nuri lit-Tlieta flimkien huma Trinità, li tfisser Tlieta kif insibuhom f'Mattew 28:19 u fit-Tieni Korintin 13:14. Dan, u dan biss huwa l-iskop tagħna tal-kelma Trinità.

It-Trinità hija d-dottrina li hemm biss Alla wieħed fl-eżistenza kollha. Dan 'l Alla wieħed jeżisti bħala tliet persuni: Il-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu. Huma mhumiex tliet allat, imma Alla wieħed. Kull wieħed hu persuna separata, madankollu kull wieħed minnhom hu, fl-essenza, natura divina.

ħarsa mill-qrib lejn it-Trinità tista' tinsab billi nħarsu lejn il-konċett taż-żmien. Iż-żmien huwa passat, preżent, u futur. Hemm tliet "aspetti" jew "partijiet"

taż-żmien. Dan ma jfissirx li hemm tliet "żminijiet," imma wieħed biss. Kull wieħed huwa separat, f'ċertu sens, madankollu jaqsam l-istess natura, jew essenza. F'mod simili, it-Trinità hija tliet persuni separati li jaqsmu l-istess natura.

## L-INKARNAZZJONI

Id-dottrina ta' l-inkarnazzjoni fit-tagħlim Kristjan hija li Ġesù, li huwa t-tieni Persuna tat-Trinità, żied Għalih Innifsu n-natura umana u sar bniedem.

Il-Bibbja tgħid li Ġesù Hu Alla fil-ġisem,

> "*Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet Alla ….u l-Kelma saret bniedem u għamm-ret fostna*" (Ġwanni 1:1, 14).

F'Kolossin 2:9, l-appostlu Pawlu jgħidilna:

> "*Għax fih tgħammar il-milja* ***kollha*** *tad-divinità fil-ġisem*" (Enfasi tiegħi).

F'Ġesù hemm tgħammar "il-milja kollha" u mhux parti minnha. Dan juri bl-aktar mod ċar id-divinità ta' Ġesù. Kliem ma jistax ikun aktar ċar minn hekk. "Il-milja tad-divinità KOLLHA." Kif diġà rajna fl-istudji ta' qabel, aktar 'il quddiem sejrin inkomplu naraw kif dan il-vers ġie mbabas minn dawk li jridu jbaxxu lill-Mulej tagħna Ġesù Kristu għal alla aktar inferjuri bil-li jippruvaw ibiddlu s-sens tal-vers. Ukoll f'Filippin naqraw,

> "*Li, għalkemm kien f'sura ta' Alla ma qishiex bħala ħaġa misruqa* ***li jkun daqs Alla****; Iżda xejjen lilu nnifsu, u ħa*

*fuqu s-sura ta' qaddej, u kien magħmul fix-xbieha ta' bniedem. U wara li minn barra nstab bħala bniedem, umilja lilu nnifsu, u sar ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-salib*" (Filippin 2:6-8; enfasi tiegħi).

Il-mistoqsija hawn hija: Min jista' jkun "daqs Alla"? It-tweġiba hija sempliċi: Alla Waħdu. Imma hawn jintqal li Ġesù "Hu daqs Alla." Min dan naraw, mela, li Ġesù għandu *żewġ* naturi. ġesù hu t-tnejn, Alla u bniedem. Ġesù Hu kompletament uman, imma Hu wkoll għandu natura divina. Dawn il-versi wkoll huma mogħtija interpretazzjoni żbaljata għal kollox mit-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah. Dwar dan naraw aktar 'il quddiem billi nħallu l-Bibbja tinterpreta lilha nfisha. Mela ara dan li ġej sewwa:

| BĦALA ALLA | BĦALA BNIEDEM |
|---|---|
| Hu adurat (Mattew 2:2, 11; (14:33; 28:9) | Hu adura lill-Missier (Ġwanni 17) |
| Hu mitlub (Atti 7:59; 1 Korintin 1:1-2) | Hu talab lill-Missier (Ġwanni 17:1) |
| Hu kien imsejjaħ Alla (Ġwanni 20:28; Lhud 1:8) | Hu kien imsejjaħ bniedem (Mark 15:39; Ġwanni 19:5) |
| Hu kien imsejjaħ Bin Alla (Mark 1:1) | Hu kien imsejjaħ Bin il-Bniedem (Ġwanni 9:35-37) |
| Hu kien bla dnub (1 Pietru 2:22; Lhud 4:15) | Hu kien ittantat (Mattew 4:1) |
| Hu kien jaf il-ħwejjeġ kollha Ġwanni 21:17) | Hu kiber fl'għerf (Luqa 2:52) |
| Hu jagħti ħajja eterna (Ġwanni 10:28 | Hu miet (Rumani 5:8) |
| Il-milja kollha tad-divinità tgħammar Fih (Kolossin 2:9) | Hu għandu ġisem tal-laħam u għadam (Luqa 24:39) |

Bħala bniedem, Ġesù kien jeħtieġlu li jitlob. Meta kien qiegħed jitlob, Hu ma kienx qiegħed jitlob Lilu Nnifsu, imma lil Alla l-Missier.

# IT-TRINITÀ
## (It-tieni parti)

Alla Hu trinità ta' persuni: il-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu. Il-Missier mhuwiex l-istess persuna bħall-Iben; l-Iben mhuwiex l-istess Persuna bħall-Ispirtu s-Santu; u l-Ispirtu s-Santu mhuwiex l-istess persuna bħall-Missier. Huma persuni distinti; madankollu, kollha huma 'l Alla wieħed. Huma qegħdin f'armonijia perfetta assoluta li tikkonsisti minn sustanza waħda. Huma kienu jeżistu flimkien minn dejjem, indaqs, u ta' l-istess setgħa. Jekk xi wieħed minn dawn it-tlieta jkun imneħħi, ma jkun hemm ebda Alla. Li wieħed jgħid li l-Missier *waħdu* Hu 'l Alla ta' l-Iskrittura, dan ikun qiegħed joħloq alla għalih innifsu! 'L Alla ta' l-Iskrittura Hu: Il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu flimkien (ara Mattew 28:19; 2 Kor. 13:13-14).

Hemm iżda, separazzjonijiet apparenti ta' xi funzjonijiet fost il-membri tad-Divinità. Per eżempju, il-Missier jagħżel min ikun salvat (Efesin 1:4); l-Iben jifdihom (Efesin 1:7); u l-Ispirtu s-Santu jissiġillahom, (Efesin 1:13).

Punt ieħor ta' ċarezza hu li Alla mhuwiex persuna waħda, il-Missier, b'Ġesù bħala ħolqien u l-Ispirtu s-Santu bħala qawwa (Xhieda ta' Jehovah). L-anqas ma Hu persuna waħda li ħa tliet forom konsekuttivi, jiġifieri, l-Missier, sar l-Iben, li sar l-Ispirtu s-Santu. L-anqas ma Hu Alla n-natura divina ta' l-Iben (fejn Ġesù kellu natura umana jidher bħala l-Iben u natura divina jidher bħala l-Missier (Pentekostali Magħquda). Dan huwa kollu tagħlim żbaljat u ġej mill-bnedmin u mhux mill-Ispirtu s-Santu.

It-tabella ta' taħt għandha tgħinek biex tara kif id-dottrina tat-Trinità hija meħuda mill-Iskrittura. Mal-lista hemm aktar x'wieħed jista' jżid imma fiha aħna għandna biżżejjed biex juri lit-Trinità hija Skritturali.

> "*Jien il-Mulej, u m'hemmx ieħor ħliefi, m'hemmx Alla ieħor għajri*" (Isaija 45:5).
>
> "*...Biex tagħrfu u temmnuni, u tifhmu li Jien Hu: u qabli l-ebda Alla ma ssawwar, u lanqas ħadd ma jkun hemm warajja*" (Isaija 43:10).
>
> "*Hemm xi Alla ieħor għajri, jew xi blata oħra ħliefi? Jekk hemm, Alla ieħor: ma nafx*" (Isaija 44:8).
>
> "*Min hu bħalek, O Mulej, fost l-allat? ...*" (Eżodu 15:11).

"Hemm xi Alla ieħor għajri?" Ġesù Hu Alla (Ġwanni 1:1; Lhud 1:8) u l-Ispirtu s-Santu Hu Alla (Atti 5:1-4) u jekk aħna naċċettaw it-tagħlim falz tax-Xhieda ta' Ġeħova allura nkunu qegħdin nagħmlu lil Alla li jaf kollox, giddieb għaliex Hu qal li "ma jafx jekk hemm xi ieħor"! Alla kompla jgħid ukoll: "Jew xi blata oħra ħliefi?" Hawn ukoll jekk naċċettaw it-tagħlim falz tax-Xhieda ta' Jehovah nkunu qegħdin nirredikolaw lil Alla għaliex il-Bibbja Mqaddsa tgħidilna li Kristu *Hu* "blata" (Mattew 16:18; 1 Korintin 10:4).

# IL-MISSIER – L-IBEN – L-ISPIRTU S-SANTU

## (It-tielet parti)

It-Tliet Persuni spiss huma flimkien fl-Iskrittura Mqaddsa. Jekk wieħed jaqra Galatin 4:4-7 għandna eżempju wieħed mill-ħafna ta' dan:

> "*Iżda meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat **'l Ibnu**, li sar minn mara, imwieled taħt il-liġi. Biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, u biex insiru wlied adottivi. U billi intom ulied, Alla bagħat **l-Ispirtu** t'Ibnu f'qalbkom, igħajjat: **Abba, Missier**.*" (Enfasi tiegħi; ara wkoll Rumani 8:9-17).

Ma hemm ebda distinzjoni fid-divinità. Dak li jintqal għal wieħed jintqal għat-tnejn l-oħra wkoll. It-Tliet Persuna huma ugwali!

**Imsejjaħ Alla:**

- **Il-Missier** – Filippin 1:2
- **L-Iben** – Ġwanni 1:1, 14; Kolossin 2:9; Lhud 1:8
- **L-Ispirtu s-Santu** – Atti 5:3-4

**Ħallieq:**

- **Il-Missier** – Isaija 64:8; 44:24
- **L-Iben** – Ġwanni 1:3; Kolossin 1:15-17
- **L-Ispirtu s-Santu** – Ġob 33:4, 26:13

**Jgħammar Fina:**

- **Il-Missier** – 2 Korintin 6:16

- **L-Iben** – Kolossin 1:27
- **L-Ispirtu s-Santu** – Ġwanni 14:17

**Kullimkien:**

- **Il-Missier** – 1 Slaten 8:27
- **L-Iben** – Mattew 28:20
- **L-Ispirtu s-Santu** –Salm 139:7-10

**Jaf Kollox:**

- **Il-Missier** – 1 Ġwanni 3:20
- **L-Iben** – Ġwanni 16:30; 21:17
- **L-Ispirtu s-Santu** –1 Korintin 2:10-11

**Iqaddes:**

- **Il-Missier** – 1 Tessalonikin 5:23
- **L-Iben** – Lhud 2:11
- **L-Ispirtu s-Santu** – 1 Pietru 1:2

**Jagħti l-Ħajja:**

- **Il-Missier** – Ġenesi 2:7
- **L-Iben** – Ġwanni 1:3; 5:21
- **L-Ispirtu s-Santu** – 2 Korintin 3:6, 8

**Sħubija:**

- **Il-Missier** – 1 Ġwanni 1:3
- **L-Iben** – 1 Korintin 1:9
- **L-Ispirtu s-Santu** – 2 Korintin 13:14

**Etern:**

- **Il-Missier** – Salm 90:2
- **L-Iben** – Mikea 5:1-2
- **L-Ispirtu s-Santu** – Rumani 8:11

**Rieda:**

- **Il-Missier** – Luqa 22:42
- **L-Iben** – Luqa 22:42
- **L-Ispirtu s-Santu** – 1 Korintin 12:11

**Jitkellem:**

- **Il-Missier** – Mattew 3:17
- **L-Iben** – Luqa 5:20; 7:48
- **L-Ispirtu s-Santu** – Atti 8:29; 11:12; 13:2

**Imħabba:**

- **Il-Missier** – Ġwanni 3:16
- **L-Iben** – Efesin 5:25
- **L-Ispirtu s-Santu** – Rumani 15:30

**Ifittex fil-Qlub:**

- **Il-Missier** – Ġeremija 17:10
- **L-Iben** – Rivelazzjoni 2:23
- **L-Ispirtu s-Santu** – 1 Korintin 2:10

**Aħna Tiegħu:**

- **Il-Missier** – Ġwanni 17:9
- **L-Iben** – Ġwanni 17:6
- **L-Ispirtu s-Santu** – Mattew 1:18; Luqa 2: 34-35

**Iqajjem:**

- **Il-Missier** – 1 Tessalonikin 1:10
- **L-Iben** – Ġwanni 2:19; 10:17
- **L-Ispirtu s-Santu** – Ġwanni 15:26; Rumani 8:11

**Salvatur:**

- **Il-Missier** – 1 Timotju 1:1; 2:3; 4:10

- **L-Iben** – 2 Timotju 1:10; Titu 1:4; 3:6
- **L-Ispirtu s-Santu** – Mattew 28:19

**Aħna Naqduh:**

- **Il-Missier** – Mattew 4:10
- **L-Iben** – Kolossin 3:24
- **L-Ispirtu s-Santu** – Atti 8:29-30

**Aħna Nemmnu Fih:**

- **Il-Missier** – Ġwanni 14:1
- **L-Iben** – Ġwanni 14:1
- **L-Ispirtu s-Santu** – Ġwanni 14:16, 26

**Iferraħ:**

- **Il-Missier** – Mattew 28:19; Atti 8:39
- **L-Iben** – Ġwanni 15:11
- **L-Ispirtu s-Santu** – Rumani 14:17

**Jiġġudika:**

- **Il-Missier** – Ġwanni 8:50
- **L-Iben** – Ġwanni 5:21, 30
- **L-Ispirtu s-Santu** – Atti 5:1-10

**Għandu l-Istess Isem:**

- **Il-Missier** – Mattew 28:19
- **L-Iben** – Mattew 28:19
- **L-Ispirtu s-Santu** – Mattew 28:19

**Jgħid:**

- **Il-Missier** – Mattew 3:17
- **L-Iben** – Luqa 8:45
- **L-Ispirtu s-Santu** – Atti 28:25

**Barka f'Ismu:**

- **Il-Missier** – 2 Korintin 13:14
- **L-Iben** – 2 Korintin 13:14
- **L-Ispirtu s-Santu** – 2 Korintin 13:14

Wara li wieħed ikun qara dan kollu u jibqa' jaċċetta t-tagħlim żbaljat tat-Torri ta' l-Għassa u ta' dawk kollha li jgħallmu hekk, allur ma jibqa' xejn aktar xi ngħidu ħlief dak li qal l-Ispirtu s-Santu Nnifsu:

> "*...Tisimgħu kemm tisimgħu ma tifhmux, u tħarsu kemm tħarsu ma tarawx. Għax qalb dan il-poplu twebbset: kienu tqal biex jisimgħu b'widnejhom, u għalqu għajnejhom, li ma jmorrux jaraw b'għajnejhom u jisimgħu b'widnejhom u jifhmu b'moħħom, u hekk ibiddlu ħajjithom u jiena nfejjaqhom*" (Atti 28:25-27).

Għalhekk,

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu.* ***Fih hemm tgħammar il-milja sħiħa tad-divinità fil-ġisem***" Kolossin 2:8, 9; enfasi tiegħi).

# GĦALIEX XI WĦUD JIRRIĠETTAW IT-TRINITÀ
## (Ir-raba' parti)

### It-Trinità hija Konċett Diffiċli

Kif aħna possibbilment nistgħu nifhmu xi ħaġa li hija 'l fuq mis-sensi kollha tagħna, li huma l-mezzi tagħna tad-dħul ta' l-informazzjoni tagħna? Aħna ma nistgħux. Aħna neħtieġu li nkabbru l-mod li bih aħna naħsbu għal dimensjonijiet 'il hemm minn dawk li fihom aħna ngħixu u nafdaw il-gwida li aħna nieħdu mill-Bibbja (li kienet influwenzata minn Alla li jinsab 'il hemm mid-dominju taż-żmien tagħna).

Hemm ħafna affarijiet li aħna l-bnedmin insibuha diffiċli biex nifhmuhom. Ħu bħala eżempju l-fatt li l-ilma ($H_2O$) jista' jeżisti bħala gass (stim), likwidu (ilma), u solidu (silġ) jekk miżmum fit-temperaturi u pressjonijiet proprji. Inġiniera u fiżiċisti biss jifhmu għaliex. Jew ikkunsidra d-dawl, li għandu partikula, mewġa, u kwantum (enerġija). Għal darb'oħra, huwa diffiċli biex tifhem dan imma huwa tassew.

L-istess ħaġa tista' tintqal dwar it-Trinità. Huwa diffiċli biex tifhem għaliex hija barra mill-esperjenza umana tagħna. Imma sfortunatament, ħafna nies huma ħfief biex jaċċettaw "xhieda xjentifika" waqt li jirriġettaw it-tagħlim tal-Bibbja.

# AVVIĊINAR LIX-XHIEDA TA' JEHOVAH JUŻAW GĦALL-BIBBJA

1. **Ġwanni 1:1**: Huma jittraduċu dan il-vers bħala: "*Fil-bidu kienet il-kelma, u l-kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet alla.*"

   B. Kif diġà rajna aktar qabel, fil-Bibbja Mqaddsa naqraw hekk dwar Alla:

      i. "*Jien il-Mulej, u m'hemmx ieħor, m'hemmx Alla ieħor għajri*" (Isaija 45:5).

      ii. "*…Biex tagħrfu u temmnuni, u tifhmu li Jien Hu: u qabli l-ebda Alla ma ssawwar, u lanqas ħadd ma jkun hemm warajja*" (Isaija 43:10).

      iii. "*Hemm xi Alla ieħor għajri, jew xi blata oħra ħliefi? Jekk hemm, Alla ieħor: ma nafx*" (Isaija 44:8).

      iv. "*Min hu bħalek, O Mulej, fost l-allat?…*" (Eżodu 15:11).

- Hawn wieħed għandu jistaqsi lix-Xhieda ta' Jehovah jekk Satana hux alla veru jew alla falz.
- Ċertament li hu jgħid li hu alla falz.
- Imbagħad għidlu jerġa' jaqra Ġwanni 1:1 b'leħen għoli fil-Bibbja tiegħu (NWT).

- Jekk hu jgħid "alla veru," hu jkun fl-inkwiet. Jekk hu jgħid "alla falz" hu jkun fl-inkwiet.
- Jekk Ġesù hu a̲lla, allura ma jkunx ifisser dan li hemm *żewġ allat*?
- Huma spiss iwieġbu, "Iva. Imma Ġesù mhuwiex 'l Alla li Jista' Kollox, Hu biss 'l Alla qawwi. U fuq kollox, hemm dawk fil-Bibbja li huma msejħa allat imma fir-realtà mhumiex."
- Imma jfisser dan li lil Ġesù għandna npoġġuh fuq l-istess livell ta' dawk li "fuq kollox huma msejħa allat imma fir-realtà mhumiex"?
- Dwar dan, kull ma wieħed għandu jagħmel biex jara jekk hemmx xi differenza (li fir-realtà mhemmx), jaqra l-Bibbja tax-Xhieda ta' Jehovah, New World Translation of the Holy Scriptures, With References (184mm x 235mm), u jara r-riferenzi li hemm dwar "Alla Qawwi" (Mighty God) f'Isaija 9:6, (*'El Gib-bohr*) u Isaija 10:21, u Ġeremija 32:18 (paġni 867, 869 u 976), fejn għandu jsib li kemm Kristu u kemm *JHWH* huma *l-istess* wieħed *'El Gib-bohr*! (ara paġni 28-33 ta' dan il-ktieb.)
- Imma l-problema b'dan l-irraġunar hija li *kull* alla barra minn JHWH *huwa alla falz*.
- Alla jgħid li m'għandniex ikollna Alla ieħor għajru (Eżodu 20:3) għaliex huma mhumiex minn natura allat (Galatin 4:8).
- Alla jgħid li *ħadd* ma hu Bħalu *fost l-allat* (Eżodu 15:11). U LI MA JAFX LI HEMM XI ALLA IEĦOR BĦALU!

- Il-mistoqsija lix-Xhieda ta' Jehovah hi din: Jekk Ġesù Kristu mhuwiex 'l Alla li Jista' Kollox, allura jinsab Hu "fost l-allat"? Jekk Iva, ma jagħmilx dan lil Ġesù Kristu kif ukoll lil l-Ispirtu s-Santu (Atti 5:4) "allat foloz" għaliex hemm biss "Alla wieħed" (Efesin 4:6) u l-oħrajn huma *kollha* foloz!
- Ukoll naqraw li: "qabli l-ebda Alla ma ssawwar, *u lanqas ħadd ma jkun hemm* ***warajja***" (Isaija 43:10; enfasi tiegħi).
- Nistaqsi jien, skond ix-Xhieda ta' Jehovah, la Ġesù Kristu kien maħluq (skond it-tagħlim żbaljat tagħhom) ma jagħmilx dan lil Ġesù Kristu, billi Hu a̲lla, skond huma, (Ġwanni 1:1) imsawwar *wara* Alla u b'hekk jagħmlu alla falz, u jagħmel lil Isaija bħala li żbalja meta qal: "…*u lanqas ħadd ma jkun hemm* ***warajja***"?
- Lil min aħna sejrin nemmnu, lil Alla jew lit-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah?

2. **Kolossin 1:15:** Dan il-vers huwa wżat mix-Xhieda ta' Jehovah biex jgħid li Ġesù huwa l-ewwel kreatura maħluqa. Dan il-vers jgħid, "*Hu [Ġesù] hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, l-ewwel fost il-ħlejjaq kollha.*"
   A. Ix-Xhieda ta' Jehovah jsostnu li "l-ewwel fost il-ħlejjaq" tfisser l-ewwel maħluq. Imma dan ma jistax ikun il-każ għaliex:
      i. Hemm kelma Griega għal "l-ewwel maħluq" u din mhix użata hawn.

ii. "L-ewwel imwieled" hija proto, "l-ewwel," b'kito "biex iġġib 'il quddiem, tipproduċi."

iii. Ma hemmx kelma wżata fit-Testment il-Ġdid għal "l-ewwel maħluq."

iv. Madankollu, kieku kien hemm, il-kostruzzjoni kienet tkun *proto*, "l-ewwel," b'*ktizo* "li toħloq." U din mhijiex il-kostruzzjoni wżata f'Kolossin 1:15.

v. L-ewwel imwieled ċertament tista' tkun l-ewwel wieħed imwieled f'familja. Madankollu, din tista' wkoll tfisser preeminenza. Per eżempju:

*B.* F'Ġeremija 31:9, it-titlu l-ewwel imwieled huwa attribwit lil wieħed mit-tribujiet tat-Tramuntana ta' Iżrael. "*Jiġu jibku, u bittħannin inġibhom: immexxihom ħdejn xmajjar ta' ilma fi triq watja, li fiha ma jitfixklux: għax jien sirt missier għal Iżrael, u Efrajm **it-tifel il-kbir** tiegħi*" (enfasi tiegħi)

C. Li nifhmu l-kultura biblika huwa importanti meta nintrerpretaw l-Iskrittura. L-ewwel imwieled jew il-Kbir kien titlu, mhux biss dwar l-ewwel tifel imwieled, imma wkoll ta' preeminenza li huwa preċiżament dak li qiegħed jiġri meta dan jintqal li Ġesù huwa l-ewwel fost il-ħlejjaq. Wieħed għandu jkun attent ħafna dwar interpretazzjonijiet żbaljati bħal dawk tat-Torri ta' l-Għassa u ta' oħrajn bħalhom!

3. **Kolossin 1:15-17**

*A.* Il-Bibbja tax-Xhieda ta' Jehovah għandha *erba'* kelmiet miżjuda f'din is-silta. Il-verżjoni tagħhom taqra hekk: "*Hu x-xbieha ta' 'l Alla li ma jidhirx, l-ewwel imwieled tal-ħolqien kollu; għax bih il-ħwejjeġ [l-oħra] kollha kienu maħluqa fis-smewwiet u fuq l-art, il-ħwejjeġ viżibbli u l-ħwejjeġ inviżibbli, kemm jekk huma tronijiet jew dominji jew gvernijiet jew awtoritajiet. Il-ħwejjeġ [l-oħra] kollha kienu maħluqa permezz tiegħu. Ukoll, hu qabel il-ħwejjeġ [l-oħra] kollha u permezz tiegħu il-ħwejjeġ [l-oħra] kollha kienu magħmula biex jeżistu.*" (Il-kelma tagħhom "[l-oħra]" tinsab fil-Bibbja tagħhom ġo parentesi [ ]. Huma jsostnu li huma jafu li l-kelma "l-oħra" mhijiex fl-Iskrittura oriġinali Griega imma l-kelma hija implikata u għandha tkun hemm.) Huma jafu aktar mill-kittieb ispirat!!

B. Minflok ma tirrifjuta traduzzjoni ħażina, sempliċiment staqsihom jekk dan ifissirx illi Ġesù ħalaq kollox. Huma bilfors iridu jwieġbu, iva.

C. Irrevedi dan u kun ċar ħafna u kun ċert li huma jammettu li Ġesù ħalaq kollox. Imbagħad mur għal…

D. Isaija 44:24 – "Hekk qal il-MULEJ, il-Feddej tiegħek, li ffurmak fil-ġuf: Jien il-Mulej

li għamilt kollox; li meddejt is-smewwiet *waħdi*; li frixt l-art minni nnifsi."

i. Fil-Verżjoni NWT tax-Xhieda ta' Jehovah l-kelma Mulej hija Jehovah u dan juri li hu 'l Alla li Jista' Kollox li qiegħed jitkellem u mhux Kristu.

ii. Jekk Ġesù ħalaq kollox, mela għaliex jintqal li l-Mulej (*JHWH* fil-Lhudi) għamel dan "Huwa Nnifsu, **waħdu**?

iii. L-unika tweġiba hija li *JHWH* mhuwiex sempliċiment l-isem tal-Missier, imma li huwa l-isem *ta' Alla t-Trinità, tat-Tlieta flimkien, id-Divinità kollha.* Għalhekk, billi Ġesù Hu Alla fil-ġisem, jista' jintqal li Ġesù ħalaq il-ħwejjeġ kollha u li *JHWH* għamel dan waħdu. (Ara wkoll Lhud 3:4.)

E. Wara dan għidilhom biex jaqraw mill-Bibbja tagħhom is-sezzjoni tal-versi, jiġifieri, Kolossin 1:15-17, u jħallu barra l-kelma "oħra" li huma stess jafu li hija *miżjuda*. Din tkun esperjenza interessanti għalihom.

4. **Ġwanni 8:58** – Il-Bibbja tax-Xhieda ta' Jehovah tgħid hekk: "…Qabel ma Abraham ġie fl-eżistenza, Jiena *kont*."

A. Huma ittraduċew it-temp preżent *ego eimi*, fil-Grieg, għat-temp perfett, *Jiena kont*. Għalkemm dan jista' jsir b'mod rari fit-Testment il-Ġdid, hawn mhijiex korretta

Għaliex Ġesù kien qiegħed jikkwota l-vers tat-Testment il-Qadim ta’ Eżodu 3:14 fejn Alla kien qiegħed jgħid lil Mosè min kien Hu: “*U Alla qal lil Mosè: JIEN LI JIEN: Hekk għandek tgħid lil ulied Iżrael: “JIEN bagħatni għandkom*” Ġesù bi skop kien qiegħed juża t-titlu Divin: JIEN HU.

B. Sfortunatament, iżda, ix-Xhieda ta’ Jehovah mhux se jaqbel miegħek. Għalhekk, staqsieh jekk Ġesù kienx qiegħed jgħid li Hu “kien” qabel Abraham, imbagħad għaliex dan jgħid fil-vers ta’ wara li l-Lhud qabdu l-ġebel biex joqtlu lil Ġesù?

C. Ma’ dan ukoll, madwar 250 sena l-Lhud ittraduċew l-Iskrittura Lhudija għall-Grieg. Dan huwa msejjaħ is-Settanta (Septuagint), magħruf ukoll bħala LXX. Fis-Settanta Eżodu 3:14 huwa tradott fil-Grieg fit-temp preżent, jiġifieri, JIEN HU… It-traduzzjoni korretta hija, mela, “*Qabel ma kien Abraham, JIEN HU.*”

D. Jekk il-vers verament għandu jkun tradott bħala “Jiena kont” mela għaliex il-Lhud riedu joqtlu lil Ġesù? It-tweġiba sempliċi hija: Huma kienu jafu li Hu kien qiegħed jistqarr li Hu kien Alla, ara l-eżempju li jmiss.

5. **Ġwanni 10:30-33** – Din hija sezzjoni ta’ versi fejn il-Fariżej jgħidu li Ġesù kien qiegħed jagħmel Lilu Nnifsu Alla (v. 33).

A. “Jiena u l-Missier ħaġa waħda aħna.” Għal darb’oħra l-Lhud ġabru l-ġebel biex iħaġġ-ruh, imma Ġesù qalilhom, “Urejtkom ħafna mirakli kbar minn Missieri. Għal liema minn dawn tħaġġruni?” “Ma nħaġġrukx għal xi wieħed minn dawn,” wieġbu l-Lhud, “*imma għad-dagħwa, għaliex int, bniedem sempliċi, tistqarr li int Alla*.”

B. Imma int tista’ tgħid, “Ara, ukoll il-Lhud kienu jafu li Hu kien qiegħed jistqarr li Hu Alla. Ix-Xhieda ta’ Jehovah (jekk hu jkun ħafif biżżejjed) jgħid xi ħaġa bħal, “Ġesù ma kienx Alla, il-Lhud ħasbu biss li Ġesù kien qiegħed jistqarr li Hu Alla.” Imbagħad int tista’ tgħid, “O, qiegħed nara. Mela ħalli nipprova nifhem dan sewwa. Int taqbel mal-Fariżej, Ġesù ma kienx Alla? Huwa dan korrett? Ix-Xhieda ta’ Jehovah ma jeħdux gost li Ġesù jaqbel mal-Fariżej.

**6.** L-Iskritturi li ġejjin jissuġġerixxu bil-qawwa l-pluralità ġewwa d-Divinità. Dawn il-versi huma tradotti b’mod korrett fil-Bibbja tax-Xhieda ta’ Jehovah għalhekk int tista’ tħeġġiġhom biex jaq-rawhom minnha. (Fil-biċċa l-kbira ta’ dawn l-Iskritturi, il-Verżjoni New World Translation, tax-Xhieda ta’ Jehovah minflok Mulej għandhom “Jehovah” fejn juri li kien Alla li Jista’ Kollox li kien qiegħed jitkellem u mhux il-Missier waħdu għaliex dejjem tkellem Għalih Innifsu fil-*plural*).

A. Ġenesi 1:26, "*U Alla qal, Ħalli* ***nagħmlu*** *l-bniedem fuq* ***xbiħietna****, u fuq* ***suritna****…*"

B. Ġenesi 3:22 – "*U l-Mulej Alla qal: Ara, il-bniedem sar bħal wieħed* ***minna****, jagħraf il-ġid u d-deni…*"

C. Ġenesi 11:5, 6, 7 – "*U l-Mulej niżel jara l-belt u t-torri, li wlied il-bnedmin kienu jibnu …U l-Mulej qal,…Ejja, ħa* ***ninżlu*** *u hemm* ***inħawdulhom*** *ilsienhom…*" (enfasi tiegħi fit-tliet Skritturi).

D. Isaija 6:8 – "U smajt ukoll leħen Sidi, igħid: Lil min nibhgħat, u min se **jmurilna**."

i. It-tweġiba tinsab f'vers 3: "U wieħed kien igħajjat lil ieħor, u jgħid: **Qaddis, Qaddis, Qaddis, hu l-Mulej ta' l-eżerċti!…**" (ara wkoll Rivelazzjoni 4:8).

ii. Huma jgħidu (għalkemm huma jafu li dan mhux minnu) li l-anġli huma dawk li għenu lil Alla jagħmel lill-bniedem. Iżda, ma hemm ebda xhieda Skrittural għal dak. *Alla Hu l-uniku Ħallieq.*

iii. Int tista' wkoll tmur għal Kolossin 1: 15-17 fejn dawn il-versi jgħidu bl-aktar mod ċar li Ġesù Hu l-ħallieq *tal-ħwejjeġ kollha*—inkluż il-bniedem.

iv. Tajjeb ukoll li tispjega xi tfisser il-Kelma Griega "il-ħwejjeġ kollha" *pas.* Din il-kelma tfisser li dak kollu li kien hemm maħluq kien maħluq minn Kristu.

U jekk Kristu Hu maħluq, allura din il-kelma "*pas*" turi li Hu kellu joħloq Lilu Nnifsu għaliex kull ħaġa maħluqa hija nkluża fiha! Assurdità! (Ara paġni 115-119.)

E. Ġenesi 19:24, "*Imbagħad il-MULEJ bagħat fuq Sodoma u Gomorra xita ta' kubrit u nar minn għand il-MULEJ mis-sema*."

i. Qiegħed dan jgħid li hemm tnejn Mulejjiet? (Fit-traduzzjoni tax-Xhieda ta' Jehovah flok Mulej hemm Jehovah li xorta ma jfissirx li hemm tnejn Jehovah!).

*F.* Għamos 4:10-11 – "*Jiena bgħatt fostkom mard bħal ta' l-Egittu; qtilt bis-sejf iż-żgħażagħ tagħkom, u ħattilkom Iż-żwiemel tagħkom; u tellajt l-intiena tal-kampijiet tagħkom fi mnifsejkom; iżda ma rġajtux lejja, jgħid il-MULEJ. Jiena qlibtkom ta' taħt fuq kif Alla qaleb lil Sodoma u Gomorra,…*'"

i. JHWH huwa dak li qiegħed jitkellem u Hu jgħid, "*Jien qlibtkom kif Alla qaleb lil Sodoma u Gomorra…*" Interessanti ħafna.

*ii.* Min Hu l-*Jien* u min Hu 'l *Alla* hawn? ċertament li mhumiex żewġ Allat!

*iii.* Ta' min jinnota hawn li fil-verżjoni New World Translation, minħabba din id-diffikultà li huma sabu lilhom infushom fiha, it-tradutturi poġġew f'versi 10 u 11, "I", "Jehovah", u "God's". Nistaq-

si jien, "Huma dawn tlieta differenti jew l-istess Wieħed li qiegħed jitkellem?" Ta' min jinnota wkoll hawn fin-nota dwar il-kelma "Alla" f'vers 11. Nikk-wota: **11** "God's" Heb., *'Elo-him'; * Gr., *The-os;* Lat., *De'us*. (p. 1131.) Aħna nafu li "*Elo-him*" huwa fil-plural (Ġene-si 1:1, 26). Mhuwiex dan prova bizzej-jed, mogħtija minnhom stess, dwar it-tliet Persuni tad-divinità?

Ġ. Isaija 44:6 – "*Hekk jgħid il-MULEJ, is-sultan ta' Iżrael u l-Feddej, il-MULEJ ta' l-eżerċti: Jien l-ewwel u l-aħħar; u m'hemmx Alla ieħor għajri.*" Ara wkoll 48:1.

G. Isaija 44:8b – "*…Hemm xi Alla ieħor għajri, jew xi blata oħra ħliefi? Jekk hemm, ma nafx.*"

- Jew Ġesù Kristu Hu Alla jew mhuwiex!

GĦ. 1 Korintin 10:4 – "*…għax kienu jixorbu minn dik il-BLATA spiritwali li kienet timxi warajhom: U DIK IL-BLATA KIENET KRISTU.*"

i. "Hemm xi … BLATA OĦRA ħliefi? (Isaija 10:4b). Jekk hemm ma nafx."

ii. Possibbli Alla ma jafx dwar li Kristu HU BLATA? Hekk qegħdin jagħmlu lil Alla tax-Xhieda ta' Jehovah, *li ma jafx*!!

iii. Qiegħed tara kif lil Alla għamluh gid-dieb il-bnedmin? (Ara Rumani 1:25.)

H. Jekk int tkun qiegħed taqra dawn il-versi lil wieħed minn tax-xhieda ta' Jehovah hu jista' jgħid xi ħaġa bħal din: "Qiegħed int tipprova ħalli turini t-Trinità minn dawn il-versi?" Imbagħad inti tista' twieġeb: "Intom *ħriġtu 'l barra t-Trinità* minn dawn il-versi?

Ħ. Dawn il-versi u oħrajn juru bl-aktar mod ċar *il-pluralità* tad-Divinità.

**7.** Kemm hemm l-ewwel u l-aħħar? Fil-Bibbja Alla huwa msejjaħ l-ewwel u l-aħħar u hekk ukoll Ġesù. Billi Alla jgħid li għajru mhemmx Alla ieħor u Ġesù u Alla t-tnejn huma ndirizzati bl-istess titlu, allura dan joħloq problema għax-Xhieda ta' Jeħovah.

A. **Isaija 44:6** – "*Hekk jgħid il-MULEJ, is-Sultan ta' Iżrael, u l-Feddej tiegħu, il-MULEJ li Jista' Kollox: Jien l-ewwel u jien l-aħħar; u mhemmx Alla ieħor għajri.*"

B. **Rivelazzjoni 1:8** – "*Jien hu l-Alfa u l-Omega, il-bidu u t-tmiem,*" *jgħid il-Mulej Alla,* "*li hu, u li kien, u li ġej, Dak li Jista' Kollox.*"

*C.* **Rivelazzjoni 1:17-18** – "*U meta rajtu, waqajt f'riġlejh bħal mejjet. U qiegħed idu l-leminija fuqi, hu u jgħidli: "La tibżax; jiena l-ewwel u l-aħħar: Jiena hu l-ħaj, kont mejjet; u, ara, jien ħaj għal dejjem ta' dejjem! U għandi l-imfietaħ tal-mewt u tal-post il-mejtin.*"

i. Ovvjament, Rivelazzjoni 1:17-18 jistgħu biss jirreferu għal Ġesù għaliex Hu kien li miet u issa ħaj!

D. **Rivelazzjoni 22:12-13** – "*Ara, sa niġi dalwaqt; u ħlasi hu miegħi, biex inħallas lil kull bniedem skond għemilu. Jien l-Alfa u l-Omega, il-bidu u t-tmiem, l-ewwel u l-aħħar.*"

i. Hawn, it-tnejn l-"Alfa u l-Omega" u l-"Ewwel u l-Aħħar" jintqalu li huma *wieħed u l-istess*.

ii. Ukoll, f'dan il-punt mur għal Titu 2:13 fejn jintqal li Ġesù huwa Dak li ġej, għalhekk, Ġesù u *JHWH* huma l-istess

E. **Isaija 40:3** – "*Leħen ta' wieħed iniedi fid-deżert: Hejju triq il-Mulej, wittu fid-deżert triq lil JHWH.*"

i. **Ġwanni 1:23** – Ġwanni l-Battista jistqarr: "*Agħmlu dritta t-triq tal-MULEJ bħal ma qal Isaija l-profeta.*"

ii. Hawn hu muri ċar ħafna li Ġesù Kristu u *JHWH* HUMA L-ISTESS WIEĦED.

Mhux ta' b'xejn li l-Bibbja hija mimlija bi twissijiet kontra l-profeti u l-għalliema foloz. (Ara: Mattew 24: 24; Mark 13:22; Atti 20:28-31; 2 Korintin 11: 13-15; Galatin 1:6-9; Kolossin 2:18-19; Efesin 5:6; 2 Tessa-lonikin 2:8-12; 1 Timotju 4:1-3; 2 Timtoju 3: 13; Titu 3:13; 2 Ġwanni 8, 9; Rivelazzjoni 13:11-14; 16:12-16; 19:19-20).

# MIN HU ALLA?

## ALLA HU SPIRTU

Ġwanni 4:23, 24
Atti 7:48, 49
Atti 17:24-28
Salm 139:11, 12
1 Slaten 8:27
Ġeremija 23:21-27.

## HEMM BISS IŻDA ALLA WIEĦED

Dewt. 6:4-9
Mark 12:28-34
Malakija 2:10
Isaija 44:6-8
Isaija 45:2-6, 23
Isaija 46:8, 9
1 Korintin 8:4-6
Efesin 4:5, 6
1 Timotju 2:5
Ġakbu 2:19
Rivelazzjoni 4:2, 3
Malakija 1:6.

## HU BNIEDEM — HU ALLA

Ġwanni 1:1, 14
Filippin 2:5-11
Lhud 1:3-8

### HU BNIEDEM

Mattew 1:23
1 Timotju 3:16
2 Korintin 5:19
Ġwanni 12:44, 45
Ġwanni 14:6-10
Ġwanni 10:30-33
Ġwanni 8:21, 24-28
Ġwanni 1:10

### HU ALLA

Isaija 7:14
Isaija 9:6
Malakija 2:10
Ġenesi 1:1
Żakkarija 14:9
Isaija 43:10
Eżodu 3:13-15

# ALLA WIEĦED

## ALLA L-ĦALLIEQ — ĠESÙ L-ĦALLIEQ

## ĦALLIEQ WIEĦED

| ALLA L-ĦALLIEQ | ĠESÙ L-ĦALLIEQ |
|---|---|
| Ġenesi 1:1 | Ġwanni 1:10 |
| Ġenesi 2:7 | 1 Korintin 8:6 |
| Ġob 33:4 | Efesin 3:9 |
| Salm 33:6 | Kolossin 1:12-17 |
| Salm 104:30 | Lhud 1:8-12 |
| Isaija 40:28 | Riv. 4:8-11 |
| Isaija 44:24 | Riv. 10:6 |
| Isaija 45:11-18 | Riv. 14:6-7 |
| Malakija 2:10 | Riv. 21:5-7 |
| | Riv. 22:3; 7:17 |

## ALLA L-FEDDEJ U SALVATUR — ĠESÙ L-FEDDEJ U SALVATUR

## SALVATUR WIEĦED

| ALLA L-FEDDEJ U SALVATUR | ĠESÙ L-FEDDEJ U SALVATUR |
|---|---|
| Salm 78:34, 35 | Ġuda 25; |
| Isaija 47:4 | 1 Pietru 1:10-11 |
| Isaija 44:6 | Titu 2:10-13 |
| Isaija 45:21 | Titu 1:1-4 |
| 1 Samwel 49:26 | 1 Timotju 4:10 |
| Salm 106:21 | 1 Timotju 1:1-3 |
| Luqa 1:46-47 | Filippin 3:20 |
| | Atti 12:23 |
| | Ġwanni 4:40-42 |
| | Luqa 2:10-11 |
| | Luqa 24:21-29 |
| | Galatin 3:13 |

Atti 5:20-28
1 Pietru 2:21-24
1 Ġwanni 4:14

## ALLA R-RAGĦAJ — ĠESÙ R-RAGĦAJ

## RAGĦAJ WIEĦED

| ALLA R-RAGĦAJ | ĠESÙ R-RAGĦAJ |
|---|---|
| Salm 23 | Ġuda 25 |
| Isaija 40:10, 11 | 1 Pietru 1:10, 11 |
| Salm 100 | Titu 2:10-11 |
| | Titu 1:1-4 |
| | 1 Timotju 4:10 |
| | 1 Timotju 1:1-3 |
| | Filippin 3:20 |
| | Atti 12:23; 20:28 |
| | Ġwanni 4:40-42 |
| | Luqa 2:10-11 |
| | Luqa 24:21-29 |
| | Galatin 3:13 |
| | 1 Pietru 2:21-24 |
| | 1 Ġwanni 4:14 |

## ALLA S-SULTAN — ĠESÙ S-SULTAN

## SULTAN WIEĦED

| ALLA S-SULTAN | ĠESÙ S-SULTAN |
|---|---|
| Salm 47 | Mattew 2:1-6 |
| Salm 44:4 | Luqa 19:32-38 |
| Salm 74:12 | Luqa 23:3 |
| Isaija 43:10-15 | Ġwanni 18:37 |
| Isaija 44:68 | Ġwanni 19:21 |
| Ġeremija 10:10 | 1 Timotju 6:13-16 |
| Żakkarija 14:9 | Riv. 15:1-4; 19:16 |

| ALLA L-JIEN U L-JIEN HU | ĠESÙ L-JIEN U L-JIEN HU |
|---|---|

**WIEĦED JIEN U WIEĦED JIEN HU**

| | |
|---|---|
| Eżodu 3:13, 14 | Ġwanni 18:5-8 |
| 'JIEN HU' | 'JIEN HU' |
| Isaija 43:10-11, 25 | Riv. 1:17-18 |
| Ġenesi 17:1 | Ġwanni 8:24-28 |
| | Ġwanni 8:58 |

| ALLA L-EWWEL U L-AĦĦAR | ĠESÙ L-EWWEL U L-AĦĦAR |
|---|---|

**WIEĦED L-EWWEL U L-AĦĦAR**

| | |
|---|---|
| Isaija 44:6, 8 | Riv. 1:17 |
| Isaija 43:10-11 | Riv. 22:13 |
| Isaija 41:4 | |

| ALLA L-BLATA | ĠESÙ L-BLATA |
|---|---|

**BLATA WAĦDA**

| | |
|---|---|
| Isaija 17:10-11 | Mattew 16:17-19 |
| Salm 89:26 | Isaija 28:16 |
| Salm 78:34-35 | Atti 4:11-12 |
| Salm 31:3; 18:2 | 1 Korintin 10:4 |
| 2 Samwel 22:32 | Numri 20:1-11 |
| 2 Samwel 22:13 | Efesin 2:20:22 |
| Dewt. 32:1-4 | 1 Pietru 2:6-8 |
| Isaija 44:8b | |

| ALLA ĠEJ | ĠESÙ ĠEJ |
|---|---|
| | |

**ĠEJ WIEĦED**

| | |
|---|---|
| Salm 50:1-6 | 1 Tess. 3:11-13 |
| Riv. 19:11, 16 | Mattew 25:31-46 |
| 1 Tess. 4:13-18 | Titu 2:11-13 |
| Żakkarija 14:4, 5 | |

## KONKLUŻJONI

Minn dan kollu li rajna s'issa żgur li wieħed irid ikun tassew fil-agħma biex ma jaċċettax it-tagħlim tat-Tliet Persuni f'Alla Wieħed bħala li huwa Skritturali. It-tabella ta' taħt turi l-unika żewġ alternattivi li aħna għandna dwar Sidna Ġesù Kristu:

# ĠESÙ KRISTU STQARR LI HU ALLA

## HAWN HUMA L-UNIKA ALTERNATTIVI:

**Jew:**

- It-talbiet Tiegħu kienu **FOLOZ**.
  a. HU KIEN JAF li l-Istqarrijiet Tiegħu kienu **FOLOZ.**
  2. Hu kien **GIDDIEB** U **IPOKRITA.**
  b. HU **MA KIENX JAF** li l-istqarrijiet Tiegħu kienu **FOLOZ.**
     i. HU kien **IMQARRAQ.**
     ii. Hu kien **MIĠNUN.**

**Jew:**

- It-talbiet Tiegħu kienu **TASSEW.**
  a. HU **MULEJ U ALLA LI JISTA' KOLLOX.**
     ii. Inti tista' **TAĊĊTTA.**
     iii. Inti tista' **MA TAĊĊETTAX.**

b. Jekk int MA TAĊĊETTAX, allura għalik il-Mulej tagħna Ġesù Kristu kien **GIDDIEB U IPOKRITA**.
c. Jekk int TAĊĊETTA, allura għalik il-Mulej tagħna Ġesù Kristu kien TASSEW dak li HU stqarr li kien, jiġifieri, **Alla li Jista' Kollox**.

Ma hemm ebda konklużjoni oħra li int tista' tasal għaliha. Jew waħda jew l-oħra! Tinsiex, hemm Alla Wieħed biss! Ma jistax ikun hemm tnejn gjekk hemm tnejn, allura wieħed minnhom għandu jkun *alla falz* u jekk aħna naċċettawh inkunu qegħdin immorru kontra l-kmand ta' Alla! Għalhekk tħalliex li tkun ingannat minn tagħlim falz tal-bnedmin! (Efesin 5:6; Kolossin 2:8).

# HU ĠESÙ JAHWEH?

Kif aħna rajna u tajna prova aktar qabel f'dan l-istudju tagħna dwar id-Divinità tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, ħalli nkomplu naraw x'tgħid il-Kelma ta' Alla dwar il-vera natura u uffiċċju ta' Ġesù Kristu. Xi wħud ma jifhmux li l-Mulej tat-Testment il-Qadim—*Yahweh* fl-Ebrajk—huwa "l-Kelma" tat-Testment il-Ġdid, li kien magħmul ġisem. (Ġwanni 1:1, 14; Filippin 2:5-8).

Bħala parti mix-xhieda, qabbel Isaija 8:13-14 ma' l-1 Pietru 2:7-8.

Isaija qal,

> "*Il-Mulej ta' l-eżerċti*" (*YHWH*) *jkun "ġebla ta' tiġrif u…blata ta' tfixkil.*"

Pietru qal, f'li jikkwota dan it-test f'riferenza għal Kristu, illi Hu (Kristu), huwa "ġebla ta' tiġrif, u blata ta' tfixkil." ġesù Hu għalhekk il-Mulej—l-Etern tat-Testment il-Qadim.

Issa qabbel Isaija 40:3 ma' Mattew 3:3 u Mark 1:3. Ġwanni pprepara t-triq qabel *Yahweh* (Isaija 40:3), li kien Kristu (Mark 1:14-15; ara wkoll Ġwanni 1:3).

Imma hemm biss **Ġebla ta' tiġrif** Waħda, u **blata ta' tfixkil** waħda u mhux tnejn!

F'Rivelazzjoni 1:17, aħna naqraw,

> "*U meta rajtu, waqajt f'riġlejh bħal mejjet. U qiegħed idu l-leminija fuqi, hu u jgħidli: La tibżax; jiena l-ewwel u l-aħħar.*"

Ukoll Rivelazzjoni 22:13,

> *"Jien l-Alfa u l-Omega, il-bidu u t-tmiem, l-ewwel u l-aħħar."*

Studja wkoll Rivelazzjoni 22:16 għall-prova li kien *Ġesù* qiegħed jitkellem. ġesù Kristu jsejjaħ Lilu Nnifsu l-Alfa u l-Omega, il-bidu u t-tmiem. Issa qabbel Isaija 44:6:

> *"Hekk igħid il-Mulej, is-Sultan ta' Iżrael, u l-feddej tiegħu, il-Mulej ta' l-eżerċti: 'Jien l-ewwel, u jien l-aħħar; u m'hemmx alla ieħor għajri.'"*

Issa mur għal Isaija 48:11-12,

> *"Minħabba fija, imħabba fija nagħmel dan: għax kif jista' ismi jkun imkasbar? Il-glorja tiegħi ma nagħtihiex lil ħadd ieħor. Ismagħni, o Ġakobb, u int, Iżrael, li jien sejjaħt: 'Jien hu; jiena hu l-ewwel; u jiena wkoll l-aħħar'"*

Versi 17-18 juru li kien *Yahweh* qiegħed jitkellem. U wkoll f'Isaija 41:4,

> *"Min ħadem u għamel dan, u sejjaħ il-ġenerazzjonijiet għall-ħajja mill-bidu? Jien, il-Mulej, l-ewwel u ma' ta' l-aħħar. Jien hu."*

Dawn l-Iskritturi kollha juru li *Yahweh* huwa l-Ewwel u l-Aħħar. Kristu huwa l-Yahweh tat-Testment il-Qadim.

Imma jista' jkun hemm biss **Wieħed l-ewwel u l-aħħar, l-Alfa u l-Omega, il-Bidu u t-Tmiem u mhux tnejn!**

Fl-1 Korintin 10:4, il-"Blata" tat-Testment il-Qadim hija msejħa Kristu.

> "*U xorbu kollha l-istess xorb spiritwali: għax kienu jixorbu minn dik il-blata spiritwali li kieket timxi warajhom;* ***u dik il-blata kienet Kristu****.*"

It-Tieni Samwel 22:2-3 jgħid,

> "*Il-Mulej [****Yahweh****] hu* ***l-blata*** *tiegħi, u l-fortizza tiegħi, u l-ħellies tiegħi. Alla tiegħi il-****blata*** *tiegħi; fih nistkenn: hu t-tarka tiegħi, u l-qarn tas-salvazzjoni tiegħi, it-torri tiegħi, u l-kenn tiegħi, is-salvatur tiegħi; eħlisni int mill-vjolenza*'" (Ara wkoll vers 32).

F'Salm 18:1-2, din l-istess "Blata" hija *Yahweh*. Meta Mosè kien qiegħed ikellem lil *Yahweh*, u staqsih ismu (Eżodu 3:4-5, 13), Hu wieġeb li Ismu kien "JIEN" (vers 14) u *Yahweh*—il-Wieħed Etern (vers 15). Ara wkoll Eżodu 6:2-3. Fi Ġwanni 18:5-8, hekk kif Ġesù identifika Lilu Nnifsu bħala "*Jien* hu" lill-marmalja mmexxija minn Ġuda (l-"hu" fil-korsiv hija miżjuda mingħajr ispirazzjoni, u ma kinetx fl-oriġinal), huma marru lura u waqgħu ma' l-art. Ukoll fi Ġwanni 8:56-58, Ġesù sejjaħ Lilu Nnifsu: "Jien hu." Għax aħna naqraw,

> "*Tassew, tassew, ngħidilkom: Qabel ma kien Abraham,* ***Jien hu***" (vers 58).

Imma hemm biss "**Blata**" **waħda u "Jien Hu" wieħed u mhux tnejn!**

L-isfortuna l-kbira fost dawk li jgħallmu li l-Mulej Ġesù Kristu mhuwiex Alla li Jista' Kollox hija li huma ma jħallux l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha imma jagħtu l-interpretazzjoni tagħhom u s-segwaċi tagħhom jaċċettaw dik l-interpretazzjoni minflok l-interpretazzjoni tal-Kelma ta' Alla!

Il-persuna tad-Divinità (Godhead) li hija l-Feddej tagħna hija Ġesù Kristu. Ġwanni 4:42 jgħid dan għalina:

> "*U qalu lill-mara: Issa nemmnu, mhux minħabba kliemek: għax aħna nfusna smajnieh, u nafu li dan hu tassew il-Kristu, is-**Salvatur** tad-dinja.'*"

> "*Għax Iċ-ċittadinanza tagħna hi fis-sema, minn hemm ukoll aħna nistennew is-**Salvatur**, lil Sidna Ġesù Kristu*" (Filippin 3:20).

Aqra wkoll Titu 2:10-14; Luqa 1:68-69.

Li Ġesù, is-Salvatur, huwa *Yahweh*; ara Isaija 49:7 u 60:16, fejn Hu—*Jahweh*—huwa *wkoll* "il-Qawwi ta' Ġakobb." (li tkun TA' Ġakobb ifisser iben, jew dixxendent ta' Ġakobb)—il-Qawwi ta' l-ulied kollha ta' Ġakobb. Ukoll, f'Isaija 48:17, *Yahweh* huwa msejjaħ il-Feddej, u l-Qaddis ta' Iżrael—Il-Wieħed ta' Iżrael li huwa Qaddis! L-istess huwa muri f'Isaija 43:14,

> "*Hekk igħid il-Mulej, il-Ħellies tagħkom, il-Qaddis ta' Iżrael….*"

Innota wkoll il-vers ta' wara (15), *Yahweh* huwa l-Wieħed Qaddis ta' Iżrael, il-Ħallieq ta' Iżrael, is-sultan ta' Iżrael." Issa innota f'Atti 3:14-15 li Kristu li kien miċħud kien l-istess "Wieħed Qaddis"—*Yahweh*!

> "*Iżda intom ċħadtu 'l Qaddis u l-Ġust …l-Awtur tal-ħajja….*"

Ara wkoll Atti 2:27 u Mark 1:24.

Issa, aħna naqraw f'Rivelazzjoni 14:4,

> "*…Għax int **waħdek** Qaddis….*"

Il-mistoqsija hawn tiġi weħidha: Jekk "*int waħdek Qaddis*" kif Sidna Ġesù Kristu huwa wkoll imsejjaħ "Qaddis"? Qaddis hemm Wieħed biss. Imma aħna għandna nħallu l-Kelma ta' Alla tagħtina t-tweġiba u mhux lill-bnedmin.

Aħna naqraw f'Isaija 6:3,

> "*U wieħed kien igħajjat lil ieħor, u jgħid: Qaddis, Qaddis, Qaddis, hu l-Mulej ta' l-eżerċti! L-art kollha mimlija bil-glorja tiegħu.*"

Ukoll f'Rivelazzjoni 4:8 naqraw,

> "*U l-erba' kreaturi ħajjin kellhom kull wieħed minnhom sitt ġwienaħ madwaru; u kienu mimlijin għajnejn minn ġewwa: u ma kinux jistrieħu nhar u lejl, igħidu: Qaddis, Qaddis, Qaddis, hu l-Mulej Alla li Jista' Kollox, li kien, li hu, u li jiġi.*"

"Int *waħdek* Qaddis" jgħidilna Rivelazzjoni 14:4. Mela għaliex f'Isaija 6:3 u f'Rivelazzjoni 4:8 insibu dan it-titlu mogħti tliet darbiet? Jekk wieħed iħalli l-Kelma ta' Alla twieġbu dan għandu t-tweġiba ċara li tinsab f'Mattew 28:19,

> "*Morru mela, u agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom* ***fl-isem*** *tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.*" (l-enfasi dejjem tiegħi.)

Hawn il-kelma "fl-isem" hija fis-singular u mhux fil-plural. Għalhekk huma *Tlieta* msemmija, jiġifieri, il-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, it-Tlieta għandhom l-istess isem, għandhom isem *wieħed*, QADDIS. Il-Missier Hu Qaddis (Ġwanni 17:11.). L-Iben Hu Qaddis (Mark 1:24). L-Ispirtu Hu Qaddis (Isaija 63:10,11; Luqa 11:13; Efesin 1:13; 4:30). Imma nkomplu naqraw f'Luqa 1:49,

> "*Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar u* ***Qaddis hu ismu****.*"

Ukoll naqraw dwar dan f'Isaija 111:9,

> "*Bagħat il-fidwa lill-poplu tiegħu: wettaq għal dejjem ir-rabta tiegħu.* ***Qaddis*** *u tal-biża' hu ismu!*"

"**Qaddis** hu ismu." U Mattew jgħidilna biex ngħammdu "**Fl-isem**" (singulari, u mhux fl-ismijiet) ta' l-Missier [Qaddis) u ta' l-Iben [Qaddis] u ta' l-Ispirtu s-Santu [Qaddis]. Imma l-Kelma ta' Alla tgħidilna f'Rivelazzjoni 14:4,

> "*…Għax int waħdek* ***Qaddis****….*"

Jekk jiena nipprova nagħti xi interpretazzjoni nibża' li nnaqqas mill-kobor tat-tifsira tad-Divinità!

Imma hemm biss **Qaddis Wieħed!**

Issa, min kien ir-*ragħaj* ta' David li naqraw dwaru f'Salm 23:1?

Fi Ġwanni 10:11, Ġesù qal li *Hu* kien ir-Ragħaj it-tajjeb. Iftaħ il-Bibbja tiegħek ukoll għal-Lhud 13:20:

> "*Issa Alla tas-sliem, li raġġa' minn bejn l-imwiet 'il Sidna Ġesù, dak ir-**ragħaj** il-kbir tan-ngħaġ, bid-demm tar-rabta ta' dejjem.*"

Qabbel dan it-test ma' l-1 Pietru 2:25, li jgħid,

> "*Għax kontu bħal ngħaġ mitlufa; imma issa rġajtu lejn ir-**Ragħaj** u l-GĦassies ta' ruħkom.*"

Aħna naqraw ukoll:

> "*Irgħaw il-merħla ta' Alla li hemm fostkom, u ħudu ħsiebha, mhux imġegħlin, imma minn rajkom; mhux għall-qliegħ moqżież, imma b'qalb imħeġġa; Mhux qiskom is-sidien tal-wirt ta' Alla, imma billi ssiru eżempju tal-merħla. U meta jidher **ir-Ragħaj il-kbir**, tieħdu l-kuruna tal-glorja li ma tidbielx.*" (1 Pietru 5:2-4).

Imma hemm biss **Ragħaj Wiehed u mhux tnejn!**

Huwa Ġesù Kristu li għandu jerġa' jiġi bħala Sultan tas-slaten. F'Rivelazzjoni 19:13 Ġwanni kiteb,

> “*U kien liebes mantar imgħaddas fid-demm: u ismu kien il-Kelma ta' Alla.*”
>
> “*Minn fommu kien ħiereġ sejf misnun, biex jidrob bih il-ġnus: u hu jirgħahom b'xettru tal-ħadid: u jgħaffeġ fil-magħasar ta' l-inbid tal-qilla u l-għadab ta' Alla li Jista' Kollox*” (vers 15).

U wkoll f'Rivelazzjoni 17:14, Ġwanni kiteb,

> “*Dawn jagħmlu gwerra lill-Ħaruf, u l-Ħaruf [Kristu] jirbaħhom: għax hu sid tas-sidien, u Sultan tas-slaten, u dawk li huma miegħu huma msejħin, u maħturin, u fidili.*”

Ir-Ragħaj il-Kbir li għandu jiġi biex jaħkem bħala Sultan fuq is-slaten kollha hu *Yahweh*. “U intom, merħla tiegħi, merħla tal-mergħa tiegħi, intom irġiel, u jiena Alla tagħkom, igħid Sidi l-Mulej”—*Yahweh* jew Kristu, ir-Ragħaj li l-merħla tiegħu hija Iżrael! (Ara Eżekjel 34:30-31).

> “*Għax hekk jgħid Sidi l-Mulej: Ara, jien, iva jien, nitlob il-merħla tiegħi, u nfittixhom…Hekk ikunu jafu li jiena, il-Mulej, Alla tagħhom, magħhom, u li huma, id-dar ta' Iżrael, huma l-poplu tiegħi, igħid Sidi l-Mulej. U intom, merħla tiegħi, merħla tal-mergħa tiegħi, intom irġiel, u jiena Alla tagħkom, igħid Sidi l-Mulej.*”

Issa innota Isaija 2:2-4 u Mikea 4:1-4,

> "*U jiġri…illi l-muntanja [saltna] tad-dar tal-Mulej [Yahweh] tkun imwaqqfa fil-quċċata tal-muntanji [saltniet]*"—*taħkem lid-dinja. U hu [Yahweh]—Kristu] jkun l-imħallef fost il-ġnus, u jċanfar ħafna popli,*"

u mbagħad huma jkollhom il-PAĊI.

Fi kważi kull passaġġ tat-Testment il-Qadim (Salm 110:1 huwa eċċezzjoni), il-Mulej (*Yahweh*)—il-Wieħed Etern—huwa Ġesù Kristu. Biċ-ċar, Ġesù huwa l-Alla tat-Testment il-Qadim. Imma l-bnedmin ħolqu Alla huma billi bdew igħallmu li l-Mulej Ġesù Kristu mhuwiex l-Alla li Jista' kollox tat-Testment il-Qadim u sfortunatament huma ħafna niex sinċiera li qegħdin jinqabdu f'dak il-qerq! Mhux ta'b'xejn li l-Kelma ta' Alla twissina:

> "*Tħallu 'l ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ; għax minħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab ta' Alla fuq ulied id-diżubbidjenza*" (Efesin 5:6).

# ID-DIVINITÀ

*"…fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu."*

Mattew 28:19

Għalkemm, kif diġa' għedna aktar qabel, il-kelma "Trinità" mhix fil-Bibbja, il-kunċett ta' tlieta f'wieħed, 'l Alla fi tlieta, qiegħed hemm. It-terminu "Divinità" (dak li fl-Ingliż huwa "Godhead"), jirreferi għat-tlieta f'wieħed, jista' jinsab f'Atti 17:29 u Kolossin 2:9. (Il-kliem "Bibbja" u "teoloġija" mhumiex fil-Bibbja, imma huma aċċettati minn kulħadd, ukoll minn dawk li ma jaċċettawx it-"Trinità")

**Atti 17:29,**

> "*Ladarba mela aħna nisel Alla, m'għandniex naħsbu li d-Divinità tixbah lid-deheb, jew lill-fidda, jew lill-ħaġar, imnaqqxa bis-sengħa u bil-ħsieb tal-bniedem.*"

**Kolossin 2:9,**

> "*Għax fih tgħammar il-milja kollha tad-Divinità fil-ġisem.*"

Min hija d-Divinità msemmija f'dawn iż-żewġ Skritturi? Ħalli naraw x'hemm miktub fl-Iskrittura Mqaddsa dwar id-Divinità, jiġifieri, dwar it-Tliet Persuni tat-Trinità.

Id-dottrina tad-Divinità (Trinità), jekk wieħed irid tassew li jkun jaf dwarha sewwa, tista' tkun miġbura fil-qosor fit-traduzzjoni Ebrajka letterali ta' vers wieħed mit-Testment il-Qadim:

**Dewteronomju 6:4,**

> *"Isma', O Iżrael, Jaħweh l-Allat tagħna (plurali) huwa Jaħweh unità."*
>
> *"Isma' O Iżrael, Jaħweh 'Elo-heh'nu (plurali) tagħna huwa Jaħweh wieħed."*

Il-kunċett tad-Divinità (Trinità) huwa evidenti fl-Iskrittura, kif diġa' rajna sewwa aktar qabel, sa kmieni sa mill-ewwel kapitlu tal-ktieb ta' Ġenesi. (Ara paġni 105 sa 107.)

Il-kelma Ebrajka (tradotta "Alla" f'Ġenesi 1:1) attwalment tindika aktar minn personalità waħda. L-istess forma plurali hija wżata għal aktar minn 2,500 darba fit-Testment il-Qadim.

Fir-rakkont tal-ħolqien irreġistrat fil-ktieb ta' Ġenesi Alla jitkellem fil-plural dwar il-Persuna Tiegħu stess. (Ara minn paġna 204.)

Ukoll it-Testment il-Qadim jagħmel riferenzi definittivi kemm għal l-Iben u kemm għal l-Ispirtu s-Santu. Ara li ġej:

Proverbji 30:4 – "Min tala' s-sema, u niżel? … X'jismu ibnu? …"

Isaija 11:2 – "…l-Ispirtu ... l-Mulej … Fuqu."

Isaija 42:1 – "Qaddej Tiegħi … Jien … Fuqu."

Isaija 48:16 – "Il-Mulej Alla … l-Ispirtu tiegħu … fuqu."

Isaija 61:1 – "L-Ispirtu ta' tal-Mulej Alla … Fuqi ... il-Mulej."

Isaija 63:9, 10 – "Hu … l-anġlu tal-preżenza Tiegħu … l-Ispirtu Mqaddes Tiegħu."

Eżekjel 36:26, 27 – "Tiegħi … l-Ispirtu Tiegħi …"

Eżami mill-qrib ta' l-Iskritturi li ġejjin mit-Testment il-Ġdid għandu jagħmilha ċara lil kull min irid li jkun jaf tassew il-verità dwar dan is-suġġett hekk importanti li d-dottrina tad-Divinità hija verità.

Mattew 1:20, 21 – "Il-Mulej (il-Missier) … l-Ispirtu s-Santu … Ġesù."

Mattew 3:16, 17 – "Ġesù … l-Ispirtu ta' Alla … Leħen mis-smewwiet (il-Missier)."

Mattew 12:18 – "… Jiena … l-Ispirtu … Fuqu."

Mattew 22:42, 43 – "Kristu … l-Ispirtu … l-Mulej (il-Missier)."

Mark 1:9-11 – "Ġesù … l-Ispirtu … Leħen mis-smewwiet (il-Missier)."

Mark 12:35, 36 – "Kristu … l-Ispirtu … Il-Mulej (il-Missier)."

Luqa 1:35 – "L-Ispirtu s-Santu … tal-Għoli … Bin Alla."

Luqa 2:26, 27 – "L-Ispirtu s-Santu … Kristu … tal-Mulej (Missier)."

Luqa 3:21, 22 – "Ġesù … l-Ispirtu s-Santu … Leħen mis-smewwiet (il-Missier)."

Luqa 10:21 – "Ġesù … l-Ispirtu … il-Missier"

Luqa 12:9, 10 – "Alla … l-Iben … l-Ispirtu s-Santu."

Ġwanni 3:5 – "Ġesù … l-Ispirtu … Alla."

Ġwanni 3:34 – "Alla … l-Ispirtu … l-Missier … l-Iben."

Ġwanni 4:24, 25 – "Alla … Spirtu … Messija … Kristu."

Ġwanni 14:16, 17 – "l-Avukat (l-Ispirtu s-Santu) … il-Missier … f'Ismi."
Ġwanni 15:26 – "L-Avukat … il-Missier … Għalija (Kristu)."
Ġwanni 20:21, 22 – "Ġesù … il-Missier … l-Ispirtu s-Santu."
Atti 2:32, 33 – "Ġesù … Alla … il-Missier … l-Ispirtu s-Santu."
Atti 2:38, 39 – "Ġesù Kristu … l-Ispirtu s-Santu … Alla."
Atti 4:30, 31 – "Ġesù … l-Ispirtu s-Santu … Alla."
Atti 5:31, 32 – "Alla … Prinċep u Salvatur … l-Ispirtu s-Santu."
Atti 7:55 – "l-Ispirtu s-Santu … Ġesù … Alla."
Atti 8:14-16 – "Alla … l-Ispirtu s-Santu … Ġesù."
Atti 10:38 – "Alla … Ġesù … l-Ispirtu s-Santu."
Atti 20:21-23 – "Alla … Ġesù … l-Ispirtu s-Santu"
Rumani 1:1, 3, 4 – "Alla … Ibnu, Ġesù Kristu … l-Ispirtu."
Rumani 5:5, 6 – "Alla … l-Ispirtu s-Santu … Kristu."
Rumani 8:2, 3 – "l-Ispirtu … Ġesù … Alla … l-Iben Tiegħu Nnifsu."
Rumani 8:8, 9 – "Alla … l-Ispirtu … l-Ispirtu ta' Kristu."
Rumani 8:16, 17 – "l-Ispirtu … Alla … Kristu."
Rumani 14:17, 18 – "l-Ispirtu s-Santu … Kristu … Alla."
Rumani 15:12, 13 – "Għerq ta' Ġessi (Ġesù) … Alla … Spirtu s-Santu."

Rumani 15:16 – "Ġesù … Alla … l-Ispirtu s-Santu."
Rumani 15:30 – "Il-Mulej Ġesù Kristu … l-Ispirtu … Alla."
1 Korintin 6:10, 11 – "Alla … il-Mulej Ġesù … l-Ispirtu."
1 Korintin 12:4-6 – "Spirtu … Mulej … Alla."
1 Korintin 7:39, 40 – "il-Mulej Ġesù … l-Ispirtu … Alla"
1 Korintin 8:2 – "il-Mulej Ġesù … l-Ispirtu … Alla"
2 Korintin 3:3, 4 – "l-Ispirtu … Kristu … Alla."
2 Korintin 13:14 – "Ġesù … Alla … l-Ispirtu s-Santu."
2 Korintin 5:5, 6 – "Alla … l-Ispirtu … il-Mulej (Ġesù)."
Galatin 4:6, 7 – "Alla … l-Ispirtu … Iben … Missier … Alla … Kristu"
Efesin 2:18 – "permezz Tiegħu (Ġesù) … Spirtu … il-Missier."
Efesin 2:21, 22 – "il-Mulej … Alla …l-Ispirtu."
Efesin 3:14, 16 – "il-Missier … Ġesù Kristu … l-Ispirtu Tiegħu."
Efesin 4:4-6 – "Spirtu … Mulej (Ġesù) … Alla u Missier."
Efesin 5:18-20 – "Spirtu … Mulej (Ġesù) … Alla … Missier.)
Kolossin 1:6-8 – "Alla … Kristu … Spirtu."
1 Tessalonikin 4:6-8 – "Mulej (Ġesù) … Alla … Spirtu s-Santu."

1 Tessalonikin 5:18, 19 – "Alla … Missier … Kristu … Ġesù … Spirtu."
2 Tessalonikin 2:13, 14 – "Alla … Mulej … Alla … Spirtu … Mulej Ġesù Kristu."
Titu 3 :4-6 – "Alla … Spirtu s-Santu … Ġesù Kristu."
Lhud 2:3, 4 – "Mulej (Ġesù … Alla … Spirtu s-Santu."
Lhud 3:4, 6, 7 – "Alla … Kristu … Spirtu s-Santu."
Lhud 6:4-6 – "Spirtu s-Santu … Alla … Iben."
Lhud 9:14 – "Kristu … Spirtu … Alla."
Lhud 10:29-31 – "Iben ta' Alla … Spirtu … Mulej … Alla."
1 Pietru 1:2 – "Alla l-Missier … Spirtu … Ġesù Kristu."
1 Pietru 3:18 – "Kristu … Alla … Spirtu."
1 Pietru 4:14 – "Kristu … Spirtu … Alla."
2 Pietru 1"21 – "Alla … Spirtu s-Santu … Mulej (Ġesù)."
2 Pietru 2:1 – "Alla … Spirtu s-Santu … Mulej (Ġesù)."
1 Ġwanni 4:2 – "Spirtu … Ġesù .. Alla."
1 Ġwanni 4 :13, 14 – "Spirtu … Missier … Iben … Salvatur."
Ġuda 20, 21 – "l-Ispirtu s-Santu … Alla … Mulej … Ġesù Kristu."
Rivelazzjoni 1:9, 10 – "Ġesù Kristu … Alla … Ġesù Kristu … Spirtu."
Rivelazzjoni 3:5-7 – "Missier … Spirtu … Hu li għandu l-muftieħ ta' David (Ġesù)."

Rivelazzjoni 14:12, 13 – "Alla … Ġesù … Mulej … Spirtu."
Rivelazzjoni 21:9, 10 – "Ħaruf … Spirtu … Alla."
Rivelazzjoni 22:16-18 – "in-nisel ta' David (Ġesù) … Spirtu … Alla."

Jekk ma tridx issejħilhom "Trinità" ma jkun ġara xejn, imma xorta waħda jibqgħu TLIETA! Ukoll għalkemm hemm tliet Persuni individwali fid-Divinità (Godhead), xorta għad hemm ALLA WIEĦED! It-TLIETA huma murija flimkien matul il-Bibbja kollha! U dan l-Ispirtu s-Santu għamlu sabiex aħna ma jkollna ebda diffikultà dwar dan! Jista' jkun hemm prova aktar ċara dwar it-Tliet Persuni tat-Trinità Mqaddsa aktar minn hekk?

**V. L-Ispirtu s-Santu huwa personalità distinta apparti mill-Iben:**

Mattew 12:31, 32 (Luqa 12:10).
Ġwanni 14:16, 17,26
Ġwanni 16:7, 13, 14.

**VI. L-Iben huwa personalità distinta apparti mill-Missier:**

Mattew 10:32; 11:25-27
Mark 13:32
Luqa 17:5
Ġwanni 5:19, 20, 30; 6:37-39; 14:12, 28, 31; 16:5, 16; 20:17
Efesin 1:17, 20
1 Korintin 3:23; 11:3
Kolossin 3:1
Lhud 1:1-3

VII. **Il-Missier huwa personalità distinta apparti mill-Ispirtu:**
Mattew 3:16, 17
Isaija 48:16

VIII. **Madankollu "il-Mulej l-Alla (plurali, Ebrajk), huwa Mulej wieħed."**
Dewteronomju 6:4; Ġenesi 1:26, 27; 3:22; 11:7.

# L-ATTRIBUTI TA' ALLA KIF EVIDENTI F'KULL PERSUNA TAD-DIVINITÀ

## **OMNIPOTENTI** (Li Jista' Kollox)

**Il-Missier:** Ġenesi 18:14; Isaija 43:13; Ġeremija 32: 17, 27; Mattew 19:26.

**L-Iben:** Danjel 7:13, 14; Mattew 28:18; 1 Pietru 3: 22; Ġwanni 3:31, 35; 17:2.

**L-Ispirtu s-Santu:** Salm 104:30.

## **OMNIPREŻENTI** (Jinsab Kullimkien)

**Il-Missier:** 1 Slaten 8:27; Salm 139:3, 7-10; Proverbji 15:3; Ġeremija 23:23, 24; Isaija 57:15; Atti 17: 24, 27, 28.

**L-Iben:** Mattew 18:29; 28:19, 20; Efesin 1:23.

**L-Ispirtu s-Santu:** Salm 139:10.

## **OMNIXJENTI** (L-għerf ta' Kollox)

**Il-Missier:** 1 Kronaki 28:9; 2 Kronaki 6:30; Ġob 34: 21, 22; Salmi 139:1-6, 11-18; 147:5; Isaija 48:5; 66:18; Atti 18; Rumani 11:33-36; 1 Ġwanni 3:20.

**L-Iben:** *Hu kien jaf il-ħsibijiet tagħhom:* Mattew 9:4; 12:25; 22:18; Mark 2:8; 12:15; Luqa 5:22; 6:8; 9: 47; 11:17; Ġwanni 2:24, 25; 5:42; 6:6; 16:19, 30; Atti 1:24.

*Hu kien jaf il-futur:* Mattew 16:21; 20:18, 19; Ġwanni 2:19, 21; 12:23, 24, 32, 33.

**L-Ispirtu s-Santu:** Isaija 40:13; Ġwanni 14:26; 1 Korintin 2:10, 11.

**IMMUTABBLI** (Ma jinbidilx)

**Il-Missier:** Malakija 3:6

**L-Iben:** Lhud 13:8; Isaija 44:6; 48:12; 1 Timotju 1:17; 6:16; Rivelazzjoni 1:4, 5, 8, 11, 17; 2:8; 21:6; 22:13; Lhud 7:25.

**L-Ispirtu s-Santu:** 1 Korintin 12:4

**ETERN** (Bla bidu u bla tmiem)

**Il-Missier:** Ġenesi 21:33; Eżodu 3:14; Salmi 90:2; 102:27; Isaija 41:4; Rumani 1:23; 16:27; 1 Timotju 1:17; 6:16; Rivelazzjoni 4:8.

**L-Iben:** *eżista qabel il-ħolqien:* Ġenesi 1:26; 3:22; 11:7 (*"…nagħmlu…minna…ħa ninżlu…"*); Proverbji 8:22-36; Isaija 48:12, 16; Mikea 5:2; Ġwanni 1:1-3, 10; 3:13; 6:62; 8:35, 58; 17:5, 24; Rumani 11:36; 1 Korintin 8:6; Efesin 3:9; Filippin 2: 5; Kolossin 1:15-19; Lhud 1:2; Rivelazzjoni 3:14.

**L-Ispirtu s-Santu:** Lhud 9:14

Wara li wieħed ikun qara dan kollu, jista' jibqagħlu xi dubju dwar it-Trinità?

> *"Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda ta' l-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll"* (2 Korintin 13:14).

## Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida, MSD 10
e-mail: info@churchofchrist.com
jew: www.churchofchrist.com